

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 425



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 64

20 ta' Ottubru 2021

Werrej

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2020–2021

Seduti tat-23 sas-26 ta' Novembru 2020

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

2021/C 425/01	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-indirizzar tar-rati ta' persuni mingħajr dar fl-Unjoni Ewropea (2020/2802(RSP))	2
2021/C 425/02	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar is-sistema Schengen u l-miżuri meħuda matul il-kriżi tal-COVID-19 (2020/2801(RSP))	7
Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020		
2021/C 425/03	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 Lejn suq uniku aktar sostenibbli għall-impriżi u l-konsumaturi (2020/2021(INI))	10
2021/C 425/04	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar l-indirizzar tas-sigurtà tal-prodotti fis-suq uniku (2019/2190(INI))	19
2021/C 425/05	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar it-tisħiħ tal-libertà tal-media: il-protezzjoni tal-ġurnalisti fl-Ewropa, id-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni u r-rwol tal-pjattaformi (2020/2009(INI))	28
2021/C 425/06	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa (2020/2076(INI))	43
2021/C 425/07	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-politika barranija (2020/2111(INI))	63
2021/C 425/08	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar it-titjib tal-effikaċja tal-iżvilupp u tal-effiċjenza tal-ġajnuna (2019/2184(INI))	73

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

2021/C 425/09	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1511 tas-16 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, bifenox, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltametrina, dikamba, difenokonażol, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoksakarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, żjut tal-paraffina, picloram, prosulfocarb, kubrit, triflusaluron u tritosulfuron (2020/2853(RSP))	87
2021/C 425/10	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li japprova l-carbendazim bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 7 u 10 (D069099/01 – 2020/2852(RSP))	92
2021/C 425/11	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar analiżi tal-elezzjonijiet Ewropej (2020/2088(INI))	98
2021/C 425/12	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea – Rapport Annwali għas-snin 2018-2019 (2019/2199(INI))	107
2021/C 425/13	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Alġerija, b'mod partikolari l-każ tal-ġurnalista Khaled Drareni (2020/2880(RSP))	126
2021/C 425/14	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar is-sitwazzjoni fl-Etjopja (2020/2881(RSP))	132
2021/C 425/15	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarużja, b'mod partikolari l-qtil ta' Raman Bondarenko (2020/2882(RSP))	137
2021/C 425/16	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar l-eskalazzjoni tat-tensjonijiet f'Varosha wara l-azzjonijiet illegali mit-Turkija u l-ħtieġa urġenti li jissuktaw it-taħditiet (2020/2844(RSP))	143
2021/C 425/17	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-projbizzjoni de facto tad-dritt għall-abort fil-Polonja (2020/2876(RSP))	147
2021/C 425/18	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-UE (2020/2761(RSP))	155

OPINJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

2021/C 425/19	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar il-ħatra ta' Julia Laffranque fil-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (2020/2238(INS))	161
---------------	---	-----

III Atti preparatorji

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 23 ta' Novembru 2020

2021/C 425/20	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni ta' xhieda) (riformulazzjoni) (09889/2/2020 – C9-0357/2020 – 2018/0203(COD))	162
---------------	---	-----

2021/C 425/21	Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni) (09890/2/2020 – C9-0356/2020 – 2018/0204(COD))	163
---------------	---	-----

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

2021/C 425/22	Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ((N9-0055/2020 – C9-0331/2020 – 2020/0805(NLE))	164
---------------	--	-----

2021/C 425/23	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward ta' diżastru naturali u biex jipprovi għall-pagament ta' avvanzi lill-Kroazja, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Portugall u lil Spanja b'rabta ma' emerġenza tas-saħħa pubblika (COM(2020)0960 – C9-0318/2020 – 2020/0299(BUD))	166
---------------	--	-----

2021/C 425/24	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2020 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovi assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward tad-diżastri naturali u jipprovi għal pagament minn qabel lill-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja fir-rigward ta' emerġenza tas-saħħa pubblika (12522/2020 – C9-0341/2020 – 2020/0297(BUD))	168
---------------	---	-----

2021/C 425/25	Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (09573/1/2020 – C9-0355/2020 – 2018/0089(COD))	170
---------------	---	-----

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

2021/C 425/26	Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni, il-governanza tal-prodotti u l-limiti ta' pożizzjoni għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0280 – C9-0210/2020 – 2020/0152(COD))	
	Emenda 9 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor	171

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

2021/C 425/27	P9_TA(2020)0324	
	L-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni ***I	
	Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni (COM(2020)0375 – C9-0274/2020 – 2020/0176(COD))	
	P9_TC1-COD(2020)0176	
	Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' Novembru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni	184

2021/C 425/28

P9_TA(2020)0333

Eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerti prodotti ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerti prodotti (COM(2020)0496 – C9-0284/2020 – 2020/0253(COD))

P9_TC1-COD(2020)0253

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' Novembru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija 185

2021/C 425/29

P9_TA(2020)0334

Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 billi tingħata Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (COM(2020)0692 – C9-0345/2020 – 2020/0313(COD))

P9_TC1-COD(2020)0313

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' Novembru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness IIa għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 fir-rigward tal-ġhoti ta' Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq 186

2021/C 425/30

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE fir-rigward ta' miżuri temporanji b'rabta mat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-vaċċini tal-COVID-19 u ma' apparat mediku dijanjostiku in vitro b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0688 – C9-0352/2020 – 2020/0311(CNS)) 187

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2020–2021

Seduti tat-23 sas-26 ta' Novembru 2020

TESTI ADOTTATI

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2020)0314

L-indirizzar tar-rati ta' persuni mingħajr dar fl-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-indirizzar tar-rati ta' persuni mingħajr dar fl-Unjoni Ewropea (2020/2802(RSP))

(2021/C 425/01)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 4, 9 u 151 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti adottati mill-mexxejja dinjija f'Settembru 2015 u approvati mill-Kunsill, b'mod partikolari l-SDGs 1, 3, 8 u 11,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 21 dwar in-nondiskriminazzjoni, l-Artikolu 26 dwar l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità u l-Artikolu 34(3) dwar ir-rikonoxximent u r-rispett tal-Unjoni tad-dritt għall-għajnuna soċjali u għall-akkomodazzjoni,
- wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea ffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961,
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari l-Prinċipju 19 tiegħu dwar l-akkomodazzjoni u l-assistenza għall-persuni mingħajr dar,
- wara li kkunsidra l-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, tal-1989,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-UE tal-25 ta' Mejju 2018 dwar l-akkomodazzjoni f'kull wieħed mit-28 Stat Membru,
- wara li kkunsidra l-Karta tan-NU ta' Ġinevra dwar l-Akkomodazzjoni Sostenibbli u l-għan tagħha li "tiżgura aċċess għal akkomodazzjoni diċenti, adegwata, affordabbli u tajba għas-saħħa għal kulħadd",
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' linji gwida għall-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ⁽²⁾,

⁽¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0194.

⁽²⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0054.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-impjegi u l-politiki soċjali taż-żona tal-euro ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu tal-4 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Plus (FSE+) ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 227(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet irċieva l-petizzjoni Nru. 0546/2020 u diversi petizzjonijiet oħra li qajmu t-tħassib dwar is-sitwazzjoni ta' aktar minn 4 miljun ċittadin Ewropej mingħajr dar u billi l-għadd ta' persuni mingħajr dar fl-UE allegatament żdied b'aktar minn 70 % f'dawn l-aħħar 10 snin;
- B. billi l-problema ta' nuqqas ta' dar hija relatata direttament mad-diffikultà fl-eżerċitar ta' drittijiet bażiċi oħra, bħall-aċċess għall-kura tas-saħħa, u l-persuni mingħajr dar sikwit ikunu l-mira ta' reati ta' mibegħda u vjolenza, inkluża l-istigmatizzazzjoni soċjali;
- C. billi dawn il-petizzjonijiet jitolbu li l-Unjoni Ewropea ma tħalli lil ħadd lura u tadotta azzjoni urġenti u miftiehma biex tiegħu miżuri preventivi biex inaqqsu r-riskju u d-daqs tal-problema ta' persuni mingħajr dar b'mod sostenibbli;
- D. billi fil-ġerarkija tal-bżonnijiet tal-bniedem, l-akkomodazzjoni tipprovdi l-ispazju għall-ħajja, u b'hekk tippermetti li jiġu ssodisfati bżonnijiet oħra bażiċi u ogħla;
- E. billi l-Unjoni Ewropea għandha tiġġieled l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja s-soċjali u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal;
- F. billi fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni jeħtiġilha tqis il-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjeg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, il-politiki tal-akkomodazzjoni soċjali u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;
- G. billi n-nuqqas ta' definizzjoni waħda adottata b'mod wiesa' tal-problema ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni fl-UE jagħmilha diffiċli li jiġi vvalutat id-daqs tal-problema ta' persuni mingħajr dar fl-Istati Membri tal-UE;
- H. billi f'dawn l-aħħar għaxar snin, ir-rati ta' persuni mingħajr dar żdiedu f'għadd ta' Stati Membri tal-UE; billi l-kawżi ta' tali żieda huma taħlita ta' żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, l-impatt tal-kriżi ekonomika, it-tnaqqis tal-ħarsien soċjali u l-inadegwatezza tal-politiki biex tiġi indirizzata l-problema ta' persuni mingħajr dar f'hafta Stati Membri; billi l-prezzijiet tad-djar żdiedu b'5 % fiż-żona tal-euro (ŻE19) u b'5,2 % fl-UE27 fit-tieni trimestru tal-2020 meta mqabbla mal-istess trimestru tas-sena preċedenti;
- I. billi l-UE m'għandha l-ebda kompetenza diretta fuq il-politika tad-djar, iżda jista' jkollha impatt fuq il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni fl-Istati Membri b'mod indirett permezz ta' regolamenti, bħar-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat, il-liġi fiskali u l-liġi tal-kompetizzjoni u miżuri bħal rakkomandazzjonijiet u linji gwida;
- J. billi l-Fond Soċjali Ewropew ġie stabbilit sabiex itejjeb l-oportunitajiet ta' impjeg għall-ħaddiema fis-suq intern u b'hekk jikkontribwixxi biex jgħolli l-livell tal-ġhajxien u jgħin lill-persuni mingħajr dar biex jidħlu jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali;
- K. billi fondi strutturali u ta' investiment Ewropej oħra bħall-FEŻR intużaw għal proġetti ta' akkomodazzjoni u għall-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' komunitajiet fil-bżonn;
- L. billi l-Fond għal Ġhajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn jappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jipprovdu ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn;
- M. billi l-problema ta' persuni mingħajr dar kulma jmur qed tissemma aktar fl-aktar rapporti reċenti tas-Semestru Ewropew;

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0033.⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0350.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

- N. billi l-prezz soċjali tan-nuqqas ta' indirizzar tal-problema ta' persuni mingħajr dar huwa partikolarment għoli fl-oqsma tal-ġustizzja u tas-saħħa;
- O. billi l-politiki tal-benessri soċjali, ibbażati fuq dispożizzjonijiet universali wiesgħa flimkien ma' miżuri mmirati sew, jiżvolġu rwol importanti ħafna biex jipprevjenu li persuna tispiċċa mingħajr dar;
- P. billi l-evidenza miġbura tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq kemm il-prezz tal-akkomodazzjoni fl-UE jista' jintlaħaq tindika li fit-terminu medju, ir-reċessjoni ekonomika u t-telf ta' impiegi u ta' introjtu jistgħu jkomplu jżidu l-piż eċċessiv tal-prezz tal-akkomodazzjoni u r-rati ta' persuni mingħajr dar fl-Ewropa;
- Q. billi l-profil tal-popolazzjoni mingħajr dar qed jinbidel u issa jinkludi aktar żgħażaġh u tfal, l-anzjani, il-migranti, ir-Roma u minoranzi żvantaġġati oħra, waqt li n-nisa u l-familji kulma jmur jinsabu f'riskju akbar li jispiċċaw mingħajr dar;
- R. billi l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u li wieħed ikun parti mis-soċjetà huwa kruċjali biex persuna tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha u tikkontribwixxi għas-soċjetà;
- S. billi ġeneralment, persuna tispiċċa mingħajr dar minħabba interazzjoni kumplessa ta' fatturi strutturali, istituzzjonali u personali;
- T. billi l-problema li persuna ssib ruħha mingħajr dar u eskluża mill-akkomodazzjoni tikkostitwixxi problema soċjali li għaliha għandha tinstab soluzzjoni permanenti;
- U. billi ċerti Stati Membri jikkriminalizzaw is-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar u l-imġiba assoċjata mal-persuni mingħajr dar;
- V. billi f'ċerti Stati Membri, il-persuni mingħajr dar għandhom aċċess kostanti għall-kenn matul ix-xitwa biss, u mhux kontinwament matul is-sena kollha;
- W. billi f'ċerti Stati Membri, is-servizzi tas-sigurtà soċjali lokali jiżvolġu biss rwol passiv fir-rigward tal-assistenza lill-persuni mingħajr dar biex jerġgħu jintegraw fis-soċjetà;
1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' aktar minn 4 miljun ċittadin Ewropew mingħajr dar hekk kif il-kriżi tas-saħħa u ekonomika attwali qed tħalli aktar nies qiegħda u tagħmel lil għadd aktar ta' nies dipendenti fuq il-protezzjoni soċjali;
2. Ifakkar li l-aċċess għall-akkomodazzjoni hu dritt fundamentali tal-bniedem għall-persuni kollha, u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jtemmu l-problema ta' persuni mingħajr dar fl-Unjoni sal-2030 u jistabbilixxu dan bħala mira fil-livell tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni aktar soda biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnaqqis u l-eradikazzjoni tal-problema ta' persuni mingħajr dar bħala prijorità fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u f'konformità mal-SDGs tan-Nazzjonijiet Uniti;
3. Jenfasizza li l-problema ta' persuni mingħajr dar hija identifikata bħala waħda mill-aktar forom severi ta' faqar u privazzjoni li jeħtieġ li jiġu aboliti permezz ta' politiki mmirati u integrati mwettqa b'mod sostenibbli permezz tal-indirizzar tal-fatturi ta' riskju personali (bħall-vulnerabbiltà individwali) u l-fatturi ta' riskju strutturali (bħall-akkomodazzjoni u l-qgħad);
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw definizzjoni ta' qafas komuni u indikaturi koerenti dwar il-problema ta' persuni mingħajr dar fl-UE, li jippermettu fehim komuni, tqabbil sistematiku u valutazzjoni tal-kobor tal-problema ta' persuni mingħajr dar fl-Istati Membri differenti tal-UE;
5. Ifakkar li matul il-kriżi tal-COVID-19, il-Parlament Ewropew ipprova kenn lil 100 mara mingħajr dar fil-bini tiegħu;
6. Jirrimarka l-importanza tat-tisħiħ tal-mekkaniżmi tal-għbir tad-data, peress li r-rati ta' persuni mingħajr dar jkun jistgħu jiġu mmonitorjati b'mod sistematiku fil-livell tal-UE permezz ta' korpi bħall-Eurostat;
7. Jilqa' l-ħidma tal-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali biex tappoġġa u tindirizza din is-sitwazzjoni bħala waħda mill-inizjattivi emblematiċi tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

8. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Persuni Mingħajr Dar u jistieden ukoll lill-Istati Membri jadottaw il-prinċipju tal-Akkomodazzjoni l-Ewwel, ibbażat fuq prattiki tajba minn xi Stati Membri, li jgħin biex ir-rata ta' persuni mingħajr dar tonqos b'mod sostanzjali permezz tal-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni determinati u approċċi innovattivi; jiddikjara li approċċi innovattivi ta' dan it-tip huma bbażati fuq il-kunċett tad-dar bħala dritt fundamentali tal-bniedem u wara jiżviluppaw toroq ta' integrazzjoni soċjoprofessionali usa';
9. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tkompli timmira li tnaqqas il-problema ta' persuni mingħajr dar billi tintegra fiha l-politiki settorjali rilevanti tal-UE, speċjalment – iżda mhux esklussivament – fl-oqsma tal-iżvilupp reġjonali, is-saħħa, id-drittijiet tal-bniedem, iż-żgħażaġh, il-ġeneru, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni;
10. Jistieden lill-Istati Membri jassumu r-responsabbiltà primarja tagħhom biex jindirizzaw il-problema ta' persuni mingħajr dar, jaħdmu fuq il-prevenzjoni u l-intervent bikri li huma, f'haġna modi, l-aktar politiki kosteffikaċi u li jimminimizzaw il-ħsara għall-indirizzar tal-problema ta' persuni mingħajr dar u biex jagħtu rwol aktar proattiv lis-servizzi tas-sigurtà soċjali reġjonali u lokali biex jgħinu lill-persuni mingħajr dar jintegraw mill-ġdid fis-soċjetà;
11. Jenfasizza l-ħtieġa għal kollaborazzjoni interministerjali u intergovernattiva fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji bħal dawn, kif ukoll il-parteċipazzjoni ta' partijiet konċernati ewlenin, u jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri;
12. Jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jtejbu l-għbir ta' data rilevanti u komparabbli bl-involvement ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi akkreditati u awtoritajiet lokali li jaħdmu fil-qasam tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u fl-għoti ta' servizzi għall-persuni mingħajr dar jew friskju li jispiċċaw mingħajr dar;
13. Jappoġġa l-kompiti tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS), li fiha l-Istati Membri jaħdmu flimkien mal-Kummissjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-problema ta' persuni mingħajr dar permezz tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni;
14. Jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ u l-governanza u tkompli timmobilizza l-finanzjament u l-politiki tal-UE relatati mal-problema ta' persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-reġjuni u l-awtoritajiet lokali jagħmlu użu mir-riżorsi tal-FEŻR għall-akkomodazzjoni soċjali;
15. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu aċċess ugwali għas-servizzi pubbliċi bħall-kura tas-saħħa, l-educazzjoni u s-servizzi soċjali;
16. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw l-integrazzjoni tal-persuni mingħajr dar fis-suq tax-xogħol, billi jipprovdu miżuri ta' rikonċiljazzjoni u appoġġ speċjalizzati u individwalizzati, taħriġ u programmi ta' impjieg integrati, kif ukoll skemi oħra mfassla apposta u mmirati biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ riveduta tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-problema ta' persuni mingħajr dar fost iż-żgħażaġh;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw kif xieraq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li jirrifletti l-kontributi riċevuti matul il-perjodu ta' konsultazzjoni dwar il-Prinċipju 19 billi jinkludu "L-Akkomodazzjoni u assistenza għall-persuni mingħajr dar" fil-Pjan ta' Azzjoni tal-2021, u jinsisti li jsir użu aħjar mis-Semestru Ewropew sabiex jiġi żgurat progress fl-indirizzar tar-rati ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni;
18. Jenfasizza li l-persuni mingħajr dar u persuni oħra f'sitwazzjonijiet ta' akkomodazzjoni prekarji jinsabu friskju partikolari minħabba l-kriżi tal-COVID-19; iħeġġeġ bil-qawwa lill-UE u l-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri mmirati biex jipproteġu lill-persuni mingħajr dar, jipprovdu assistenza finanzjarja lill-NGOs akkreditati u s-sħubijiet pubbliċi-privati, u biex jappoġġaw lill-awtoritajiet lokali fl-iżgurar ta' spazji sikuri u l-prevenzjoni tal-iżgumbramenti;
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw l-istrumenti eżistenti, kif ukoll l-istrumenti taħt il-QFP 2021-2027 u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex itejbu l-opportunitajiet ta' impjieg u l-integrazzjoni soċjali tal-unitajiet domestiċi li qed jesperjenzaw il-qgħad;
20. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-problema ta' persuni mingħajr dar billi jadottaw strateġiji nazzjonali integrati fit-tul, ibbażati fil-komunità u mmexxija mill-akkomodazzjoni, kif imħeġġeġ mill-pakkett ta' investiment soċjali tal-UE;
21. Jistieden lill-Kunsill jirrapporta b'mod regolari dwar ir-riżultati miksuba f'dan il-qasam;

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

22. Jistieden lill-Istati Membri jrawmu l-parteċipazzjoni soċjali tal-partijiet ikkonċernati kollha fi strateġiji integrati għall-persuni mingħajr dar, u jippromwovu l-intraprenditorija soċjali u l-attivitajiet ta' awtoinnovazzjoni biex itejbu l-inklużjoni attiva tal-persuni mingħajr dar;
23. Jistieden lill-Istati Membri jiddekriminalizzaw is-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar;
24. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu aċċess kostanti u kontinwu għad-djar ta' kenn ta' emerġenza fl-Unjoni kollha; jenfasizza, madankollu, li dawn għandhom ikunu biss soluzzjoni temporanja, u mhumiex alternattiva għal soluzzjonijiet strutturali bħall-prevenzjoni u l-ġhoti ta' akkomodazzjoni u appoġġ soċjali adegwati b'rispons għall-problema ta' persuni mingħajr dar;
25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.
-

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0315

Is-sistema Schengen u l-miżuri meħuda matul il-kriżi tal-COVID-19**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar is-sistema Schengen u l-miżuri meħuda matul il-kriżi tal-COVID-19 (2020/2801(RSP))**

(2021/C 425/02)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Petizzjoni 0653/2020,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 21(1) u 67(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Protokoll tat-Trattat ta' Amsterdam li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 2020 intitolata "COVID-19 Linji Gwida rigward l-eżerċitar tal-moviment liberu tal-ħaddiema" (C(2020)2051),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2020 intitolata "Linji Gwida dwar il-ħaddiema staġonali fl-UE fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19" (C(2020)4813),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2020 intitolata "COVID-19: Lejn approċċ gradwali u kkoordinat għar-ritorn tal-libertà ta' moviment u t-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni" (C(2020)3250),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ⁽³⁾ u r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar is-sitwazzjoni fiż-żona Schengen wara t-tifqigħa tal-COVID-19 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-protezzjoni Ewropea tal-ħaddiema transfruntiera u staġonali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020 dwar il-COVID-19: koordinazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-saħħa u tal-klassifikazzjoni tar-riskji fl-UE u l-konsegwenzi għaż-żona Schengen u s-suq uniku" ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 340, 10.11.1997, p. 93.⁽²⁾ ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0054.⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0175.⁽⁵⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0176.⁽⁶⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0240.⁽⁷⁾ ĠU L 337, 14.10.2020, p. 3.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet dwar il-Petizzjoni 0653/2020 waqt il-laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tat-2 ta' Lulju 2020,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 227(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet irċieva l-Petizzjoni 0653/2020 minn rappreżentanti tar-reġjuni tal-fruntiera Belġjana/Ġermaniża/Netherlandiża/Lussemburgiża li qajmet tħassib dwar l-għeluq f'daqqa tal-fruntieri interni tal-UE bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, u l-konsegwenzi tal-miżuri differenti introdotti għan-nies fid-diversi Stati Membri, speċjalment dawk li jgħixu f'reġjuni tal-fruntiera;
- B. billi r-reġjuni tal-fruntiera jirrappreżentaw 40 % tat-territorju tal-Unjoni Ewropea u fihom tgħix 30 % tal-popolazzjoni tal-UE;
- C. billi l-*acquis* ta' Schengen kien kruċjali biex ir-reġjuni tal-fruntiera jinbidlu f'postijiet ta' skambju ekonomiku u soċjali kif ukoll reġjuni mudell ta' kooperazzjoni territorjali u innovazzjoni istituzzjonali;
- D. billi l-pandemija tal-COVID-19 hija theddida serja għas-saħħa pubblika, li tħalli impatt fuq is-saħħa u l-ħajja tal-persuni kollha li jgħixu fl-UE u fis-sistemi tas-saħħa u tal-kura fl-Istati Membri;
- E. billi, bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, il-maġġoranza tal-Istati Membri reġgħet introduċiet il-kontrolli fil-fruntieri interni jew għalqet il-fruntieri; billi r-restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar mill-pajjiżi terzi, iżda wkoll mill-Istati Membri tal-UE fiż-żona Schengen, ġew introdotti u għadhom japplikaw; billi dawn il-miżuri ma ġew ikkoordinati bejn l-Istati Membri jew mal-istituzzjonijiet tal-UE;
- F. billi hemm aktar minn 17-il miljun ċittadin tal-UE li jgħixu u jaħdmu f'pajjiż tal-UE li mhuwiex dak taċ-ċittadinanza tagħhom (3,9 % tal-forza tax-xogħol totali fl-2018);
- G. billi skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen il-kontrolli fil-fruntieri interni jistgħu jiġu introdotti mill-Istati Membri bħala eċċezzjoni u bħala l-aħħar alternattiva f'każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna, u jridu jirrispettaw l-prinċipju tal-proporzjonalità; billi f'każ bħal dan, hemm l-obbligu li tintbagħat notifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni;
1. Jissottolinja li żona mingħajr l-ebda fruntiera interna hija element importanti tas-suq uniku Ewropew; itenni li l-pandemija tal-COVID-19 hija kriżi li, sa mill-ħolqien taż-żona Schengen, l-Ewropa qatt ma kienet għaddiet minnha;
2. Jisħaq fuq il-fatt li l-moviment liberu tal-persuni huwa wieħed mill-pedamenti ta' Unjoni Ewropea li tiffunzjona u wieħed mill-akbar riżultati li kisbet; ifakkar fil-mobilità li qed tiżdied fl-UE kollha għal skopijiet ta' ħajja, xogħol, studju, jew tmexxija ta' negozju;
3. Jenfasizza li l-libertà ta' moviment intlaqtet serjament mill-għeluq totali jew parzjali tal-fruntieri, mill-Istati Membri, matul il-pandemija tal-COVID-19; jiddispijaċi li l-għeluq ta' malajr malajr u mhux ikkoordinat tal-fruntieri u l-introduzzjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament wasslu biex il-persuni li kienu fi tranżitu tħallew l-art u laqtu serjament lil dawk li jgħixu fir-reġjuni tal-fruntiera billi limitaw lhom il-kapaċità li jaqsmu l-fruntiera għal skopijiet ta' xogħol, biex ifornu u jirċievu servizzi jew biex iżuru lill-ħbieb jew lill-familjari; jisħaq fuq l-effett detrimentali li kellu l-għeluq tal-fruntieri interni u esterni fuq in-negozju internazzjonali kif ukoll is-setturi tax-xjenza u tat-turiżmu; jisħaq fuq il-fatt li minflok ma jintroduċu kontrolli fil-fruntieri, l-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jippermettu lill-persuni jaqsmu l-fruntieri, filwaqt li jiżguraw l-oġġla sikurezza u jħarsu s-saħħa;
4. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu rispettati r-regoli tal-*acquis* ta' Schengen billi jiġu kkoordinati aħjar il-miżuri fiż-żona Schengen u b'mod partikolari fir-reġjuni transfruntiera, u biex jiġi evitat li l-Istati Membri kollha jkollhom approċċ frammentat; jenfasizza li l-miżuri restrittivi fir-rigward tal-moviment liberu għandhom jibqgħu eċċezzjoni; jisħaq fuq il-fatt li r-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu għandhom jiġu sostitwiti b'miżuri mmirati f'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-nondiskriminazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimmoderaw ir-restrizzjonijiet tagħhom; ifakkar fl-importanza li terġa' tkun stabbilita żona Schengen li tiffunzjona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni;
5. Jinnota li ż-żoni l-aktar milquta mill-pandemija mhux dejjem jikkoinċidu mal-fruntieri nazzjonali, u huwa għalhekk li l-limitazzjonijiet tal-moviment għandhom ikunu bbażati fuq is-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika fid-diversi reġjuni u għandhom ikunu flessibbli u lokali;

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li jappoġġaw azzjoni kontinwa u kkoordinata tal-UE biex jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika filwaqt li jirrispettaw il-libertà tal-moviment; jappella lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu u jimplimentaw b'mod sħiħ il-miżuri għal koordinament ġenerali abbażi tal-aqwa xjenza disponibbli, b'mod partikolari fir-rigward tar-regolamenti ta' kwarantina, it-traċċar tal-kuntatti transfruntiera, l-istrateġiji tal-ittestjar, il-valutazzjoni konġunta tal-metodi tal-ittestjar, ir-rikonoxximent reċiproku tat-testijiet u r-restrizzjonijiet temporanju fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE. jemmen li għandhom jintużaw miżuri komprensivi, adegwati u ċari fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika għall-persuni li jaqsmu l-fruntieri interni sabiex tiġi evitata l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri;
7. Jilqa' b'sodisfazzjon l-gwida kontinwa min-naħa tal-Kummissjoni bħala parti mill-koordinament li għaddej bħalissa ta' risposta komuni tal-UE għat-tifqigħa tal-COVID-19, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni, u l-eżerċizzju tal-moviment liberu u ġust tal-ħaddiema u tas-servizzi;
8. Jappella lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb u tappoġġa l-kooperazzjoni u l-koordinament mal-UE kollha fost l-Istati Membri u magħhom matul il-pandemija;
9. Iqis li għodod bħal applikazzjonijiet għat-traċċar tal-COVID-19 għandhom ikunu kompatibbli bejn il-fruntieri biex ikun żgurata li jkun effikaċi u jagħmluha possibbli li jsir traċċar tal-infezzjonijiet waqt l-ivvjaġġar; jissottolinja li r-residenti tal-UE għandu jkollhom aċċess faċli għal informazzjoni affidabbli, komprensiva u f'ħin reali dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-miżuri ta' saħħa u sikurezza relatati mal-pandemija fl-Ewropa kollha; itenni l-importanza tal-komunikazzjoni multilingwi dwar il-pandemija b'attenzjoni partikolari għal-lingwi użati fir-reġjuni transfruntiera; jappella lill-Kummissjoni tagħgħorna konsegwentement is-sit web "Re-open EU" sabiex toħloq punt uniku ta' kuntatt reali li jiffaċilita l-moviment liberu matul il-pandemija u jgħin lir-residenti b'mod sinifikanti jerġgħu jadottaw l-istil ta' ħajja abitwali tagħhom;
10. Jesprimi tħassib dwar il-bosta ostakli li jiltaqgħu magħhom ħafna ħaddiema transfruntiera, studenti u koppji binazzjonali f'relazzjonijiet stabbli minħabba l-għeluq tal-fruntieri jew ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-ispeċifitajiet tar-reġjuni transfruntiera fejn l-ivvjaġġar transfruntier mid-dar għax-xogħol u viċversa huwa komuni; jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li l-persuni li jgħixu fir-reġjuni tal-fruntiera u l-ħaddiema transfruntiera għandhom jiġu eżentati mill-miżuri u mir-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija, filwaqt li jkun meħtieġa jirrispettaw il-pariri u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-Istati Membri rilevanti sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-virus;
11. Iqis li huwa importanti ferm li ż-żona Schengen terġa' tibda tiffunzjona b'mod sħiħ, u jiddependi kemm mir-rieda politika tal-Istati Membri kif ukoll mill-impenn tagħhom li jikkoordinaw il-miżuri skont l-*acquis* ta' Schengen; ifakkar li għandha tiġi evitata kwalunkwe azzjoni mhux ikkoordinata u bilaterali li tista' twassal għal restrizzjonijiet bla bżonn fuq il-mobilità u l-moviment liberu; jinnota li strateġija dwar il-futur ta' Schengen hija waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-Kummissjoni għall-2021; ifakkar li t-tlestija taż-żona Schengen hija iżjed minn mixtieqa inkwantu tiżgura li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod indaq mill-*acquis* tal-UE; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iħejju, mill-aktar fis possibbli, pjanijiet ta' kontinġenza fl-eventwalità li t-tixrid tal-COVID-19 jilħaq qçaċet ulterjuri, sabiex jiġi evitat li l-kontrolli fil-fruntieri jsiru semipermanenti fit-terminu medju;
12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0318

Lejn suq uniku aktar sostenibbli għall-impriżi u l-konsumaturi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 Lejn suq uniku aktar sostenibbli għall-impriżi u l-konsumaturi (2020/2021(INI))

(2021/C 425/03)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 169, 191, 192 u 193 TFUE,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2018 li jistabbilixxi l-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea (COM(2018)0441),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 bit-titolu "Strateġija Ewropea għad-data" (COM(2020)0066),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)0098),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2017 bit-titolu "Ħajja itwal għall-prodotti: benefiċċji għall-konsumaturi u l-kumpaniji" ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2018 bit-titolu "L-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: alternattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart" ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2018 bit-titolu "Behavioural Study on Consumers' Engagement in the Circular Economy" (Studju ta' Mgħiba dwar l-Involvement tal-Konsumaturi fl-Ekonomija Ċirkolari),

⁽¹⁾ ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.

⁽³⁾ ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28.

⁽⁴⁾ ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 334, 19.9.2018, p. 60.

⁽⁶⁾ ĠU C 433, 23.12.2019, p. 146.

⁽⁷⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0005.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-rapport taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-2019 bit-titolu “Analysis and development of a scoring system for repair and upgrade of products” (Analiżi u żvilupp ta’ sistema ta’ punteġġ għat-tiswija u l-modernizzazzjoni tal-prodotti),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tal-4 ta’ Diċembru 2019 bit-titolu “The European environment – state and outlook 2020” (L-ambjent Ewropew – l-istat u l-prospetti 2020),
 - wara li kkunsidra l-istudju mwettaq f'Marzu 2020 fuq talba tal-Kumitat tiegħu għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur bit-titolu “Promoting product longevity” (Il-promozzjoni tal-lonġevità tal-prodotti),
 - wara li kkunsidra l-analiżi dettaljata mwettqa f'April 2020 fuq talba tal-Kumitat tiegħu għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bit-titolu “Sustainable Consumption and Consumer Protection Legislation” (Leġiżlazzjoni dwar il-Konsum Sostenibbli u l-Ħarsien tal-Konsumatur),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BEUC) tat-18 ta’ Awwissu 2015 bit-titolu “Durable goods: More sustainable products, better consumer rights – Consumer expectations from the EU's resource efficiency and circular economy aġenda” (Oġġetti durabbli: prodotti aktar sostenibbli, drittijiet aħjar tal-konsumatur – L-aspettattivi tal-konsumatur mill-effiċjenza tar-riżorsi u l-aġenda tal-ekonomija ċirkolari tal-UE),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0209/2020),
- A. billi quddiem l-iskarsezza tar-riżorsi naturali u l-proliferazzjoni tal-iskart, jeħtieġ li jiġu stabbiliti skemi sostenibbli ta’ produzzjoni u ta’ konsum li jqisu l-konfini tal-pjaneta, bl-użu aktar effettiv u sostenibbli tar-riżorsi tagħna bħala prijorità;
- B. billi l-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 uriet il-hteġa li jiġu stabbiliti mudelli kummerċjali ġodda u aktar reżiljenti u li jiġu appoġġjati n-negozji Ewropej, speċjalment l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), il-mikrointrapriżi u dawk li jaħdmu għal rashom;
- C. billi suq uniku sostenibbli jrid jirrifletti t-talba tal-Parlament ⁽⁸⁾ għall-adozzjoni ta’ Patt Ekoloġiku Ewropew ambizzjuż; billi għalhekk huwa essenzjali li tiġi żviluppata strateġija bbażata fuq ir-riċerka biex jiżdiedu d-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, it-titjib fil-kwalità u l-possibbiltà ta’ tiswija tal-prodotti; billi din l-istrateġija għandha toħloq impjiegi, tkabbir u opportunitajiet ta’ innovazzjoni għan-negozji Ewropej, tappoġġja l-kompetittività tagħhom fuq skala globali u tiżgura livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur;
- D. billi strateġija komuni u inklużiva ma tikkorrispondix għal approċċ “wieħed tajjeb għal kulħadd”; billi approċċ differenzjat ibbażat fuq l-ispeċifità ta’ kull kategorija u settur ta’ prodott, kif ukoll fuq l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq, ikun aktar xieraq; billi l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tar-regoli eżistenti huma essenzjali għal suq uniku li jiffunzjona tajjeb u sostenibbli;
- E. billi huwa essenzjali li jiġi mobilizzat biżżejjed finanzjament permezz ta’ programmi finanzjarji bħall-Programm għas-Suq Uniku, bil-ħsieb ta’ tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u l-ekonomija ċirkolari, sabiex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-prodotti sostenibbli, kif ukoll kampanji ta’ sensibilizzazzjoni għan-negozji u l-konsumaturi;
- F. billi l-konsumaturi huma lesti biex jibdeu il-vjaġġ lejn ekonomija ċirkolari u huwa tliet darbiet aktar probabbli li jixtru prodott jekk dan ikun ittikkettat bħala aktar durabbli u li jista’ jissewwa skont l-istudju dwar l-imġiba tal-Kummissjoni tal-2018, iżda għad hemm ostakli, inkluża l-asimmetrija tal-informazzjoni; billi informazzjoni ċara, affidabbli u trasparenti dwar il-karatteristiċi ta’ prodott, inkluż dwar it-tul tal-ħajja stmat u l-possibbiltà ta’ tiswija, hija meħtieġa għas-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur u l-kompetizzjoni ġusta fost in-negozji; billi, għalhekk, l-informazzjoni eżistenti għandha tittejjeb, filwaqt li jiġi evitat ammont żejjed ta’ informazzjoni;

⁽⁸⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0005.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- G. billi t-tul tal-ħajja ta' prodott u l-mod kif jiqdiem huma determinati minn diversi fatturi naturali u artifiċjali, bħall-kompożizzjoni, il-funzjonalità, l-ispiża tat-tiswiġa, ix-xejriet tal-konsum u l-użu; billi t-tul tal-ħajja stmat ta' prodott irid jitkejjel abbażi ta' testijiet u kriterji oġġettivi li jirriflettu l-kundizzjonijiet ta' użu reali u jrid jiġi stabbilit qabel it-tqegħid tal-prodott fis-suq;
- H. billi d-Direttiva (UE) 2019/771 għandha tiġi rieżaminata sal-2024; billi għadd ta' miżuri bl-għan li jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba biex tiżdied id-durabbiltà tal-prodotti u biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, kif ukoll ambjent kummerċjali kompetittiv, għandhom jiġu vvalutati bi tħejjija għal dan ir-rieżami; billi l-perjodu ta' sentejn ta' garanzija legali jista' ma jkunx xieraq għall-kategoriji ta' prodott kollha bi previżjoni ta' tul tal-ħajja aktar twil;
- I. billi friżoluzzjoni preċedenti⁽⁹⁾, il-Parlament Ewropew appella għal miżuri biex tiġi rimedjata l-problema tal-obsolescenza ppjanata ta' oġġetti u software, inkluż l-iżvilupp ta' definizzjoni komuni għall-ittestjar u l-identifikazzjoni ta' prattiki problematiċi; billi hemm il-ħtieġa li tiġi żviluppata strateġija komuni għas-suq uniku u li jiġu previsti ċ-ċertezza tad-dritt u l-fiduċja kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi;
- J. billi t-tul tal-ħajja tas-software huwa kruċjali għall-ħajja tal-apparat elettroniku; billi, peress li s-software qed isir obsolet dejjem aktar malajr, jeħtieġ li l-apparat elettroniku jkun jista' jiġi adattat sabiex jibqa' kompetittiv fis-suq⁽¹⁰⁾;
- K. billi 79 % taċ-ċittadini tal-UE jaħsbu li l-manifatturi għandhom jintalbu jiffaċilitaw it-tiswiġa ta' apparati diġitali jew is-sostituzzjoni tal-partijiet individwali tagħhom⁽¹¹⁾; billi l-prodotti ta' kwalità għolja jagħtu spinta lill-kompetittività tan-negozji Ewropej;
- L. billi s-tħarriġ li sar f'Diċembru 2015⁽¹²⁾ wera li 59 % tal-konsumaturi ma kinux jafu li l-perjodu ta' garanzija legali fl-UE jidmum mill-inqas sentejn; billi l-għarfien tal-konsumatur dwar id-drittijiet ta' livell għoli eżistenti fir-rigward tal-garanzija legali jista' jittejjeb u tali titjib jikkontribwixxi għal użu aktar sostenibbli tal-oġġetti;
- M. billi ż-żieda fil-popolarità tal-kummerċ elettroniku ħolqot ħtieġa ta' kontroll aħjar tal-konformità tal-oġġetti u s-servizzi li jiġu minn pajjiżi terzi mal-istandards ambjentali u ta' sikurezza tal-UE, kif ukoll mad-drittijiet tal-konsumatur;
- N. billi suq uniku sostenibbli jeħtieġ sorveljanza effettiva tas-suq biex jiġi żgurat infurzar xieraq ta' dawn ir-regoli, fejn is-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali għandhom rwol ewlieni;
- O. billi t-tħeġġiġ ta' kultura ta' tiswiġa u użu mill-ġdid u ż-żieda tal-fiduċja fis-suq tal-oġġetti użati jistgħu joffru sorsi ta' opportunitajiet ekonomiċi u soċjali, joħolqu l-impjiegi u, f'ċirkostanzi speċifiċi, jagħtu spinta lill-kompetittività industrijali; billi f'ċerti każijiet jeżistu ostakli li jipprevjenu lill-konsumaturi milli jagħżlu t-tiswiġa, bħan-nuqqas ta' aċċess għal spare parts, in-nuqqas ta' standardizzazzjoni u interoperabbiltà, u n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' servizzi ta' tiswiġa; billi dan għandu impatt negattiv fuq is-settur tat-tiswiġa;
- P. billi, skont rapport tal-Ewrobarometru⁽¹³⁾, 77 % taċ-ċittadini tal-UE jippreferu jsewwu l-apparati tagħhom milli jissostitwuhom; billi n-negozji tat-tiswiġa jistgħu jkunu sors ta' impjiegi lokali u ta' għarfien espert speċifiku fl-Ewropa;

⁽⁹⁾ ĠU C 334, 19.9.2018, p. 60.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 334, 19.9.2018, p. 60, premessa S.

⁽¹¹⁾ Ewrobarometru Speċjali 503 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Attitudes towards the impact of digitalisation on daily lives" (Attitudnijiet lejn l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum).

⁽¹²⁾ S-tħarriġ li sar fisem il-Kummissjoni f'Diċembru 2015, bit-titolu "Consumer market study on the functioning of legal and commercial guarantees for consumers in the EU" (Studju tas-suq tal-konsumatur dwar il-funzjonament tal-garanziji legali u kummerċjali għall-konsumaturi fl-UE).

⁽¹³⁾ Ewrobarometru Flash 388 ta' Ġunju 2014 intitolat "Attitudes of Europeans towards waste management and resource efficiency" (Attitudnijiet tal-Ewropej lejn il-ġestjoni tal-iskart u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi).

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- Q. billi t-titwil tal-ħajja ta' tip ta' prodott li jkun għaddej minn titjib sostanzjali fl-effiċjenza ambjentali tiegħu għandu jiġi bbilanċjat bl-użu ta' dawn il-prodotti mtejbja, u għalhekk m'għandux jirriżulta f'dewmien fl-introduzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi li jistgħu jwasslu għal kisbiet ambjentali sostanzjali;
- R. billi ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni qed ttipprovdi lis-soċjetajiet tagħna b'mezzi ġodda għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u qed tgħin biex jinħoloq suq sostenibbli bbażat fuq ir-responsabbiltà, it-trasparenza, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-użu aktar effettiv tar-riżorsi;
- S. billi l-pjattaformi online jistgħu jkomplu jwettqu r-responsabbiltà tagħhom li jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni affidabbli dwar il-prodotti u s-servizzi li joffru;
- T. billi s-settur diġitali jikkontribwixxi għall-innovazzjoni u t-trawwim ta' ekonomija sostenibbli; billi għandu jiġi indirizzat l-impatt fuq l-ambjent f'termini tal-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi tal-infrastruttura tiegħu; billi mezzi aktar sostenibbli ta' imballaġġ u konsenja huma kruċjali biex tiġi stabbilita ekonomija ċirkolari;
- U. billi l-akkwist pubbliku ekoloġiku u sostenibbli huwa għodda strateġika li tista' tintuża biex tikkontribwixxi, flimkien ma' politiki importanti oħra, għat-tranżizzjoni industrijali tal-Ewropa u biex issaħħaħ ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha; billi l-użu strateġiku tal-akkwist sostenibbli jista' jkun ta' benefiċċju kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi billi jagħti spinta lid-domanda għal prodotti sostenibbli u l-provvista tagħhom u jagħmel dawk il-prodotti kosteffiċjenti u attraenti għall-konsumaturi;
- V. billi hemm bżonn li jiġu indirizzati asserzjonijiet ambjentali qarrieqa u li jiġu indirizzati "prattiki ta' greenwashing" permezz ta' metodoloġiji effettivi, inkluż dwar kif tali asserzjonijiet jiġu sostanzjati;
- W. billi r-reklamar għandu effett fuq il-livelli u x-xejriet tal-konsum; billi r-reklamar jista' jgħin lin-negozji u lill-konsumaturi jagħmlu għażliet sostenibbli infurmati;
1. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni l-għdid tal-Kummissjoni għal Ekonomija Ċirkolari u r-rieda ddikjarata li jiġu promossi prodotti durabbli, li jkunu eħfef biex jisewwew, u li jistgħu jerġgħu jintużaw u jiġu rriċiklati, filwaqt li l-konsumatur jiġi appoġġjat f'din it-tranżizzjoni;
 2. Jenfasizza li kwalunkwe strateġija għal suq uniku sostenibbli għandha tgħaqqad b'mod ġust, bilanċjat u proporzjonat il-prinċipji ta' sostenibbiltà, protezzjoni tal-konsumatur u ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna; jenfasizza li kwalunkwe miżura regolatorja potenzjali għandha tkun ibbażata fuq dawn il-prinċipji, għandha tkun ambjentalment kosteffiċjenti u għandha tkun ta' benefiċċju kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi sabiex dawn ikunu jistgħu jħaddnu t-tranżizzjoni ekoloġika fi ħdan is-suq intern; jenfasizza li l-miżuri regolatorji għandhom joħlqu vantaġġi kompetittivi għan-negozji Ewropej, m'għandhomx ipoġġu piż finanzjarju sproporzjonat fuqhom, u għandhom jixprunaw l-innovazzjoni, jinkoraġġixxu l-investimenti f'teknoloġiji sostenibbli, u jsaħħu l-kompetittività Ewropea u, fl-aħħar mill-aħħar, il-protezzjoni tal-konsumatur; jirrimarka li l-miżuri regolatorji kollha previsti għandhom ikunu akkumpanjati b'valutazzjonijiet tal-impatt u għandhom dejjem iqisu l-iżviluppi tas-suq u l-ħtiġijiet tal-konsumaturi;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni turi ambizzjoni politika b'saħħitha meta tfassal, tadotta u timplimenta l-proposti rilevanti li jmiss, bħal dwar "l-awtonomizzazzjoni tal-konsumatur fit-tranżizzjoni ekoloġika" u inizjattiva politika dwar prodotti sostenibbli, li għandha tkun allinjata bis-sħiħ mal-miri klimatiċi tal-UE u ma' objettivi ambjentali oħra sabiex tittejjeb iċ-ċirkolarità tal-ktajjen tal-valur, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-użu ta' materja prima sekondarja, tiġi minimizzata l-ġenerazzjoni tal-iskart u tinkiseb ekonomija ċirkolari mingħajr tossiċità; jisħaq fuq l-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha u ta' konformità mal-obbligi u l-istandards eżistenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ma tipposponihomx aktar;
 4. Jenfasizza li suq uniku li jiffunzjona tajjeb huwa għodda b'saħħitha għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE, inkluż fir-rigward tar-rwol tagħha f'ekonomija globalizzata; jenfasizza li t-tlestija u l-approfondiment tas-suq uniku, inkluż permezz tal-infurzar effettiv tal-leġislazzjoni eżistenti u billi jiġu indirizzati l-ostakli mhux ġustifikati u sproporzjonati li fadal, huma prekundizzjoni għall-kisba ta' produzzjoni u konsum aktar sostenibbli fl-UE; jappella għal governanza trasparenti tas-suq intern, flimkien ma' monitoraġġ aktar effettiv u mtejjeb; jemmen li l-qafas legali għal suq uniku aktar sostenibbli għandu jrawwem l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġija sostenibbli, jinċentiva lill-kumpaniji biex jagħmlu tranżizzjoni lejn mudelli kummerċjali aktar sostenibbli u b'hekk jikkontribwixxi għal irkupru ekonomiku sostenibbli;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

5. Jirrimarka li l-konsum sostenibbli jimxi id f'id mal-produzzjoni sostenibbli u li l-operaturi ekonomiċi għandhom jiġu mħeġġa jikkunsidraw id-durabbiltà tal-prodotti u s-servizzi mill-istadju tad-disinn u meta jitqiegħdu jew jiġu pprovduti fis-suq intern, sabiex tiġi żgurata għażla sikura, sostenibbli, kosteffiċjenti u attraenti għall-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni tippromovi miżuri, li jiddifferenzjaw bejn kategoriji ta' prodotti u għal setturi b'impatt ambjentali sinifikanti, li jtejbju d-durabbiltà tal-prodotti, inklużi it-tul tal-ħajja smat, l-użu mill-ġdid, it-titjib fil-kwalità, il-possibbiltà ta' tiswija u r-riċiklabiltà tagħhom;

Id-drittijiet tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-obsollexenza ppjanata

6. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, strateġija wiesgħa b'miżuri li jiddifferenzjaw bejn kategoriji ta' prodotti u li jqisu l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq biex jappoġġjaw in-negozji u l-konsumaturi u biex jiġu stabbiliti xejriet ta' produzzjoni u konsum sostenibbli; jinnota li din l-istrateġija għandha tinkludi miżuri biex:

- (a) tiġi speċifikata l-informazzjoni prekuntrattwali li għandha tingħata dwar it-tul tal-ħajja smat (li għandu jiġi espress fi snin u/jew ċikli ta' użu u li għandu jiġi determinat qabel it-tqegħid fis-suq tal-prodott permezz ta' metodoloġija oġġettiva u standardizzata bbażata fuq kundizzjonijiet ta' użu reali, differenzi f'termini ta' intensità tal-użu u fatturi naturali, fost metrika oħra) u l-possibbiltà ta' tiswija ta' prodott, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li din l-informazzjoni għandha tingħata b'mod ċar u komprensibbli sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi jiġu konfużi u li jitgħabbew iżżejjed b'informazzjoni, u din issir waħda mill-karatteristiċi ewlenin ta' prodott skont id-Direttivi 2011/83/UE u 2005/29/KE,
 - (b) jiġi żviluppat u introdott tikkettar obbligatorju, biex tiġi pprovduta lill-konsumaturi informazzjoni ċara, immedjatament viżibbli u faċli biex tintfiehmed dwar it-tul tal-ħajja smat u l-possibbiltà ta' tiswija ta' prodott fil-mument tax-xiri; jenfasizza li tali skema ta' tikkettar għandha tiġi żviluppata billi jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, abbażi ta' standards armonizzati bbażati fuq ir-riċerka u trasparenti flimkien ma' valutazzjonijiet tal-impatt li juru r-rilevanza, il-proporzjonalità u l-effikaċja fit-tnaqqis tal-impatti ambjentali negattivi u l-protezzjoni tal-konsumaturi; jemmen li dan it-tikkettar għandu jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar id-durabbiltà u l-possibbiltà ta' tiswija, bħal punteġġ ta' tiswija, u jista' jieħdu l-forma ta' indiċi tal-prestazzjoni ambjentali, filwaqt li jitqiesu diversi kriterji matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti skont il-kategorija tal-prodott;
 - (c) jissaħħaħ ir-rwol tal-ekotikketta tal-UE biex tiżdied l-adozzjoni mill-industrija u titqajjem sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi,
 - (d) jiġi vvalutat liema kategoriji ta' oġġetti huma l-aktar adatti biex jiġu mġhammra b'arloġġ tal-użu, abbażi ta' analiżi tal-kosteffiċjenza/effiċjenza ambjentali, bil-għan li jittejbju l-informazzjoni għall-konsumatur u l-manutenzjoni tal-prodott, jitħeġġeġ l-użu fit-tul tal-prodotti permezz ta' użu mill-ġdid iffaċilitat, u tingħata spinta lill-mudelli kummerċjali ta' użu mill-ġdid u ta' oġġetti użati,
 - (e) fit-tħejjija tar-rieżami tad-Direttiva (UE) 2019/771, jiġi vvalutat kif id-durata tal-garanziji legali tista' ssir aktar konformi mat-tul tal-ħajja smat ta' kategorija ta' prodott, kif ukoll kif estensjoni tal-perjodu ta' inverżjoni tal-oneru tal-provi għal nuqqas ta' konformità ttejjeb il-possibbiltà għall-konsumaturi u n-negozji li jagħmlu għażliet sostenibbli; jitlob li din il-valutazzjoni tal-impatt tikkunsidra l-effetti possibbli ta' tali estensjonijiet potenzjali fuq il-prezzijiet, it-tul tal-ħajja mistenni tal-prodotti, is-sistemi ta' garanzija kummerċjali u s-servizzi ta' tiswija indipendenti,
 - (f) fit-tħejjija tar-rieżami tad-Direttiva (UE) 2019/771, tiġi studjata l-fattibbiltà tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bejjiegħa fir-rigward tal-manifatturi bl-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' responsabbiltà konġunta tal-manifatturi u l-bejjiegħa fl-ambitu tar-reġim tal-garanzija legali,
 - (g) tiġi indirizzata l-obsollexenza prematura tal-prodotti billi titqies iż-żieda, fil-lista stabbilita fl-Anness I tad-Direttiva 2005/29/KE, ta' prattiki li effettivament iqassru t-tul tal-ħajja ta' prodott biex iżidu r-rata ta' sostituzzjoni tiegħu u jillimitaw bla bżonn il-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti, inkluż is-software; jenfasizza li dawn il-prattiki għandhom jiġu definiti b'mod ċar abbażi ta' definizzjoni oġġettiva u komuni, filwaqt li titqies il-valutazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti, bħall-istabbilimenti tar-riċerka u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, kummerċjali u ambjentali;
7. Jenfasizza li l-oġġetti b'elementi diġitali jirrikjedu attenzjoni partikolari u li l-elementi li ġejjin għandhom jitqiesu fir-rieżami tad-Direttiva (UE) 2019/771 li għandu jsir sal-2024:
- (a) l-aġġornamenti korrettivi – jiġifieri aġġornamenti tas-sigurtà u tal-konformità – iridu jkomplu matul it-tul tal-ħajja smat tal-apparat, skont il-kategorija tal-prodott,

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- (b) l-aġġornamenti korrettivi għandhom jinżammu separati mill-aġġornamenti evoluttivi, li jridu jkunu riversibbli, u ebda aġġornament m'għandu qatt inaqas il-prestazzjoni jew ir-reattività tal-oġġetti,
- (c) il-konsumaturi għandhom jiġu infurmati mill-bejjiegħ fil-mument tax-xiri dwar il-perjodu li matulu l-aġġornamenti tas-software pprovduti max-xiri tal-oġġetti jista' jkun mistenni li jiġu pprovduti, b'mod li jkun kompatibbli mal-innovazzjoni u l-iżviluppi futuri possibbli tas-suq, kif ukoll dwar l-ispeċifikitajiet u l-impatti tagħhom fuq il-prestazzjoni tal-apparat, biex jiġi żgurat li l-oġġetti jżommu l-konformità u s-sigurtà tagħhom;
8. Jenfasizza l-ħtieġa ta' mezzi ta' rimedju simpliċi, effettivi u infurzabbli kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji; jirrimarka li l-konsumaturi fl-UE kollha għandhom jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-mezzi ta' rimedju tagħhom; jitlob finanzjament fil-qafas tal-Programm tas-Suq Uniku tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għal miżuri biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-informazzjoni u biex l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, kummerċjali u tal-ambjent jingħataw appoġġ għall-inizjattivi tagħhom; iqis li l-Istati Membri għandhom iwettqu kampanji ta' informazzjoni biex iżidu l-protezzjoni u l-fiduċja tal-konsumatur, speċjalment fost il-gruppi vulnerabbli, u jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-konsumaturi informazzjoni adegwata dwar id-drittijiet tagħhom permezz tal-Gateway Diġitali Unika; jenfasizza li l-SMEs, il-mikrointrapriżi u dawki li jaħdmu għal rashom jeħtieġu appoġġ speċifiku, inkluż appoġġ finanzjarju, sabiex jifhmu u jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur;

9. Jinnota li ħafna prodotti mqiegħda fis-suq uniku, speċjalment prodotti mibjugħa minn swieq online u importati minn barra l-UE, jonqsu milli jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mar-rekwiżiti tas-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-prodotti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni b'mod urġenti biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għall-kumpanji tal-UE fir-rigward tal-kompetituri internazzjonali, kif ukoll biex jiżguraw prodotti sikuri u sostenibbli għall-konsumaturi permezz ta' sorveljanza tas-suq imtejba u standards ta' kontroll doganali ekwivalenti fl-UE kollha kemm għan-negozji tradizzjonali kif ukoll għal dawki online; jirrimarka li sabiex dan il-kompitu jitwettaq, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iridu jingħataw riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani adegwati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020, u jistieden lill-Istati Membri jissodisfaw il-ħtieġijiet tagħhom u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura implimentazzjoni xierqa tar-regolament; jissottolinja li l-interazzjoni bejn is-sistema RAPEX u s-swieq u l-pjattaformi online għandha tissaħħaħ b'mod sinifikanti;

Faċilitazzjoni tat-tiswijiet

10. Jitlob li l-informazzjoni li ġejja dwar id-disponibbiltà ta' spare parts, aġġornamenti tas-software u l-possibbiltà ta' tiswija ta' prodott issir disponibbli b'mod ċar u faċilment leġġibbli fil-mument tax-xiri: il-perjodu stmat ta' disponibbiltà mid-data tax-xiri, il-prezz medju tal-ispare parts fil-mument tax-xiri, iż-żminijiet approssimattivi rakkomandati tal-konsenja u t-tiswija, u informazzjoni dwar is-servizzi ta' tiswija u manutenzjoni, meta rilevanti; jitlob, barra minn hekk, li din l-informazzjoni tiġi pprovduta fid-dokumentazzjoni tal-prodott flimkien ma' sommarju tad-difetti l-aktar frekwenti u kif għandhom jissewew;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi "dritt għat-tiswija" tal-konsumaturi bil-għan li tagħmel it-tiswijiet sistematiki, kosteffiċjenti u attraenti, filwaqt li tqis l-ispeċifikitajiet ta' kategoriji differenti ta' prodotti skont il-miżuri li diġà ttieħdu għal diversi apparati domestiċi skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn:

- (a) billi l-operaturi tal-industrija tat-tiswija, inklużi s-sewwejja indipendenti, u l-konsumaturi jingħataw aċċess mingħajr ħlas għall-informazzjoni meħtieġa dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, inkluża informazzjoni dwar għodod dijanjostiċi, spare parts, software u aġġornamenti, meħtieġa biex jitwettqu t-tiswijiet u l-manutenzjoni, filwaqt li jitqiesu l-imperattivi tas-sikurezza tal-konsumatur, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2016/943,
- (b) billi titħeġġeġ l-istandardizzazzjoni tal-ispare parts għall-benefiċċju tal-interoperabbiltà u l-innovazzjoni, filwaqt li jitħarsu r-rekwiżiti tas-sikurezza tal-prodotti,
- (c) billi jiġi stabbilit perjodu minimu obligatorju għall-forniment ta' spare parts li jirrifletti t-tul tal-ħajja stmat tal-prodott wara li l-unità finali tkun tqiegħdet fis-suq, kif ukoll żminijiet massimi raġonevoli ta' konsenja skont il-kategorija tal-prodott f'konformità mar-regolamenti ta' implimentazzjoni tal-ekodisinn adottati fl-1 ta' Ottubru 2019, li għandhom jiġu estenzi għal firxa usa' ta' prodotti,
- (d) billi jiġi żgurat li l-prezz ta' spare part ikun raġonevoli, u għalhekk kosteffiċjenti, meta mqabbel mal-prezz tal-prodott sħiħ u li s-sewwejja indipendenti u awtorizzati, kif ukoll il-konsumaturi, ikollhom aċċess għall-ispare parts meħtieġa mingħajr xkiel inġust,

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- (e) billi titħeġġeġ it-tiswija minflok is-sostituzzjoni bl-estensjoni tal-garanziji jew bl-azzerar tal-perjodi ta' garanzija għall-konsumaturi li jagħżlu din l-opzjoni fit-tħejija tar-rieżami tad-Direttiva (UE) 2019/771 u fid-dawl ta' analiżi tal-kosteffiċjenza kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji, u billi jiġi żgurat li l-bejjiegħa dejjem jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-opzjoni tat-tiswija u d-drittijiet tal-garanzija relatati,
- (f) billi jiġi vvalutat kif it-tiswijiet jistgħu jiġu ffaċilitati bl-istabbiliment, fil-livell tal-UE, ta' garanzija legali għall-parts sostitwiti minn sewweġ professjonali meta l-oġġetti ma jkunux għadhom taħt garanzija legali jew kummerċjali fit-tħejija tar-rieżami tad-Direttiva (UE) 2019/771,
- (g) billi l-Istati Membri jiġu inkoraġġiti joħlqu inċentivi, bħal "craftsman's bonus", li jippromwovu t-tiswijiet, b'mod partikolari wara t-tmiem tal-garanzija legali għall-konsumaturi li jagħmlu ċerti xogħlijiet ta' tiswija permezz ta' sewweġja awtorizzati/independenti;

Strateġija globali biex tiġi promossa kultura ta' użu mill-ġdid

12. Jilqa' l-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni ta' miżuri vinkolanti għall-prevenzjoni tal-qerda ta' oġġetti li ma nbigħux jew li ma ddeterjorawx u li jkunu għadhom jaħdmu biex minflok ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw, u ta' miri kwantifikati għall-użu mill-ġdid, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' sistemi ta' depożitu f'konformità mad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart u d-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ; jenfasizza li mudelli kummerċjali sostenibbli ġodda għandhom jingħataw aċċess prijoritarju għal ċentri tal-iskart u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jinċentivaw l-immaniġġjar sostenibbli tal-iskart; jenfasizza l-hteġġa ta' strateġija li tivvaluta u tindirizza l-ostakli legali għat-tiswija, il-bejgħ mill-ġdid, l-użu mill-ġdid u d-donazzjoni biex jiġi żgurat użu aktar effettiv u sostenibbli tar-riżorsi, kif ukoll għat-tiswija tas-suq intern għall-materja prima sekondarja, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 dwar vjeġġi ta' skart, inkluż permezz ta' aktar standardizzazzjoni;

13. Jenfasizza l-importanza li tingħata spinta lill-ekonomija ċirkolari u lill-mudelli kummerċjali sostenibbli biex tiġi minimizzata l-qerda ta' oġġetti u jiġu promossi t-tiswija u l-użu mill-ġdid; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-użu ta' mudelli bħal dawn u tara li jibqgħu kosteffiċjenti u attraenti u tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, u tħeġġeġ lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar dawn il-mudelli permezz ta' kampanji edukattivi u taħriġ kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji; jenfasizza l-importanza tal-investimenti fir-R&Ż f'dan il-qasam;

14. Jirrimarka dwar l-eżistenza ta' prattiki adottati mill-kumpaniji biex jiskoraġġixxu t-tiswija, li jikkostitwixxu restrizzjoni tad-dritt għat-tiswija u jaffettwaw l-opzjonijiet ta' tiswija tal-konsumaturi; jappella għal approċċ kemm li jissalvagwardja l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali kif ukoll li jiżgura appoġġ effettiv għal sewweġja indipendenti, sabiex tiġi promossa l-għażla tal-konsumatur u jinkiseb suq uniku sostenibbli globali;

15. Jisħaq fuq il-hteġġa li jinħolqu inċentivi għall-konsumaturi biex jixtru oġġetti użati; jirrimarka li t-trasferiment tal-garanzija f'każ ta' bejgħ mill-ġdid ta' oġġetti li għadu kopert jista' jnissel fiduċja akbar tal-konsumatur f'dan is-suq; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, teżamina sa liema punt il-garanzija tax-xerrej għall-ewwel darba tista' tiġi ttrasferita lil xerrejja addizzjonali fil-każ ta' bejgħ sussegwenti, speċjalment fil-kuntest ta' passaport diġitali tal-prodott; jitlob, barra minn hekk, li ssir valutazzjoni tal-hteġġa li tiġi rieżaminata l-klawżola ta' eċċezzjoni għal prodotti użati taħt ir-reġim tal-garanzija legali previst mid-Direttiva (UE) 2019/771 meta jsir ir-rieżami tad-direttiva, wara valutazzjoni tal-impatt dwar l-effetti possibbli għal mudelli kummerċjali ta' oġġetti użati u bbażati fuq l-użu mill-ġdid;

16. Jappella għal definizzjonijiet ċari għal prodotti rikondizzjonati u rinnovati u biex titħeġġeġ l-introduzzjoni fuq skala wiesgħa ta' sistema volontarja ta' garanziji kummerċjali estiżi għal tali oġġetti sabiex jiġu supplementati l-garanziji legali inizjali u jiġi evitat li l-konsumaturi jiġu esposti għal malprassi;

17. Jenfasizza li t-tlestija tas-suq intern għas-servizzi se tikkontribwixxi b'mod deċisiv għat-tranżizzjoni lejn suq uniku aktar sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni ulterjuri lejn suq intern għas-servizzi li jiffunzjona tajjeb u żżid b'mod effettiv l-isforzi biex jissaħħa l-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti;

18. Jenfasizza r-rwol tas-settur tas-servizzi biex jiżdiedu l-aċċessibilità tat-tiswijiet u mudelli kummerċjali ġodda oħra; jilqa', b'mod partikolari, l-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali li jiddiżakkoppjaw il-konsum mis-sjeda materjali, fejn tinbiegħ il-funzjoni tal-prodott, u jappella għal valutazzjoni robusta tal-impatt tal-ekonomija funzjonali u tal-effetti rebound potenzjali tagħha, kif ukoll l-effetti fuq il-konsumaturi u l-interessi finanzjarji tagħhom, iżda anki l-impatt ambjentali ta' tali mudelli; jenfasizza li l-iżvilupp ta' servizzi bbażati fuq l-internet, forom ġodda ta' kummerċjalizzazzjoni (kirjiet, leasing,

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

prodott bħala servizz, eċċ.) u d-disponibbiltà ta' faċilitajiet ta' tiswija jistgħu jgħinu biex jiġi estiż it-tul tal-ħajja ta' prodott u tiżdied is-sensibilizzazzjoni u l-fiduċja tal-konsumaturi f'tali prodotti; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iżvilupp ta' dawn il-mudelli kummerċjali ġodda permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirat fl-ambitu tal-Programm tas-Suq Uniku u kwalunkwe programm rilevanti ieħor tal-QFP;

19. Jappella għall-iżvilupp ta' kampanji nazzjonali u mekkaniżmi rilevanti biex il-konsumaturi jiġu mħeġġa jestendu t-tul tal-ħajja tal-prodotti permezz tat-tiswija u l-użu ta' oġġetti użati u biex titqajjem kuxjenza dwar il-valur miżjud ta' teknoloġiji innovattivi sostenibbli; jitlob lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali jassistu u jappoġġjaw lill-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali u lokali, kif ukoll lill-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet, kemm teknikament kif ukoll finanzjarjament fl-ambitu tal-Programm tas-Suq Uniku tal-QFP fit-tweqqif ta' tali kampanji ta' sensibilizzazzjoni;

20. Jistieden lill-kumpaniji u lill-organizzazzjonijiet kollha jirreġistraw mal-Unità tal-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) tal-UE sabiex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom; jistenna bil-ħerqa r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju, li għandu jtejjeb b'mod sinifikanti d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-kumpaniji;

Strateġija diġitali għal suq sostenibbli

21. Jilqa' t-tħabbira ta' spazju komuni Ewropew tad-data għal applikazzjonijiet ċirkolari intelliġenti u l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa "passaport tal-prodott" diġitali biex ittejjeb it-traċċabbiltà u l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni ta' prodott, id-durabbiltà, il-kompożizzjoni, l-użu mill-ġdid, it-tiswija, il-possibbiltajiet ta' żarmar u t-trattament ta' tmiem il-ħajja, filwaqt li jitqiesu l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-ispejjeż għan-negozji u filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet tal-SMEs, il-mikrointrapriżi u dawk li jaħdmu għal rashom; jitlob li dawn l-għodod jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti;

22. Jieħu nota tal-kontribut tat-teknoloġiji diġitali għall-innovazzjoni u fit-tiswir ta' ekonomija aktar ċirkolari; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa standards u protokollu għall-aċċess għal data interoperabbli u l-użu tagħha sabiex data bejn il-kumpaniji, l-investituri u l-awtoritajiet tiġi kondiviża b'mod effettiv u jiġu pprovduti opportunitajiet ta' negozju ċirkolari ġodda u mmexxija mid-data; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tat-teknoloġiji sostenibbli fil-QFP il-ġdid;

23. Jinnota li, kemm jekk nikkunsidraw il-manifattura kif ukoll jekk nikkunsidraw is-servizzi, is-settur diġitali u l-konsum online għandhom impronta ambjentali, u jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta kif indiċi ta' sostenibbiltà diġitali tal-UE bbażat fuq analiżi taċ-ċikli tal-ħajja tal-prodotti jiffaċilita l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tat-teknoloġiji diġitali; jirrimarka li l-prattiki biex jitnaqqas tali impatt ambjentali, bħat-tnaqqis tal-imballaġġ u l-iżvilupp ta' imballaġġ aktar sostenibbli, għandhom ikunu parti minn strateġija lejn suq uniku sostenibbli;

24. Iżid jgħid li għandu jįzied l-għarfien dwar l-impronta ambjentali potenzjali ta' data mhux meħtieġa, bħal apps mhux użati, files, videos, ritratti u emails mhux mixtieġa; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-prattiki u l-infrastruttura diġitali f'termini tal-impronta tal-karbonju u ambjentali tagħhom, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-prattiki tal-konsumatur, u tikkunsidra miżuri xierqa biex tnaqqsu;

25. Jinsisti li l-Kummissjoni għandha tqis id-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-istabbiliment ta' sistema ta' ċarġers komuni, sabiex jitnaqqsu l-volumi ta' produzzjoni u l-iskart elettroniku;

Bidliet fl-approċċ meħtieġa mill-awtoritajiet pubbliċi

26. Huwa tal-fehma li l-akkwist pubbliku għandu jsir ċentrali għall-pjan ta' rkupru ekonomiku tal-UE, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, billi jiġu appoġġjati l-isforzi ta' innovazzjoni tas-settur privat u l-proċessi ta' diġitalizzazzjoni tal-offerti pubbliċi u jiġu stabbiliti l-inċentivi t-tajba biex tingħata spinta lill-produzzjoni u l-konsum sostenibbli; jitlob li tingħata prijorità lill-istimolu tad-domanda għal oġġetti u servizzi ekoloġiċi b'impronta ambjentali iżgħar u l-promozzjoni ta' kriterji soċjali u ambjentali;

27. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat l-użu tal-akkwist pubbliku ambjentali, soċjali u tal-innovazzjoni fit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima, billi jiġu introdotti kriterji u miri ta' sostenibbiltà fl-offerti pubbliċi; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-impenn tal-Kummissjoni li tieħu azzjoni permezz ta' miżuri speċifiċi għas-settur u gwida dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku, filwaqt li żżomm il-qafas ta' leġiżlazzjoni attwali dwar l-akkwist pubbliku, u jistieden lill-Kummissjoni tkun ambizzjuża biex il-kriterji sostenibbli fl-akkwist pubbliku jkunu l-għażla awtomatika; jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġjati l-prodotti użati, użati mill-ġdid, riċiklati u kkundizzjonati mill-ġdid u programmi ta' software b'konsum baxx

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

tal-enerġija billi jiġu stabbiliti miri għax-xiri pubbliku; jenfasizza l-benefiċċji potenzjali ta' strument għall-iskrinjar tas-sostenibbiltà tal-offerti pubbliċi biex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tagħhom mal-impenji klimatiċi tal-UE u jiġi indirizzat il-“greenwashing”;

28. Jenfasizza r-rwol li l-akkwist ekoloġiku u soċjali jista' jkollu fit-tqassir tal-ktajjen tal-provvista, fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq pajjiżi terzi u fit-trawwim tas-sostenibbiltà f'setturi kruċjali bħal dawk li jipproduċu l-prodotti mediċinali, l-enerġija u l-ikel; jitlob li jkun hemm reċiproċità effettiva fl-akkwist pubbliku ma' pajjiżi terzi u li jiġi garantit aċċess adegwat għall-akkwist pubbliku għall-SMEs, kif ukoll għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, billi jiġu introdotti, fost l-oħrajn, kriterji preferenzjali għall-għoti;

29. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-iskemi eżistenti tal-UE biex jakkwistaw b'mod sostenibbli u jitlob lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, ittejjeb il-gwida tagħha u tmexxi bl-eżempju billi tippubblika miri u statistika relatati mal-impatt ambjentali tax-xiri tagħhom; jitlob, barra minn hekk, li jkun hemm obbligi ta' rappurtar għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fir-rigward tal-akkwist pubbliku sostenibbli tagħhom, mingħajr ma jinħoloq piż amministrattiv mhux ġustifikat u filwaqt li jiġi rispettata il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Kummerċjalizzazzjoni u reklamar responsabbli

30. Jirrimarka li l-konsumaturi jħabbtu wiċċhom ma' asserzjonijiet qarrieqa dwar il-karatteristiċi ambjentali tal-prodotti u s-servizzi, kemm online kif ukoll offline; jirrakkomanda, għalhekk, li jsir monitoraġġ effettiv tal-asserzjonijiet ambjentali magħmula mill-manifatturi u d-distributuri qabel ma prodott jew servizz jitqiegħed fis-suq u li d-Direttiva 2005/29/KE li ġiet emendata reċentement tiġi infurzata permezz ta' miżuri proattivi biex jiġu indirizzati l-prattiki qarrieqa; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida aġġornati għall-implimentazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-asserzjonijiet ambjentali biex tipprovdi gwida għal attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq;

31. Jitlob l-iżvilupp ta' linji gwida u standards ċari għal asserzjonijiet ekoloġiċi u impenji li jsarrfu f'ċertifikazzjonijiet tal-ekotikketta msaħħa u jilqa' l-proposta leġiżlattiva mħabbra dwar is-sostanzjar ta' asserzjonijiet ekoloġiċi; jirrakkomanda li tiġi vvalutata l-ħtieġa possibbli tal-istabbiliment ta' reġistru pubbliku Ewropew li jelenka l-asserzjonijiet ambjentali awtorizzati u pprojbiti, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-passi li għandhom isiru biex issir asserzjoni; iżid jgħid li l-għoti ta' informazzjoni trasparenti, affidabbli u eżatta jżid il-fiduċja tal-konsumaturi fil-prodotti u s-swieq, u finalment iwassal għal konsum aktar sostenibbli;

32. Jenfasizza li r-reklamar għandu impatt fuq il-livelli u x-xejriet tal-konsum u għandu jinkoraġġixxi għażliet ta' negozju u tal-konsumatur sostenibbli; jiśhaq fuq l-importanza ta' reklamar responsabbli li jirrispetta l-istandards pubbliċi dwar l-ambjent u s-saħħa tal-konsumatur; jissottolinja li l-qafas regolatorju attwali li jindirizza r-reklamar qarrieqi jista' jsaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur, speċjalment għal ċerti kategoriji ta' konsumaturi meqjusa vulnerabbli, u jinkoraġġixxi l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli;

o

o o

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0319

L-indirizzar tas-sikurezza tal-prodotti fis-Suq Uniku**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar l-indirizzar tas-sigurtà tal-prodotti fis-suq uniku (2019/2190(INI))**

(2021/C 425/04)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/515 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar ir-rikonnoxximent reċiproku ta' merkanzija kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 764/2008 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà) ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020 dwar proċessi deċiżjonali awtomatizzati: niżguraw il-protezzjoni tal-konsumatur u l-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2019 dwar politika industrijali Ewropea komprensiva dwar l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika ⁽⁹⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.⁽²⁾ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.⁽³⁾ ĠU L 91, 29.3.2019, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.⁽⁵⁾ ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15.⁽⁸⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0032.⁽⁹⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0081.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2018 dwar il-Blockchain: politika kummerċjali mfassla għall-ġejjieni ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2018 dwar il-pakkett dwar is-suq uniku ⁽¹¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport interim tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ksieb ta' qbil ⁽¹²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2018 dwar teknoloġiji tar-reġistru distribwit u blockchains: noħolqu l-fiduċja bid-diżintermedjazzjoni ⁽¹³⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2017 dwar l-istandards Ewropej għas-seklu 21 ⁽¹⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2017 dwar haġja itwal għall-prodotti: benefiċċji għall-konsumaturi u l-kumpaniji ⁽¹⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar l-istrategġja għas-Suq Uniku ⁽¹⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' April 2014 bil-ksieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁷⁾,
 - wara li kkunsidra l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020 – Unjoni li tirsisti għal aktar (COM(2020)0037),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar l-implikazzjonijiet tas-sigurtà u tar-responsabbiltà tal-intelliġenza artifiċjali, tal-internet tal-oġġetti u tar-robotika (COM(2020)0064),
 - wara li kkunsidra l-white paper tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar l-intelliġenza artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja (COM(2020)0065),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa (COM(2020)0067),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 dwar pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku (COM(2020)0094),
 - wara li kkunsidra l-Linji Gwida dwar l-Etika għal AI Affidabbli tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli (HLEG) tal-Kummissjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, ippubblikati fit-8 ta' April 2019,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2019 dwar il-bini tal-fiduċja fl-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem (COM(2019)0168),
 - wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu “Policy and investment recommendations for trustworthy artificial intelligence” (Rakkomandazzjonijiet ta' politika u ta' investiment għal intelliġenza artifiċjali affidabbli) mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, ippubblikat fis-26 ta' Ġunju 2019;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0207/2020),
- A. billi s-suq uniku għall-prodotti huwa wieħed mill-aktar elementi fundamentali ekonomiċi tal-UE, u l-kummerċ tal-prodotti bħalissa jiġġenera madwar kwart tal-PDG tal-UE, u tliet kwarti tal-kummerċ fl-UE;

⁽¹⁰⁾ ĠU C 388, 13.11.2020, p. 141.

⁽¹¹⁾ ĠU C 388, 13.11.2020, p. 39.

⁽¹²⁾ ĠU C 363, 28.10.2020, p. 179.

⁽¹³⁾ ĠU C 11, 13.1.2020, p. 7.

⁽¹⁴⁾ ĠU C 334, 19.9.2018, p. 2.

⁽¹⁵⁾ ĠU C 334, 19.9.2018, p. 60.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 76, 28.2.2018, p. 112.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 443, 22.12.2017, p. 722.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- B. billi d-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti (id-Direttiva 2001/95/KE, DSĠP) ġiet adottata fl-2001 u billi d-drawwiet tax-xiri tal-konsumaturi nbidlu minħabba li kiber il-bejgħ tal-kummerċ elettroniku; billi tentattiv preċedenti ta' riforma tad-DSĠP ippreżentata mill-Kummissjoni fl-2013 ma rnexxiex;
- C. billi huwa inaċċettabbli li l-konsumaturi tal-UE jiġu esposti għal prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-UE jew li jkunu illegali b'xi mod ieħor, bi kwistjonijiet li jvarjaw mill-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi fi prodotti għal software mhux sikur u perikli oħra għas-sikurezza; billi hemm bżonn ta' qafas leġiżlattiv orizzontali biex jaġixxi bħala xibka ta' sigurtà u biex itejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-konsumaturi;
- D. billi l-kummerċ tal-prodotti fis-suq uniku huwa marbut mad-dinamika tal-kummerċ globali tal-prodotti u l-effiċjenza tal-ktajjen ta' provvista; billi huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat li l-fruntieri esterni tal-UE jkunu mgħammra aktar b'għodod aktar effettivi u armonizzati biex jidentifikaw prodotti mhux sikuri li ġejjin minn pajjiżi terzi u jipprevjenu ċ-ċirkolazzjoni tagħhom fis-suq uniku, b'hekk jibbenefikaw in-negozji li jirrispettaw ir-regoli u jiġu protetti b'mod xieraq u effettiv id-drittijiet tal-konsumatur;
- E. billi għandu jitqies kif xieraq il-prinċipju ta' prekawzjoni mill-awtoritajiet kompetenti meta jieħdu miżuri biex jiżguraw is-sikurezza tal-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward ta' prodotti li għandhom teknoloġiji diġitali ġodda inkorporati fihom u li jistgħu jkunu perikolużi;
- F. billi t-teknoloġiji emerġenti jitransformaw il-karatteristiċi tal-prodotti u jeħtieġ li jiġu indirizzati sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-konsumatur u ċ-ċertezza tad-dritt mingħajr ma tiġi mxejjla l-innovazzjoni; billi r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà u r-responsabbiltà tal-intelliġenza artifiċjali (IA), tal-internet tal-oġġetti (IoT) u tar-robotika jwitti t-triq biex dan jinkiseb;
- G. billi l-għadd ta' prodotti perikolużi nnotifikati permezz tas-Sistema Ewropea ta' Sikurezza (RAPEX) kif ukoll il-bejgħ ta' prodotti perikolużi u mhux konformi għadu għoli ħafna, u billi l-konformità mal-qafas regolatorju tal-UE, b'mod partikolari mar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti, anke matul il-proċess tal-manifattura, tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-prodotti;
- H. billi s-sigurtà tal-prodott sa mit-tfassil u b'mod prestabbilit hija fundamentali għaliex is-sigurtà matul il-fażi tat-tfassil tista' ttejjeb is-sigurtà tal-prodotti fis-suq;
- I. billi s-sistema tas-sorveljanza tas-suq tal-UE tiffoka l-aktar fuq l-operaturi ekonomiċi preżenti fis-suq uniku, u billi l-iżviluppi fil-kummerċ elettroniku jirriżultaw f'għadd kbir ta' prodotti minn pajjiżi terzi li jitqiegħdu direttament fis-suq; billi ħafna minn dawn il-prodotti, madankollu, ma jirrispettawx ir-rekwiżiti tas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea u għalhekk jirriskjaw li jagħmlu ħsara lill-konsumaturi, li spiss ma jkunux konxji ta' perikli bħal dawn;
- J. billi l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur m'għandux jiddependi fuq jekk konsumatur jixtrix online jew f'ħanut fiżiku u billi l-inizjattivi volontarji introdotti minn xi pjattaformi diġitali u swieq online għandhom jiġu promossi aktar; billi għad hemm bżonn ta' azzjonijiet oħra biex il-konsumaturi jiġu protetti b'mod suffiċjenti, peress li ħafna prodotti mibjugħa fis-swieq online ma jikkonformawx mar-regoli tas-sigurtà tal-UE, u billi għalhekk hemm bżonn ta' qafas regolatorju aktar estensiv biex jiġu żgurati r-responsabbiltà u l-obbligi tal-pjattaforma;
- K. billi t-traċċabbiltà tal-prodotti tul il-katina tal-provvista hija essenzjali għat-titjib tas-sigurtà u għall-protezzjoni tal-konsumaturi;
- L. billi fl-UE kienu ġew irrapportati għadd kbir ta' prodotti ffalsifikati bħala perikolużi u kienu jirrappreżentaw riskju serju għas-saħħa u għas-sigurtà tal-konsumaturi;
1. Jenfasizza li l-kriżi tal-COVID-19 uriet li għall-protezzjoni tal-persuni fl-UE huwa fundamentali li s-sigurtà tal-prodotti kollha meħtieġa biex tiġi indirizzata din l-emerġenza kif ukoll il-kriżijiet kollha li jistgħu jgħolqu periklu fl-UE fil-futur tkun fl-ogħla grad, speċjalment għal tagħmir mediku u protettiv mibjugħ online u offline u prodotti minn barra l-UE; jenfasizza għal dan il-għan, il-ħtieġa li l-pjattaformi online u s-swieq online jieħdu miżuri proattivi sabiex jindirizzaw Prattiki qarrieqa u diżinformazzjoni rigward prodotti mibjugħa online; jistieden lill-Kummissjoni tixħet attenzjoni partikolari fuq is-sigurtà tal-apparati mediċi meta tixtri provvisti ta' tagħmir għal kriżijiet; jinnotta li l-prodotti bbażati fuq

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

l-IA, l-IoT jew ir-robotika jistgħu joffru soluzzjonijiet li jgħinu biex jiġu miġġielda l-kriżijiet attwali u futuri li jistgħu jimminaw il-pożizzjoni strateġika tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-azzjonijiet ikkoordinati tagħhom fil-qafas dwar is-sigurtà tal-prodotti u n-networks rilevanti tiegħu;

Is-sigurtà tal-prodotti kollha

2. Jilqa' r-Regolament (UE) 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq iżda jenfasizza li, bl-eċċezzjoni tal-kontrolli dwar il-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, ir-regolament japplika biss għall-prodotti soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, filwaqt li madwar terz tal-prodotti kollha li jiċċirkolaw fl-UE mhumiex prodotti armonizzati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taġġorna u tistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tas-suq, kemm prodotti armonizzati kif ukoll dawk mhux armonizzati, li jitqiegħdu fis-suq offline u online u tagħmilhom xierqa għall-iskop tagħhom fl-era diġitali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni u titjeb is-sigurtà tal-prodotti;

3. Jirrimarka l-ħtieġa li r-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti jiġu adattati għar-realtajiet ġodda tas-suq u għat-tranżizzjoni diġitali sabiex jiġu indirizzati r-riskji u t-tħeddiet emerġenti għas-sigurtà tal-konsumaturi, filwaqt li jiġi indirizzat it-tħassib tas-sigurtà relatat tal-konsumaturi u l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni tindirizza l-isfidi tat-teknoloġiji emerġenti bħall-IA, l-IoT, ir-robotika, l-istampar 3D u oħrajn fir-reviżjoni tagħha tal-DSĠP, u tidentifika u tagħlaq lakuni fil-leġiżlazzjoni eżistenti, bħad-Direttiva dwar il-Makkinarju u d-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tiżgura approċċ konsistenti lejn is-sigurtà tal-prodotti fil-leġiżlazzjoni settorjali kollha, bħad-Direttiva dwar il-Ġugarelli u leġiżlazzjoni oħra speċifika għall-prodott, sabiex jinkiseb l-ogħla livell ta' sigurtà tal-konsumatur filwaqt li jitneħħew l-ostakli potenzjali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji fixkiela;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi mill-ġdid it-termini "prodott" u "prodott sigur" bħala parti mir-reviżjoni tagħha tal-DSĠP f'koordinazzjoni mar-reviżjoni possibbli ta' atti leġiżlattivi oħra bħad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti, biex b'hekk dan jirrifletti l-kompleksità tat-teknoloġiji emerġenti, inklużi prodotti bl-IA, l-IoT u r-robotika inkorporati fihom u software awtonomu u software jew aġġornamenti li jinvolvu modifika sostanzjali fil-prodott li *de facto* twassal għal prodott ġdid; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti prijorità lid-drittijiet tal-konsumatur u liċ-ċertezza tad-dritt għall-konsumaturi meta ssir ir-reviżjoni tal-DSĠP;

5. Jinsab konvint li l-IA u teknoloġiji emerġenti oħra inkorporati fil-prodotti jistgħu jimmodifikaw l-iskop tal-prodotti, u jkollhom impatt fuq is-sigurtà tagħhom wara li jkunu tqiegħdu fis-suq, b'mod partikolari b'riżultat tal-aġġornamenti tas-software jew fil-każ ta' teknoloġija ta' awtotagħlim; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis jekk "it-tqegħid fis-suq" bħala l-mument deċiżiv għall-operatur ekonomiku biex jiggarantixxi s-sigurtà tal-prodott huwiex approċċ li għadu xieraq għall-iskop tiegħu u jispjega li l-konformità kontinwa tal-prodott bil-leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sigurtà tal-prodott, anke wara l-installazzjoni ta' software, tista' tkun aktar xierqa għall-iskop fl-era diġitali;

6. Jaqbel li s-sistemi tal-IA għandhom ikunu sikuri sabiex ikunu affidabbli, kif deskritt mill-HLEG fil-Linji Gwida tiegħu dwar l-Etika għal IA Affidabbli, jitlob lill-Kummissjoni tqis bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-HLEG u jaqbel li l-konsumaturi għandhom jiġu infurmati dwar is-sikurezza u s-sigurtà tal-IA u l-prodotti li fihom hija inkorporata; jinsab konvint li approċċ mifrux mal-UE kollha fir-rigward tal-IA huwa kruċjali għall-iżvilupp ta' din it-teknoloġija fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' definizzjoni komuni, li għandha tiġi riveduta perijodikament sabiex tiġi adattata għal żviluppi teknoloġiċi ġodda, u għal rekwiżiti relatati mas-sigurtà għall-IA sabiex tiġi evitata frammentazzjoni ulterjuri tas-suq uniku li tirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali differenti; jissottolinja li l-UE teħtieġ tiegħu azzjoni biex toħloq qafas għall-investiment, l-infrastruttura tad-data, ir-riċerka u normi etiċi komuni li jsaħħu l-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji, jiżguraw forma aktar effettiva u aktar ġusta ta' protezzjoni tal-konsumatur, joħlqu ċertezza legali, itejbu l-kompetittività ekonomika tal-UE u jinċentivaw it-twaqqif u l-iżvilupp ta' negozji ġodda u negozji li jwettqu u jużaw ir-riċerka fl-IA; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tivvaluta kif it-teknoloġija tal-IA u l-blockchain jistgħu jintużaw biex itejbu s-sigurtà tal-prodotti permezz, pereżempju, tal-iżvilupp ta' bażijiet ta' data interoperabbli dwar inċidenti kkawżati minn prodotti mhux sikuri li jiċċirkolaw fis-suq uniku;

7. Jikkunsidra li s-sistemi tal-IA, kemm jekk awtonomi kif ukoll jekk inkorporati fi prodott, joffru ħafna opportunitajiet u li dawn għandhom jużaw settijiet ta' data ta' kwalità għolja u imparzjali, sabiex ikunu affidabbli u jippromwovu l-protezzjoni tal-konsumatur; jilqa', għalhekk, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-bini tal-fiduċja fl-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem, li tqis is-seba' rekwiżiti ewlenin stabbiliti fil-linji gwida tal-HLEG; jenfasizza li dawn il-linji gwida għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fuq livell internazzjonali; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha teżamina l-istandards eżistenti tal-IA u tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tivvaluta liema standards ġodda huma meħtieġa, li għalihom għandha twestaq valutazzjoni perijodika tal-qafas regolatorju tal-UE relatat mal-IA sabiex tiżgura s-sigurtà tal-prodotti u l-protezzjoni tal-konsumatur u tad-data, u li għandha tintervjeni f'oqsma fejn ikun meħtieġ li tiġi promossa ċ-ċertezza tad-dritt u tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tar-regoli fi ħdan l-UE;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

Konformità mar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti

8. Jenfasizza li qafas ta' valutazzjoni armonizzat ibbażat fuq ir-riskju mfassal skont kriterji ċari u trasparenti mhux biss se jkun effiċjenti mil-lat amministrattiv, b'mod partikolari għall-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju (SMEs), għaliex se jevita piżijiet sproporzjonati, iżda wkoll f'termini ta' titjib tas-sigurtà tal-konsumatur; ihegġegħ lill-Kummissjoni, għalhekk, tkompli tarmonizza l-metodoloġija u, flimkien mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, tivvaluta bir-reqqa l-fattibbiltà ta' skemi ta' valutazzjoni bbażati fuq ir-riskju, tadatta l-applikazzjoni tagħhom għal prodotti b'livell għoli ta' riskju, u mekkaniżmi ta' valutazzjoni tal-konformità, fejn dawn għadhom ma jeżistux, biex tiżgura s-sikurezza u s-sigurtà mid-disinn jew l-inadempjenza ta' prodotti b'teknoloġiji emerġenti inkorporati; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti u jinnota li jista' jkun hemm asimetrija sinifikanti bejn l-iżvilupp ta' prodotti b'teknoloġiji emerġenti inkorporati u l-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi li jivvalutawhom; jenfasizza, għalhekk, li l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw –bl-appoġġ tal-Kummissjoni –l-istrateġiji tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju għall-IA fil-kuntest tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom tas-sorveljanza tas-suq biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi kollha;

9. Huwa tal-fehma li l-lakuni attwali fil-qafas legali eżistenti jaffettwaw b'mod negattiv id-drittijiet tal-konsumaturi tal-UE u l-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi; ihegġegħ lill-Kummissjoni tqis ukoll il-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" meta tivvaluta l-impatt tal-leġiżlazzjoni futura, li għandu jqis kif xieraq il-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-SMEs biex jitnaqqas il-piż li dawn il-miżuri jistgħu jgħolqu u biex jiġi żgurat ambjent stabbli, prevedibbli u regolat kif xieraq li fiha l-SMEs ikunu jistgħu jmessu n-negozji tagħhom;

10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tikkunsidra punti ta' riferiment tal-UE għal "sandboxes regolatorji", mingħajr ma jiġi abbandunat il-prinċipju ta' prekawżjoni, peress li dawn jistgħu jtejbju s-sigurtà tal-prodotti billi jagħtu kontribut espert dwar kif tiġi vvalutata l-konformità ta' prodott mal-leġiżlazzjoni applikabbli b'mod modern; jinnota li l-ħolqien ta' ambjent uniku għall-ittestjar u t-titjib ta' teknoloġiji bħall-IA se jgħin lin-negozji tal-UE jgħlbu l-frammentazzjoni tas-suq uniku u jisfruttaw b'mod effettiv it-tkabbir potenzjali madwar l-UE; jrrikonoxxi r-rwol sinifikanti li ċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali jista' jkollhom meta jagħxu simultanjament bħala intermedjarji bejn ir-regolaturi u l-kumpaniji filwaqt li jassistu n-negozji ġodda u l-SMEs jadattaw għal leġiżlazzjoni ġdida u jiffaċilitaw id-dħul fis-suq;

11. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-imġiba awtonoma tal-awtotagħlim tal-IA tul il-ħajja tal-prodotti u jivvalutaw il-fattibbiltà tat-twaqqif ta' mekkaniżmi li jevitaw ir-riskji emerġenti; jitlob li s-sorveljanza umana obbligatorja tkun l-għażla prestabbilita għall-prodotti tal-IA b'riskju għoli u li jiġu żviluppati kontrolli effettivi fuq prodotti tal-IA ta' riskju għoli tul il-katina tal-provvista kollha bi proċeduri affidabbli u imparzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-prodotti u d-dritt tal-konsumaturi li jitolbu komunikazzjoni personali minflok komunikazzjoni ma' sistemi awtomatizzati; jenfasizza li drittijiet tal-konsumatur b'saħħithom jappoġġaw l-iżvilupp ta' prodotti tal-IA sikuri u innovattivi;

12. Ihegġegħ lill-fornituri ta' teknoloġiji emerġenti jintegraw il-mekkaniżmi tas-sikurezza u tas-sigurtà f'dawn it-teknoloġiji, inklużi mekkaniżmi ta' awtotiswija, biex jiġi evitat li jittella' software li potenzjalment jista' jipperikola s-sigurtà tal-konsumaturi, sabiex titqajjem sensibbilizzazzjoni dwar il-problemi relatati mas-sigurtà tal-prodotti tagħhom, u sabiex tiġi żgurata u mtejbja s-sigurtà tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza jekk id-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, l-aġġornabbiltà u l-kapaċità ta' tiswija tal-prodotti jistgħux jinfluwenzaw is-sigurtà tagħhom; jinnota, madankollu, li ħafna operaturi ekonomiċi mhux dejjem jeżerċitaw kontroll effettiv fuq il-prodotti tagħhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom, u li bosta partijiet oħra jistgħu jkunu responsabbli għal diversi komponenti tal-prodott;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw fl-infrastruttura ta' konnettività, inklużi teknoloġiji tal-komunikazzjoni ġodda bħall-5G, li s-sigurtà u l-privatezza jkunu inkorporati sa mit-tfassil u b'mod prestabbilit, sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-prodotti konnessi; jevidenzja li r-riskji derivati minn aġġornamenti tas-software, minn data żbaljata u minn telf ta' konnettività jistgħu jirriżultaw friskji għas-sigurtà u s-saħħa u jhegġegħ lill-Kummissjoni taġġorna l-leġiżlazzjoni attwali sabiex tindirizza dawk ir-riskji;

14. Jinsab konvint li n-nuqqas ta' ċibersigurtà jew ċibersigurtà dgħajfa tal-apparati konnessi u ta' servizzi interkonnessi jistgħu jikkompromettu s-sigurtà tal-prodotti, u li dan jeħtieġ li jiġi indirizzat fir-reviżjoni orizzontali tar-regoli u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti; għalhekk, ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li l-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni tal-DSĠP iqis ukoll l-isfidi ta' ċibersigurtà u xejriet emerġenti billi tiżgura li l-apparati kollha jibqgħu aġġornati mal-istandards tal-web f'industrija li kontinwament tevolve;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

15. Jevidenza l-fatt li l-Att tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà huwa wieħed mill-għodod ewlenin sabiex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE iżda huwa bbażat fuq skema ta' ċertifikazzjoni volontarja biss; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa kemm għal skema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà li tkopri l-prodotti li jinkorporaw teknoloġiji emerġenti bħal prodotti tal-IA, tal-IoT u tar-robotika, f'konformità mal-qafas tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà, filwaqt li dejjem tqis aspetti speċifiċi għas-settur, kif ukoll il-ħtieġa li toħloq skemi ta' ċertifikazzjoni obbligatorja għall-prodotti tal-konsumatur li jistgħu jiġu aġġornati malajr biex jadattaw għar-riskji attwali mingħajr ma tiġi mxejnkla l-innovazzjoni; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa għal leġislazzjoni dwar rekwiżiti obbligatorji taċ-ċibersigurtà u mekkaniżmi xierqa tas-sorveljanza tas-suq;

Sorveljanza tas-suq effettiva

16. Jissottolinja n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani li ħafna awtoritajiet ta'sorveljanza tas-suq fl-UE ffaċċjaw matul dawn l-aħħar ftit snin u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, sal-punt li l-kompetenzi rispettivi tagħhom jippermettulhom, iżidu r-riżorsi u l-għarfien espert tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom, itejbu l-kooperazzjoni bejniethom u jiżviluppaw azzjonijiet konġunti, inkluż fil-livell transfruntier u għas-swieq online, itejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-kontrolli, u jaraw li jkun hemm il-persunal xieraq tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inklużi l-awtoritajiet doganali, sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw il-prodotti mhux sikuri tagħhom, b'mod partikolari, minn pajjiżi terzi, u jipprevjenu ċ-ċirkolazzjoni tagħom fis-suq intern; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza partikolari li jiġi pprovdut tagħmir modern lill-awtoritajiet rilevanti, kif ukoll li jiġi żgurat li jużaw teknoloġiji innovattivi, u jenfasizza li l-aċċess għad-dokumentazzjoni rilevanti, bħad-dokumentazzjoni tas-software u s-settijiet ta' data relatati mas-sigurtà tal-prodotti, huwa essenzjali biex l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom u jivvalutaw il-konformità tal-prodotti mar-regoli ta' sigurtà rilevanti;

17. Jissottolinja l-importanza tal-programm tas-suq uniku, fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 (QFP), fl-appoġġ u t-tisħiħ tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq effettivi fil-kompiti tagħhom fis-suq intern kollu u fl-iżgurar tal-infurzar uniformi tar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti fl-UE kollha, sabiex fis-suq intern ikunu disponibbli biss prodotti sikuri u konformi li joffru livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur; itenni, f'dan ir-rigward, l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iżidu u jipprovdu riżorsi adegwati u linja baġitarja dedikata u jistieden ukoll lill-Istati Membri jallokaw riżorsi suffiċjenti lis-servizzi doganali tagħhom; ihegġegħ lill-partijiet fin-negozjati interistituzzjonali jipprevjenu li jitnaqqsu l-baġits għall-programm tas-suq uniku tal-QFP u l-programmi doganali;

18. Jissottolinja li għalkemm l-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq huma mmirati lejn il-protezzjoni tal-interessi pubbliċi ġenerali, filwaqt li l-prodotti ffalsifikati jirrigwardaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali privata, hemm relazzjoni bejn il-prodotti ffalsifikati u r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi; ihegġegħ lill-Kummissjoni, għalhekk, tikseb stampa aħjar u aktar ċara tal-fenomeni tal-falsifikazzjoni u tar-rwol possibbli li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u s-swieq online jista' jkollhom biex jipproteġu aħjar is-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi tal-UE, inkluż permezz tal-infurzar effettiv tal-leġislazzjoni doganali u l-armonizzazzjoni tal-kontrolli doganali fl-UE kollha; ihegġegħ l-użu ta' teknoloġiji ġodda bħall-IA u l-blockchain mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jiġi żgurat li l-analitika tad-data tkun tista' tintuża biex jitnaqqas ir-riskju, tittejjeb il-konformità mal-leġislazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti u jiġu protetti l-konsumaturi kontra prodotti ffalsifikati;

19. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu rati minimi ta' kampjunar; jitlob lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettqu xiri bil-moħbi speċifiku għas-settur, inkluż fuq swieq tax-xiri online, fuq bażi regolari jew matul il-jiem ta' investigazzjoni bħal dawk imwettqa min-*Network* ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPC); iżid jgħid li għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-aktar kategoriji ta' prodotti notifikati fir-*RAPEX* u li jittieħdu l-miżuri restrittivi xierqa jekk ikun identifikat riskju; jirrakkomanda li dawn il-miżuri jkunu msejsa kif xieraq fuq għodod ta' analitika tad-data; jenfasizza l-importanza li l-Istati Membri jimponu penali effettivi fuq il-kontraventuri;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta malajr atti ta' implimentazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020, u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu, li jistabbilixxu parametri referenzjarji u tekniki għall-kontrolli fuq prodotti armonizzati u mhux armonizzati, u biex tinkludi rekwiżiti minimi fuq il-kontrolli għall-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni biex jiġi żgurat infurzar konsistenti, effettiv u uniformi tad-dritt tal-Unjoni;

21. Jenfasizza li l-prodotti li jinxtraw direttament mill-konsumaturi minn operatori ekonomiċi barra mill-UE għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli effettivi biex jiżguraw il-konformità tagħhom mal-qafas regolatorju tal-UE; jistieden lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq inkluż lill-awtoritajiet doganali jwettqu kontrolli xierqa fuq dawn il-prodotti; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li l-operaturi ekonomiċi mhux tal-UE jintalbu jaħtru operatur ekonomiku fl-UE għal prodotti mhux armonizzati li jipprovdu informazzjoni jew dokumenti relatati mas-sigurtà tal-prodotti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jikkoperaw magħhom biex jiżguraw li tittieħed azzjoni korrettiva biex jiġu rimedjati każijiet ta' nuqqas ta' konformità;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

22. Jitlob lill-Kummissjoni tikkoopera mal-awtoritajiet regolatorji tal-pajjiżi terzi, biex taqşam magħhom informazzjoni relatata mas-sorveljanza tas-suq dwar prodotti perikolużi, u biex tinkludi dispożizzjonijiet relatata mas-sorveljanza tas-suq u l-infurzar fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles kollha, sabiex il-kumpaniji li mhumiex fl-UE li jbiegħu prodotti fis-suq intern ikunu soġġetti għall-istess obbligi ta' sigurtà tal-prodott bħall-kumpaniji tal-UE;

23. Ihegġegħ lill-Kummissjoni żżid, fil-livell tal-UE u internazzjonali, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, tas-sorveljanza tas-suq u dawk doganali u awtoritajiet kompetenti rilevanti oħra sabiex tiggarrantixxi kontrolli armonizzati u uniformi fil-punti kollha tad-dħul tal-Unjoni, biex jista' jsir trasferiment rapidu tal-informazzjoni dwar il-prodotti mhux sikuri, u tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-miżuri ta' infurzar, bħall-kontrolli dwar il-konformità mal-qafas regolatorju u l-penali tal-UE; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-interazzjoni bejn il-bażijiet ta' data pubbliċi tal-UE u nazzjonali dwar il-prodotti illegali; ihegġegħ lill-Kummissjoni, fil-qafas stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/1020, tippermetti l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq, li għandha titħaddem b'mod parallel mas-Sistema ta' Ġestjoni tar-Riskji Doganali, sabiex jiżied il-livell ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

24. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-sigurtà tal-prodotti fil-pjan ta' azzjoni tagħha għad-dwana;

Prodotti siguri fis-swieq online

25. Jenfasizza li l-konsumaturi għandhom jiġu offruti prodotti ugwalment siguri kemm jekk ikunu qed jixtru online kif ukoll jekk jixtru offline u jilqa' l-Wegħda dwar is-Sigurtà tal-Prodotti ⁽¹⁸⁾ għas-swieq online, filwaqt li jenfasizza l-karattru volontarju tagħha, il-parteċipazzjoni limitata tal-operaturi tas-suq u n-nuqqas ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex tkun żgurata valutazzjoni sinifikanti tal-isforzi tal-firmatarji; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi swieq online oħra jingħaqdu mal-inizjattiva u juru informazzjoni ċara lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom u tal-bejjiegħ bl-imnut, u tevalwa r-rwol li s-swieq online jista' jkollhom biex jillimitaw iċ-ċirkolazzjoni ta' prodotti mhux sikuri u tipproponi regoli obbligatorji dwar l-obbligi u r-responsabbiltajiet tas-swieq stabbiliti fl-UE u barra minnha bħala parti mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ir-reviżjoni tad-DSĠP u kwalunkwe leġislazzjoni oħra rilevanti;

26. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni bejn il-pjattaformi tal-UE u dawk ta' pajjiżi terzi f'dak li għandu x'jaqsam mal-konformità mar-regoli tal-UE dwar is-sigurtà tal-prodotti; jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, twettaq riċerka dwar is-sigurtà tal-prodotti minn pajjiżi terzi, tiskrutinizza s-swieq online b'mod aktar attiv u żżid ir-responsabbiltà tagħhom; ihegġegħ lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-Istati Membri, tinforma aħjar lill-konsumaturi dwar il-perikli possibbli ta' prodotti mhux konformi minn pajjiżi terzi mixrija fi swieq online; jistieden lill-Kummissjoni tirrikjedi li s-swieq online japplikaw l-istess regoli għall-entitajiet kollha li joffru prodotti lill-konsumaturi fl-UE, inklużi dawk stabbiliti f'pajjiżi terzi;

27. Jinnota li filwaqt li pjattaformi online, bħal swieq online, kienu ta' benefiċċju kemm għall-bejjiegħa bl-imnut kif ukoll għall-konsumaturi billi tejbu l-għażla u baxxew il-prezzijiet, fl-istess ħin għadd dejjem jikber ta' bejjiegħa – speċjalment minn pajjiżi terzi – qed joffru prodotti mhux sikuri jew illegali fis-suq uniku; ihegġegħ għalhekk lis-swieq online jirreaġixxu malajr kemm jista' jkun għan-notifiki mir-RAPEX u jikkooperaw b'mod effettiv u proattiv mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri billi jirtiraw b'mod immedjat prodotti mhux sikuri u jieħdu miżuri biex ma jħalluhomx jerġgħu jiffaċċaw; jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi obbligi li jirrikjedu li s-swieq online jirreaġixxu b'mod effettiv għal prodotti mhux sikuri, inkluż billi jinfurmaw lill-konsumaturi jekk ikunu xtraw prodott mhux sikur jew inkella mhux konformi; ihegġegħ lis-swieq online, meta jiġu kkuntattjati minn organizzazzjonijiet tal-konsumatur biex joħorġu twissija dwar prodott mhux sikur u biex jikkooperaw magħhom ħalli jivvalutaw ir-riskju potenzjali;

28. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li s-swieq online jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom permezz ta' attivitajiet konġunti bejniethom u mal-awtoritajiet kompetenti, jikkonsultaw lis-sistema RAPEX qabel ma jqiegħdu l-prodotti fuq is-siti web tagħhom, immedjatament ineħħu prodotti identifikati bħala mhux sikuri minn RAPEX, jiskambjaw informazzjoni dwar il-bejjiegħa li jiksru r-regoli, jieħdu miżuri effettivi u dissważivi kontrihom u l-katina tal-provvista tagħhom, jistabbilixxu sistema ta' awtentikazzjoni robusta tal-utenti kummerċjali, u jiżviluppaw wkoll għodda faċilment aċċessibbli fl-UE kollha għall-konsumaturi biex jirrapportaw prodotti mhux sikuri;

⁽¹⁸⁾ Il-Wegħda dwar is-Sigurtà tal-Prodotti hija impenn volontarju li sar f'Ġunju 2018 mis-swieq online fir-rigward tas-sigurtà ta' prodotti mhux tal-ikel tal-konsumatur mibjugħa online minn bejjiegħa ta' partijiet terzi.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

29. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tivvaluta kif is-swieq online jistgħu jtejbju l-interkonnnessjoni tagħhom mas-sistema RAPEX, dment li din tal-aħħar tkun modernizzata u ssir kompatibbli, pereżempju permezz ta' interfaċċa għall-programmi tal-applikazzjonijiet, sabiex jirċievu twissijiet li prodott ikun ġie notifikat lis-sistema biex jiġi żgurat li l-prodotti offruti għall-bejgħ ikunu sikuri, u jhegġegħ lill-Kummissjoni tirrikjedi li s-swieq online jintroduċu link għal RAPEX fuq is-siti web tagħhom biex iqajmu sensibilizzazzjoni dwar din il-pjattaforma;

30. Jitlob lill-Kummissjoni tevalwa r-rekwiżit li l-pjattaformi online jistabbilixxu salvagwardji effettivi u xierqa biex jindirizzaw id-dehra ta' reklami għal prodotti mhux sikuri li ma jkunux konformi mal-qafas regolatorju tal-UE inklużi r-reklami jew il-garanziji qarrieqa u d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-fornituri jew mill-klijenti, u biex takkumpanja din l-evalwazzjoni b'valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt ta' tali dispożizzjonijiet, inkluża analiżi tal-kosteffiċjenza bbażata fuq il-proporzjonalità għall-pjattaformi online;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tinnegozja ftehim ambizzjuż dwar il-kummerċ elettroniku mad-WTO sabiex jittejjeb ir-rispett għar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti fil-livell tal-UE u internazzjonali;

Programm tal-istandards tal-Kummissjoni għall-2020 u traċċabbiltà

32. Jilqa' l-fatt li l-programm tal-UE għall-Istandardizzazzjoni għall-2020 jindirizza l-isfidi li jirriżultaw fis-suq uniku diġitali, bħall-IA, l-IoT, il-protezzjoni tad-data, inklużi d-data dwar is-saħħa, iċ-ċibersigurtà u l-mobbiltà awtomatizzata; jitlob lill-Kummissjoni tagħti mandat lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni biex jappoġġaw il-proċess tat-fassil tal-istandards armonizzati, inkluż għas-setturi tradizzjonali li qabel ma kinux jużaw l-IT, sabiex jiġi żgurat l-użu sikur ta' teknoloġiji diġitali ġodda u interoperabbli fuq bażi uniformi madwar l-UE; jissottolinja li għandhom jiġu żviluppati standards, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' prodotti bħat-tagħmir protettiv personali, sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' sigurtà għall-irġiel u n-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u tan-negozji, fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni;

33. Jenfasizza li t-traċċabbiltà effettiva u effiċjenti tul il-katina tal-provvista hija essenzjali biex jittejbju s-sigurtà u l-kwalità tal-prodotti, f'konformità mal-qafas regolatorju tal-UE u l-protezzjoni tal-konsumaturi tal-UE, peress li informazzjoni ċara u affidabbli dwar il-prodotti tipprevjeni l-inċertezza għall-konsumaturi, inklużi l-persuni b'diżabbiltà, tagħtihom is-setgħa biex jagħmlu għażliet infurmati abbażi ta' informazzjoni rilevanti u tippermetti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettku l-attivitajiet tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni taġġorna r-regoli għar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà ta' prodotti mhux armonizzati kif xieraq;

34. Jitlob lill-Kummissjoni tevalwa kif it-teknoloġija tar-reġistru distribwit bħall-blockchain tista' ssaħħaħ is-sigurtà tal-prodotti billi ttejjeb it-traċċabbiltà tal-prodotti fil-katina tal-provvista, inkluż permezz tal-istandardizzazzjoni tagħhom; jispjega li l-iżvilupp ta' informazzjoni elettronika affidabbli u verifikabbli jagħmel il-kontrolli mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq aktar sempliċi u aktar effettivi;

Sejħiet lura

35. Jinnota li l-konsumaturi ma jirrispondux tajjeb għas-sejħiet lura, u li l-prodotti mhux sikuri jibqgħu jintużaw minkejja li jkunu ġew imsejħa lura; jitlob lill-Kummissjoni tippubblika linji gwida b'lingwaġġ sempliċi dwar il-proċeduri tas-sejħiet lura, inkluża lista ta' kontroll b'rekwiżiti konkreti, u tipprovdi informazzjoni ċara dwar il-parametri referenzjarji użati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, sabiex jiżdied l-għadd ta' konsumaturi mil-huqa, filwaqt li tqis li l-SMEs u b'mod partikolari l-mikrointrapriżi jafu jkunu jeħtieġu għajjnuna addizzjonali sabiex jikkonformaw mal-linji gwida;

36. Jitlob lill-bejjieġha bl-imnut, lis-swieq online u lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi biex jiżvolġu rwol akbar fis-sejħiet lura ta' prodotti mhux sikuri mixtrija online jew offline billi jipprovdu informazzjoni adegwata u affidabbli lill-konsumaturi, u jistieden lill-bejjieġha bl-imnut u lis-swieq online jiżguraw li l-prodotti jiġu rtirati malajr mis-swieq u l-ixkafes online u jissejħu lura mingħand il-konsumaturi; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikjedu li s-swieq online jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw li jkunu jistgħu jaslu għand l-utenti, ix-xerrejja u l-bejjieġha tagħhom, kemm jekk ikunu individwi kif ukoll jekk ikunu negozji, sabiex jinfurmawhom malajr kemm jista' jkun meta s-sejħiet lura jkunu meħtieġa; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta kif teknoloġiji u algoritmi ġodda jistgħu jagħmlu dan il-proċess aktar effettiv u tiżgura li jintlaħaq għadd akbar ta' konsumaturi affettwati;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

37. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbju l-iskambju transfruntier tal-aħjar prattiki dwar is-sejħiet lura, u jqisu żieda fir-rati tar-reġistrazzjoni tal-prodotti biex b'hekk il-konsumaturi milquta jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod aktar faċli u informati b'mod attiv, anke għal xiri transfruntier, u biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jużaw data, bħal skemi ta' lealtà, biex jilhq lill-konsumaturi mingħajr ma jiksru r-regoli tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data; jistieden lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar il-proċeduri ta' sejħiet lura billi jelenkaw prodotti identifikati bħala mhux sikuri fir-RAPEX fuq is-siti web tagħhom;

38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu rapport ta' feedback sempliċi u armonizzat dwar is-sejħiet lura mill-operaturi ekonomiċi li għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex tiġi vvalutata l-effettività tas-sejħa lura;

o

o o

39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0320

Tisħiħ tal-Libertà tal-Media: il-Protezzjoni tal-Ġurnalisti fl-Ewropa, id-Diskors ta' Mibegħda, id-Diżinformazzjoni u r-Rwol tal-Pjattaformi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar it-tisħiħ tal-libertà tal-media: il-protezzjoni tal-ġurnalisti fl-Ewropa, id-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni u r-rwol tal-pjattaformi (2020/2009(INI))

(2021/C 425/05)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB),
- wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni u l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u r-rapporti tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni, b'mod partikolari dak tat-23 ta' April 2020 dwar il-pandemija ta' mard u l-libertà ta' opinjoni u espressjoni,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-3 ta' Marzu 2017 maħruġa mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni, ir-Rapporteur għal-Libertà tal-Media tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), ir-Rapporteur Speċjali għal-Libertà ta' Espressjoni tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) u r-Rapporteur Speċjali għal-Libertà ta' Espressjoni u l-Aċċess għall-Informazzjoni tal-Kummissjoni Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli (ACHPR), bit-titolu "Il-Libertà ta' Espressjoni u l-Aħbarijiet Foloż, id-Diżinformazzjoni u l-Propaganda",
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tan-NU dwar is-Sikurezza tal-Ġurnalisti u l-Kwistjoni tal-Impunità,
- wara li kkunsidra l-Kumment Ġenerali Nru 34 tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar l-Artikolu 19 tal-ICCPR (il-libertajiet tal-opinjoni u tal-espressjoni),
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-impenji stabbiliti fiha, fost l-oħrajn il-promozzjoni ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi għall-iżvilupp sostenibbli, fosthom billi jiġi żgurat aċċess pubbliku għall-informazzjoni u billi jiġu protetti l-libertajiet fundamentali,
- wara li kkunsidra l-ħidma mwettqa mill-Kunsill tal-Ewropa biex jiġu promossi l-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti, inkluża r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2018)1 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-pluraliżmu tal-media u t-trasparenza tas-sjieda tal-media u d-dikjarazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar is-sostenibbiltà finanzjarja tal-ġurnaliżmu ta' kwalità fl-era diġitali, ir-rakkomandazzjoni CM/Rec(2016)4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri dwar il-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti u tal-atturi tas-settur tal-media l-oħrajn, u r-rapport annwali tiegħu tal-2020 bit-titolu "Hands off press freedom: Attacks on media in Europe must not become a new normal",
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2300 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (APKE) tal-1 ta' Ottubru 2019 dwar it-titjib tal-protezzjoni tal-informaturi madwar l-Ewropa kollha,

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-10 ta' Ġunju 2020 intitolata "Nindirizzaw id-diżinformazzjoni dwar il-COVID-19 – X'inhuma l-fatti" (JOIN(2020)0008),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Jannar 2020 li fiha l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020 (COM(2020)0027),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2019 bit-titolu "It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni: Pjan ta' azzjoni" (COM(2019)0343),
- wara li kkunsidra l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 tal-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2018 bit-titolu "L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: Approċċ Ewropew" (COM(2018)0236),
- wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Prattika tal-Kummissjoni biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni online, miftiehma fis-26 ta' Settembru 2018,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2018 dwar miżuri biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-kontenut illegali online (C(2018)1177),
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni kontra d-Diżinformazzjoni, tal-5 ta' Diċembru 2018,
- wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kummissjoni għall-Ġlieda Kontra d-Diskors ta' Mibegħda Illegali Online, li tnieda f'Mejju 2016 u r-raba' sessjoni ta' evalwazzjoni tiegħu, li rriżultat fid-dokument "Factsheet – 4th monitoring round of the Code of Conduct" (Skeda Informattiva – ir-raba' sessjoni ta' monitoraġġ tal-Kodiċi ta' Kondotta),
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva jew AVMSD)⁽²⁾ u d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-2020 tal-Grupp ta' Regolatorji Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva bit-titolu "Disinformation:: Assessment of the implementation of the Code of Practice",
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar it-tisħiħ tal-kontenut Ewropew fl-ekonomija diġitali, li jirrikonoxxu r-rilevanza tal-kontenut iġġenerat mill-media "kif ukoll minn setturi kulturali u kreattivi oħra", bħala "pilastri essenzjali tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-Ewropa".
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forum u espressjonijiet ta' razzizzmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline, adottati fit-12 ta' Mejju 2014, li jirrikonoxxu l-libertà artistika bħala komponent inerenti tal-libertà ta' espressjoni flimkien mal-libertà tal-media,

⁽¹⁾ ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69.

⁽⁴⁾ ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra l-aġġornament tar-Rapport Speċjali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tal-24 ta' April 2020 bit-titolu "Short Assessment of Narratives and Disinformation around the COVID-19/Coronavirus Pandemic" (Valutazzjoni Qasira tan-Narrattivi u d-Diżinformazzjoni dwar il-Pandemija tal-COVID-19/Coronavirus),
- wara li kkunsidra l-ħidma mwettqa mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA),
- wara li kkunsidra s-sejbiet tal-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa, ippubblikati minn Reporters Mingħajr Fruntieri, u dawk tal-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media taċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Media tal-Istitut Universitarju Ewropew,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar id-diskriminazzjoni pubblika u d-diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, inklużi żoni mingħajr LGBTI ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar l-istat tad-dritt f'Malta wara r-rivelazzjonijiet reċenti rigward il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-miżuri l-oħra biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-indhila elettorali barrani u d-diżinformazzjoni fil-proċessi demokratiċi nazzjonali u Ewropej ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Settembru 2019 dwar l-importanza tat-tifkira tal-istorja Ewropea għall-ġejjieni tal-Ewropa ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2019 dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE, b'mod speċifiku f'Malta u fis-Slovakkja ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2019 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2017 ⁽¹³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-settur tal-midja fl-UE ⁽¹⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2018 dwar miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-fastidju morali u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol, fi spazji pubbliċi, u fil-ħajja politika fl-UE ⁽¹⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv tal-UE għall-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ⁽¹⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-użu tad-data tal-utenti ta' Facebook minn Cambridge Analytica u l-impatt fuq il-protezzjoni tad-data ⁽¹⁷⁾,

⁽⁵⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0054.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0014.

⁽⁷⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0101.

⁽⁸⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0103.

⁽⁹⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0080.

⁽¹⁰⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0031.

⁽¹¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0021.

⁽¹²⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0328.

⁽¹³⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0032.

⁽¹⁴⁾ ĠU C 390, 18.11.2019, p. 19.

⁽¹⁵⁾ ĠU C 433, 23.12.2019, p. 31.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 238, 6.7.2018, p. 57.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 324, 27.9.2019, p. 392.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2018 dwar il-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁸⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti investigattivi fl-Ewropa: il-każ tal-ġurnalist Slovakk Ján Kuciak u Martina Kušnírová ⁽¹⁹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2017: Insaħħu d-Drittijiet taċ-Ċittadini f'Unjoni ta' Tibdil Demokratiku ⁽²⁰⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità ⁽²¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-pjattaformi online u s-suq uniku diġitali ⁽²²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2017 dwar l-implikazzjonijiet tal-Big Data fuq id-drittijiet fundamentali: il-privatezza, il-protezzjoni tad-data, in-nondiskriminazzjoni, is-sigurtà u l-infurzar tal-liġi ⁽²³⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2017 dwar l-istat tad-dritt f'Malta ⁽²⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ⁽²⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu ⁽²⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-istudju tat-28 ta' Frar 2019 tad-Dipartiment Tematiku tal-Parlament għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali bit-titolu "Disinformation and propaganda – impact on the functioning of the rule of law in the EU and its Member States" (Id-diżinformazzjoni u l-propaganda – impatt fuq il-funzjonament tal-istat tad-dritt fl-UE u fl-Istati Membri tagħha),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0205/2020),
- A. billi s-sikurezza tal-ġurnalisti u l-libertà, il-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media huma komponenti kruċjali tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni, u huma essenzjali għall-funzjonament demokratiku tal-UE u l-Istati Membri tagħha; billi l-kompiti demokratiċi ewlenin tal-media jinkludu t-tisħiħ tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont demokratiku; billi l-media għandha rwol essenzjali fis-soċjetà demokratika, peress li taġixxi bħala entità ta' kontroll pubbliku, filwaqt li tgħin biex tinforma u tagħti s-setgħa liċ-ċittadini, billi twessa' l-fehim tagħhom tax-xenarju politiku u soċjali attwali u trawwem il-parteciċipazzjoni konxja tagħhom fil-ħajja demokratika;
- B. billi l-kriżi enfasizzat ir-rwol essenzjali li għandhom il-ġurnalisti biex jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni affidabbli u vverifikata; billi jrid isir aktar sforz sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u xierqa għall-ġurnalisti; billi l-ġurnaliżmu investigattiv għandu jingħata kunsiderazzjoni partikolari fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-amministrazzjoni ħażina fl-UE;

⁽¹⁸⁾ ĠU C 41, 6.2.2020, p. 64.⁽¹⁹⁾ ĠU C 390, 18.11.2019, p. 111.⁽²⁰⁾ ĠU C 369, 11.10.2018, p. 11.⁽²¹⁾ ĠU C 346, 27.9.2018, p. 29.⁽²²⁾ ĠU C 331, 18.9.2018, p. 135.⁽²³⁾ ĠU C 263, 25.7.2018, p. 82.⁽²⁴⁾ ĠU C 356, 4.10.2018, p. 5.⁽²⁵⁾ ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.⁽²⁶⁾ ĠU C 208, 10.6.2016, p. 89.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- C. billi xi Stati Membri jillimitaw il-libertà tal-media bl-użu ta' mezzi ekonomiċi, bħal reklamar pubbliku mgħawweġ fost l-istrumenti tal-media li jibiddel il-kompetizzjoni, u jikkontrollaw il-media pubblika b'mod dirett sabiex jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet editorjali u jiżguraw il-lealtà favur il-gvern; billi l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jadottaw qafas legali u regolatorju li jrawwem l-iżvilupp ta' media ħielsa, indipendenti u pluralistika;
- D. billi l-Istati Membri kollha jeħtiġilhom jaderixxu mal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE;
- E. billi l-ħtif tal-media, in-nuqqas ta' trasparenza istituzzjonali, id-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni qed jiġu sfruttati dejjem aktar għal finijiet politiċi bħala għodod biex tiġi intensifikata l-polarizzazzjoni soċjali; billi l-ġlieda kontra dawn il-fenomeni mhijiex biss rilevanti għall-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, iżda hija wkoll fattur fundamentali f'termini tad-difiża tal-istat tad-dritt u d-demokrazija fl-UE;
- F. billi skont l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2020, il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat u amplifikat bosta kriżijiet oħra li jheddu d-dritt għal informazzjoni rrapportata b'mod liberu, indipendenti, divers u affidabbli; billi l-indiċi kixef differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri individwali, li xi wħud minnhom huma fost l-ogħla fil-klassifika dinjija, filwaqt li oħrajn joqorbu lejn l-aktar livell baxx, u dan ifisser distakk ta' aktar minn 100 post bejn l-Istati Membri bl-aħjar prestazzjoni u dawk bl-aħgar prestazzjoni; billi diversi Stati Membri niżlu 'l isfel fil-klassifika internazzjonali tal-libertà tal-istampa;
- G. billi l-libertà tal-media bdiet sejra lura f'dawn l-aħħar snin u filwaqt li t-tifqigħa tal-COVID-19 kompliet taggrava dan id-deterjorament, serviet ukoll biex ħarġet fid-dieher l-importanza tal-media u d-dritt ta' aċċess għal informazzjoni affidabbli;
- H. billi skont ir-Rapport dwar l-Aħbarijiet Diġitali tal-Istitut Reuters tal-2019, il-livell medju ta' fiduċja fl-aħbarijiet b'mod ġenerali (fuq livell dinji) naqas b'2 punti perċentwali għal 42 % meta mqabbel mal-2018, u inqas min-nofs (49 %) tal-parteċipanti tal-istħarriġ qalu li jafdaw lill-media tal-aħbarijiet li jużaw huma stess; billi l-fiduċja fl-aħbarijiet misjuba permezz tat-tiftix (33 %) u tal-media soċjali tibqa' stabbli iżda estremament baxxa (23 %);
- I. billi t-trasparenza tas-sjieda tal-media hija prekundizzjoni assoluta biex jiġu żgurati l-pluraliżmu tal-media u l-ġurnaliżmu indipendenti;
- J. billi l-ġurnalisti u atturi oħra tal-media jibqgħu jiffaċċjaw vjolenza, theddid, fastidju, pressjoni, (awto)ċensura, għajb pubbliku u saħansitra qtil fl-UE b'riżultat tat-twettiq ta' xogħolhom biex jipproteġu l-interess pubbliku; billi s-snin reċenti wrew xejra dejjem tikber ta' intimidazzjoni li timmira li ssikket lill-ġurnalisti u li tirrikjedi azzjoni urġenti biex jitħares ir-rwol essenzjali tal-media indipendenti fl-iżgurar tal-prinċipji tal-istat tad-dritt; billi l-każijiet tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia u ta' Ján Kuciak huma żewġ eżempji traġikament profondi tal-livell sa fejn il-ġurnalisti investigattivi qed ikunu fil-mira ta' attacchi talli jesponu l-korruzzjoni u jipproteġu d-demokrazija u l-istat tad-dritt;
- K. billi t-theddid għal-libertà tal-media jinkludi fastidju u attacchi mmirati lejn il-ġurnalisti, nuqqas ta' kunsiderazzjoni għall-protezzjoni legali tagħhom, u ħakma tal-media u azzjonijiet immotivati politikament fis-settur tal-media;
- L. billi l-ġurnalisti nisa jħabbtu wiċċhom ma' forum ta' vjolenza speċifiċi għall-ġeneru, bħall-fastidju sesswali u online; billi aktar minn 70 % tan-nisa li jaħdmu fil-media esperjenzaw aktar minn tip wieħed ta' fastidju, theddid, jew attakk online; billi 52 % tan-nisa esperjenzaw dawn it-tipi ta' reati fl-aħħar sena biss; billi l-fastidju u l-abbuż online ta' spiss ikollhom ħafna konnotazzjonijiet sesswali, u ma jkunux ibbażati fuq il-kontenut ta' xogħol il-vittmi, iżda fuq il-karatteristiċi fiżiċi, l-isfond kulturali, jew il-ħajja privata tagħhom; billi dan it-theddid iwassal lill-ġurnalisti nisa għal awtoċensura u għandu effett dissważiv fuq il-libertà tal-istampa u l-libertà ta' espressjoni; billi r-riċerka b'mod

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

konsistenti ssib evidenza li n-nisa jinsabu fil-minoranza fis-setturi kollha tal-media, b'mod partikolari fi rwoli kreattivi, u għandhom nuqqas sever ta' rappreżentanza fl-livelli għolja ta' teħid tad-deċiżjonijiet ⁽²⁷⁾;

- M. billi f'diversi Stat Membri, il-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) huma Prattika kontinwa li tintuża biex tbeżża' lill-ġurnalisti biex iwaqqfu l-investigazzjonijiet tagħhom dwar korruzzjoni u kwistjonijiet oħra ta' interess pubbliku;
- N. billi minbarra l-vjolenza, l-intimidazzjoni u l-fastidju tal-ġurnalisti, jeżisti nuqqas ta' prosekuzzjoni tal-atturi ta' dawn ir-reati, u l-impunità għandha effett dissuażiv; billi l-OSKE tirrapporta li l-impunità tipprevali billi, pereżempju, inqas minn 15 % tal-każijiet ta' qtil ta' ġurnalisti fir-reġjun tal-OSKE jissolvew;
- O. billi d-drittijiet tal-ġurnalisti li jirrapportaw u jinvestigaw jeħtieġ li jissaħħu aktar u jitħarsu b'mod effettiv;
- P. billi t-tisħiħ tal-libertà tal-media jirrikjedi informazzjoni kredibbli u dettaljata dwar il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tal-isfidi li jrid jiġu ffaċċati fl-Istati Membri u l-UE kollha kemm hi, inkluż dwar każijiet individwali ta' ksur tal-prinċipji ta' media indipendenti jew tad-drittijiet fundamentali tal-ġurnalisti;
- Q. billi l-libertà artistika hija parti integrali mid-dritt fundamentali tal-libertà ta' espressjoni u hija essenzjali għad-diversità kulturali u s-saħħa demokratika tal-Ewropa; billi l-attakki fuq il-libertà artistika qed jiżdiedu ħafna, iżda għandhom inviżibbli;
- R. billi l-kriżi globali tal-COVID-19 qed ikollha impatt soċjali u ekonomiku devastanti fuq is-settur tal-media; billi l-istrumenti tal-media qed jirrapportaw telf konsiderevoli fl-introjt tagħhom mir-reklamar; billi eluf ta' ħaddiema tal-media tilfu jew qed jissograw li jtilfu l-impjeg tagħhom, jew temporanjament jew b'mod permanenti; billi dan kellu impatt partikolarment qawwi fuq il-ħaddiema tal-media u l-ġurnalisti freelance, li l-għadd tagħhom qed jiżdied fl-UE, u li diġà jikkostitwixxu proporzjon sinifikanti tal-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media kollha fl-Ewropa; billi dan jinvolvi riskju serju li tkompli tiżdied il-konċentrazzjoni tal-informazzjoni fl-idejn ta' ftit nies u li jipprevjeni ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni ħielsa u indipendenti; billi s-sostenibbiltà finanzjarja tal-impjeggi u l-indipendenza finanzjarja huma parti kruċjali mil-libertà tal-istampa;
- S. billi d-dħul mir-reklamar diġitali spiss ikun ta' benefiċċju għal atturi mhux tal-UE u d-dħul tal-media Ewropea qed jonqos drastikament, u dan jipperikola l-futur ta' kumpaniji tal-media tradizzjonali ffinanzjati mir-reklamar, bħall-istazzjonijiet televiżivi kummerċjali, il-gazzetti u r-rivisti;
- T. billi f'xi Stati Membri, l-għajnuna mill-Istat għall-istrumenti tal-media ma ġietx ġestita b'mod trasparenti, u dan ipoġġi l-indipendenza u l-kredibbiltà ta' dawn l-istrumenti tal-media f'sogru serju;
- U. billi l-mudell kummerċjali tal-pjattaformi tal-media soċjali, ibbażat fuq reklamar mikrommirat, għandu rwol fit-tixrid u fl-amplifikazzjoni tad-diskors ta' mibegħda, l-inċitar tad-diskriminazzjoni u l-vjolenza, u t-trawwim tar-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti, inkluż permezz ta' ċirkolazzjoni ta' kontenut illegali; billi l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' intolleranza hija parti integrali mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kif żviluppata mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
- V. billi l-pandemija tal-COVID-19 irriżultat fl-istigmatizzazzjoni, inkluż permezz tal-media, ta' xi suġġetti partikolarment vulnerabbli, li rawmet il-polarizzazzjoni tas-soċjetà Ewropea u l-proliferazzjoni tad-diskors ta' mibegħda;
- W. billi l-fenomeni tal-vjolenza ċibernetika (inkluż id-diskors ta' mibegħda online, l-istalking ċibernetiku u l-fastidju online) qed isir aktar mifruq; billi n-nisa li għandhom rwol pubbliku, fost l-oħrajn il-politiċi, ġurnalisti u attivisti li qed jiġġieldu għad-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet ta' minoranzi sesswali qed isiru mira ewlenija għall-bullying ċibernetiku u l-vjolenza online;

⁽²⁷⁾ International Women's Media Foundation, "Global Report on the Status of Women in the News Media", 2011.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- X. billi l-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva tobbli lill-awtoritajiet f'kull Stat Membru biex jiżguraw li s-servizzi tal-media awdjoviżiva u l-pjattaformi ta' video-sharing jieħdu miżuri biex jipproteġu lill-pubbliku ġenerali minn programmi, videos iġġenerati mill-utenti u komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi li jkun fihom inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda kontra grupp ta' persuni jew membru ta' grupp ibbażata fuq kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropa; billi l-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva tobbli lill-Istati Membri jiżguraw l-indipendenza tar-regolaturi tal-media;
- Y. billi t-tixrid ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni, kif ukoll l-azzjonijiet sproporzjonati biex jindirizzaw dan it-tixrid fuq il-pjattaformi diġitali, joħloq theddida għal-libertà tal-informazzjoni, għad-diskors demokratiku u għall-indipendenza tal-media, u żied il-hteġa għal media tradizzjonali b'livell għoli ta' kwalità; billi l-analiżi tad-data u l-algoritmi qed ikollhom impatt li kulma jmur qed jiżdied fuq l-informazzjoni aċċessibbli għaċ-ċittadini;
- Z. billi ċ-ċirkolazzjoni, fuq skala massiva, ta' aħbarijiet minn sorsi differenti li huma diffiċli biex jiġu vverifikati, flimkien mar-rwol dejjem jikber tal-media soċjali u tal-pjattaformi tal-messaġġi, qed ikollha impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE; billi l-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat l-impatt tad-diżinformazzjoni online, xi drabi b'konsegwenzi serji għas-saħħa pubblika, u għamlet saħansitra aktar ċara l-hteġa li tiġi żgurata informazzjoni ħielsa u indipendenti sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini; billi n-nuqqas ta' strateġija ta' komunikazzjoni kkoordinata fil-livell Ewropew iffavorixxa l-mewġa ta' diżinformazzjoni fir-rigward tal-pandemija, speċjalment fuq il-media soċjali u l-pjattaformi tal-messaġġi;
- AA. billi d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni relatati mal-COVID-19 jistgħu jikkawżaw paniku u diżarmonija soċjali, u jeħtieġ li jiġu indirizzati; billi l-miżuri biex jiġu miġġielda d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni ma jistgħux jintużaw bħala skuża biex jiġu introdotti restrizzjonijiet sproporzjonati fuq il-libertà tal-istampa, jiddgħajjef il-pluraliżmu tal-media u tiġi pperikolata s-sikurezza tal-ġurnalisti; billi r-rapporti jindikaw li fl-Istati Membri tal-UE u fir-reġjuni tal-viċinat kienu qed isiru kampanji kkoordinati li jippromwovu informazzjoni żbaljata dwar is-saħħa u diżinformazzjoni dwar l-UE u s-sħab tagħha; billi l-Kummissjoni indirizzat dan il-fenomeni fil-komunikazzjoni konġunta reċenti tagħha dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni dwar il-COVID-19; billi xi gvernijiet hađu vantaġġ mil-leġiżlazzjoni ta' emerġenza, u filwaqt li wħud mir-restrizzjonijiet se jkunu temporanji, oħrajn huma friskju li jiġu estiżi għal żmien twil wara li tintemm il-kriżi tas-saħħa; billi l-pluraliżmu tas-sorsi ta' informazzjoni, l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza istituzzjonali huma tarka difensiva ewlenija kontra d-diżinformazzjoni;
- AB. billi media tas-servizz pubbliku ġenwinament indipendenti u ffinanzjata b'mod adegwat li topera b'diversi pjattaformi hija essenzjali għal demokrazija li tiffunzjona fl-UE;

Il-libertà tal-media, il-pluraliżmu tal-media u l-protezzjoni tal-ġurnalisti fl-Ewropa

1. Itenni t-tħassib kbir kontinwu tiegħu dwar l-istat tal-libertà tal-media fl-UE fil-kuntest tal-abbużi u l-attakki li għadhom qed jitwettqu fil-konfront tal-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media f'xi Stati Membri minħabba xogħolhom, kif ukoll il-malafama pubblika li qed tikber u d-dgħajfien ġenerali tal-professjoni, li qed iħallu impatt partikolarment kbir fuq il-ġurnaliżmu lokali, investigattiv u transfruntier; jisħaq li, skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tas-7 ta' Marzu 2018 dwar il-pluraliżmu tal-media u t-trasparenza tas-sjeda tal-media, l-Istati Membri għandhom obbligu pożittiv li jrawmu ambjent favorevoli għal-libertà ta' espressjoni, offline u online, li fih kulħadd jista' jeżerċita d-dritt għal-libertà ta' espressjoni, u jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw għalkollox u japprovaw ir-rakkomandazzjoni;
2. Jiddispijaċi ħafna għall-qtil ta' Daphne Caruana Galizia f'Malta u ta' Ján Kuciak u l-għarusa tiegħu Martina Kušnírová fis-Slovakkja minħabba l-ħidma investigattiva tagħhom biex jikxfu l-korruzzjoni u delitti oħra, u jtenni l-importanza ta' investigazzjoni indipendenti biex l-awturi ta' dawn ir-reati u l-imħuħ warajhom jitressqu quddiem il-ġustizzja; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi jikkooperaw għalkollox mal-Europol u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra f'dan ir-rigward;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

3. Jiddeplora l-fatt li l-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media sikwit jaħdmu f'kundizzjonijiet prekarji li jikkompromettu l-kapaċità tagħhom li jaħdmu kif xieraq u b'hekk ifixxlu l-libertà tal-media; jisħaq fuq il-fatt li kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media huma kruċjali biex jitrawwem ġurnaliżmu b'livell għoli ta' kwalità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu miżuri sostenibbli mmirati lejn il-finanzjament u l-appoġġ ta' ġurnaliżmu indipendenti u b'livell għoli ta' kwalità;

4. Ifakkar fir-rwol essenzjali tal-ġurnaliżmu investigattiv fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata billi jiġbor u jgħaqqad l-informazzjoni rilevanti, u b'hekk jesponi n-networks kriminali u l-attivitajiet illeċiti; jenfasizza l-fatt li dawn l-attivitajiet ipoġġuom f'sogru personali akbar;

5. Jissottolinja r-rwol kruċjali li għandhom il-ġurnalisti investigattivi biex iżommu lill-persuni fil-poter responsabbli għal għemilhom u biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom bħala għassiesa għad-demokrazija u l-istat tad-dritt;

6. Itenni bil-qawwa t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tittratta t-tentattivi mill-gvernijiet tal-Istati Membri li għandhom l-għan li jagħmlu ħsara lil-libertà u l-pluraliżmu tal-media bħala li jikkostitwixxu abbuż serju u sistematiku tal-poter u bħala li jmorru kontra l-valuri fundamentali tal-UE kif minqax fl-Artikolu 2 TUE; jilqa', għalhekk, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkludi kapitolu speċifiku dwar il-monitoraġġ tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media fir-Rapport Annwali tagħha dwar is-Sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-UE; jissuġġerixxi, f'dan il-kuntest, approċċ minn isfel għal fuq li jirrifletti l-vuċijiet tal-individwi u d-diversità biex jiżgura li l-isfidi li jiffaċċjaw l-ġurnalisti u s-settur tal-media jiġu inklużi b'mod effettiv; jitlob, barra minn hekk, l-inklużjoni f'dan il-kapitolu ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u risponsi effettivi, kif ukoll valutazzjoni tat-trasparenza tas-sjieda u l-livell ta' ndħil mill-gvern u mill-privat fl-Istati Membri tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkooopera b'mod attiv mal-Kunsill tal-Ewropa, filwaqt li tiskambja l-aħjar prattiki u tiżgura li l-miżuri meħuda jkunu komplementari; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jżommu qafas kredibbli għall-ħarsien tal-libertà tal-media u tal-pluraliżmu tal-media; jistieden lill-Kummissjoni timmira li tintroduċi standards u parametri referenzjarji għal-libertà tal-media fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll inċentivi għal konverġenza akbar bejn l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw bis-siġħ u jsaħħu l-għodod żviluppati diġà għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet minqax fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropa u l-Artikolu 10 tal-KEDB, bħall-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media u l-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti, u jirreaġixxu fil-pront għal theddid possibbli u ksur ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-impatt tal-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu fl-2020 fil-kuntest tal-COVID-19 dwar il-libertà tal-istampa, it-trasparenza istituzzjonali, l-obbligu ta' rendikont, il-pluraliżmu tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti, inkluż permezz ta' ħarsa ġenerali lejn l-attakki kontra l-ġurnalisti madwar l-UE u r-risponsi pprovduti mill-Istati Membri f'dan ir-rigward; ifakkar fit-talba ripetuta tal-Parlament biex jiġi stabbilit mekkaniżmu permanenti, indipendenti u komprensiv li jkopri d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-UE; iqis li mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jrid iħaddan il-libertà tal-media, inkluzja l-libertà artistika, bħala pilastru essenzjali ta' sistema demokratika; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tiġbor informazzjoni u statistika dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-Istati Membri kollha;

7. Jenfasizza r-rwol insostitwibbli tal-media tas-servizz pubbliku u jenfasizza li huwa essenzjali li tiġi żgurata u tinżamm l-indipendenza tagħha mill-indħil politiku; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-indipendenza finanzjarja tal-operaturi tas-suq privat u l-kundizzjonijiet għas-sostenibbiltà tal-attivitajiet tagħhom, sabiex tiġi evitata l-ħakma tal-media; itenni t-talba tal-Parlament li jitfassal pjan ta' azzjoni tal-UE ambizzjuż dwar il-media f'dan il-kuntest; jikkundanna t-tentattivi mill-gvernijiet ta' xi Stati Membri biex isikkta lill-media kritika u indipendenti u jdgħajfu l-libertà u l-pluraliżmu tal-media; iwissi dwar it-tentattivi biex irażżnu lil dan it-tip ta' media b'mod indirett permezz ta' patroċinju finanzjarju, u jikkundanna, b'mod partikolari t-tentattivi biex tiġi kkontrollata l-media tas-servizz pubbliku; jiddeplora l-fatt li f'xi Stati Membri x-xandir pubbliku sar eżempju ta' propaganda favur il-gvern, li sikwit jeskludi l-oppożizzjoni u l-gruppi ta' minoranza mis-soċjeta jew jippreżentahom f'kuntesti malafamanti, u saħansitra f'xi każijiet jinċita l-vjolenza; jissottolinja li f'xi Stati Membri, speċjalment f'żoni rurali, l-unika informazzjoni disponibbli hija propaganda pubblika, u li l-ostakli lingwistiċi jillimitaw l-aċċess għall-aħbarijiet internazzjonali; ifakkar fil-fatt li l-aċċess għall-informazzjoni u għall-ġurnaliżmu ta' kwalità għolja huwa ta' importanza kbira għad-demokrazija; jenfasizza n-nuqqas ta' analiżi obbligatorja tal-kontenut għall-istrumenti tal-media f'ċerti Stati Membri, li tipprovidi data pubblika komparabbli dwar il-preżenza bbilanċjata tal-ilħna favur il-gvern u dawk tal-oppożizzjoni fuq it-televiżjoni u r-radju, speċjalment matul il-kampanji elettorali;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

8. Jiġbed l-attenzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Riżoluzzjoni PACE 2255 tat-23 ta' Jannar 2019, li jistiednu lill-Istati Membri jggarantixxu indipendenza editorjali, kif ukoll finanzjament suffiċjenti u stabbli, għall-media tas-servizz pubbliku; jenfasizza li l-media nazzjonali, reġjonali u lokali u b'mod partikolari l-media tas-servizz pubbliku, għandha r-responsabbiltà importanti li taqdi l-interess pubbliku u li tirrifletti b'mod adegwat id-diversità kulturali, lingwistika, soċjali u politika tas-soċjetajiet tagħna; jenfasizza li r-rwol tal-media tas-servizz pubbliku bħala fornituri fdati li jaqdu l-interess pubbliku ġenerali jissaħħaħ b'finanzjament xieraq u sostenibbli, ħieles mill-indhul politiku fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, jużaw mudelli ta' finanzjament li fihom il-media tas-servizz pubbliku tkun iffinanzjata minn sorsi indipendenti mit-tehdid ta' deċiżjonijiet politiki; jisħaq fuq il-ħtieġa kruċjali li jiġu salvagwardjati l-awtoritajiet indipendenti u li tiġi żgurata sorveljanza indipendenti soda tal-media kontra interventi indebiti kummerċjali u mill-Istat u tentattivi biex jiġu influwenzati l-politiki editorjali; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta qafas legali biex tissorvelja l-operat tal-fornituri tal-media tas-servizz pubbliku, inkluż jekk dawn jissodisfawx il-kriterji ta' ġestjoni prudenti u finanzjament ibbażat fuq il-kompiti, u jekk is-servizzi tagħhom jissodisfawx l-aspettattivi ta' ġurnaliżmu bbażat fuq il-fatti, u li jkun ġust u etiku;

9. Jiddenunzja n-nuqqas ta' dibattitu politiku bbilanċjat fost l-istrumenti tal-media f'ċerti Stati Membri u l-fatt li fil-prattika teżisti restrizzjoni ta' informazzjoni motivata politikament, pereżempju r-rifjut ta' aċċess għal data ta' interess pubbliku, bl-użu ta' tattiċi ta' dewmien, it-tidjiq inġustifikat tal-ambitu tal-informazzjoni mitluba, il-projbizzjoni tal-ġurnalisti minn postijiet pubbliċi inklużi l-parlamenti, ir-restrizzjoni tal-opportunitajiet tal-ġurnalisti għal intervisti ma' politiki u membri tal-gvern u l-evitar ta' intervisti lil strumenti tal-media li ma jkunux fil-konglomerat favur il-gvern, anke dawk b'kopertura nazzjonali sinifikanti; jisħaq fuq il-fatt li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jassiguraw it-trasparenza fir-rigward tal-attivitajiet tagħhom, u b'hekk jgħinu biex isaħħu l-fiduċja tal-pubbliku, minħabba li l-fluss ħieles ta' informazzjoni jgħin biex jipproteġi l-ħajja u s-saħħa u jiffaċilita u jippromwovi dibattitu soċjali, ekonomiku u politiku u t-tehdid ta' deċiżjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ġurnalisti u l-mezzi tal-media jkollhom aċċess sinifikanti għad-dibattiti parlamentari, għall-membri tal-parlament u uffiċjali tal-gvern ta' livell għoli, għal data ta' interess pubbliku u għal avvenimenti pubbliċi u konferenzi stampa, speċjalment dawk tal-gvernijiet, billi n-nuqqas ta' tali aċċess jirrestrinġi b'mod serju l-kunċett tal-libertà tal-media;

10. Itenni t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' oqfsa legali jew ta' politika speċifiċi li jipproteġu lill-ġurnalisti u lill-ħaddiema tal-media mill-vjolenza, it-theddid u l-intimidazzjoni fuq livell nazzjonali fl-UE; jistieden lill-personaġġi pubbliċi u lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet biex joqogħdu lura milli jxejnu lill-ġurnalisti, peress li dan jimmina l-fiduċja fil-media fis-soċjetà; jissottolinja r-rwol importanti tal-ġurnalisti fir-rapportar dwar protesti u dimostrazzjonijiet, u jitlob il-protezzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jwettqu r-rwol tagħhom mingħajr biża'; jitlob lill-Istati Membri jipprovdur programmi ta' taħriġ speċifiċi għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi responsabbli għall-protezzjoni tal-ġurnalisti; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw – fid-dritt u fil-prattika – il-protezzjoni u s-sikurezza effettivi tal-ġurnalisti u atturi oħra tal-media kif ukoll is-sorsi tagħhom, inkluż f'kuntest transfruntier; jemmen bis-sħiħ, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu ta' investigaturi privati bħala forma ta' intimidazzjoni bil-għan li jiksibu informazzjoni dwar il-ġurnalisti fil-kapaċità professjonali tagħhom jew dwar is-sorsi tagħhom;

11. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fl-attakki politiki fuq il-media u jiddeplora n-nuqqas ta' protezzjoni ta' sorsi ġurnalistiċi; ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri li jwettqu investigazzjonijiet fil-pront, imparzjali u effettivi dwar attacchi bħal theddid, qtil, fastidju, intimidazzjoni u trattament ħażin li twettqu fil-konfront tal-ġurnalisti u jhegġġi lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi biex jintemmu t-theddid u l-attakki kontra l-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media, biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont, u biex jiġi ggarantit li l-vittmi u l-familji tagħhom ikollhom aċċess għar-rimedji legali xierqa; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' rappurtar ikunu aċċessibbli; jitlob li jiġu implimentati l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline, li jenfasizzaw li l-UE se tieħu l-passi xierqa kollha biex tiżgura l-protezzjoni tal-ġurnalisti, kemm f'termini ta' miżuri preventivi kif ukoll billi thegġġi investigazzjonijiet effettivi meta jseħħ ksuri; jenfasizza li l-ġurnalisti nisa huma vulnerabbli b'mod speċjali għall-fastidju u l-intimidazzjoni u għalhekk għandhom ikunu soġġetti għal salvagwardji addizzjonali; jesprimi tħassib kbir dwar iż-żieda fl-attakki kontra ġurnalisti nisa u ħaddiema tal-media nisa; itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jiehdur approċċ sensitiv għall-ġeneru meta jkun qed iqisu miżuri biex tiġi indirizzata s-sikurezza tal-ġurnalisti;

12. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti u tal-atturi l-oħra tas-settur tal-media, u biex jittrasponu d-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw dwar ksuri tal-liġi tal-Unjoni, li għandha l-għan li tistabbilixxi standards minimi komuni sabiex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-informaturi, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, malajr kemm jkun; jenfasizza li l-iżvelar ta' informazzjoni protetta huwa essenzjali għall-ġurnaliżmu investigattiv u l-libertà tal-istampa;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

13. Jikkundanna l-użu tas-SLAPP biex jiġu msikkta jew intimidati l-ġurnalisti u l-istrumenti medjatiċi investigattivi u biex tinholq klima ta' biża' madwar ir-rappurtar tagħhom ta' ċerti suġġetti; itenni b'qawwa l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tressaq proposta komprensiva għal att leġiżlattiv bil-għan li jiġu stabbiliti standards minimi kontra l-prattiki tas-SLAPP fl-UE;

14. Jindika r-rakkomandazzjonijiet finali tal-Komitat Speċjali għall-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus (CRIM) li jinsabu fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, li tiddikjara li l-iġijiet dwar il-malafama u l-kalunja jiskoraġġixxu r-rappurtar possibbli ta' każijiet ta' korruzzjoni; itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri kollha biex jiddekriminalizzaw il-malafama u l-ikkalunjar fis-sistemi legali rispettivi tagħhom, tal-anqas f'każijiet fejn hemm allegazzjonijiet ta' kriminalità organizzata, korruzzjoni u ħasil ta' flus fl-Istati Membri u lil hinn;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi hotline tal-UE bħala mekkaniżmu ta' rispons rapidu għall-ġurnalisti li jitolbu protezzjoni u tiżgura li s-sitwazzjoni tagħhom tingħata attenzjoni adegwata;

16. Jisħaq li l-konċentrazzjoni eċċessiva tas-sjeda fis-setturi li jipproduċu l-kontenut u li jiddistribwixxu l-kontenut tista' thedded l-aċċess taċ-ċittadini għal firxa ta' kontenut; jissottolinja li l-pluraliżmu tal-media, li jiddependi fuq l-eżistenza ta' diversità ta' sjeda tal-media u tal-kontenut kif ukoll il-ġurnaliżmu indipendenti, huwa element ewlieni ta' sfida għall-firxa tad-diżinformazzjoni u biex ikun żgurat li ċ-ċittadini tal-UE jkunu infurmati tajjeb; ifakkar li skont il-konklużjonijiet tal-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media 2020, il-konċentrazzjoni tas-sjeda tal-media tibqa' wieħed mill-aktar riskji sinifikanti għall-pluraliżmu tal-media u titqies bħala element li joħloq ostakli għad-diversità tal-informazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jimplementaw oqfsa regolatorji dwar is-sjeda tal-media sabiex jiġu evitati l-konċentrazzjoni orizzontali tas-sjeda fis-settur tal-media u jiggarrantixxu t-trasparenza, l-iżvelar, u l-aċċessibbiltà faċli għaċ-ċittadini fir-rigward tal-informazzjoni dwar is-sjeda, is-sorsi ta' finanzjament u l-ġestjoni tal-media; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni fil-livell tal-Istati Membri tal-istrumenti tal-UE eżistenti kontra l-konċentrazzjoni tas-sjeda u l-għajnuna illegali mill-Istat biex tiżdied id-diversità fix-xenarju tal-media; jikkundanna kwalunkwe tentattiv ta' monopolju tas-sjeda tal-media fl-Istati Membri jew ta' indħil politiku fil-ġestjoni tal-media; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaġixxu malajr u b'determinazzjoni biex iżidu t-trasparenza tas-sjeda tal-media u s-sorsi finanzjarji użati mis-sidien tal-media; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa l-isforzi biex tiżgura li l-mezzi tal-media jippubblikaw b'mod proattiv informazzjoni dwar l-istrutturi tas-sjeda tagħhom, inklużi s-sidien benefiċjarji tagħhom, u li jiġu stabbiliti regoli ċari sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess potenzjali li jirriżultaw mill-istrutturi tas-sjeda tal-media, b'enfasi speċjali fuq l-evitar tal-interferenza politika; jikkundanna l-indħil eċċessiv tal-gvernijiet fil-pluraliżmu tal-media permezz tar-reklamar pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-użu ta' fondi tal-UE allokat biex jappoġġaw il-media libera u indipendenti sabiex ir-riżorsi jingħataw lil dawk li huma fil-bżonn; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-flus tal-UE ma jistgħux jintefqu fuq media kkontrollata mill-Istat jew media li tiddistribwixxi propaganda politika;

17. Jiddeplora l-fatt li fxi Stati Membri, il-korpi li jirregolaw il-media ġew taħt l-inflwenza tal-gvern u joperaw b'mod preġudikat kontra l-istrumenti tal-media li jikkritikaw lill-gvern;

18. Huwa mħasseb dwar it-tentattivi biex jittieħed vantaġġ mill-pandemija tal-COVID-19 sabiex il-media indipendenti u kritika tiġi kkastigata u biex jiġu introdotti restrizzjonijiet fuq l-aċċess tal-media għad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-gvern u l-iskrutinju tagħhom, li jrażżnu jew jimmitigaw il-mekkaniżmi ta' trasparenza istituzzjonali billi jiġu adottati miżuri eċċezzjonali u li jxekklu dibattitu xieraq u infurmat dwar dawk l-azzjonijiet; jisħaq fuq ir-rwol tal-ġurnaliżmu u l-fluss liberu ta' informazzjoni bħala essenzjali għall-isforzi tal-UE biex tikkontrolla l-pandemija tal-COVID-19; jirrimarka li l-ġurnaliżmu għandu funzjoni kruċjali f'mument ta' emerġenza tas-saħħa pubblika; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja tali Prattiki mill-gvernijiet nazzjonali b'mod komprensiv u tinkludi r-riżultati fir-rapporti annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu b'mod urġenti pakketti ta' rkupru ta' emerġenza nazzjonali u tal-UE sabiex jipproteġu l-impjiegi u l-għajxien tal-ġurnalisti u tal-ħaddiema tal-media, jappoġġaw lill-kumpaniji u jiffinanzjaw il-media tas-servizz pubbliku permezz tal-pjan ta' rkupru ekonomiku tal-COVID-19, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE; jenfasizza li matul il-kriżi tal-COVID-19, ċerti strumenti tal-media u b'mod

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

partikolari l-pjattaformi tal-media lokali, stmaw li tilfu sa 80 %⁽²⁸⁾ tad-dħul tagħhom minħabba t-tnaqqis fir-reklamar; jisħaq li, fid-dawl tal-pandemija, iċ-ċittadini Ewropej jeħtieġu ġurnalisti professjonali, ekonomikament siguri u indipendenti; itenni, f'dan il-kuntest, it-talba tiegħu biex jinħoloq fond Ewropew permanenti għall-ġurnalisti fil-qafas tal-QFP li jmiss (2021-2027), kif ġie abbozzat mill-ġdid wara l-kriżi tal-COVID-19, li jkun joffri appoġġ finanzjarju dirett għall-ġurnalisti indipendenti u l-mezzi tal-media, il-freelancers u l-ħaddiema tal-media li jaħdmu għal rashom; jissottolinja li l-finanzjament għandu jiġi ġestit minn organizzazzjonijiet indipendenti sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet editorjali u li l-appoġġ għandu jiġi pprovdut biss lil dawk l-istrumenti tal-media pubbliċi u kummerċjali li huma verament indipendenti u ħielsa mill-indhul tal-gvern jew kwalunkwe ndħil ieħor; ifakkar li għandu jsir enfasi speċjali fuq in-negozji ġodda tal-media indipendenti, b'mod partikolari dawk lokali, fl-Istati Membri fejn is-sitwazzjoni tal-libertà tal-media ħżienet matul dawn l-aħħar snin, il-konċentrazzjoni tas-sjeda tal-media żdiedet b'mod sinifikanti u l-media tas-servizz pubbliku tinsab mhedda mill-influenza politika;

20. Itenni, f'dan il-kuntest, it-talba tiegħu għal pjan ta' azzjoni ambizzjuż tal-UE dwar il-media, biex jappoġġa l-iżvilupp ta' xenarju tal-media vibranti u pluralistiku;

21. Jitlob li jkun hemm QFP ambizzjuż b'żieda fl-allokazzjonijiet baġitarji biex jiġu appoġġati l-media u l-ġurnaliżmu indipendenti, b'mod partikolari l-ġurnaliżmu investigattiv; jisħaq fuq l-importanza tal-innovazzjoni fil-ġurnaliżmu u l-media tal-aħbarijiet, li tista' titrawwem permezz tal-finanzjament tal-UE; jinnota bi tħassib it-tnaqqis baġitarju previst għall-programmi Ewropa Kreattiva u Ġustizzja, Drittijiet u Valuri fil-proposta riveduta tal-baġit tal-Kummissjoni;

22. Jilqa' bil-qawwa l-allokazzjoni ta' fondi tal-UE biex jagħmlu possibbli l-varar ta' proġetti ġodda, bħall-mekkaniżmu ta' rispons rapidu madwar l-Ewropa kollha għal ksur tal-libertà tal-istampa u l-media u l-fond għall-ġurnaliżmu investigattiv transfruntier sabiex jissaħħu l-libertà u l-pluraliżmu tal-media;

23. Jissottolinja li l-media għandha rwol qawwi x'tiżvolġi fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u kontra d-diskriminazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi attivi biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-settur tal-media, sabiex għadd akbar ta' nisa jkunu jistgħu jikkupaw pożizzjonijiet kreattivi u tat-teħid tad-deċiżjonijiet, żvilupp li jippermetti lill-media tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-istereotipi tal-ġeneru;

Id-diskors ta' mibegħda

24. Jikkundanna kull tip ta' inċident ta' reati ta' mibegħda, diskors ta' mibegħda u akkużi bla bażi jew imsawra in mala fede⁽²⁹⁾, kemm offline kif ukoll online, motivati minn diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-tweġmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, li jseħħu fl-UE jew bnadi oħra; jesprimi tħassib dwar ir-reati ta' mibegħda u reati relatati mal-inċitament għad-diskriminazzjoni jew vjolenza li seħħew matul il-pandemija tal-COVID-19 u li wasslu għall-istigmatizzazzjoni ta' individwi partikolarment vulnerabbli;

25. Jiddeplora l-livelli dejjem jiżdiedu ta' diskors ta' mibegħda użat fil-komunikazzjoni politika mill-gvernijiet u l-partiti politiċi madwar l-UE; jistieden lill-Istati Membri jikkundannaw u jissanzjonaw b'mod qawwi r-reati ta' mibegħda, id-diskors ta' mibegħda u t-tfigħ ta' ħtija fuq min ma ħaqqux min-naħa tal-politiċi u tal-uffiċjali pubbliċi fil-livelli kollha u fuq it-tipi kollha ta' media, peress li dawn il-fenomeni jinnormalizzaw u jsaħħu direttament il-mibegħda u l-vjolenza fis-soċjetà, u biex iżommu lura mir-retorika diskriminatorja u ta' inċitament fil-komunikazzjoni governattiva għax hija ta' detriment għas-soċjeta; jisħaq li s-sanzjonijiet għandhom dejjem ikunu konformi mal-istandards internazzjonali tal-libertà ta' espressjoni; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri, fil-limiti stabbiliti mil-liġi, biex jiggwarantixxu u jippromwovu l-libertà tal-espressjoni, inkluża l-libertà artistika, li hija essenzjali għall-vitalità tad-dibattitu demokratiku; ifakkar li d-diskors razzist u ksenofobiku mhuwiex kopert mil-libertà tal-espressjoni;

⁽²⁸⁾ Ara *The Economist*, "The newspaper industry is taking a battering", 18 ta' April 2020 u News Media Europe, "COVID-19 and the news media: journalism always comes at a cost", 24 ta' Marzu 2020.

⁽²⁹⁾ Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-23 ta' April 1992, Applikazzjoni Nru 11798/85, paragrafu 46.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

26. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jimplimentaw u jinfurzaw aktar miżuri biex jipprevjenu, jikkundannaw u jiġġieldu d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, sabiex jiġġieldu t-tixrid tad-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza offline u online, filwaqt li jiżguraw ukoll li l-infurzar tal-liġi japplika Prattiki ta' reġistrazzjoni effettivi tar-reati ta' mibegħda abbażi tal-prinċipji approvati mill-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forum oħra ta' intolleranza;

27. Jenfasizza li d-diskors ta' mibegħda online qed isir dejjem aktar mifrux f'dawn l-aħħar snin, billi l-individwi u l-atturi li jfixxlu jużaw is-setgħa tal-pjattaformi online biex ixerrdu informazzjoni ta' mibegħda; jisħaq li dan jagħmel ħsara lill-interess pubbliku kollettiv peress li l-kontenut dannuż jimmina d-diskors pubbliku rispettuż u onest, u joħloq theddid għas-sikurezza pubblika minħabba li d-diskors ta' mibegħda online jista' jinċita l-vjolenza fid-dinja reali;

28. Jirrimarka li l-qafas legali biex jiġi indirizzat id-diskors ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni għandu jiġi msaħħa; itenni t-talba tiegħu biex in-negozjati dwar id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni jiġu żblukkati għal dak il-għan;

29. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex iżidu s-sigurtà tan-nisa fl-ispażji pubbliċi u fuq l-internet, biex jindirizzaw forum emerġenti ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru bħas-cyberstalking u l-fastidju online, u biex jintroduċu mekkaniżmi komprensivi biex jassistu lill-vittmi ta' dan it-tip ta' vjolenza;

30. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jattivaw il-"klawżola passerelle" minquxa fl-Artikolu 83(1) TFUE sabiex il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u forum oħra ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru (inkluża l-vjolenza ċibernetika) jiġu inklużi fil-katalgu tar-reati rikonoxxuti mill-UE;

31. Jieħu nota tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Ġlieda Kontra d-Diskors ta' Mibegħda Illegali Online, promoss mill-Kummissjoni, u tal-ħames sessjoni ta' evalwazzjoni tiegħu, li sabet li, bħala medja, il-kumpaniji tal-IT ineħħu 71 % tad-diskors ta' mibegħda illegali li jiġi nnotifikat lilhom; ifakkar li l-ġurnalisti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu inklużi fl-evalwazzjonijiet u r-rieżamijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta u li l-kumpaniji tal-IT li jipparteċipaw fil-Kodiċi ta' Kondotta janalizzaw biss it-talbiet għat-tneħħija skont it-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom u l-linji gwida komunitarji tagħhom; jenfasizza l-marġni wiesa' ta' diskrezzjoni li tħalla għall-kumpaniji privati biex jiddeterminaw dak li huwa illegali; ihegġegħ lill-kumpaniji kollha li jmxexxu l-pjattaformi tal-media soċjali biex jipparteċipaw fil-Kodiċi ta' Kondotta;

32. Jirrimarka li l-Istati Membri għandhom jiżguraw, bil-mezzi kollha xierqa, li l-media, inkluża l-media online u l-media soċjali, kif ukoll ir-reklamar, tkun ħielsa minn kwalunkwe inċitament għall-vjolenza jew mibegħda li tkun diretta kontra kwalunkwe persuna jew grupp ta' persuni, li jista' jkollu effett dirett fuq il-parteċipazzjoni ta' dawn l-individwi fis-soċjetà ċivili; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-kumpaniji tal-media soċjali biex jiġġieldu t-tixrid tar-razziżmu, il-ksenofobija, il-fobija fil-konfront tal-persuni LGBTI u l-mibegħda reliġjuża fuq l-internet, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiġbru aktar data affidabbli dwar il-gravità tad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda;

33. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' rapportar tar-reati ta' mibegħda mill-vittmi minħabba salvagwardji inadegwati u n-nuqqas tal-awtoritajiet li jinvestigaw kif xieraq u sabiex itemmu l-impunità għal reati ta' mibegħda fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw u jxerrdu għodod u mekkaniżmi għar-rapportar ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, u jiżguraw li kwalunkwe każ ta' allegat reat ta' mibegħda jew diskors ta' mibegħda jiġi investigat, ikun soġġett għal prosekuzzjoni u proċess kriminali;

Id-diżinformazzjoni u r-rwol tal-pjattaformi

34. Jinnota li t-teknoloġija diġitali għada u l-media soċjali kienu fatturi fil-problema tat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-indhila barrani, u wassal biex il-pjattaformi online jkollhom rwol influwenti fil-pubblikazzjoni, it-tixrid u l-promozzjoni tal-aħbarijiet u kontenut ieħor tal-media; itenni t-tħassib tiegħu dwar it-theddida potenzjali li d-diżinformazzjoni toħloq għal-libertà ta' informazzjoni, il-libertà ta' espressjoni, id-diskors demokratiku, l-indipendenza tal-media u s-saħħa pubblika; jenfasizza li l-miżuri li jiġġieldu kontra d-diżinformazzjoni għandhom jiffukaw fuq it-trawwim ta' pluralità ta' opinjonijiet, permezz tal-promozzjoni ta' ġurnaliżmu ta' kwalità għolja, it-twassil ta' informazzjoni affidabbli, ibbażata fuq il-fatti

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

u verifikata, u l-bini ta' litteriżmu fil-media, u li kwalunkwe miżura bħal din għandha tipprovdi garanziji għal-libertà ta' informazzjoni u l-libertà ta' espressjoni;

35. Jitlob kollaborazzjoni akbar bejn il-pjattaformi online u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jiġi indirizzat b'mod effettiv it-tixrid ta' messaġġi li jinċitaw il-mibegħda jew jinstigaw il-vjolenza; jenfasizza l-importanza li kontenut illegali jitneħħa minnufih, sabiex titrażżan il-firxa mhux ikkontrollata tiegħu; jinnota, madankollu, li l-pjattaformi online ma jistgħux u m'għandhomx isiru korpi ta' ċensura privata u li t-tneħħija ta' kontenut illegali minn pjattaformi online trid tkun soġġetta għal salvagwardji, inkluż rieżami mill-qrati tal-Istati Membri sabiex jiġu protetti l-libertà tal-espressjoni, inkluża l-libertà artistika, id-dritt għal informazzjoni ħielsa u indipendenti u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini b'mod ġenerali; ifakkar li l-pjattaformi online jagħmlu parti mill-isfera pubblika online li fih isir dibattitu pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura salvagwardji għall-pjattaformi biex jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali u l-libertà tal-kelma;

36. Ifakkar li t-tfassil ta' profili politiċi, id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni sikwit jintużaw mill-partiti politiċi u minn entitajiet privati jew pubbliċi, u jtenni t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li qed toħroġ b'mod kontinwu evidenza ta' ndħil, b'indikazzjonijiet ta' influwenza barranija, fiż-żmien ta' qabel l-elezzjonijiet nazzjonali u tal-UE ewlenin kollha, filwaqt li parti kbira minn dan l-ndħil hija ta' benefiċċju għall-kandidati populistu u kontra l-UE li jfittxu li jippolarizzaw u jxjenu l-pluraliżmu ideoloġiku filwaqt li għandhom fil-mira lil minoranzi u gruppi vulnerabbli speċifiċi; jinnota li l-ġlieda kontra l-ndħil minn partijiet terzi fil-ġejjieni se tkun fattur fundamentali fid-difiża tal-valuri Ewropej u d-demokrazzja; jissottolinja, fil-kuntest tal-emerġenza tal-COVID-19, li d-diżinformazzjoni u r-rapporti tal-media sensazzjonalizzati b'rabta mal-pandemija ntużaw ukoll mill-gruppi tal-lemin estrem u dawk populistu u minn politiċi biex jimmiraw il-gruppi ta' minoranza u jikkontribwixxu għar-retorika kontra l-immigrazzjoni, li wasslet għal żieda fil-każijiet ta' diskors ta' mibegħda razzist u ksenofobiku, kif ukoll għal diskriminazzjoni;

37. Jirrimarka li forum differenti ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni, kif ukoll forum oħra ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni relatata, *inter alia*, mal-pandemija tal-COVID-19, qed ikomplu jipproliferaw madwar id-dinja, sikwit ikollhom fil-mira lill-aktar komunitajiet vulnerabbli, u għandhom konsegwenzi potenzjalment dannużi għas-sigurtà pubblika, is-saħħa u l-ġestjoni effettiva tal-kriżijiet; jemmen li dawn il-kampanji ta' diżinformazzjoni għandhom l-għan li jdgħajfu l-proċess demokratiku u l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Istati Membri; jilqa' l-komunikazzjoni konġunta tal-10 ta' Ġunju 2020 dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni tal-COVID-19; ifakkar li l-miżuri kollha biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni, inklużi dawk meħuda fil-kuntest tal-emerġenza tal-COVID-19, jeħtieġ li jkunu neċessarji, proporzjonati, trasparenti, temporanji u soġġetti għal sorveljanza regolari, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe bidla li twassal għal monopolju pubbliku jew konċentrazzjoni ta' sorsi ta' informazzjoni u fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jżommu lill-ġurnalisti u lill-atturi tal-media milli jwettqu l-ħidma tagħhom jew iwasslu biex il-kontenut jiġi mneħħi indebitament, jew li l-aċċess għal dan it-tip ta' kontenut jiġu mblukkat fuq l-internet; jiddeplora l-fatt li ċerti pjattaformi online ineħħu jew jiċċensuraw kontenut, inkluż kontenut ġurnalistiku, relatat mal-pandemija tal-COVID-19 abbażi ta' termini mhux trasparenti u kundizzjonijiet li jllimitaw il-libertà ta' espressjoni bla bżonn; jenfasizza li l-użu ta' miżuri bħal dawn jista' jwassal biex jiġi prevenut jew limitat l-aċċess għal informazzjoni importanti dwar is-saħħa pubblika; jenfasizza li kwalunkwe tentattiv biex tiġi kkriminalizzata l-informazzjoni relatata mal-pandemija jista' jgħallq nuqqas ta' fiduċja fl-informazzjoni istituzzjonali, idewwem l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u jkollu effett dissważiv fuq il-libertà ta' espressjoni;

38. Jikkundanna t-teoriji ta' konfokka u kampanji ta' diżinformazzjoni ffinanzjati pubblikament immirati biex jiskreditaw lill-UE u jqarrqu lill-pubbliku dwar l-għanijiet u l-attivitajiet tagħha; jistieden lill-Kummissjoni biex tikkundanna u tikxef b'mod miftuħ il-gideb u t-tixrid ta' diżinformazzjoni dwar l-UE min-naħa ta' kwalunkwe awtorità tal-istat, u biex tipubblika u tqassam rispons fattwali biex tinforma liċ-ċittadini;

39. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippreżenta Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazzja li jkollu l-għan li jiġġield id-diżinformazzjoni u li jadatta għat-theddid u l-manipulazzjonijiet li qed jevolvu, kif ukoll li jappoġġa media libera u indipendenti; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni, inklużi l-media libera, indipendenti u finanzjament vijabbli, il-libertà artistika, il-kontenut tad-drittijiet fundamentali u d-dibattitu ekonomiku, flimkien mal-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni, hija fattur fundamentali f'termini tad-difiża tal-istat tad-dritt u d-demokrazzja fl-UE; jinnota bi tħassib li skont studju tal-Indiċi Dinji tad-Diżinformazzjoni (GDI) is-siti web li jxerrdu d-diżinformazzjoni fl-UE jirċievu aktar minn EUR 70 miljun fi dħul mir-reklamar kull sena; jenfasizza l-impatt potenzjalment negattiv tal-mudelli ta' negozju bbażati fuq reklamar mikrommirat; jikkonferma li r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data⁽³⁰⁾ jipprevedi d-dritt tal-individwi li ma jkunux soġġetti għal traċċar pervażiv online fis-siti

⁽³⁰⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

u l-applikazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha aktar mal-pjattaformi diġitali f'dan ir-rigward, u tintensifika l-isforzi biex tinforza l-projbizzjoni ta' tali prattiki, tiġġieled l-amplifikazzjoni awtomatizzata u strateġika tad-diżinformazzjoni permezz tal-użu ta' bots jew profili foloz online, u żżid it-trasparenza fir-rigward tal-finanzjament u t-tqassim tar-reklamar online; jistieden, barra minn hekk, lill-pjattaformi online kollha, biex jiżguraw li l-algoritmi li jirfdu l-funzjonijiet ta' tfittxija tagħhom ma jkunux ibbażati primarjament fuq ir-reklamar; jitlob li jiġi stabbilit grupp ta' esperti ta' diversi partijiet ikkonċernati dwar id-drittijiet diġitali u fundamentali li jinkludi media indipendenti u NGOs diġitali u tad-drittijiet tal-bniedem sabiex jgħin lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet tal-UE b'mod ġenerali;

40. Jilqa' t-tnejja tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali – proġett EDMO, li se jżid l-għarfien xjentifiku disponibbli rigward id-diżinformazzjoni online, jippromwovi l-iżvilupp ta' suq ta' servizzi ta' verifika tal-informazzjoni tal-UE u jappoġġa l-ħolqien ta' komunità transfruntiera u multidixxiplinarja magħmula minn kontrolluri tal-fatti u riċerkaturi akkademiċi li jikkooperaw mal-partijiet ikkonċernati biex jidentifikaw, janalizzaw u jesponu theddid potenzjali ta' diżinformazzjoni, fir-rigward pereżempju tal-COVID-19;

41. Ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, kif ukoll lis-settur privat, b'mod partikolari l-pjattaformi online, u s-soċjetà ċivili kollha kemm hi, dwar il-ħtieġa ta' azzjoni konġunta fir-rigward tal-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni; jisħaq li l-pjattaformi online għandu jkollhom rwol ewlieni fl-identifikazzjoni u fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni; jirrikonoxxi l-impatt promettenti u neċessarju, iżda madankollu insuffiċjenti, tal-azzjonijiet volontarji meħuda minn xi fornituri ta' servizzi u pjattaformi biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni, il-kontenut illegali u l-indħil barrani fil-proċessi elettorali fl-UE; jenfasizza, madankollu, li l-pjattaformi online bħalissa mhux jirnexxielhom jerfgħu r-responsabbiltà xierqa biex jiġġieldu kontra dawn it-theddidiet immedjati;

42. Jenfasizza li l-effikaċja tal-azzjonijiet mill-pjattaformi online biex jindirizzaw id-diżinformazzjoni tista' tiġi vvalutata biss meta dawn jitwettqu bi trasparenza sħiħa u billi tiġi kondiviża d-data rilevanti; ihegġegħ lill-Kummissjoni, għalhekk, tivvaluta l-miżuri kollha possibbli biex tobbliga lill-pjattaformi online jindirizzaw it-tixrid tad-diżinformazzjoni b'mod effettiv, trasparenti u responsabbli, u biex jikkondividu d-data rilevanti kif xieraq; ihegġegħ lill-Kummissjoni tikkunsidra sanzjonijiet fuq il-pjattaformi online li jonqsu milli jagħmlu dan; jistenna li dan jiġi rifless fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Demokrazija u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali kif xieraq;

43. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, li t-tneħħija ta' kontenut online, fin-nuqqas ta' ordni ġudizzjarja li tiddetermina n-natura illegali tiegħu, għandha impatt qawwi fuq il-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni; jitlob li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt regolari tal-azzjonijiet volontarji meħuda mill-fornituri tas-servizzi u l-pjattaformi biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni; jinsisti fuq l-obbligu tal-Istati Membri li jirrispettaw, jipproteġu u jiggarrantixxu d-drittijiet fundamentali u jitlob li jiġu vvalutati l-għażliet kollha disponibbli sabiex jiġi protett u osservat id-dritt għal informazzjoni u parteċipazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tipproponi regoli tal-UE dwar il-pjattaformi online, anke sabiex jiġu miġġielda l-prattiki tal-gvern li jlimitaw il-libertà ta' espressjoni bla bżonn; jenfasizza li l-użu ta' għodod awtomatizzati fil-moderazzjoni tal-kontenut jista' jipperikola l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u li l-politika u l-strateġija diġitali tal-UE jridu jipprevedu rimedji u salvagwardji xierqa f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-KEDB;

44. Iqis li l-Kodiċi ta' Prattika tal-UE dwar id-Diżinformazzjoni jista' jissaħħaħ permezz ta' monitoraġġ imtejjeb tal-impenji eżistenti, il-provvista trasparenti u diżaggregata ta' informazzjoni u data mill-pjattaformi online, u l-espansjoni tal-impenji ta' dan it-tip; iqis li approċċ koregulatorju, li jirrifletti b'mod kontinwu l-iżviluppi attwali fl-isfera diġitali, jista' jkun triq 'il quddiem;

45. Ihegġegħ lill-kumpaniji tal-media soċjali u lill-pjattaformi online biex jesploraw possibiltajiet biex jagħmlu disponibbli għodod li jippermettu lill-utenti jirrapportaw u jidentifikaw diżinformazzjoni potenzjali sabiex tiġi ffaċilitata rettifika fil-pront u tkun tista' ssir analiżi minn organizzazzjonijiet ta' parti terza indipendenti u imparzjali li jivverifikaw il-fatti, filwaqt li jiġi prevenut l-użu ħażin ta' tali għodod; jenfasizza li l-pjattaformi online għandhom jikkooperaw mal-Istati Membri u mal-istituzzjonijiet tal-UE biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni tad-diżinformazzjoni u l-indħil barrani u l-identifikazzjoni tal-awturi;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

Il-litteriżmu medjatiku

46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex isaħħu l-politiki edukattivi li jippromwovu l-litteriżmu medjatiku u tal-informazzjoni, jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini biex jaħsbu b'mod kritiku u jgħinuhom jidentifikaw id-diżinformazzjoni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-ħarsien tal-indipendenza editorjali fil-mezzi tal-media ċentrali u lokali, u l-iżvilupp ta' proġetti tal-litteriżmu medjatiku, huma elementi essenzjali biex tinbena reżiljenza, titqajjem sensibilizzazzjoni u tissaħħa l-edukazzjoni sabiex il-propaganda, id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni jiġu miġġielda b'mod effiċjenti; iqis li kurrikuli u sforzi kontinwi tal-litteriżmu medjatiku fil-gruppi ta' etajiet kollha huma ta' importanza sinifikanti biex tiżdied ir-reżiljenza soċjali għal dan it-tip ta' theddid fl-ispazju diġitali; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex tiżviluppa kurrikuli dwar il-litteriżmu fl-informazzjoni, il-litteriżmu medjatiku u l-litteriżmu fid-data; jenfasizza li l-litteriżmu medjatiku huwa ħila li kulma jmur hija dejjem aktar essenzjali u kritika għaċ-ċittadini; jinnota li sabiex jintlaħqu udjenza usa' u l-akbar għadd ta' gruppi ta' etajiet possibbli, huwa importanti li jiżdiedu l-inizjattivi tal-litteriżmu medjatiku permezz ta' pjataformi tal-media soċjali, inklużi strateġiji effettivi tal-litteriżmu medjatiku għall-anzjani u l-gruppi l-aktar vulnerabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu wkoll programmi u politiki mmirati lejn it-trawwim tal-litteriżmu medjatiku u tal-aħbarijiet għall-ġurnalisti u l-atturi tal-media u lejn l-iżvilupp ta' apprezzament kritiku u konxju tal-użu tal-ICT bħal, pereżempju, kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet u r-riskji possibbli fl-isfera diġitali; jenfasizza l-hteġġa li tiġi żviluppata strateġija komprensiva tal-UE dwar il-litteriżmu medjatiku u jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha għal dan il-għan; jissottolinja r-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex irawmu l-litteriżmu medjatiku u jgħinu biex jiġi evitat it-tixrid tad-diskors ta' mibegħda; ifakkar li l-programmi meqjusa li qed jużaw strateġiji effettivi għall-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda huma ffukati fuq il-kooperazzjoni, il-komunikazzjoni, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, is-soluzzjoni tal-problemi, il-medjazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar il-preġudizzji;

47. Ihegġegħ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex iżżid il-finanzjament tal-UE għall-programmi tal-litteriżmu medjatiku u biex timpenja ruħha b'mod attiv fil-promozzjoni ta' informazzjoni affidabbli, ibbażata fuq il-fatti u bil-fatti vverifikati billi ttejjeb il-mezzi ta' distribuzzjoni tal-media sabiex jitjeb l-aċċess għal tali informazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva riveduta, li teżiġi li huma jippromwovu u jiżviluppaw ħiliet fil-litteriżmu medjatiku;

48. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ li jikkomplementa l-programmi edukattivi fl-Istati Membri kollha, mhux biss fi ħdan l-ambitu tal-litteriżmu medjatiku, iżda wkoll f'edukazzjoni ċivika usa', inklużi l-edukazzjoni fil-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem għal sensitizzazzjoni ulterjuri dwar id-diżinformazzjoni u l-propaganda;

49. Jenfasizza l-fatt li l-organizzazzjonijiet tal-media lokali u komunitarji huma strutturi ewlenin għall-promozzjoni, il-produzzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni u fatti relatati mal-avvenimenti artistiki u kulturali kemm lokali kif ukoll tal-minoranzi; iqishom strument importanti għaż-żamma tal-pluraliżmu tal-media u ta' ambjent multikulturali fl-Ewropa; iqis li l-mezzi tal-media komunitarji għandhom ikunu involuti wkoll bħala partijiet ikkonċernati fil-programmi tal-UE ddedikati għall-promozzjoni tal-ġurnaliżmu u tal-litteriżmu medjatiku, u jistieden lill-Istati Membri jipprovduhomm appoġġ adegwat, filwaqt li jiżguraw li jwettqu r-rwoli edukattivi u kulturali tagħhom;

50. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw komunikazzjoni msaħħa u proattiva bil-lingwi uffiċjali kollha meta jseħħu emerġenzi pubbliċi ewlenin, bħall-pandemija sabiex jiżguraw li ċ-ċittadini tal-UE jkollhom aċċess għal informazzjoni preċiża, faċli għall-utent u verifikata;

o

o o

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0321

Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa (2020/2076(INI))**

(2021/C 425/06)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 9, 151, 152, 153(1) u (2) tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 173 tiegħu li jirrigwarda l-politika industrijali tal-UE u jirreferi, fost affarijiet oħrajn, għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 14, 27 u 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra t-TFUE u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu u l-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 3(3) tat-TUE li jirreferi għas-suq intern, l-iżvilupp sostenibbli u l-ekonomija soċjali tas-suq,
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,
- wara li kkunsidra s-sejbiet tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali 2020, ippubblikati fil-11 ta' Ġunju 2020,
- wara li kkunsidra d-dokument tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2020 dwar ir-"Roadmap of the Pharmaceutical Strategy – timely patient aċċess to affordable medicines" (Pjan Direzzjonali tal-Istrateġija Farmaċewtika – aċċess fil-ħin tal-pazjenti għal mediċini affordabbli),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 intitolata "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Thejijja għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020)0456),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 intitolata "Programm ta' Ħidma Aġġustat tal-Kummissjoni 2020"(COM(2020)0440),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar l-istrateġija Ewropea għad-data (COM(2020)0066),
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar "L-Intelliġenza Artifiċjali Approċċ Ewropew għall-Eċċellenza u l-Fiduċja" (COM(2020)0065),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 dwar l-implikazzjonijiet tas-sikurezza u tar-responsabbiltà tal-Intelliġenza Artifiċjali, tal-Internet tal-Oġġetti u tar-robotika (COM(2020)0064),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Mejju 2020 dwar il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, ir-riżorsi proprji u l-pjan ta' rkupru ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Kummissjoni: Rebbiegħa 2020,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-23 ta' April 2020 tal-President tal-Kunsill Ewropew wara l-vidjokonferenza tal-membri tal-Kunsill Ewropew,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tat-8 ta' April 2020 dwar ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19 (JOIN(2020)0011),

⁽¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0124.⁽²⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0054.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-17 ta' Marzu 2020 tal-President tal-Kunsill Ewropew wara l-vidjokonferenza mal-membri tal-Kunsill Ewropew dwar il-COVID-19,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2020 intitolata "Rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19" (COM(2020)0112),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 intitolata "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva" (COM(2020)0098) u l-konklużjonijiet dwar "Aktar ċirkolarità – tranżizzjoni lejn soċjetà sostenibbli" adottati mill-Kunsill fit- 3 716-il laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Ottubru 2019 (12791/19), u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2015 intitolata "L-għeluq taċ-ċirku – Pjan ta' azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari" (COM(2015)0614),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 intitolata "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (COM(2020)0102),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020, intitolata "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" (COM(2020)0103),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2020 għal regolament li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (COM(2020)0080),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 intitolata "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa" (COM(2020)0067),
- wara li kkunsidra l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2020 intitolat "Unjoni li tirsisti għal aktar" (COM(2020)0037),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Jannar 2020 dwar il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli (COM(2020)0021),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-28 ta' Novembru 2019 "Masterplan for a Competitive Transformation of EU Energy-intensive Industries Enabling a Climate-neutral Circular Economy by 2050" (Pjan Ġenerali għal Trasformazzjoni Kompetittiva tal-Industriji Intensivi fl-Enerġija tal-UE li Tippermetti Ekonomija Ċirkolari newtrali għall-Klima sal-2050) (Rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar Industriji Intensivi fl-Enerġija),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar tassazzjoni ġusta f'ekonomija diġitalizzata u globalizzata: BEPS 2.0 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 (EUCO 29/19),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar "Aġenda Strateġika Ġdida għall-UE 2019-2024" (EUCO 9/19),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet dwar "Strateġija futura għall-Politika Industrijali tal-UE" adottati mill-Kunsill fit- 3 655 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Novembru 2018 (14832/2018),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2018 dwar "Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura" (COM(2018)0267),

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0005.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0102.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2017 intitolata "Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli – Strateġija mgħedda għall-Politika Industrijali tal-UE" (COM(2017)0479),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-bini ta' strateġija industrijali ambizzjuża tal-UE bħala prijorità strateġika għat-tkabbir, l-impjiegi u l-innovazzjoni fl-Ewropa ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni għal tweġiba orali dwar il-bini ta' strateġija industrijali ambizzjuża tal-UE bħala prijorità strateġika għat-tkabbir, l-impjiegi u l-innovazzjoni fl-Ewropa (O-000047/2017),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 intitolata "Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali" ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2016 intitolata "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea – Ingawdu l-benefiċċji kollha ta' Suq Uniku Diġitali" (COM(2016)0180),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi, ratifikat mill-Parlament Ewropew fl-4 ta' Ottubru 2016,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-ħtieġa ta' politika ta' reindustrializzazzjoni Ewropea fid-dawl tal-każijiet reċenti Caterpillar u Alstom ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016 u tat-23 ta' Ġunju 2017,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar politika koerenti tal-UE għall-industriji kulturali u kreattivi ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda tal-Kompetittività Industrijali, dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-industrija Ewropea u dwar il-pakkett tat-"Teknoloġiji tas-Suq Uniku Diġitali u l-Modernizzazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi",
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2015 intitolata "Kummerċ għal Kulħadd – Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investment" (COM(2015)0497),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2014 dwar ir-riindustrializzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2014 intitolata "Għal Rinaxximent Industrijali Ewropew" (COM(2014)0014),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2013 u tat-22 ta' Marzu 2019, (EUCO 1/19),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Kummerċ Industrijali, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,
- wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għas-Sajd,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0197/2020),

⁽⁵⁾ ĠU C 334, 19.9.2018, p. 124.⁽⁶⁾ ĠU C 307, 30.8.2018, p. 163.⁽⁷⁾ ĠU C 11, 12.1.2018, p. 55.⁽⁸⁾ ĠU C 215, 19.6.2018, p. 21.⁽⁹⁾ ĠU C 238, 6.7.2018, p. 28.⁽¹⁰⁾ ĠU C 482, 23.12.2016, p. 89.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- A. billi l-Unjoni Ewropea teħtieġ strateġija industrijali ġdida f'konformità mal-għan tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 li se toħloq il-kundizzjonijiet għal soċjetà innovattiva, inklużiva, reżiljenti u diġitalizzata u se tagħti kontribut kbir għall-kompetittività globali tal-industriji Ewropej; billi din l-istrateġija għandha żżomm livelli għoljin ta' impjegi u impjegi ta' kwalità għolja, filwaqt li ma tħalli lil 'ħadd jibqa' lura; billi strateġija bħal din teħtieġ li tiżgura t-tranżizzjoni doppja lejn bażi industrijali Ewropea li tkun moderna, diġitalizzata, li tisfrutta l-potenzjal sħiħ tas-sorsi rinnovabbli, effiċjenti ħafna fl-enerġija u tar-riżorsi u newtrali għall-klima; billi l-istrateġija għandha ssaħħaħ ukoll it-tmexxija globali Ewropea u tnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq partijiet oħra tad-dinja fil-ktajjen tal-valur strateġiċi permezz tad-diversifikazzjoni u tagħmilhom aktar sostenibbli, billi tevita d-delokalizzazzjoni tal-industriji Ewropej filwaqt li tippreserva suq miftuħ;
- B. billi l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ħolqu tnaqqis bla preċedent fir-ritmu ekonomiku fl-Ewropa li joħloq ir-riskju li jiżiedu l-inugwaljanzi u t-tensjonijiet soċjali fl-Unjoni, speċjalment fost l-aktar ċittadini vulnerabbli;
- C. billi l-kompetittività industrijali u l-politika dwar it-tibdil fil-klima jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, u r-riindustrija-lizzazzjoni innovattiva u newtrali għall-klima se toħloq impjegi lokali u tiżgura l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea; billi tali approċċ għandu jkun applikat fil-politiki kollha relatati mat-tranżizzjoni diġitali u ambjentali;
- D. billi l-Unjoni teħtieġ li tiżblokka l-potenzjal intraprenditorjali ta' gruppi soċjali partikolari li fosthom jeħtieġ li dan jiġi żvilupp bis-sħiħ, inklużi ż-żgħażaġh, il-migranti, il-persuni akbar fl-età u n-nisa; billi l-istrateġija industrijali tal-Unjoni tista' tirrappreżenta opportunità biex titrawwem il-kultura intraprenditorjali ta' gruppi li mhumx rappreżentati biżżejjed jew li huma żvantaġġati u biex dawn ikunu jistgħu jikkontribwixxu bis-sħiħ għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika;
- E. billi s-setturi kollha tal-ekonomija, u b'mod partikolari l-SMEs, intlaqtu mill-pandemija tal-COVID-19 u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku bla preċedent li ħolqot, b'xi setturi saħansitra waqfu għalkollox; billi f'dan il-kuntest irkupru rapidu u ġust mhux se jinkiseb permezz ta' xenarju ta' żamma ta' *status quo* u kwalunkwe strateġija industrijali orjentata lejn il-futur għandha tibda billi tindirizza l-irkupru industrijali u l-kompetittività globali fit-tul speċjalment fis-setturi ta' tkabbir u f'dawk is-setturi l-akbar milquta mill-miżuri ta' lockdown tal-COVID-19;
- F. billi djun ġodda li saru għas-sopravivenza matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku aktarx li jħallu lill-kumpaniji bi struttura finanzjarja fraġli, u dan iwassal għal tkabbir aktar bil-mod u għal nuqqas ta' kapaċitajiet ta' investiment fuq terminu ta' żmien qasir, medju u fit-tul biex tintlaħaq it-tranżizzjoni doppja lejn ekonomija li tkun kemm diġitalizzata u newtrali għall-klima kif ukoll effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari;
- G. billi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Unjoni teħtieġ strateġija industrijali li jkollha żewġ fażijiet distinti, waħda li tiffoka fuq l-irkupru u l-oħra fuq ir-rikostruzzjoni u r-reżiljenza; billi l-irkupru ekonomiku għandu jkun ibbażat fuq approċċ soċjali u ambjentalment sostenibbli b'saħħtu u għandu jappoġġa r-rikostruzzjoni industrijali lejn trasformazzjoni diġitali u ekoloġika ta' suċċess, b'forzi tax-xogħol kwalifikati li jakkumpanjaw dawn it-trasformazzjonijiet u jiżguraw tranżizzjoni ekwa u ġusta;
- H. billi s-settur industrijali fl-Ewropa huwa ferm interkonness u hemm interrelazzjonijiet b'saħħithom bejn l-Istati Membri u approċċi differenti għal kumpaniji ta' daqsijiet differenti; billi, konsegwentement, politika Ewropea kkoordinata li tiżgura li l-katina kollha tal-produzzjoni tista' tibbenefika, minn intrapriżi kbar għall-SMEs, se jkollha aktar suċċess fiż-żieda tal-kompetittività u s-sostenibbiltà globali tal-Ewropa;
- I. billi l-Unjoni għandha tkompli ssegwi ftehimiet kummerċjali ambizzjużi b'mod kemm multilaterali kif ukoll bilaterali; billi qabel il-kriżi tal-COVID-19, l-industrija Ewropea, filwaqt li baqgħet il-pilastru tal-ekonomija tal-Unjoni u kienet timpjega madwar 32 miljun persuna, diġà kienet f'salib it-toroq, bil-kontribuzzjoni tagħha għall-PDG tal-UE li naqset minn 23 % għal 19 % matul l-aħħar 20 sena; billi bħalissa qed tiffaċċja kompetizzjoni internazzjonali intensa u spiss hija affettwata minn miżuri kummerċjali dejjem aktar protezzjonisti minn pajjiżi terzi li ma jipprattikawx standards ambjentali u soċjali għoljin;
- J. billi l-Istrateġija Industrijali Ewropea l-ġdida teħtieġ li tiżgura t-tranżizzjoni doppja lejn bażi industrijali Ewropea li tkun kompetittiva u sostenibbli; billi din it-trasformazzjoni tikkostitwixxi opportunità għall-Ewropa biex timmodernizza s-sisien industrijali tagħha, iżżomm u tirrikalizza l-impjegi u l-produzzjoni industrijali ewlenija u tibni hilit u kapaċitajiet essenzjali għall-isforz globali biex taħdem favur l-oġettivi stabbiliti fil-liġi dwar il-klima u fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs);

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- K. billi l-istrateġija teħtieġ tipprovdi l-qafas regolatorju meħtieġ biex tippermetti t-tranżizzjoni doppja, kif ukoll l-infrastrutturi u r-riżorsi finanzjarji meħtieġa, u tiffoka fuq il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", l-iffrankar tal-enerġija u tar-riżorsi, it-teknoloġiji tal-enerġija rinnovalabbli u tal-enerġija b'livell żero jew baxx ta' karbonju, iċ-ċirkolarità u n-nontossicità;
- L. billi lil hinn mill-kriżi tal-COVID-19, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali għadhom waħda mill-akbar sfidi u jirrikjedu approċċ komprensiv komuni; billi l-emissjonijiet industrijali tal-UE jikkontribwixxu għall-emissjonijiet totali ta' gassijiet b'effett ta' serra (GHG) tal-Ewropa; billi d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija li tuża ħafna enerġija għadha waħda mill-akbar sfidi fit-triq lejn il-kisba tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050; billi s-setturi kollha għandhom jikkontribwixxu biex jinkisbu l-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni;
- M. billi l-kriżi tal-COVID-19 uriet ir-rwol kruċjali tal-assi diġitali, inklużi l-konnettività u n-networks, kif ukoll tal-ħiliet diġitali, bħala għodda li tippermetti lill-ħaddiema u l-kumpaniji jadattaw il-mod li bih iwettqu l-kompiti u l-operazzjonijiet tagħhom għas-sitwazzjoni ta' emerġenza; billi r-reżiljenza tal-infrastruttura diġitali u t-titjib tal-ħiliet diġitali tal-forza tax-xogħol huma oqsma ta' prijorità biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej, speċjalment l-SMEs;
- N. billi l-istrateġija industrijali l-ġdida tal-Unjoni għandha tiffoka fuq żieda fil-konnettività, livelli diġitali mtejbha, l-Internet tal-Oġġetti Industrijali (IIoT), l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji tar-reġistru diġitali, l-informatika tal-iperprestazzjoni u l-quantum computing; billi s-settur diġitali se jikkontribwixxi wkoll għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għat-tranżizzjoni industrijali lejn in-newtralità klimatika, kemm bħala sors ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u ottimizzazzjoni tal-proċessi industrijali, kif ukoll billi jtejjeb l-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni tal-ekonomija ċirkolari tas-settur diġitali nnifsu;
- O. billi s-sovranià u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni jeħtieġu bażi industrijali awtonoma u kompetittiva u investment massiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex tiġi żviluppata tmexxija f'teknoloġiji abilitanti essenzjali u soluzzjonijiet innovattivi u tiġi żgurata l-kompetittività globali; billi l-istrateġija industrijali tal-Unjoni għandha tinkludi pjan ta' azzjoni biex issaħħaħ, tqassar, tagħmel aktar sostenibbli u tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista tal-industriji Ewropej sabiex tnaqqas id-dipendenza żejda fuq f'tit swieq u żżid ir-reżiljenza tagħhom; billi għandu jkun hemm ukoll strateġija għal rilokalizzazzjoni intelliġenti sabiex l-industriji jiġu skjerati mill-ġdid fl-Ewropa kif ukoll biex jizziedu l-produzzjoni u l-investment u tiġi rilokata l-produzzjoni industrijali f'setturi ta' importanza strateġika għall-Unjoni;
1. Iqis li t-tranżizzjoni lejn soċjetà soċjalment, ekonomikament u ambjentalment reżiljenti, tmexxija strateġika u awtonomija u suq uniku li jiffunzjona tajjeb għandha tkun fil-qalba tal-istrateġiji kollha tal-Unjoni; jemma, għalhekk, li huwa meħtieġ li jitwettaq qafas leġislattiv u ta' politika li jiffunzjona bis-sħiħ u li jħares 'il quddiem, ibbażat fuq il-fehim tad-dinamika bejn il-pjan ta' rkupru, l-ambizzjonijiet klimatiċi u diġitali tagħna u strateġija industrijali effettiva li tissimplifika l-approċċi, il-miri u l-għanijiet differenti; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi strateġija industrijali riveduta u komprensiva li tipprovdi qafas ta' politika ċar u ċertezza regolatorja, u, fost l-oħrajn:
- (a) toħloq il-kundizzjonijiet għal tkabbir fit-tul, ittejjeb il-prosperità tal-Unjoni bbażata fuq l-innovazzjoni u l-kompetittività globali u tikseb in-newtralità klimatika;
- (b) timmobilizza r-riżorsi finanzjarji xierqa, inklużi miżuri għall-irkupru;
- (c) tappoġġa u timmaniġġa t-tranżizzjoni doppja – ekoloġika u diġitali, filwaqt li żżomm u toħloq impjiegi ta' kwalità għolja;
- (d) taħdem favur il-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- (e) tiżgura, tagħmel aktar sostenibbli, tiddiversifika u tiddiġitalizza ktajjen tal-valur strateġiċi, anke billi tippromwovi u tappoġġa l-kummerċ internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;
- (f) issaħħaħ l-ispirtu intraprenditorjali, toħloq ambjent favorevoli għan-negozju, tappoġġa l-SMEs u tinkoraġġixxi l-ħolqien u t-tkabbir ta' kumpaniji, inklużi negozji ġodda;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

(g) ittejjeb ir-reżiljenza strateġika u l-awtonomija tal-Unjoni, inkluż fil-materja prima, u ssaħħa it-tmexxija teknoloġika;

(h) toħloq il-kundizzjonijiet għal żvilupp ugwali u tinkoraġġih fir-reġjuni kollha tal-Unjoni, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

2. Jitlob strateġija industrijali inklużiva li tinvolvi l-ekosistemi industrijali kollha, l-SMEs, ir-reġjuni, il-komunitajiet u l-ħaddiema fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħha; huwa tal-fehma li strateġija industrijali b'saħħitha tista' tgħin biex jingħelbu l-kompromessi potenzjali u tagħmilha possibbli li jinħatfu l-opportunitajiet maħluqa mit-tranżizzjoni doppja; jinsab konvint li l-politika industrijali tal-Unjoni trid tkun tista' tiddependi fuq pilastru soċjali b'saħħtu u tindirizza fil-ħin il-konsegwenzi soċjali tat-tibdil strutturali;

3. Iqis li huwa essenzjali li jsir investiment fi swieq tax-xogħol attivi u li jiġu pprovduti programmi ta' edukazzjoni u taħriġ bil-għan li jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-ekonomija; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi politika tal-Unjoni li tikkorrispondi mal-għadd ta' impjegi li jistgħu jintilfu fl-industrija tradizzjonali mad-domanda għax-xogħol fl-industrija tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, peress li dawn l-impjegi ġodda x'aktarx ma jinħolqux fl-istess reġjuni li fihom jitilfu l-industrija tradizzjonali, u ma jittiħdux mill-istess ħaddiema, biex jiffaċilitaw ir-rivitalizzazzjoni ekonomika u soċjali tat-territorji li qed jirriskjaw id-depopolazzjoni u t-tfaqqir, b'attenzjoni partikolari għad-disparitajiet bejn il-ġeneri;

4. Iqis li din it-tranżizzjoni doppja hija opportunità għal żoni ddominati mill-fjuwils fossili biex jimxu lejn l-ewwel linja ta' innovazzjoni u sistema ta' produzzjoni li tkun kompatibbli mal-oġettivi tan-newtralità klimatika; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tiżgura li din it-tranżizzjoni trawwem kundizzjonijiet għall-ħolqien tal-impjegi li jkun ekwi u soċjalment ġusti fl-ispiritu tal-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, filwaqt li timxi id fid mal-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, it-titjib tal-istandards soċjali u tal-għajxien u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin; jissottolinja f'dan ir-rigward il-ħtieġa li kull azzjoni li taċċelera t-tranżizzjoni doppja tkun akkumpanjata minn politiki korrispondenti u azzjonijiet konkreti li jkollhom l-għan li jindirizzaw l-effetti negattivi kemm fuq ir-reġjuni kif ukoll fuq l-aktar persuni vulnerabbli;

5. Jenfasizza li, għal dan il-għan, jeħtieġ li ssir enfasi fuq il-koeżjoni reġjonali u soċjali u l-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-ristrutturar, imfassla skont il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol lokali, bil-għan li jkun hemm rivitalizzazzjoni ekonomika tar-reġjuni milquta kif ukoll bil-għan li jiġi indirizzat il-qgħad u jiġi promoss l-użu tal-investiment pubbliku, anke f'setturi essenzjali partikolarment milquta mill-pandemija, sabiex jiġu appoġġati impjegi ta' kwalità għolja madwar l-Unjoni; jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-ġestjoni u l-governanza tal-kumpanji;

6. Jinsisti fuq l-identifikazzjoni ta' settijiet ta' ħiliet futuri u fuq aktar investiment fir-riżorsi umani, l-edukazzjoni, it-taħriġ immirat, it-titjib tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, sabiex il-persuni u r-reġjuni jiġu pprovduti b'perspettivi u introjti futuri, kif ukoll biex l-industrija tiġi pprovduta b'ħaddiema tas-sengħa; jinnota li industrija kompetittiva tiddependi ħafna fuq ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' forza tax-xogħol kwalifikata b'ħiliet kruċjali fil-qasam tas-sostenibbiltà u t-trasformazzjoni diġitali tan-negozji, u li dan għandu jiġi appoġġat b'finanzjament adegwat mill-Programm Ewropa Diġitali u l-Programm tas-Suq Uniku;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex isaħħu l-koordinazzjoni tal-politiki tal-edukazzjoni, b'investimenti pubbliċi massivi fihom fl-Ewropa kollha; iħeġġeġ barra minn hekk lill-Kummissjoni tistabbilixxi grupp ta' partijiet ikkonċernati esperti inkarigat li jipprevedi lakuni u nuqqasijiet futuri fil-ħiliet industrijali bl-għajnuna tal-IA u r-riżorsi diġitali, speċjalment il-kapaċitajiet tal-big data;

8. Jemmen li l-istrateġija ġdida fit-tul għall-futur industrijali tal-Ewropa għandha tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra d-differenza bejn il-ġeneri fil-paġi u fil-pensjonijiet li għadhom jaffettwaw is-suq tax-xogħol Ewropew u s-soċjetà Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tqis id-dimensjoni tal-ġeneri fl-implimentazzjoni tal-istrateġija industrijali Ewropea, kemm fil-fażi tal-irkupru kif ukoll fil-fażijiet tar-rikostruzzjoni u t-trasformazzjoni, inkluż l-użu ta' għodod għall-ibbaġitar skont il-ġeneru fid-definizzjoni tal-istrumenti finanzjarji li jappoġġaw it-tkabbir industrijali u ekonomiku tal-Unjoni;

9. Jissottolinja r-rwol ewlieni li l-industrija Ewropea jista' jkollha fl-impenn attiv favur oġettivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi ambizzjużi, inkluż fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; iqis li biex dan jimmaterjalizza, l-UE għandha bżonn tgħammar lilha nnifisha b'qafas ta' diliġenza dovuta globali għall-industrija biex tidentifika, tintraċċa, tipprevjeni, timmitiga u tqis ir-riskji, l-impatti, l-abbużi u l-ħsara ambjentali u soċjali, fl-attivajiet domestiċi u globali tagħha, u bejn il-ktajjen tal-provvista, sabiex tipprovdi standards minimi u toħloq kundizzjonijiet ekwi;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

10. Iqis li l-Unjoni teħtieġ strateġija industrijali li tikkontribwixxi għall-irkupru industrijali mill-kriżi ekonomika attwali, tattira l-investimenti, tiffaċilita l-aċċess għall-kapital u tistimula kompetizzjoni effettiva; jemmen għalhekk li strateġija aġġornata għandha tqis żewġ fażijiet prinċipali u marbuta ma' xulxin: waħda mmirata lejn il-konsolidazzjoni tal-impjiegi, billi tirriattiva l-produzzjoni u tadattaha għal sitwazzjoni "normal għdida" ta' wara l-COVID-19 u t-tieni fażi mmirata lejn ir-rikostruzzjoni u t-trasformazzjoni;

11. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, issaħħaħ il-leġiżlazzjoni eżistenti u futura rilevanti sabiex tagħti prijorità lit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività fit-tul u r-reżiljenza soċjetali u ekonomika matul iż-żewġ fażijiet; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tistimola d-domanda interna tal-Unjoni u t-tkabbir fit-tul billi tattira aktar investment, kemm pubbliku kif ukoll privat, fir-riċerka u l-innovazzjoni, fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda sostenibbli u diġitali, inkluż f'industriji li jirrikjedu ħafna ħaddiema, f'networks u proġetti ta' infrastruttura ġodda li jkunu kompatibbli mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, effiċjenti fl-enerġija u tar-riżorsi u fl-ekonomija ċirkolari;

12. Jistieden lill-Kummissjoni theggi rapport komprensiv li jivvaluta l-istat tal-ekonomija tal-Unjoni u l-fattibbiltà li titwettag it-tranżizzjoni doppja, filwaqt li jitqiesu l-opportunitajiet għall-industrija, inklużi l-SMEs, biex jinkisbu s-sinerġiji u jiġu minimizzati r-riskji li jistgħu jippreżentaw lil xulxin u biex jiġu massimizzati l-benefiċċji; jitlob lill-Kummissjoni, abbażi tas-sejbiet tagħha, tadatta l-istrateġija ppubblikata f'Marzu 2020 għas-sitwazzjoni attwali u tindirizza iż-żewġ fażijiet, filwaqt li żżomm l-enfasi fuq tranżizzjoni ekoloġika, diġitali, ekwa u ġusta li ssaħħaħ is-sovraniżmu tal-Unjoni u l-awtonomija strateġika tagħha;

13. Jissottolinja li l-istrateġija industrijali tal-Unjoni trid issewgi għanijiet definiti sew u, fl-interessi ta' trasparenza sħiħa, jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjonijiet ċari, espliċiti u konkreti ta' kunċetti ta' "strateġika", "awtonomija", "awtonomija strateġika", "reżiljenza", "reżiljenza strateġika", u kunċetti relatati oħra, sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet meħuda b'referenza għal dawn il-kunċetti jkunu speċifiċi u mmirati lejn il-prijoritajiet u l-għanijiet tal-UE;

14. Iqis li l-istrumenti ta' assigurazzjoni tradizzjonali mhumix biżżejjed biex ikopru t-telf fl-interruzzjoni tan-negozju kkawżata minn pandemija, u li soluzzjoni ambizzjuża għall-UE kollha hija meħtieġa biex tantiċipa u timmaniġġa l-effetti negattivi ta' kriżi pandemika jew sistemika futura fuq in-nies, in-negozji u l-ekonomija; jistieden lill-Kummissjoni taħdem favur il-ħolqien ta' qafas li jinvolvi lill-investituri istituzzjonali, lill-Istati Membri u lill-UE, biex tkopri t-telf minħabba interruzzjoni tan-negozju f'każ ta' pandemija futura;

15. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex toħloq strument għdid għall-irkupru, fosthom Next Generation EU (NGEU), ta' EUR 750 biljun; jiddeplora t-tnaqqis fil-programmi orjentati lejn il-futur propost mill-Kunsill Ewropew f'Lulju 2020, kemm fil-QFP 2021-2027 kif ukoll fl-NGEU, u jitlob li l-infiq mill-baġit tal-UE fuq l-isforzi tat-tibdil fil-klima jiżdied għal mill-inqas 30 % tal-baġit; iqis li dan it-tnaqqis se jdgħajfeh il-pedamenti ta' rkupru sostenibbli u reżiljenti għall-industrija tal-Unjoni u se jkollu effetti konsegwenzjali negattivi fuq l-ilħuq tal-oġettivi tan-newtralità klimatika tal-Unjoni għall-2050, kif ukoll għall-ġustizzja soċjali u l-kompetittività globali; jitlob, għalhekk, li jkun hemm baġit fit-tul tal-UE li jkun ambizzjuż u aktar b'saħħtu għall-2021-2027 u li ma jkunx anqas mill-proposta tal-Kummissjoni; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-pożizzjoni tal-Parlament dwar ir-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, inkluża l-introduzzjoni ta' riżorsi ġodda li jkunu allinjati aħjar mal-prijoritajiet ewlenin tal-politika tal-UE u li jinċentivaw il-progress ta' dawn il-prijoritajiet;

16. Jilqa' l-miżuri meħuda mill-Unjoni biex tindirizza l-kriżi tal-COVID-19, l-injezzjoni tal-likwidità mill-BĊE, iż-żieda fil-kapital tal-BEI għall-SMEs u l-inizjattiva SURE biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jiffinanzjaw arranġamenti ta' ħidma fuq perjodu ta' żmien qasir, iżommu l-impjiegi u jipproteġu lill-ħaddiema; jilqa' pożittivament il-mezzi finanzjarji straordinarji skont il-Qafas għall-Miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jiġu appoġġati n-negozji u l-ħaddiema fil-ġlieda kontra l-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija; jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni tiżgura li l-għajnuna pprovduta fil-fażi ta' emerġenza tkun iġġustifikata mill-konsegwenzi tal-pandemija u ma twassalx għal nuqqas ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq uniku u li l-ebda settur strateġiku ma jiġi traskurat; barra minn hekk, jistenna bil-ħerqa revizzjoni f'waqtha tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa għal appoġġ immirat biex jixprunaw id-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni industrijali, u b'mod partikolari tal-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija; jenfasizza f'dan ir-rigward li kwalunkwe revizzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt tal-kompetittività tal-industrija Ewropea, għandha tqis id-distorsjonijiet possibbli fuq livell globali, u għandha tkun konsistenti bis-sħiħ man-newtralità klimatika u mal-għanijiet ambjentali tal-UE għall-2050 kif miftiehem fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

17. Jissottolinja li l-għajnuna mill-Istat għandha tingħata biss lill-kumpaniji li qed jiffaċċjaw l-effetti ekonomiċi immedjati tal-COVID-19 u li l-illaxkar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandu jkun limitat biż-żmien; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tipproponi reġim speċifiku ta' għajnuna mill-Istat immirat biex jappoġġa s-setturi li l-aktar li sofrew mill-miżuri ta' emerġenza tal-COVID-19, bħall-industriji tal-karozzi, it-turiżmu, l-avjazzjoni u l-industriji tal-azzar u tal-metall; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti minimi komuni għall-kumpaniji li jirċievu assistenza finanzjarja, sabiex jiġu evitati kriterji nazzjonali differenti li jwasslu għal aktar diskrepanzi; jissottolinja li l-għajnuna pubblika li tingħata għandha tissalvagwardja l-impjiegi u tintuża biex l-operazzjonijiet tal-kumpaniji kkonċernati jiġu allinjati mal-oġettivi tan-newtralità klimatika u ambjentali tal-Unjoni;

18. Jissottolinja, fil-kuntest tal-assistenza ta' emerġenza, l-importanza li jingħata appoġġ lill-intrapriżi li jirrispettaw il-ftehimiet kollettivi applikabbli u li mhumiex reġistrati f'rifuġi fiskali;

19. Jissottolinja, barra minn hekk, li kwalunkwe għajnuna mill-Istat attribwita skont il-politiki industrijali jew kwalunkwe politika oħra għandha taderixxi mal-"prinċipju ta' bbilanċjar" komuni biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi evitata kull forma ta' dumping soċjali fi ħdan l-UE kif ukoll distorsjonijiet tal-kompetizzjoni;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi approċċ ċar, konsistenti u aċċessibbli għad-definizzjoni tas-suq f'każijiet ta' kompetizzjoni f'industriji differenti; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu żgurati biżżejjed veloċità, trasparenza u proporzjonalità fil-qafas amministrattiv u proċedurali tal-proċedimenti tal-kompetizzjoni tal-UE, b'mod partikolari fil-kontroll tal-fużjonijiet fl-UE;

21. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema ta' rapportar dwar il-modi li bihom il-protezzjoniżmu barrani jaffettwa l-industrija tal-UE kif ukoll valutazzjoni regolari tal-kompetittività tal-UE tas-setturi differenti tal-industrija tal-Unjoni meta mqabbla mal-kompetituri ewlenin tagħha, u taġixxi b'mod rapidu jekk ikunu meħtieġa aġġustamenti fir-regoli tal-Unjoni;

22. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' kuntest ekonomiku globali li nbidel b'mod profund, biex tirrevedi r-regoli tal-antitrust tal-Unjoni, filwaqt li tfittex bilanċ bejn il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-kompetizzjoni fuq skala globali u l-protezzjoni tal-katina tal-provvista u tal-konsumaturi mill-konsegwenzi negattivi potenzjali ta' suq intern aktar ikkonċentrat;

23. Iqis li l-iskemi ekonomiċi stabbiliti mill-Istati Membri individwali biex jgħinu lill-SMEs, lin-negozji ġodda u lill-kumpaniji jlaħħqu mal-kriżi tal-likwidità għal żmien qasir huma utli, iżda f'xi każijiet jistgħu jżidu l-livelli tad-dejn tagħhom; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa programmi tal-UE u nazzjonali li jinċentivaw iż-żieda fil-kapital u jiffaċilitaw l-irkupru;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tqajjem mill-ġdid u ġġedded l-ispirtu tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar, permezz ta' inizjattivi mmirati speċjalment biex jappoġġaw il-mikrointrapriżi u n-negozji żgħar, billi l-miżuri b'approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" spiss mhumiex adatti għall-mikrointrapriżi u l-SMEs; jemmen li l-SMEs jiġu moqdija l-aħjar b'miżuri ta' appoġġ *ad hoc* li jevitaw ostakoli burokratiċi u jiżguraw li l-likwidità meħtieġa tasal għand kumpaniji permezz ta' għodod effettivi u aċċessibbli u proċeduri veloċi, aġli u li jiffavorixxu l-SMEs; jisħaq li ħafna SMEs mhux se jkollhom il-likwidità biex jinvestu fi trasformazzjoni diġitali sostenibbli;

25. Jissottolinja li l-programmi ta' finanzjament tal-UE għandhom impatt fuq iż-żieda fil-livell ta' tkabbir fit-tul tal-kumpaniji benefiċjarji, iżda jenfasizza wkoll li l-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, jiffaċċjaw diffikultajiet sostanzjali biex jaċċessaw il-finanzjament tal-UE; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni ssegwi wkoll it-triq diġà esperjenzata mill-kofinanzjament ta' skemi ta' kreditu tat-taxxa provviżorji nazzjonali mmirati lejn it-trawwim ta' investimenti f'teknoloġiji diġitali u ambjentali;

26. Itenni l-importanza ta' miżuri ta' appoġġ *ad hoc* indirizzati lejn l-SMEs, permezz ta' appoġġ finanzjarju sod fil-QFP li jmiss; ihegġegħ lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħolqien ta' programm ta' vawċers għall-SMEs li jappoġġa l-isforzi tal-SMEs, inklużi daww biex jaġġornaw tagħmir skadut, itejbu t-trasferiment tal-għarfien u jidentifikaw l-aktar użi effettivi tat-teknoloġiji, bħall-intelliġenza artifiċjali industrijali, u jtejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa immedjatament biex jippermettu l-kontroll remot tal-assi, il-monitoraġġ tal-produzzjoni u l-kollaborazzjoni tal-impjegati, kif ukoll mudelli ta' negozju ambjentalment sostenibbli, approċċi tal-ekonomija ċirkolari, effiċjenza fl-enerġija u tar-riżorsi, oqsma fejn l-għarfien diġitali spiss huwa kruċjali u jippermetti lill-SMEs jibqgħu kompetittivi;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

27. Jiddispjaċih li għad hemm distakk sinifikanti bejn il-kumpaniji l-kbar u l-SMEs fir-rigward tal-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fl-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom, kif ukoll distakk bejn dawk li huma minn ta' quddiem u dawk li għadhom lura fl-innovazzjoni; jenfasizza l-hteġa li jżiedu l-oportunitajiet għall-SMEs fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jassorbu teknoloġiji innovattivi u li jnaqqsu l-iżbilanċi diġitali f'termini ta' infrastruttura fi bliet iżgħar u f'żoni rurali u remoti; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa liċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej, li bis-saħħa tal-għarfien tal-ekosistemi lokali jirrappreżentaw mod potenzjalment effettiv biex jitnaqqas id-distakk diġitali;

28. Jemmen li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fl-eżitu tal-istrateġija industrijali peress li dawn joħlqu valur pubbliku u jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp tal-komunitajiet lokali fejn huma bbażati; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tqis l-ispeċifitajiet ta' din il-kategorija ta' intrapriżi fit-tfassil tal-istrumenti finanzjarji tal-programm ta' ħidma, sabiex jiġi appoġġat l-aċċess tagħhom għall-finanzi;

29. Jissottolinja li hemm attributi speċifiċi li jagħmlu t-tranżizzjoni ekonomikament sostenibbli lejn ekonomija newtrali għall-klima u kompletament diġitali partikolarment adattata għall-miżuri ta' rkupru li jfittxu li jżidu b'mod rapidu d-domanda tal-konsumaturi u l-impjiegi; jenfasizza li l-evidenza turi li l-proġetti ekoloġiċi u diġitali joħlqu aktar impjiegi, jirriżultaw f'redditi oġġa fuq perjodu ta' żmien qasir għal kull euro li jintefaġ u jwasslu għal iffrankar akbar tal-ispejjeż fit-tul meta mqabbla ma' stimoli fiskali tradizzjonali, peress li dawn jiżviluppaw malajr minħabba li t-teknoloġija hija faċilment disponibbli (pereżempju sorsi ta' enerġija rinovabbli), għandhom it-tendenza li jinvolvu lill-SMEs u jrawmu ekonomiji lokali permezz ta' effetti ta' impjiegi b'saħħithom, li jżidu malajr l-introjt disponibbli tal-konsumaturi (pereżempju l-effiċjenza fl-enerġija), u huma anqas esposti għal xokkijiet esterni u b'hekk jikkontribwixxu għal irkupru soċjali u ekonomiku aktar reżiljenti;

30. Jinnota li, sabiex tgħin fl-identifikazzjoni ta' investimenti b'impatti ambjentali u soċjali pożittivi għoljin, it-tassonomija tal-UE, fejn disponibbli, tistabbilixxi l-qafas sabiex jiġi stabbilit sa liema punt investiment huwa ambjentalment sostenibbli u biex jiġi żgurat li ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali u soċjali;

31. Iqis li l-Unjoni tirrikjedi strateġija industrijali innovattiva li tħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-industriji u l-SMEs tagħna inklużi dawk tradizzjonali, ittejjeb il-kapaċità industrijali tal-Unjoni fl-infrastrutturi u l-kapaċitajiet diġitali kritiċi u ssaħħaħ is-suq uniku diġitali u tad-data; huwa tal-fehma li l-Unjoni għandha tappoġġa n-negozji fl-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-għarfien u t-taħriġ tagħhom u fl-investiment f'taħmir diġitali (hardware u software), filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali biex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess ta' diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni u t-titjib tas-sistemi ta' taħriġ u ta' titjib ta' hili; jissottolinja l-importanza tal-programm Ewropa Diġitali u l-importanza li titħaffef l-adozzjoni ta' teknoloġiji abilitanti u emerġenti fl-industriji; jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' ċentri tal-innovazzjoni diġitali madwar l-UE;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu, fost l-oħrajn, fl-ekonomija tad-data, l-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem, il-produzzjoni intelliġenti, l-Internet tal-Oġġetti (IoT), il-mobbiltà, is-supercomputing, l-inġinerija u t-teknoloġija tas-software, il-cloud, it-teknoloġija quantum, in-networks tal-5G u tas-6G b'veloċità għolja u bi prezz raġonevoli u siguri, it-Teknoloġiji tar-Reġistru Distribwiti (DLTs), ir-robotika, il-batteriji u l-internet satellitari; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri ewlenin rilevanti rakkomandati fis-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà tal-5G u b'mod partikolari biex japplikaw, fejn xieraq, ir-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-fornituri ta' riskju għoli għal assi ewlenin definiti bħala kritiċi u sensitivi fil-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-UE.

33. Jissottolinja r-rwol ewleni tas-settur diġitali fil-kontribut għat-trasformazzjoni tas-settur industrijali, kemm bħala sors ta' soluzzjonijiet ta' teknoloġija nadifa kif ukoll fl-ottimizzazzjoni tal-proċessi industrijali u billi jiġi minimizzat l-impatt ambjentali tagħhom; minħabba l-konsum għoli ta' enerġija u riżorsi konnessi mal-ICT, jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ambjentali potenzjali tal-iżvilupp massiv ta' soluzzjonijiet diġitali filwaqt li tiżgura tmexxija Ewropea f'teknoloġiji diġitali u ċentri tad-data effiċjenti ħafna fl-enerġija u ċirkolari; jistieden lill-Kummissjoni tippromwvi toroq konkreti għal soluzzjonijiet diġitali biex iservu t-tranżizzjoni ekoloġika u biex jistabbilixxu metodoloġija għall-monitoraġġ u l-kwantifikazzjoni tal-impatt ambjentali li dejjem jiżdied tat-teknoloġiji diġitali;

34. Jissottolinja li d-data għandha rwol ewleni fit-trasformazzjoni tal-industriji Ewropej, u jenfasizza l-importanza tat-tkabbir tal-manifattura intelliġenti u tad-diġitalizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta ambjent diġitali u tad-data uniku Ewropew u tiżgura u tippromwvi l-interoperabbiltà, kif ukoll l-aċċess u l-fluss għal data u software siguri fl-Unjoni u fis-setturi kollha, f'kumpaniji ta' kull daqs u fost l-istituzzjonijiet pubbliċi; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tiżgura t-tmexxija Ewropea fl-istabbiliment ta' standards orjentati lejn il-futur u l-ħolqien ta' għodod u infrastrutturi orjentati lejn il-futur għall-ħżin u l-ipproċessar tad-data u l-ġbir ta' data Ewropea f'setturi ewlenin, bi spazji tad-data komuni u interoperabbli mal-Unjoni kollha; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni tiffoka b'mod partikolari fuq proġetti mmirati lejn il-ġestjoni u t-tikkettar tad-data, l-istandardizzazzjoni tal-format tad-data u s-sigurtà tad-data,

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

tiżviluppa u tipproċessa data fuq it-territorju Ewropew, b'mod partikolari data minn korpi pubbliċi, tibni sistema ta' tassazzjoni diġitali aħjar li fiha l-profitti jiġu ntaxxati u fejn il-kumpaniji jkollhom interazzjoni sinifikanti mal-utenti, u tiżviluppa aktar l-istandards u ċ-ċertifikazzjoni Ewropej dwar iċ-ċibersigurtà, u b'hekk tiżgura kompetittività msaħħa, tippromwovi teknoloġiji fixkiela, b'mod partikolari għall-infrastrutturi kritiċi, inkluż billi tirrevedi d-direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni (NIS) u billi tistabbilixxi ċentru taċ-ċibersigurtà; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura pjattaforma ġusta għar-relazzjonijiet kummerċjali biex tippermetti lill-intrapriżi fl-UE, speċjalment l-SMEs, jużaw id-data ġġenerata fuq il-pjattaformi b'mod effettiv;

35. Jirrikonoxxi l-importanza ta' approċċ Ewropew għall-ekonomija tad-data, li jkun trasparenti, affidabbli, interoperabbli u ċċentrat fuq il-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu progressivament il-frammentazzjoni fl-istrateġiji nazzjonali differenti u jindirizzaw l-iżbilanċi fis-setgħa tas-suq, bil-għan li jappoġġaw fluss ta' data, interoperabbiltà, ġestjoni tad-data, protezzjoni u użu (mill-ġdid) fl-Unjoni kollha;

36. Jissottolinja l-ħtieġa ta' qafas legali Ewropew dwar l-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati li jindirizza prinċipji etiċi u drittijiet fundamentali fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu tagħhom, kif ukoll mistoqsijiet dwar is-sikurezza u r-responsabbiltà; jenfasizza li l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-industrija tal-Ewropa se jirrikjedu qafas orizzontali li jirrifletti l-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni, sabiex jipprovdw gwida konkreta u ċertezza legali liċ-ċittadini u lin-negozji bl-istess mod, inkluż dawk li jinsabu barra l-Unjoni;

37. Hu tal-opinjoni li kwalunkwe azzjoni leġiżlattiva fil-kuntest ta' reviżjoni tal-qafas tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali applikabbli bħalissa (IPR) trid tkun ikkunsidrata bir-reqqa peress li dan jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-ekonomija tad-data tal-UE li għadha fraġli u li qed tiżviluppa; jikkunsidra li ma għandu jkun hemm l-ebda dritt ta' sjieda bbażat fuq il-proprjetà intellettuali għal data mhux personali użata u prodotta minn teknoloġiji bħall-Intelliġenza Artifiċjali;

38. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fil-pjan ta' rkupru miżuri konkreti biex tattira l-industriji lejn l-Ewropa, iżżid, issaħħaħ u tippromwovi r-rilokazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-industriji Ewropej f'termini tal-importanza strateġika tagħhom u, mill-perspettiva tan-newtralità klimatika, tqassar u tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista; f'dan il-kuntest, jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-Unjoni tipproduċi biżżejjed prodotti strateġiċi, bħal tagħmir mediku u tal-kura tas-saħħa jew enerġija rinnovabbli, biex tkun awtosuffiċjenti fi żminijiet ta' kriżi, u jinkoraġġixxi l-użu ta' inċentivi biex jinkiseb dan, bħar-rekwiżit li jinx tara ammont akbar minn produzzjoni lokali (UE/ŻEE) minn setturi li jirċievu għajnuna temporanja;

39. Jirrikonoxxi r-riskju li l-kriżi tal-COVID-19 se twassal għal żieda fin-nazzjonaliżmu ekonomiku u l-protezzjoniżmu, u dan jgħidli sfida kbira għall-kummerċ ħieles ibbażat fuq ir-regoli u l-ktajjen tal-valur globali minħabba r-rinazzjonalizzazzjoni tal-produzzjoni u l-qtugħ ta' dawk il-ktajjen; jistieden, għal dan il-għan, lill-partijiet ikkonċernati jiddiversifikaw u jqassru l-ktajjen tal-provvista tagħhom u jagħmluhom aktar sostenibbli sabiex titnaqqas il-vulnerabbiltà;

40. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiddefendi sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli li tkun konsistenti mal-isforzi globali biex jitwaqqaf it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità u mal-istandards ambjentali u soċjali għoljin tal-UE, ittejjeb l-aċċess għas-swieq internazzjonali għall-kumpaniji tal-UE, u tipprevjeni atturi internazzjonali b'saħħithom milli jabbużaw mis-setgħa tagħhom fis-suq; huwa tal-fehma li, f'dan il-kuntest, l-Unjoni għandha tuża l-politika tal-kompetizzjoni fir-rigward ta' kumpaniji ta' pajjiżi terzi kif xieraq, tapplika miżuri tal-istrument għad-difiża tal-kummerċ (TDI) b'mod aktar assertiv sabiex tindirizza b'mod sistematiku l-prattiki inġusti ta' dumping u ta' sussidju, u ssaħħaħ l-iskema eżistenti tat-TDI;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi minnufih projbizzjoni temporanja fuq akkwizzizzjonijiet barranin ta' kumpaniji Ewropej f'setturi strateġiċi minn intrapriżi tal-istat (SOEs) jew kumpaniji marbuta ma' gvernijiet ta' pajjiżi terzi; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti dwar ir-reċiproċità fl-aċċess għas-suq, issaħħaħ u tiskenna sistematikament il-qafas ta' skrinjar tal-Unjoni għall-investiment dirett barrani (IDB) sabiex tippoteġi l-aċċess għall-industriji strateġiċi, l-infrastruttura, it-teknoloġiji abilitanti ewlenin, u assi oħra tas-sigurtà u taċ-ċibersigurtà, kif ukoll timblokka l-akkwizzizzjonijiet ostili sabiex tissalvagwardja l-kompetittività u tnaqqas id-distorsjonijiet tas-suq fis-suq uniku; jilqa', f'dan ir-rigward, il-White Paper dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin; jappella għat-tisħiħ sostanzjali u l-adozzjoni rapida tar-Regolament (UE) Nru 654/2014 (ir-Regolament ta' Infurzar); jenfasizza li din hija għodda importanti biex jiġu protetti l-interessi tal-Unjoni meta pajjiżi terzi jadottaw miżuri illegali li jolqtu b'mod negattiv lin-negozji tal-UE;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

42. Jistieden lill-Kunsill ikompli jgħanna fin-negozjati dwar l-Istrumenti għal Akkwist Internazzjonali (IPI) li jipprevedu r-reċiproċità u standards reċiproċi; jistieden lill-Kummissjoni tippromovi strumenti legali xierqa li jindirizzaw id-distorsjonijiet ikkawżati fis-suq uniku, inkluż fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tagħti prijorità lill-kumpaniji li għandhom u jgħommu l-kwartieri ġenerali, il-produzzjoni u l-impjieg tagħhom fl-Unjoni; jitlob lill-Kummissjoni, fin-nuqqas ta' IPI b'saħħtu u regoli globali effettivi dwar l-aċċess għall-akkwist pubbliku, tesplora l-introduzzjoni ta' miżuri li jappoġġaw il-manifatturi Ewropej, speċjalment l-SMEs, li qed jiffaċċjaw livell dejjem akbar ta' kompetizzjoni minn pajjiżi emerġenti li ma jikkonformawx mar-regoli kummerċjali internazzjonali komuni u mal-istandards ambjentali soċjali;

43. Hu tal-opinjoni li approċċ komprensiv għall-istrateġija industrijali li jinkludi l-politiki kollha tal-UE, jista' jkollu rwol importanti fid-diplomazija ekonomika u "industrijali"; ihegġegħ lill-Kummissjoni tuża b'mod attiv in-network tal-kmamar tal-kummerċ tal-UE f'pajjiżi terzi biex toħloq sħubijiet kummerċjali ġodda;

44. Jilqa' l-ambizzjoni li jinħolqu swieq ewlenin f'teknoloġiji ambjentalment sostenibbli u diġitali u soluzzjonijiet innovattivi; iqis li l-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni huwa essenzjali għal proġetti industrijali innovattivi u kapaċitajiet diġitali, u jemmen li dan għandu jimxi id f'id mal-analiżi attwali mill-Kummissjoni tal-linji gwida għal "Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni" (IPCEI); huwa tal-fehma li r-reżiljenza u l-awtonomija strateġika għandhom jitqiesu bħala kriterji ta' definizzjoni u li l-IPCEI għandhom jikkonformaw man-newtralità klimatika u mal-għanijiet diġitali tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni żżid it-trasparenza fl-implimentazzjoni tal-IPCEIs u tiżgura l-parteċipazzjoni tal-SMEs; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni ttaffef l-istabbiliment ta' mexxejja Ewropej u/jew ta' ekosistemi f'setturi industrijali strateġiċi li huma kapaċi jikkompetu fuq skala globali u se jikkontribwixxu għall-kisba ta' ekonomija newtrali għall-klima u tmexxija diġitali mingħajr ma jgħolqu distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fl-Unjoni jew inaqqsu l-fiduċja fil-ftuħ u l-aċċess għas-suq;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma fuq il-ktajjen tal-valur billi tiżgura segwitu adegwat għall-azzjonijiet proposti għas-sitt ktajjen tal-valur strateġiċi identifikati mill-Forum Strateġiku dwar l-IPCEI, u toħloq kundizzjonijiet trasparenti ta' applikazzjoni għal proġetti konġunti tal-IPCEI li jkunu uniformi fl-Istati Membri kollha, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu ta' benefiċċju għall-Unjoni kollha kemm hi; jistieden lill-Kummissjoni, fil-kriżi attwali, tinvesti fi proġetti li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar u tissimplifika l-proċessi amministrattivi, testendi l-kriterji għall-eliġibbiltà tal-ispiża u żżid il-finanzjament;

46. Iqis li l-inizjattiva tal-NGEU hija l-pilastru tal-ewwel fażi tal-irkupru industrijali tal-UE mill-COVID-19; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-fond jiġi implimentat malajr, u jitlob li l-Parlament ikun involut bis-sħiħ fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' implimentazzjoni, biex tiġi żgurata r-responsabbiltà demokratika u jiġu massimizzati t-trasparenza u l-kontroll parlamentari; jitlob li, għal forniment effettiv minn qabel ta' EUR 750 biljun, l-NGEU:

- (a) jipprevedi miri għal investimenti soċjali, sostenibbli u diġitali, bil-ħsieb li jiġu minimizzati l-impatti detrimentali u jiġu massimizzati l-benefiċċji għad-dimensjoni tal-klima, l-ambjent u dik soċjali;
- (b) ikollu fokus speċifiku fuq SMEs, li ntlawtu bl-aġar mod mill-kriżi tal-COVID-19, u jappoġġa l-aċċess tagħhom għall-finanzjament;
- (c) ikun ġestit direttament mill-Kummissjoni, meta jkun possibbli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u permezz ta' programmi Ewropej biex isir progress b'mod aktar ikkoordinat, biex is-suq globali jiġi affettwat b'mod aħjar u jiġu massimizzati t-trasparenza u l-kontroll parlamentari, kif ukoll biex jiġu evitati distorsjoni u tħarbit tas-suq uniku;
- (d) iqis l-ispeċifitajiet tal-Istati Membri, li ġew affettwati mill-kriżi b'diversi modi;
- (e) jiddistribwixxi l-għajnuna finanzjarja fost id-diversi ekosistemi industrijali, inklużi l-mikrointrapriżi u l-SMEs, skont il-ħsara mġarrba, l-impatt soċjali, l-isfidi ffaċċjati u l-ammont ta' appoġġ finanzjarju nazzjonali diġà rċevut permezz ta' skemi ta' għajnuna nazzjonali filwaqt li jitqiesu l-interdipendenzi strutturali bejn il-ktajjen tal-valur differenti; iqis it-tagħlimiet miksuba mill-miżuri ta' appoġġ pubbliku preċedenti meħuda b'rispons għall-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2008-2009 u l-impatt tagħha fuq ir-reżiljenza u l-irkupru ekonomiku u soċjali fit-tul; iqis li l-fond irid ikun kondizzjonali fuq kriterji li jiżguraw li l-finanzjament ma jintużax biex jiġihallu djun qodma jew tiġi sostnuta teknoloġija skaduta, u li l-kumpaniji li jikkontribwixxu għat-ktabbir fit-tul jiġu appoġġati u jkollhom potenzjal b'saħħtu

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

biex jergġu jgajmu l-ekonomija; iqis li l-infiq marbut mal-irkupru għandu jiġi dirett ukoll lejn setturi b'effett multiplikatur għoli li jkunu favur il-klima u l-innovazzjoni u li se jikkontribwixxu għar-reżiljenza ekonomika futura tal-UE;

- (f) jappoġġa l-iskemi fiskali nazzjonali li jinċitaw l-investiment fl-ekwi-tas-settur privat u jippermettu lill-kumpaniji jikkonvertu parti mis-self mogħti mill-Fond l-ekwi-tas;
- (g) jalloka finanzjament iddedikat lill-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, il-mikrointrapriżi u n-negozji għodda, li għandhom operazzjonijiet u pjanijiet tan-negozju li jinvolvu servizzi, teknoloġiji u innovazzjonijiet ewlenin, inkluż l-avanz tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika, jew li l-operazzjonijiet tagħhom huma neċessarji għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni f'setturi kritiċi, b'referenza partikolari għat-tisħiħ ta' ċirkolarità, l-effiċjenza u l-iffrankar fir-riżorsi u fl-enerġija u bidla għal sorsi rinnovabbli; jgħin biex il-ktajjen tal-provvista tagħna jsiru aktar reżiljenti u inqas dipendenti billi jirrilokalizzawhom, jiddiversifikawhom u jsaħħawhom, filwaqt li jevita li jkun hemm diskriminazzjoni kontra l-kumpaniji li għaddejjin minn emerġenza li jeħtieġu li jkunu akkumpanjati fit-tranżizzjoni tagħhom;
- (h) jiddedika finanzjament lil kumpaniji kbar li jkollhom pjanijiet kredibbli biex iwettqu tranżizzjoni lejn mudell ta' negozju newtrali għall-klima;
- (i) isaħħaħ il-programm ta' garanziji tal-BEI u jagħmlu komplementari għall-programmi nazzjonali, sabiex ikun jista' jiffunzjona bħala suppliment siewi u jsaħħaħ l-impatt tagħhom fil-prattika;
- (j) jagħti preferenza lill-kumpaniji li jimpenjaw ruħhom favur it-trasparenza, jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-UE, jistabbilixxu sistemi li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fi kwistjonijiet tal-kumpanija, u li jikkonformaw mal-obbligi ta' rappurtar mhux finanzjarju tagħhom;

47. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi appoġġat irkupru sostenibbli u ġust, filwaqt li jiġi żgurat il-benessri ta' ċittadini lil hinn mill-kriżi tal-COVID-19; huwa tal-fehma li l-Fond għandu jrawwem is-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-industriji Ewropej, u jggarantixxi wkoll tranżizzjonijiet industrijali diġitali u ekoloġiċi ekwi u ġusti;

48. Iqis li b'mod parallel mal-kriżi attwali, l-Unjoni għandha tħejji u tantiċipa t-tieni fażi tal-istrateġija industrijali tagħha, filwaqt li tiżgura l-kompetittività, is-sostenibbiltà ambjentali u d-diġitalizzazzjoni tal-industriji tagħha u twassal għal reżiljenza fit-tul fuq bażi soċjalment responsabbli; ifakkar li r-rwol tal-Istati Membri se jkun kruċjali għal irkupru ta' suċċess li jstimula r-riżorsi limitati tal-UE, u li l-politika industrijali għandha ssir komputu orizzontali għall-Kummissjoni;

49. Huwa tal-fehma li l-Unjoni tirrikjedi strateġija industrijali li tħaddan il-protezzjoni tas-saħħa ambjentali u l-bijodiversità u jnsisti fuq il-ħtieġa li tiġi aċċelerata t-trasformazzjoni lejn in-newtralità klimatika tal-industrija tagħna; jenfasizza li l-investimenti jridu jkunu kompatibbli mal-għanijiet tan-newtralità klimatika għall-2050, peress li nkella jkun hemm riskju li jinħolqu assi mhux rekuperabbli u effetti ta' intrappolament f'teknoloġiji bbażati fuq il-il-fjuwils fossili u li jagħmlu ħsara lill-ambjent;

50. Jissottolinja li Strateġija Industrijali Ewropea verament effettiva u l-politika relatata jeħtieġ li jtfasslu fuq azzjoni u miri klimatiċi ambizzjużi abbażi tal-Liġi dwar il-Klima, u jipprovdur pjan direzzjonali biex tissawwar l-industrija tal-futur fejn is-setturi kollha jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika kmieni kemm jista' jkun u sa mhux aktar tard mill-2050;

51. Jisahaq fuq il-ħtieġa li l-Istrateġija Industrijali l-ġdida tkun allinjata mal-mira ta' ekonomija newtrali għall-klima sal-2050, filwaqt li fl-istess ħin jiġi enfazzzjat li l-politiki klimatiċi tal-Ewropa jridu jkunu bbażati fuq l-evidenza;

52. Jenfasizza li hemm potenzjal sinifikanti fis-swieq domestiċi u globali għal teknoloġiji b'emissjonijiet zero jew baxxi, sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u prodotti, proċessi u servizzi sostenibbli, tul il-katina kollha tal-valur, mill-materja prima sal-industrija intensivi fl-enerġija, il-manifattura u s-settur tas-servizzi industrijali; iqis, barra minn hekk, li l-Liġi dwar il-Klima se tikkontribwixxi bil-kbir għar-razzjonalizzazzjoni tal-isforzi lejn il-kisba tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, filwaqt li tistabbilixxi l-miri dwar il-klima għall-2030 u l-2050 fil-leġislazzjoni tal-Unjoni; jemmen li huwa

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

meħtieġ ukoll qafas ta' politika aktar olistiku u sistematiku sabiex jiġu żgurati l-koerenza politika fil-politiki kollha tal-Unjoni kif ukoll prevedibbiltà regolatorja u ċertezza għall-investituri fit-tul u approċċ koerenti, trasparenti u inklużiv fir-rigward tal-governanza fl-oqsma ta' politika kollha, biex b'hekk titwitta t-triq għal strateġija ċara u prevedibbli għall-industriji Ewropej;

53. Jilqa' l-proposta ta' Forum Industrijali; jistieden lill-Kummissjoni tmexxi bit-twaqqif tiegħu u toħloq fi ħdan dan il-qafas djalogu b'rappreżentanza bbilanċjata tal-esperti xjentifiċi, l-organizzazzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u t-trade unions, biex jimmonitorja kontinwament u jirrapporta regolarment dwar il-progress tas-setturi industrijali individwali fil-livell tal-UE lejn l-oġettivi tan-newtralità klimatika li għandhom jintlaħqu sa mhux aktar tard mill-2050, u biex jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar il-kontribut u l-konsistenza tal-investimenti b'rabta mal-oġettivi ambjentali u klimatiċi tal-UE, f'konformità mar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija;

54. Iqis li s-setturi kollha għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni, u jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza li l-Kummissjoni tiżviluppa strateġiji speċifiċi għas-setturi li jistabbilixxu l-azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-oġettivi u tiġi żgurata l-koerenza tal-politika; iħeġġeġ it-tneħħija gradwali rapida tal-fjuwils fossili u jenfasizza l-ħtieġa li tiġi stabbilita sistema ta' enerġija effiċjenti ħafna u newtrali għall-klima bi prezzijiet globalment kompetittivi għall-industriji; jenfasizza r-rwol li l-enerġija u l-materja prima nodfa, sostenibbli u affordabbli għandhom fit-tranżizzjoni lejn ekonomiji effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u newtrali għall-klima; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-użu ta' sorsi tal-enerġija bħall-gass naturali jkun biss ta' natura tranżizzjonali, fid-dawl tal-oġettiv li tintlaħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050; jissottolinja li l-integrazzjoni ulterjuri tas-suq tal-enerġija tal-UE se jkollha rwol importanti fit-titjib tal-affordabbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija; jissottolinja f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jitħaffu l-iżvilupp u l-integrazzjoni tal-kapaċitajiet rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija u li jiġi ffaċilitat l-użu tal-produzzjoni tal-idroġenu abbażi ta' sorsi rinnovabbli, bħala teknoloġija rivoluzzjonarja potenzjali għas-setturi li diffiċli jitwaqqfu; jilqa' t-tnejdja ta' Alleanza għall-Idroġenu Nadif u alleanza ta' industrij b'livell baxx ta' karbonju; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi aċċelerata r-riċerka dwar il-produzzjoni fuq skala kbira tal-idroġenu u ta' fjuwil ekoloġiku, it-teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni bħall-infrastruttura għall-ġbir u l-ħżin tal-karbonju fil-proċessi industrijali, l-impjanti tal-bijoenerġija u l-faċilitajiet tal-manifattura, bil-ħsieb tat-tranżizzjoni tal-enerġija, filwaqt li jiġi esplorat ukoll l-użu potenzjali tas-sorsi tal-enerġija ġeotermali; itenni li dan jirrikjedi disponibbiltà fuq skala kbira ta' enerġija affordabbli u nadifa u l-infrastrutturi ta' appoġġ, f'konformità mal-ħtiġijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija;

55. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, ir-reġjuni, l-industrija u l-parteċipanti rilevanti l-oħra kollha jaħdmu flimkien biex itejbu l-effiċjenza enerġetika Ewropea, joħlqu swieq ewlenin f'innovazzjonijiet u teknoloġiji rilevanti għall-klima fl-Unjoni, u jipprijoritizzaw l-investimenti fl-infrastrutturi tal-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jsir użu aħjar mill-BEI, bħala l-"Bank tal-Klima" tal-Unjoni, sabiex jissaħħaħ il-finanzjament sostenibbli lis-settur pubbliku u dak privat u tingħata assistenza lill-kumpaniji fil-proċess ta' dekarbonizzazzjoni;

56. Jisħaq li l-użu fuq skala kbira ta' kapaċitajiet ta' enerġija rinnovabbli kompetittivi fl-ispejjeż huwa meħtieġ fis-setturi kollha tal-ekonomija; jirrikonoxxi li l-Unjoni għandha 40 % tal-privattivi tal-enerġija rinnovabbli fuq livell globali, u jenfasizza li għandi jibqa' jkollha rwol mexxej fit-teknoloġiji rinnovabbli innovattivi; jisħaq f'dan ir-rigward li l-ħtieġa li tiġi żviluppata politika industrijali robusta għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli li tiġbor fiha politiki kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda u tippermetti l-integrazzjoni tas-settur rinnovabbli, hija kritika biex tiġi żgurata s-sigurtà fit-tul tal-Ewropa fir-rigward tal-provvista tal-enerġija, it-tmexxija teknoloġika u l-awtonomija strateġika; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrikonoxxi t-teknoloġiji rinnovabbli bħala Katina tal-Valur Strateġika ewlenija u ekosistema industrijali eliġibbli għal finanzjament mill-Faċilità għall-Investment Strateġiku, u tara wkoll li jkun rappreżentati b'mod xieraq fil-Forum Industrijali li jmiss; jenfasizza l-ħtieġa li jitħejjew miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli fl-Ewropa u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-manifatturi tal-Unjoni u dawk barra l-Unjoni;

57. Jenfasizza li sabiex l-industrija Ewropea tkun kompetittiva, din għandha tkun appoġġata minn network ta' infrastruttura tat-trasport, diġitali u tal-enerġija effiċjenti, sostenibbli u interkonness bis-sħiħ; jitlob politika ta' investment fit-tul għat-tagħmir u r-rinnovazzjoni tal-infrastruttura u għat-tnaqqis tal-ostakoli amministrattivi li jxekklu l-iżvilupp rapidu tan-networks trans-Ewropej; jitlob aktar finanzjament għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fit-tliet setturi tagħha, sabiex tingħata spinta lill-investment fl-infrastrutturi, l-interkonnessjonijiet, id-diġitalizzazzjoni u l-grilji intelliġenti, kompatibbli mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-bżonn li jitħaffu l-Proġetti ta' Interess Komuni (PCI), u li jiġi rivedut ir-Regolament dwar in-Network Trans-Ewropew tal-Enerġija (TEN-E) mill-aktar fis possibbli;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

58. Jenfasizza l-potenzjal tal-ekonomija ċirkolari u ta' tniġġis żero fl-immodernizzar tal-ekonomija tal-Unjoni, fit-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi tagħha, fil-prijoritizzazzjoni tal-prevenzjoni tal-iskart, fl-għoti ta' inċentivi għall-innovazzjoni, u fit-trasformazzjoni ta' setturi industrijali sħaħ u l-ktajjen tal-valur, il-prodotti, il-proċessi ta' produzzjoni u l-mudelli ta' negozju tagħhom, biex b'hekk jitrawmu d-dematerjalizzazzjoni u d-diżintossikazzjoni tal-ekonomija tal-Unjoni u l-Ewropa ssir inqas dipendenti fuq il-materja prima filwaqt li tiġi inċentivata l-innovazzjoni, inklużi l-ħolqien ta' swieq għal soluzzjonijiet b'emissjonijiet żero jew baxxi u ta' enerġija rinnovabbli li jissostitwixxu l-prodotti u l-materjali bbażati fuq il-fjuwils fossili, u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet ġodda b'disinn ekoloġiku biex jiġu evitati l-impatti ambjentali; jenfasizza s-sinerġiji b'saħħithom bejn l-azzjoni klimatika u l-ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari fl-industriji tar-rinnovazzjoni intensivi fl-enerġija u r-riżorsi, u jenfasizza li s-setturi għandhom mogħdijiet ta' dekarbonizzazzjoni u punti tat-tluq differenti; jissottolinja l-potenzjal tal-bijoeconomija ċirkolari u l-industrija bbażata fuq il-foresti fil-promozzjoni ta' industrija kompetittiva u sostenibbli;

59. Ifakkar li l-politika Ewropea dwar il-klima u l-enerġija se tirrikjedi volumi kbar ta' metalli u minerali għat-teknoloġiji strateġiċi tagħha; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-Ewropa tiddependi ħafna minn żoni oħra tad-dinja għall-provvista tagħha ta' bosta minn dawn il-metalli u minerali, u qed titlef b'mod gradwali s-sehem globali tagħha anke għall-materjali fejn għandha kapacià industrijali; jenfasizza li l-awtonomija tal-Ewropa f'setturi strateġiċi ma tistax tinkiseb mingħajr ekosistema kompetittiva u sostenibbli tal-UE għal materjali bażiċi, prezzjużi u kritiċi minn sorsi primarji u sekondarji; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari iżda jisħaq li l-Ewropa teħtieġ tagħti spinta lill-kapacià tagħha għall-istadji kollha tal-katina tal-valur tal-materja prima, jiġifieri l-estrazzjoni, ir-riċiklaġġ, u t-tidwib, ir-raffinar u t-trasformazzjoni; huwa tal-fehma li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Alleanza u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Materja Prima Kritika m'għandux ikun limitat għall-materja prima kritika u għandu jkun immirat lejn l-iżvilupp ta' ekosistema integrata għall-firxa kollha ta' materjali, metalli u minerali meħtieġa għat-tranżizzjoni industrijali;

60. Jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija Ewropea ta' esportazzjoni u importazzjoni għal teknoloġiji rinnovabbli u effiċjenti fir-riżorsi u fl-enerġija;

61. Jenfasizza l-potenzjal tal-akkoppjament settorjali u tal-interkonnessjoni tas-setturi li jikkunsmaw l-enerġija bħall-bini u t-trasport, u jilqa' f'dan ir-rigward il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija;

62. Jitlob fluss ta' finanzjament sostanzjali għar-rinnovazzjonijiet enerġetiċi tal-bini biex titrawwem il-"mewġa ta' rinnovazzjoni" ippjanata permezz tal-mezzi finanzjarji neċessarji skont il-Pjan ta' Rkupru; jisħaq li fil-kuntest tal-proposta li jmiss dwar il-"mewġa ta' rinnovazzjoni" u l-obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu strateġiji fit-tul biex jiksibu stokk ta' bini ferm effiċjenti fl-enerġija u dekarbonizzat, il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" għandu jkun prijoritizzat kompletament u b'hekk għandu jħaffef ir-rinnovazzjonijiet profondi u s-sostituzzjoni ta' sistemi ineffiċjenti ta' tisħin u tkessiħ ibbażati fuq il-fjuwils fossili; jenfasizza li l-programmi integrati ta' rinnovazzjoni profonda li jkopru muniċipalitajiet jew distretti sħaħ jistgħu jitwettqu b'inqas spejjeż u b'veloċità ogħla, u dan ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u jnaqqas l-ispejjeż tal-enerġija;

63. Jindika l-fatt li l-proċessi ta' tisħin u tkessiħ għandhom fost l-aktar użu sinifikanti ta' enerġija fis-settur industrijali; jissottolinja għalhekk li biex jitħaffef l-isforz ta' tnaqqis fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-industrija, il-potenzjal ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija tat-tisħin u t-tkessiħ industrijali jeħtieġ jiġi sfruttat b'mod sħiħ, b'żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli abbażi ta' elettrifikazzjoni, pompi tas-sħana, użu aħjar mir-raggruppamenti industrijali, u simbjożi li joffru potenzjal ta' tnaqqis sinifikanti f'ħafna setturi;

64. Jenfasizza l-potenzjal tal-Mobbiltà Ekoloġika biex jinħolqu impjegi ġodda, tingħata spinta lill-industrija Ewropea, u jiġu appoġġati l-investimenti mmirati lejn l-espansjoni tal-infrastruttura tat-trasport sostenibbli li tagħmilha possibbli li jinkiseb effett multiplikatur billi jsiru ordnijiet indirizzati għal spettru wiesa' ta' entitajiet – kuntratturi, sottokuntratturi, fornituri u s-sottokuntratturi tagħhom – u jtnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport; jissottolinja l-hteġġa li titthaffef l-implimentazzjoni tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-katina tal-valur strateġika tagħha, jiżdiedu l-possibbiltajiet għal batteriji innovattivi prodotti lokalment u r-riċiklaġġ tal-metall fl-Ewropa, jinħolqu valur miżjud tal-Unjoni, filwaqt li jingħata kontribut għall-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-Unjoni, u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal sistema elettrika dekarbonizzata; jitlob aktar investiment fil-ferroviji b'veloċità għolja u rinnovazzjoni tan-networks ferrovjarji bejn il-bliet kif ukoll fi trasport pubbliku b'emissjonijiet żero jew baxxi; jisħaq fuq il-hteġġa li tiġi promossa l-Mobbiltà Ekoloġika billi jsir investiment f'infrastruttura aħjar bħal stazzjonijiet tal-iċċarġjar aktar mifruxa; huwa tal-fehma li jekk ikun hemm densità ogħla ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar, is-suq tal-vetturi elettriċi ikun jista' jespandi b'mod

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

sinifikanti u aktar malajr, u dan ikollu impatt pożittiv fuq l-impronta ambjentali u tal-karbonju tagħna; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija fuq skala kbira għat-tneġġja ta' infrastruttura tal-iċċarġjar rapidu tal-vetturi elettriċi biex tkun żgurata l-adozzjoni tal-vetturi elettriċi mill-konsumaturi, li tagħtihom ċertezza fir-rigward tal-potenzjal tat-teknoloġija u aċċess għal network dens ta' infrastrutturi tal-iċċarġjar kompatibbli, u tappoġġa l-manifattura tal-karozzi bbażata fl-Ewropa;

65. Jemmen li għal tranżizzjoni tal-enerġija b'suċċess, l-Ewropa se teħtieġ ammont sinifikanti ta' enerġija rinnovabbli u b'livell baxx/zero ta' karbonju affordabbli, li toriġina wkoll minn pajjiżi terzi u li tuża infrastrutturi ta' appoġġ; jitlob li jkun hemm inizjattivi strateġiċi fi ħdan l-UE u li l-politika tal-enerġija ssir punt fokali tal-politika barranija u tal-veċinat tal-Unjoni, inkluż l-appoġġ finanzjarju għall-alleanzi għall-idroġenu bbażat fuq l-enerġija rinnovabbli u l-enerġija ekoloġika; huwa tal-fehma li dawk l-alleanzi għandhom ikunu wkoll parti mill-ftehimiet kummerċjali; jisħaq fuq l-importanza ta' alleanzi b'saħħithom biex jiġu indirizzati l-iskarsezza u l-forniment sostenibbli tar-riżorsi u tal-materja prima;

66. Ifakkar fil-Masterplan tal-UE tal-2019 għal trasformazzjoni kompetittiva tal-industrija intensivi fl-enerġija li jiġġestixxi t-tranżizzjoni filwaqt li jżomm l-industrija Ewropej kompetittiva, u jistieden lill-Kummissjoni timplimenta r-rakkomandazzjoni tiegħu biex tgħin is-sostituzzjoni tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li ma jissodisfawx l-istandards ambjentali b'mod suffiċjenti u tincentina livelli ogħla ta' ambizzjoni klimatika min-naħa tas-sħab kummerċjali globali tal-UE;

67. Jitlob revizzjoni tas-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) b'konformità mal-miri klimatiċi u mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera biex jingħata kontribut għal rilokalizzazzjoni intelliġenti tal-manifattura u ktajjen tal-valur iqsar; jenfasizza r-rwol potenzjalment importanti ta' mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;

68. Jirrimarka li aktar minn nofs il-PDG globali jiddependi min-natura u s-servizzi li tipprovdi, u li hemm bosta setturi li jiddependu ħafna min-natura; jinnota li aktar minn 90 % tat-telf tal-bijodiversità u l-istress idriku jirriżultaw mill-estrazzjoni u l-ipproċessar tar-riżorsi; jenfasizza li l-politika industrijali Ewropea għandha tkun konformi mal-oġġettivi tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030;

69. Jisħaq li abbażi tal-approċċ "Saħħa Waħda", il-preservazzjoni tal-ekosistemi naturali hija fundamentali biex jiġu żgurati n-neċessitajiet bażiċi tal-umanità, bħall-ilma tax-xorb, l-arja nadifa u l-ħamrija fertili; jitlob li jiġu żviluppati malajr indikaturi sodi biex jiġu vvalutati l-impatti fuq il-bijodiversità u jiġi żgurat it-tnaqqis progressiv tat-tniġġis kif deskritt fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità;

70. Jirrimarka li l-industrija għadha kontributor ewlieni għat-tniġġis ambjentali b'rilaġxi ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija; jissottolinja r-rwol tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali fl-istabbiliment ta' obbligi għal installazzjonijiet kbar biex jimminimizzaw ir-rilaġxi ta' sustanzi li jniġġsu; jistenna bil-ħerqa l-pjan ta' azzjoni li jmiss ta' tniġġis żero għall-arja, l-ilma u l-ħamrija u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, li għandhom iwasslu għal tnaqqis sinifikanti tat-tniġġis industrijali;

71. Jisħaq fuq l-importanza tad-dimensjoni reġjonali tal-politika industrijali, peress li d-disparitajiet ekonomiċi bejn ir-reġjuni huma persistenti u jaf isiru aktar profondi bl-impatt tal-kriżi tal-coronavirus; jenfasizza li sabiex jiġi evitat u mmitigat id-deklin tar-reġjuni, il-pjanijiet ta' żvilupp mill-ġdid reġjonali jridu jwettqu progress fuq strateġiji ta' trasformazzjoni sostenibbli u jikkombinaw il-programmi ta' rivitalizzazzjoni ekonomika ma' programmi attivi tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-Istati Membri sabiex tfassal tbassir fuq terminu medju u twil dwar il-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol;

72. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) fl-appoġġ tal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità b'pajġi deċenti, il-kompetittività tan-negozju, l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, u l-modernizzazzjoni u t-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tal-kura tas-saħħa;

73. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi appoġġata tranżizzjoni ekwa, inklużiva u ġusta u l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi lil hinn mit-taħriġ mill-ġdid u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda f'setturi ekonomiċi ġodda, sabiex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u li l-ebda ħaddiem ma jiġi eskluż mis-suq tax-xogħol; jemmen li Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (JTM) imfassal tajjeb, inkluż Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, se jkun għodda importanti biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni doppja u jintlaħqu miri ambizzjużi ta' newtralità klimatika; jinsisti li biex tkun garantita tranżizzjoni aktar inklużiva u jiġi indirizzata l-impatt soċjali tagħha, il-partijiet ikkonċernati lokali kollha, inklużi s-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tal-komunità, għandhom ikunu inklużi fil-fażi tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet territorjali

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

ta' Tranżizzjoni Ġusta; jissottolinja li l-investimenti fit-teknoloġiji sostenibbli għandhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward billi jappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku fit-tul tal-ekonomiji reġjonali; jisħaq fuq il-fatt li l-finanzjament robust tal-JTM, inkluż permezz ta' riżorsi baġitarji addizzjonali sinifikanti, ikun element ewlieni għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

74. Jemmen li l-kooperazzjoni interreġjonali mmirata lejn trasformazzjoni sostenibbli u diġitali, bħal fl-istrategġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, jeħtieġ li tissaħħaħ sabiex jiġu stimulat l-ekosistemi reġjonali; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' għodod li jistgħu jipprovdut pjan direzzjonali ċar għar-reġjuni b'approċċ imfassal apposta biex tiġi żgurata t-tmexxija industrijali;

75. Iqis li t-trasformazzjoni industrijali tirrikjedi tisħiħ sinifikanti fl-isforzi ta' riċerka u żvilupp u l-integrazzjoni ta' għarfien ġdid u innovazzjoni fis-swieq eżistenti, kif ukoll l-użu tagħhom fil-ħolqien ta' oħrajn ġodda; jenfasizza li l-innovazzjoni hija wieħed mill-muturi tal-ekosistemi industrijali ewlenin u li dan għandu jiġi rifless f'appoġġ imsaħħaħ għall-innovazzjoni u l-kapaċità intraprenditorjali f'kull stadju taċ-ċiklu tal-innovazzjoni; jissottolinja l-hteġa li jiżdied l-infiq fuq ir-riċerka, b'mod partikolari r-riċerka pubblika ta' kwalità għolja u l-iżvilupp u l-innovazzjoni bħala elementi ewlenin biex jinkisbu ż-żewġ tranżizzjonijiet, titjeb l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u tiżdied il-kompetittività fit-tul; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Istati Membri jżommu l-impenn tagħhom li jinvestu 3 % tal-PDG tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp, sabiex jinżamm ir-rwol ewlieni tal-Unjoni fost il-kompetituri globali; jiddispijaċih dwar in-nuqqas attwali ta' kapaċità innovattiva fl-SMEs minħabba nuqqas fil-kapital ta' riskju meħtieġ, l-ispejjeż u l-kumpleksitajiet tal-proċeduri amministrattivi, u nuqqas ta' ħilet adegwati u nuqqas ta' aċċess għall-informazzjoni;

76. Jissottolinja l-hteġa li jiżdied il-baġit għall-programmi li jirfdu t-trasformazzjoni industrijali tal-Unjoni, u jfakkar, għalhekk, fil-pożizzjoni tal-Parlament favur żieda fil-baġit għal Orizzont Ewropa għal EUR 120 biljun u l-iżgurar tal-konsistenza tal-programm mal-miri tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, u l-appoġġ għal InvestEU u Ewropa Diġitali permezz ta' strumenti ta' finanzjament xierqa għall-iżvilupp tas-suq ta' innovazzjonijiet u teknoloġiji rivoluzzjonarji, filwaqt li jitrawmu wkoll sinerġiji bejn sorsi finanzjarji reġjonali, nazzjonali, Ewropej u privati; jitlob appoġġ effettiv għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u għat-tisħiħ tal-missjonijiet tagħhom; jinsisti li sehem sostanzjali tal-fondi disponibbli għall-SMEs fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa għandu jiġi implimentat permezz tal-EIC u l-partijiet kollaborattivi tal-programm, bil-għan li jinħolqu soluzzjonijiet ġodda u titrawwem l-innovazzjoni, kemm inkrementali kif ukoll fixkiela; jappoġġa l-istabbiliment ta' sħubijiet Ewropej fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa biex jiġi stimulat l-investiment tas-settur privat ħalli jiġi promoss it-trasferiment tal-għarfien, it-teknoloġiji u l-innovazzjoni miċ-ċentri ta' riċerka u l-universitajiet għall-proċess industrijali, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-iskema tal-ekosistemi industrijali u sabiex jiġu appoġġati l-irkupru u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiżgura li dawn is-sħubijiet ikunu trasparenti u inklużivi matul l-implimentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-aġenda ta' riċerka strateġika u l-programmi ta' ħidma annwali tagħhom; jenfasizza li dawn għandhom jeskludu wkoll il-kunflitti ta' interess kollha u għandhom jiggwarantixxu valur miżjud reali għas-soċjetà;

77. Jemmen ukoll, b'rabta ma' f'dan, li soċjetà mħejjija aħjar u aktar reżiljenti hija fundamentali fl-indirizzar tal-avvenimenti fixkiela fuq skala Ewropea jew globali u fl-għoti ta' reazzjonijiet komprensivi ta' politika, u li l-investimenti fir-R&Ż huma fundamentali f'dan ir-rigward; għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-ħolqien ta' strument iddedikat għat-Thejġija għall-Pandemiji u r-Reżiljenza Soċjetali, peress li din il-miżura toħloq il-kundizzjonijiet għal koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-UE, tidentifika oqsma ta' prijorità, u tniedi azzjonijiet li jirrikjedu riċerka medika ta' kwalità għolja u investimenti kkoordinati fir-riċerka u l-innovazzjoni;

78. Jenfasizza l-importanza ta' industrija farmaċewtika bbażata fuq ir-riċerka bħala kontributur essenzjali għas-salvagwardja tal-manifattura ta' kwalità u l-provvista ta' mediċini affordabbli biex jintlaħqu l-pazjenti kollha fil-bżonn, filwaqt li jissaħħu l-innovazzjoni, ir-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u l-kapaċità ta' rispons tal-Unjoni u tingħata għajnuna biex jiġu indirizzati l-isfidi futuri; itenni l-hteġa li jiġi stabbilit pjan ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' nuqqas ta' mediċini biex jiġu ġestiti kull vulnerabbiltà u riskju għall-katina tal-provvista għal mediċini kritiċi, tiġi żgurata l-innovazzjoni futura biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet pendenti mhux issodisfati, u jiġu appoġġati r-reżiljenza, il-kapaċità ta' rispons u l-istat ta' thejġija tas-sistemi tal-kura tas-saħħa biex jiġu indirizzati l-isfidi futuri inklużi l-pandemiji;

79. Jissottolinja r-rwol tat-teknoloġiji abilitanti essenzjali fil-bini tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u innovattivi madwar l-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tfassal Orizzont Ewropa u l-istrategġija industrijali tagħha għall-iżvilupp, l-iskalar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' innovazzjonijiet u teknoloġiji rivoluzzjonarji fl-Unjoni sabiex jitnaqqas id-distakk bejn l-innovazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq, billi jiġi pprovdut finanzjament tar-riskju għat-teknoloġija fi stadju bikri u l-proġetti ta' dimostrazzjoni u billi jiġu żviluppati ktajjen tal-valur bikrin sabiex l-ewwel nett jiġu appoġġati t-teknoloġiji,

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

il-prodotti, il-proċessi, is-servizzi u l-mudelli tan-negozju fuq skala kummerċjali, uttilizzabbli fis-suq, b'emissjonijiet żero jew baxxi, rinnovabbli, effiċjenti fir-riżorsi u fl-enerġija u ċirkolari, kif ukoll billi jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-infrastruttura tar-riċerka, bil-għan li jitnaqqsu wkoll id-distakki eżistenti bejn l-Istati Membri; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw one-stop shops b'informazzjoni simplifikata dwar il-possibbiltajiet ta' finanzjament għal proġetti ta' dimostrazzjoni industrijali għal teknoloġiji rivoluzzjonarji;

80. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina miżuri kontra t-telf potenzjali ta' għarfien u innovazzjoni matul il-kriżi attwali, inkluż permezz ta' strumenti li jappoġġaw kumpaniji li temporanjament jaqsmu bejniethom ħaddiema b'għarfien ma' universitajiet u istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka sabiex jingħata lok għal riċerka pubblika-privata dwar il-prijoritajiet pubbliċi, u jippreservaw l-impjiegi u l-kapaċità tal-innovazzjoni fi żminijiet ta' kriżi;

81. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri, incettivi potenzjali tat-taxxa biex tingħata spinta lill-investimenti fir-R&Ż, li naqsu ħafna minħabba l-kriżi tal-COVID-19;

82. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-kapaċità tal-kumpaniji Ewropej li jinnovaw abbażi ta' reġim komprensiv tal-proprjetà intellettuali, filwaqt li ssaħħaħ il-flessibbiltà fil-liċenzjar, sabiex tinżamm protezzjoni effettiva għall-investimenti tagħhom fir-R&Ż, biex jiġu żgurati redditi ekwi u, fl-istess ħin, biex ikomplu jiġu żviluppati standards tat-teknoloġija miftuħa li jappoġġaw il-kompetizzjoni u l-ġhażla kif ukoll il-parteċipazzjoni tal-industrija tal-UE fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin;

83. Jirrikonoxxi li qafas b'saħħtu u b'bilanċjat ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali huwa fattur kruċjali li jirfed il-kompetittività Ewropea, bil-għan li jiġu miġġielda l-ispijunaġġ industrijali u l-iffalsifikar, u jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tippreserva u ssaħħaħ dan il-qafas; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata parità mal-Istati Uniti u maċ-Ċina fl-incettivi tal-proprjetà intellettuali fix-xjenza tal-ħajja sabiex l-Ewropa tibqa' post attraenti għall-investment fir-R&Ż u l-iżvilupp industrijali; jistieden lill-Kummissjoni żżomm u tiżviluppa s-sistema tal-proprjetà intellettuali eċċellenti tal-Ewropa billi tippromwovi protezzjoni b'saħħitha tal-proprjetà intellettuali, kif ukoll mekkaniżmi ta' premjazzjoni u incettivi għar-R&Ż biex jiġi attirat investment fl-iżvilupp tal-innovazzjoni futura għall-benefiċċju tas-soċjetà; jilqa' t-tħabbir ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Proprietà Intellettuali li jista' jiffaċilita kontribut Ewropew għall-iżvilupp tal-istandards; jappoġġa l-impjiegi u l-produzzjoni sostenibbli u t-titjib tal-attraenza u r-reputazzjoni tal-produzzjoni ta' kwalità għolja tal-UE madwar id-dinja; jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi t-trasferiment ta' teknoloġiji ambjentali u klimatiċi kruċjali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw billi tagħti liċenzji miftuħa għal tali teknoloġiji;

84. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta mill-aktar fis possibbli l-Privattiva Unitarja Ewropea, kif previst mill-ftehim dwar ġurisdizzjoni unifikata għall-privattivi tad-19 ta' Frar 2013;

85. Jissottolinja l-importanza ta' governanza ġenerali komprensiva u effettiva għat-trasformazzjoni industrijali li tiżgura konsistenza mal-leġiżlazzjoni u l-istrateġiji rilevanti tal-UE, b'mod partikolari l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, peress li dan huwa kruċjali għas-suċċess tiegħu; jilqa' l-identifikazzjoni ta' 14-il ekosistema mill-Kummissjoni u l-approċċ inklużiv li jinġiebu flimkien l-atturi kollha li joperaw f'katina tal-valur sabiex jiġu promossi t-tmxixxa Ewropea f'setturi strateġiċi u l-kompetittività fix-xena globali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-SMEs se jimxu 'l quddiem f'kull ekosistema; jirrimarka l-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza fl-ekosistemi industrijali identifikati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji li jeħtieġ li jiġu ssodisfati biex jitqiesu bħala parti minn ekosistema, it-tqasim preċiż għal kull tip ta' attur f'kull ekosistema identifikata u informazzjoni dwar l-eżiti u s-suġġetti diskussi, filwaqt li jfakkar ukoll fir-rwol tal-Forum Industrijali u tal-Alleanzi fir-rigward ta' dawn l-ekosistemi; jenfasizza li s-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u t-trade unions għandu jkollhom parteċipazzjoni adegwata fid-definizzjoni tal-istrateġiji u l-prijoritajiet industrijali kemm globali kif ukoll settorjali; jenfasizza li l-ekosistemi għandhom jinkludu r-rabtiet kollha mal-ktajjen tal-valur, inklużi l-SMEs, u jenfasizza li l-SMEs għandhom rwol integrali fil-ħolqien tal-alleanzi tal-industrija u l-ktajjen ta' produzzjoni tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa ta' strumenti finanzjarji adegwati għall-alleanzi;

86. Huwa tal-fehma li l-ekosistemi se jkunu komponenti ewlenin tar-rivoluzzjoni industrijali li jmiss, billi jstimulaw manifattura avvanzata u intelliġenti u jipprovdu enerġija affordabbli, nadifa, sostenibbli u sigura, kif ukoll l-infrastruttura tal-enerġija neċessarja u metodi ta' produzzjoni u ta' provvista ta' servizzi trasformattivi; jitlob analiżi tal-ekosistemi biex jiġu vvalutati l-ħtieġijiet ta' kull settur għat-tranżizzjoni tiegħu u biex tingħata għajnuna ħalli jiġi stabbilit pjan ta' tranżizzjoni; jemmen, barra minn hekk, li l-appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn l-industrija, id-dinja akkademika, l-SMEs, in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, it-trade unions, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tal-utenti finali

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

u l-partijiet ikkonċernati l-oħrajn kollha se jkun essenzjali biex jissolvew il-fallimenti tas-suq u jitnaqqas id-distakk bejn l-idea u t-tweqqif tagħha filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema, inkluż l-oqsma li għadhom mhumiex koperti minn interessi industrijali, iżda li għandhom valur miżjud soċjetali għoli; jitlob governanza ta' dawn l-ekosistemi li tintegra l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha mis-setturi industrijali li huma fundamentali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; huwa tal-fehma li l-ekosistemi għandu jkollhom rwol fid-definizzjoni tas-soluzzjonijiet u l-miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex tiġi implimentata l-istrateġija industrijali Ewropea u biex jiġu appoġġati ktajjen tal-valur Ewropej robusti li huma kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali;

87. Jenfasizza li l-investiment fil-ktajjen tal-valur ewlenin se jkollu rwol kruċjali lejn il-preservazzjoni tal-awtonomija strateġika futura tagħna; jemmen li jeħtieġ li tingħata prijorità lill-investiment fis-setturi industrijali li huma ta' importanza vitali għall-awtonomija strateġika tagħna, bħas-sigurtà, id-difiża, it-teknoloġiji rilevanti għall-klima, is-sovranietà tal-ikel u s-saħħa; itenni, b'mod partikolari, l-importanza tal-industrija farmaċewtika fl-iżgurar tal-innovazzjoni futura biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet pendenti mhux issodisfati, u fl-appoġġ tar-reżiljenza, il-kapaċità ta' rispons u l-istat ta' thejjiġa tas-sistemi tal-kura tas-saħħa biex jindirizzaw sfidi futuri inklużi l-pandemiji;

88. Jenfasizza l-importanza tal-industrija tal-enerġija rinnovabbli bħala settur strateġiku sabiex jissaħħa il-vantaġġ kompetittiv tal-UE, tinkiseb reżiljenza fit-tul u tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija, filwaqt li titjeb is-saħħa industrijali; jenfasizza, barra minn hekk, il-kontribut tas-settur tal-enerġija rinnovabbli għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' negozju u impjieg lokali ġodda, b'mod partikolari għall-SMEs, u għall-għoti ta' spinta lill-manifattura tat-tagħmir, kif ukoll għat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija u t-titjib tal-kompetittività tal-kostijiet;

89. Jenfasizza li s-settur tal-karozzi kien affettwat bil-kbir mill-kriżi tal-COVID-19, li ġiegħlet lill-kumpaniji u lill-ħaddiema jadattaw malajr għall-bidliet fil-provvista u għal ħtiġijiet tas-saħħa ġodda, minbarra l-proċess ta' trasformazzjoni li s-settur kien diġà għaddej minnu qabel il-pandemija; huwa tal-fehma li t-tranżizzjoni lejn mobbiltà intelliġenti u aktar nadifa hija essenzjali hekk kif nevolvu lejn ekonomija newtrali għall-klima, diġitali u aktar reżiljenti, u li din għandha titqies ukoll bħala opportunità biex jiġu ġġenerati t-ktabbir ekoloġiku u l-impjieg nodfa abbażi tal-vantaġġ kompetittiv globali tal-industrija Ewropea fit-teknoloġiji tal-vetturi; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi prijoritajiet relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-appoġġ għan-negozji l-ġodda u l-intrapriżi mikro, żgħar u medji, inkluż fis-settur tal-karozzi;

90. Jenfasizza li s-settur tat-turiżmu wkoll ġie affettwat ħafna mill-kriżi tal-COVID-19, u jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi prijoritajiet relatati mal-ghajjuna u l-promozzjoni tal-irkupru tas-settur, fid-dawl tal-kontribut tiegħu għall-PDG tal-UE u l-kompetittività tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u r-reġjuni biex jinħolqu possibbiltajiet għal investimenti ġodda u innovazzjonijiet ulterjuri, sabiex tinkiseb ekosistema tat-turiżmu Ewropea li tkun sostenibbli, innovattiva u reżiljenti u tiproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema u tal-konsumaturi;

91. Jenfasizza l-potenzjal tas-setturi kulturali u kreattivi fl-ixprunar tal-innovazzjoni, li jaġixxu bħala katalisti għall-bidla f'setturi oħra u jstimulaw l-invenzjoni u l-progress; jinnota li s-setturi ekonomiċi innovattivi qed jiddependu dejjem aktar mill-kreattività biex iżommu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom; jinnota, barra minn hekk, li bil-ħolqien ta' mudelli ta' negozju progressivament aktar kumplessi, kreattivi u marbuta ma' xulxin, is-setturi kulturali u kreattivi qed isiru dejjem aktar komponent deċiżiv ta' kważi kull prodott u servizz; jemmen, għalhekk, li l-Ewropa għandha tibni fuq l-assi kreattivi u kulturali tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni suffiċjenti lis-setturi kulturali u kreattivi fl-iżvilupp ta' qafas ta' politika industrijali komprensiv, koerenti u fit-tul, inkluż l-aċċess għal programmi finanzjarji u ta' finanzjament;

92. Jenfasizza l-importanza tal-politika spazjali tal-Unjoni, speċjalment f'termini ta' titjib tal-kapaċitajiet spazjali industrijali Ewropej u biex jinfetħ l-potenzjal tas-sinerġiji ma' setturi u politiki ewlenin oħra, b'mod partikolari biex jiġu żviluppati teknoloġiji avvanzati u tiġi akkumpanjata t-trasformazzjoni industrijali;

93. Jinnota l-kontribut tal-industrija tas-sustanzi kimiċi għal bosta ktajjen tal-valur strateġiċi u għall-produzzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ċirkolari; jitlob li titfassal politika dwar sustanzi kimiċi sostenibbli, li tkun allinjata mal-Istrateġija Industrijali;

94. Jistieden lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tfassal rapport, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, dwar is-sustanzi kimiċi fl-ambjent fl-Ewropa; jemmen li r-rapport għandu jivvaluta l-karattru sistemiku tas-sustanzi kimiċi perikolużi fis-sistemi ta' produzzjoni u konsum tal-Ewropa, l-użu tagħhom fil-prodotti u l-okkorrenza tagħhom fl-ambjent tal-Ewropa, u d-dannu kkawżat lis-saħħa tal-bniedem u lill-ekosistemi;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

95. Jissottolinja ċentralità ta' settur tal-farmaċewtika u tal-apparat mediku li jiffunzjona tajjeb u kompetittiv biex jiġi żgurat aċċess sostenibbli għall-mediċini għall-pazjenti u jiġi ggarantit livell għoli ta' kura tas-saħħa għall-pazjenti tal-UE; jemmen li l-Kummissjoni għandha tiffaċilita d-djalogu mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha billi toħloq forum farmaċewtiku, issorveljat mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), sabiex tkun tista' ssir diskussjoni komprensiva dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, is-sostenibbiltà farmaċewtika u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda fis-sistemi tas-saħħa; jisħaq li dan il-forum għandu jqis l-approċċi nazzjonali differenti fir-rigward tal-ipprezzar u r-rimborż, kif ukoll l-investimenti u l-organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa;

96. Iqis li l-akkwist pubbliku huwa mutur kruċjali tat-trasformazzjoni industrijali; jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-mod kif jintuża bis-sħiħ l-effett ta' lieva tan-nefqa u tal-investimenti pubbliċi biex jinkisbu l-oġettivi ta' politika, inkluż permezz tat-tisħiħ tas-sostenibbiltà u billi l-akkwist pubbliku jkun ċentrali għall-pjan ta' rkupru ekonomiku tal-Unjoni billi tipprijoritizza u trawwem id-domanda għal prodotti u servizzi ekoinnovattivi, kosteffettivi u sostenibbli, kif ukoll billi tippermetti r-rilocalizzazzjoni f'setturi strateġiċi ewlenin, bħall-prodotti relatati mas-saħħa, l-agrikoltura u t-teknoloġiji sostenibbli, u trawwem ktajjen tal-provvista iqsar u iktar sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet pubbliċi janalizzaw il-kundizzjonijiet biex is-sostenibbiltà tal-akkwist pubbliku ssir obbligatorja abbażi ta' kriterji ambjentali, soċjali u etiċi, inklużi l-impronta tal-karbonju, il-kontenut tar-riċiklaġġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu, kif ukoll iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar l-iskemi eżistenti għall-promozzjoni tas-servizzi ekoloġiċi u jagħmlu użu aħjar minnhom; jinsisti li l-SMEs għandu jkollhom opportunità ekwa biex jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku; jistieden lill-awtoritajiet kontraenti jużaw sistematikament approċċ ibbażat fuq l-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità matul il-ħajja tal-prodotti u s-servizzi; iħeġġiġhom jużaw id-dispożizzjoni (l-Artikolu 85 tad-Direttiva dwar l-Utilitajiet) li tippermettilhom jirrifjutaw offerti meta l-proporzjon tal-prodotti li joriġinaw fpajjiżi terzi jaqbeż il-50 % tal-valur totali tal-prodotti li jikkostitwixxu l-offerta;

97. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-istandardizzazzjoni għas-suq uniku Ewropew u għal benesseri ekonomiku, soċjali u ambjentali akbar, inklużi s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u tal-ħaddiema; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żviluppati, ivalutati u użati standards armonizzati li jappoġġaw lill-industriji li jimmanifatturaw il-prodotti b'modi li jkunu effiċjenti, sikuri, ċirkolari, sostenibbli u ripetibbli u li jiżguraw kwalità għolja;

98. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta sistema b'saħħitha ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPI) biex tanalizza l-impatt *ex ante* tar-regolamenti u tal-istrumenti tal-Unjoni u l-investimenti possibbli meħtieġa, u timmonitorja l-progress u r-riżultati, filwaqt li tqis id-dimensjoni tal-SMEs; jissottolinja li s-sistema tal-KPI għandha tkun ibbażata fuq oġettivi li huma speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u orjentati lejn iż-żmien;

99. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-prattika tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha u tiżgura li qabel tippreżenta proposti ġodda għal leġislazzjoni jew tadotta miżuri ġodda, twettaq valutazzjoni tal-impatt dettaljata tal-kostijiet potenzjali tal-konformità, l-impatt fuq l-impjiegi, u l-piżijiet u l-benefiċċji potenzjali għaċ-ċittadini, is-setturi u l-kumpaniji Ewropej, inklużi l-SMEs; jemmen li l-evalwazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-miżuri tal-Unjoni għandha tiffoka aktar bis-saħħa fuq l-implimentazzjoni fl-Istati Membri u għandha tanalizza x'jiġri meta l-leġislazzjoni tal-Unjoni tiġi implimentata u interpretata b'mod li joħloq ostakoli regolatorji mhux neċessarji u mhux mistennija kemm għall-SMEs kif ukoll għall-kumpaniji ta' daqs akbar; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-koerenza regolatorja u tirrikonoxxi spinta ta' regolamentazzjoni intelliġenti mfassla biex jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi mingħajr ma tiddgħajf l-effettività tal-leġislazzjoni jew jitnaqqsu l-istandards soċjali u ambjentali, speċjalment meta l-industrija tradizzjonali jkollha tadatta minħabba deċiżjonijiet regolatorji; jemmen li l-miżuri għad-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni għandhom jifasslu b'tali mod li jippreżentaw opportunitajiet għall-kumpaniji, inklużi l-SMEs, u jimminimizzaw il-piż fuq is-settur affettwat;

100. Jistenna li l-istrategġija industrijali ma toħloqx piżijiet regolatorji bla bżonn għall-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, u li tapplika r-regola ta' one-in-one-out bil-għan li tidentifika, kull meta dispożizzjonijiet ġodda jintroduċu spejjeż ta' konformità, id-dispożizzjonijiet eżistenti li jeħtieġ li jitħassru jew jiġu riveduti, biex b'hekk jiġi żgurat li l-ispejjeż tal-konformità f'settur partikolari ma jiżdidux, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-koleġiżlaturi; iqis li proposta bħal din trid tkun ibbażata fuq l-evidenza, tiġi kkonsultata b'mod wiesa', tiżgura l-effikaċja tal-leġislazzjoni u tal-istandards soċjali u ambjentali, u turi l-benefiċċji ċari tal-azzjoni Ewropea; jemmen li l-UE għandha bżonn issaħħaħ il-prinċipji tagħha ta' "viżibbiltà kbira għall-kwistjonijiet il-kbar, żgħira għal dawk żgħar" sabiex tiżgura aħjar il-proporzjonalità;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

101. Jenfasizza li l-amministrazzjoni pubblika għandu jkollha rwol ewlieni fl-iżgurar ta' ambjent ekonomiku favorevoli għan-negozju u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq l-intrapriżi filwaqt li tiżgura l-applikazzjoni sħiħa tal-istandards u r-regoli etiċi, soċjali, ambjentali u ta' trasparenza tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-ħaddiema; jemmen li l-għodod tal-gvern elettroniku, il-politiki tal-innovazzjoni diġitali u t-tisħiħ tal-ħiliet diġitali għandhom jiġu promossi fis-settur pubbliku u fost l-impjegati tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-iskambju tal-aħjar Prattiki nazzjonali u reġjonali fil-qasam, b'referenza speċifika għall-ġestjoni pubblika tal-kompetittività ekonomika;

102. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0322

Il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-politika barranija**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-politika barranija (2020/2111(INI))**

(2021/C 425/07)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-8 ta' April 2020 dwar ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19 (JOIN(2020)0011),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' April 2020 dwar il-forniment ta' Assistenza Makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0163),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2020 bit-titlu "Appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-pandemija, il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni qabel il-laqgħa tal-mexxejja UE-Balkani tal-Punent fis-6 ta' Mejju 2020" (COM(2020)0315),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli Josep Borrell, fisem l-Unjoni Ewropea, dwar id-drittijiet tal-bniedem fi żminijiet tal-pandemija tal-coronavirus tal-5 ta' Mejju 2020,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2532 (2020) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-waqfien mill-ġlied fil-kuntest tal-pandemija tal-marda tal-coronavirus (COVID-19) u l-appoġġ lis-Segretarju Ġenerali tan-NU (SĠNU) António Guterres,
- wara li kkunsidra t-talba tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Michelle Bachelet biex jiġi evalwat mill-ġdid l-impatt ta' reġimi wiesgħa ta' sanzjonijiet ekonomiċi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-10 ta' Ġunju 2020 intitolata "Nindirizzaw id-diżinformazzjoni dwar il-COVID-19 – X'inhuma l-fatti" (JOIN(2020)0008),
- wara li kkunsidra l-Aġġornament tar-Rapport Speċjali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE): valutazzjoni qasira tan-narrattivi u d-diżinformazzjoni dwar il-pandemija tal-COVID-19 tal-1 ta' April 2020 u tal-20 ta' Mejju 2020,
- wara li kkunsidra d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mogħti mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen fis-16 ta' Settembru 2020,
- wara li kkunsidra l-linji gwida tal-Kummissjoni tal-25 ta' Marzu 2020 dwar il-protezzjoni tal-assi u t-teknoloġija kritiċi Ewropej fil-kriżi attwali,
- wara li kkunsidra n-nota ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2020 bit-titlu "A renewed trade policy for a stronger Europe" (Politika Kummerċjali mġedda għal Ewropa aktar b'saħħitha),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rispons Globali ta' "Tim Ewropa" għall-COVID-19 tat-8 ta' Ġunju 2020,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-pjan ta' rkupru u l-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027 tas-17-21 ta' Lulju 2020,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' Ġunju 2016,

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2020 dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-NU u l-75 Assemblée Générale tan-NU, bit-tema tal-“Promozzjoni tal-multilateraliżmu u ta' NU b'saħħha u effettiva li ttipprovi għal kulħadd”,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tat-30 ta' Marzu 2020 mill-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana (EuroLat) dwar il-pandemija tal-COVID-19,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli kif adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015, kif ukoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2018 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-Viżi Umanitarji ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-linji gwida tat-8 ta' Diċembru 2008 tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontribom,
 - wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Prattika Tajba tal-Kummissjoni ta' Venezja fi Kwistjonijiet Elettorali,
 - wara li kkunsidra r-rapporti annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0204/2020),
- A. billi l-COVID-19 ikkawżat pandemija globali li qed taffettwa miljuni ta' ħajjiet umani, li qed twassal għal kriżi tas-saħħa, ekonomika, soċjali u umanitarja globali bħal qatt qabel, li kkawżat tensjonijiet sistemiċi ta' governanza globali b'konsegwenzi estensivi u fit-tul għar-relazzjonijiet internazzjonali, li jaffettwaw aspetti ewlenin tal-politika barranija u s-sigurtà u d-difiża tal-UE, kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha; billi l-UE kienet fil-mira ta' diżinformazzjoni, attakki ċibernetiċi u interferenza malinna oħra minn partijiet terzi bil-għan li jiġu destabilizzati l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri;
- B. billi l-pandemija taffettwa b'mod sproporzjonat il-pajjiżi l-aktar vulnerabbli, u billi xi pajjiżi madwar id-dinja ma rreaġixxewx u ma ħadux miżuri ta' sigurtà rapidi u adegwati biex irażżnu l-epidemija; billi l-Gvern Ċiniż ma tax wisq importanza lit-tifqigħa inizjali tal-COVID-19; billi n-narrattivi li jenfasizzaw il-ġeografija aktar milli t-terminoloġija medika biex jirreferu għall-COVID-19 huma stigmatizzanti; billi l-virus qatel madwar miljun ruħ globalment u wera li huwa biss permezz ta' koordinazzjoni u solidarjetà bejn il-pajjiżi li jista' jiġi kkontrollat u mitigat;
- C. billi l-UE għandha r-responsabbiltà li taġixxi bħala attur globali u taġġusta l-prijoritajiet u l-politika tagħha, inkluża l-politika barranija, f'konformità mas-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tinbidel fid-dinja u mal-ġlieda globali kontra l-COVID-19; billi l-UE trid tmexxi b'mod prevedibbli u billi tirrispetta l-impenn tagħha għal-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt bħala parti minn sforzi multilaterali u internazzjonali, u skont il-pożizzjoni tagħha fl-ekonomija globali; billi l-kriżi tal-COVID-19 għal darb'oħra enfasizzat il-ħtieġa li jissaħħu l-multilateraliżmu u l-ordni bbażat fuq ir-regoli biex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi globali;
- D. billi l-pandemija u l-effetti ekonomiċi u soċjali tagħha jistgħu jikkontribwixxu aktar għall-ilmenti politiċi li jirriżultaw mill-perċezzjoni tal-inugwaljanza u l-marġinalizzazzjoni; billi t-tnaqqis ekonomiku globali kellu impatt partikolarment gravi fuq l-ekonomiji l-aktar vulnerabbli; billi t-tifqigħa tal-COVID-19 aggravat il-problema persistenti ta' nuqqas ta' mediċini madwar id-dinja, b'konsegwenzi akuti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

⁽¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0054.

⁽²⁾ ĠU C 388, 13.11.2020, p. 11.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- E. billi l-pandemija aggravat is-sitwazzjoni umanitarja kritika ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikolari f'żoni ta' kunflitt, kampijiet tar-refuġjati u stati fraġli, u fost il-komunitajiet indiġeni; billi l-UE tenniet l-appell tan-NU għal waqfien mill-ġlied globali immedjat u biex jittaffew is-sanzjonijiet fid-dawl tal-pandemija sabiex jiġi żgurat li jitwasslu t-tagħmir u l-provvisti essenzjali meħtieġa għall-ġlied kontra l-coronavirus; billi konsegwentement qed naraw tnaqqis fil-libertajiet globali u fid-demokrazija, li qed iqiegħed aktar piż fuq ordni multilaterali diġà fi kriżi;
- F. billi n-nisa madwar id-dinja f'relazzjonijiet vjolenti kienu sfurzati jibqgħu d-dar, fejn kienu esposti għal persuna li tabbużahom għal perijodi itwal ta' żmien; billi filwaqt li l-linji telefoniċi għall-għajnuna u r-rifuġi ta' vjolenza domestika madwar id-dinja qed jirrapportaw żieda fis-sejħiet għall-għajnuna, f'għadd ta' pajjiżi, ir-rapporti ta' vjolenza domestika u sejħiet ta' emerġenza żiedu 'l fuq b'25 % minn meta ġew ippromulgati miżuri ta' tbeġħid soċjali;
1. Jafferma li t-tifqigħa globali tal-pandemija tal-COVID-19 hija bidla radikali fl-ambjent internazzjonali, multiplikatur tar-riskji u katalista għall-bidla fl-ordni globali; jisħaq fuq l-importanza fundamentali tat-tisħiħ tar-reżiljenza interna tal-UE, l-iżvilupp ta' sħubijiet ġodda u t-tisħiħ tal-viżjoni multilaterali tagħha fuq skala globali, b'rispons assertiv u koordinat tal-politika barranija;
2. Jilqa' l-inizjattivi ta' appoġġ ta' Tim Ewropa u Rispons Globali għall-Coronavirus, li qed jgħinu lill-pajjiżi sħab jindirizzaw l-impatt tal-coronavirus fuq il-koordinazzjoni transfruntiera; jilqa' l-koordinazzjoni tal-UE mal-G7, il-G20, in-NU, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), il-Programm Dinji tal-Ikel u sħab internazzjonali oħra, li jservu biex irawmu rispons globali koerenti u inklużiv għall-pandemija, biex itaffu l-impatt usa' fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji, u biex jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju ta' destabbilizzazzjoni;
3. Jiddispaċi għan-nuqqas ta' tmexxija globali u rispons internazzjonali koordinat matul il-fażijiet inizjali tal-kriżi tal-COVID-19; jikkundanna ż-żamma ta' informazzjoni kritika; jirrifjuta t-tiftixija ta' soluzzjonijiet ta' iżolament; joġġezzjona bil-qawwa għaż-żieda ta' nazzjonaliżmu awtoritarju, kampanji ta' diżinformazzjoni sponsorjati mill-istat u l-promozzjoni ta' narrattivi foloz li jixprunaw nuqqas ta' fiduċja u jimminaw soċjetajiet demokratiċi u kooperazzjoni internazzjonali u jqajmu mistoqsijiet dwar ir-rwol tal-UE fid-dinja; jissottolinja li l-kooperazzjoni globali, approċċ u kooperazzjoni globali inklużivi huma essenzjali biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-kriżi tas-saħħa globali u theddid globali ieħor;
4. Jissottolinja li minkejja l-pandemija tal-COVID-19, il-pajjiżi sħab tal-UE ma għandhomx jiddevjaw mill-perkors tar-riformi matul il-proċess leġiżlattiv, jieħdu l-ġlied kontra l-korruzzjoni bis-serjetà u jimpenjaw ruħhom li jirrispettaw u jimplementaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tal-minoranzi f'konformità mal-obbligi u l-impenji internazzjonali tagħhom;
5. Jiddeplora l-fatt li għadd ta' gvernijiet u mexxejja politiċi madwar id-dinja qed jużaw il-kriżi bħala opportunità biex jipprovdu lilhom infushom b'setgħat eċċessivi u jseguw l-aġendi politiċi tagħhom stess billi jillimitaw id-drittijiet tal-bniedem, idgħajfu l-istandards demokratiċi, idgħajfu l-istat tad-dritt, inaqqsu r-rwol tal-parlamenti, jillimitaw il-libertà tal-midja, jinċitaw kampanji ta' mibegħda kontra gruppi ta' minoranza, iniedu kampanji ta' diżinformazzjoni mmirati lejn ir-riformi u l-valuri favur l-UE, u jagħmlu ħsara lill-kooperazzjoni internazzjonali; jinsisti li kwalunkwe stat ta' emerġenza jrid jinkludi klawżola ta' terminazzjoni; jinsab imħasseb dwar il-fatt li d-dimostrazzjonijiet ta' protesta kontra r-restrizzjonijiet tal-coronavirus li qed iseħħu f'diversi bliet madwar id-dinja spiss jiġu infiltrati u manipulati minn gruppi estremisti, b'dimostranti jsejħu l-virus fażull;
6. Jiddeplora l-fatt li l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 aggrawaw l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi globali u affettwaw b'mod sproporzjonat lill-ifqar persuni u lill-persuni fl-aktar kategoriji soċjali żvantaġġati, emarġinati u mhux protetti, inklużi l-migranti; jikkundanna l-forom kollha ta' esklużjoni u diskriminazzjoni kontra dawk infettati bil-COVID-19 u jistieden lill-pajjiżi terzi u lill-Istati Membri tal-UE jtaffu l-effetti soċjali tal-pandemija;
7. Jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) biex jirrieżamina l-Istrategġija Globali tal-2016 fid-dawl tal-impatt globali tal-kriżi, li tirrifletti dawn il-bidliet ġeopolitiċi, biex tiżgura azzjoni aktar strateġika tal-UE u li l-UE taqdi r-rwol tagħha fid-difiża, il-promozzjoni u l-iżvilupp tal-ordni dinji multilaterali bbażat fuq ir-regoli li nholq mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn, u biex tinkludi l-appoġġ għad-demokrazija u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bħala prijetà ta' appoġġ għat-Tim Ewropa, bl-involvement tal-Parlament Ewropew f'dan il-kompitu permezz tal-għodod u mekkaniżmi eżistenti tiegħu ta' appoġġ għad-demokrazija u l-istat tad-dritt;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

Bilanċ ġeopolitiku mibdul wara l-COVID-19

8. Jinnota bi tħassib li l-kompetizzjoni u t-tensjonijiet ġeopolitiċi aċċelleraw wara t-tifqigħa tal-COVID-19, u jirrikonoxxi li l-Unjoni Ewropea għad trid tippożizzjona ruħha f'dan l-ambjent ġeopolitiku ġdid; jaqbel li d-dinja ta' wara l-COVID-19 se tidher fundamentalment differenti u se jkollha konsegwenzi estensivi għall-politika esterna tal-UE, u jemmaen li l-COVID-19 ikkonfermat il-ħtieġa għal politika barranija u ta' sigurtà tal-UE aktar b'saħħitha u aktar effettiva;

9. Jinsisti li s-sħubija transatlantika għandha tingħata spinta ġdida sabiex tiġġieled b'mod aktar effettiv il-pandemija u sfidi internazzjonali ewlenin oħra bħat-tibdil fil-klima; jagħraf il-ħtieġa li tinstab bażi ġdida għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti, b'enfasi fuq ir-rispett reċiproku u aġenda konġunta għad-difiża tal-multilateraliżmu, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem minn ambizzjonijiet nazzjonalisti, awtoritarji u eġemoniċi;

10. Iqis li f'dan il-kuntest li qed jinbidel, l-UE trid tintensifika l-azzjoni tagħha u tmexxi bl-eżempju, tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali, taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari n-NU u l-aġenziji tagħha, id-WHO, il-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u organizzazzjonijiet reġjonali internazzjonali, bħan-NATO, filwaqt li tfittex kooperazzjoni aktar b'saħħitha ma' pajjiżi tal-istess fehma, inkluż mill-emisfera tan-Nofsinhar, tippromwovi l-kollaborazzjoni bejn ir-reġimi demokratiċi u ssaħħaħ il-valuri demokratiċi; ifakkar li l-pandemija enfasizzat il-ħtieġa li naħdmu flimkien biex jinstabu soluzzjonijiet komuni għall-problemi li jikkonċernaw lill-bniedem kollha;

L-Istati Uniti

11. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Gvern tal-Istati Uniti, in-nuqqas ta' rieda tiegħu li jieħu rwol ewleni b'rispons għall-COVID-19 u n-nuqqas ta' parteċipazzjoni f'inizjattivi konġunti dwar il-vaċċini; jemmaen li l-fatti alternattivi u l-informazzjoni falza li jiċħdu s-severità tal-pandemija kienu qarrieqa ħafna fil-ġlieda konġunta kontra l-virus; jistieden kemm lill-UE kif ukoll lill-Istati Uniti jsaħħu l-kooperazzjoni u s-solidarjetà abbażi ta' approċċ orjentat lejn ix-xjenza fil-ġlieda komuni kontra l-pandemija tal-COVID-19, inkluż l-iskambju f'waqtu tal-informazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp tal-vaċċin u tat-tagħmir mediku strateġiku, kif ukoll jindirizzaw flimkien sfidi globali oħra;

12. Ihegġegħ lill-awtoritajiet jinkorporaw prattiki tajbin mill-Kodiċi ta' Prattika Tajba tal-Kummissjoni ta' Venezja fi Kwistjonijiet Elettorali, li jinkludi wkoll linji gwida għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet matul il-perjodu tal-pandemija;

13. Ifakkar li l-kooperazzjoni transatlantika tibqa' pilastru essenzjali tal-politika barranija tal-UE u li hija ta' importanza kbira għas-sigurtà reċiproka u l-interessi kummerċjali tal-UE u tal-Istati Uniti; jesprimi appoġġ kontinwu għall-alleanza transatlantika u kooperazzjoni transatlantika strateġika aktar mill-qrib; jiddispjaċih dwar il-miżuri unilaterali meħuda matul il-kriżijiet tal-COVID-19 bħar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar miż-żona Schengen tal-UE lejn l-Istati Uniti mingħajr konsultazzjoni minn qabel mal-UE;

14. Jiddispjaċih dwar it-tnaqqis fl-impenn tal-Istati Uniti globalment u d-deċiżjoni tal-Gvern tal-Istati Uniti li jirtira l-finanzjament mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u li jöhroġ mit-Trattat dwar is-Sema Miftuħ, u t-tendenza ġenerali tal-amministrazzjoni attwali tal-Istati Uniti li tinsab 'l bogħod mir-realtà ta' diversi organizzazzjonijiet multilaterali li nħolqu biex jiġi stabbilit ordni dinji liberali bbażat fuq ir-regoli, jew li jdgħajjifhom (bħal fil-każ tal-Qorti Kriminali Internazzjonali);

15. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi kkonsolidata u mtejba l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti, abbażi ta' rispett reċiproku u aġenda konġunta għad-difiża tal-multilateraliżmu, id-dritt internazzjonali, valuri demokratiċi kondiviżi, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; jinnota li, f'dinja kkaratterizzata minn kompetizzjoni bejn il-potenzi l-kbar, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti jikkondividu valuri komuni marbuta mal-istrutturi internazzjonali eżistenti u jibqgħu sħab indispensabbli fl-ambjent internazzjonali volatili attwali;

Id-Ċina

16. Jinnota t-tisħiħ tad-diplomazija pubblika assertiva tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina madwar id-dinja wara t-tifqigħa tal-COVID-19, li tfittex li timla l-vojt politiku fis-sistema multilaterali li tħalliet mill-Istati Uniti li xxaqleb aktar lejn l-iżolament u li tipprova tippożizzjona lilha nnifisha bħala attur globali dominanti b'mudell ta' governanza alternattiv; jinsab imħasseb dwar l-isforzi tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina biex tikseb impatt tal-poter aktar b'saħħtu fir-reġjun, li jirriżulta f'tilwim dwar il-fruntieri ma' ħafna mill-ġirien tagħha u l-promozzjoni tagħha tal-interessi strateġiċi nazzjonali permezz ta' organizzazzjonijiet multilaterali; jinsab imħasseb dwar il-bidla possibbli tal-poter fil-politika globali relatata mal-bidla fit-tmexxija taċ-Ċina; joġġezzjona għall-fatt li l-Gvern Ċiniż uża l-momentum tat-tifqigħa tal-pandemija biex jimponi l-liġi tas-sigurtà nazzjonali u r-ripressjoni fuq il-moviment favur id-demokrazija f'Hong Kong, biex iżid it-theddid

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

kontra t-Tajwan u biex iżid l-attivitajiet tiegħu fit-Tibet u fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, kif ukoll il-persekuzzjoni brutali tal-Ujguri f'Xinyang u jikkundanna l-attakki u l-pressjoni ripetuti mir-rappreżentanti Ċiniżi fuq il-gvernijiet tal-Istati Membri u fuq il-politiċi eletti demokratikament fl-UE, bħall-President tas-Senat Ċek u l-Ministru tal-Kultura tal-Iżvezja;

17. Jinnota li wara t-tifqigħa tal-COVID-19, iċ-Ċina pprovdiet kontribuzzjonijiet ta' emerġenza għall-ġlieda kontra l-virus u jiddispijaċi li xi wħud kienu difettużi jew ta' kwalità inferjuri; jirrikonoxxi wkoll, madankollu, sforzi mmotivati ġeopolitikament u ġeoekonomikament imsaħħa minn kampanji ta' diżinformazzjoni u propaganda aggressiva tad-"diplomazija tal-virus u l-wolf warrior"; jikkundanna t-tentattivi taċ-Ċina biex tuża din id- "diplomazija tal-virus" kontra l-UE bl-intenzjoni li ssawwar l-immaġni globali tagħha bħala setgħa benevolenti; jiddispijaċi għall-iżolament tat-Tajwan min-naħa taċ-Ċina fid-WHO; jistieden lill-Istati Membri japprovaw is-sħubija tat-Tajwan bħala osservatur fid-WHO/WHO u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, fid-dawl tat-trattament effettiv tiegħu tal-virus domestikament, u mingħajr ma jkun jista' jikkontribwixxi bl-għarfien espert tiegħu għar-rispons internazzjonali għall-kriżi tas-saħħa attwali; ifaħħar l-għajnuna pprovduta mill-awtoritajiet Tajwaniżi;

18. Jinsab imħasseb dwar għadd ta' żbalji u nuqqas ta' trasparenza relatati mar-reazzjoni Ċiniża inizjali għat-tifqigħa globali tal-pandemija tal-COVID-19, li jinvolvu l-ħabi tal-kobor tal-problema, it-tentattivi biex tiġi mmanipulata u miżmuma l-informazzjoni, komunikazzjoni dgħajfa mad-WHO, iċ-ċensura, it-trażżin, it-theddid, il-persekuzzjoni u l-għajbien sfurzati tal-informaturi, l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti ċittadini, u l-ħolqien ta' dubji dwar l-għadd uffiċjali ta' vittmi tal-COVID-19, li kollha kellhom impatt ta' ħsara fuq il-kapaċità tal-UE biex tantiċipa, tipprepara għal u tħabbat wiċċha mal-kriżi tal-COVID-19, u rriżultaw f'imwiet; għalhekk iħeġġeġ lill-Gvern Ċiniż jikkoopera bis-sħiħ ma' investigazzjoni internazzjonali indipendenti dwar l-orijini tal-COVID-19, u jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw approċċ komprensiv lejn iċ-Ċina li qed tissaħħaħ u jipproteġu l-awtonomija strateġika tal-UE;

19. Jappella għal rispons Ewropew għall-espansjoni intensifikata taċ-Ċina lejn l-aktar Stati Membri esposti u l-ġirien tal-UE; jirimarka li l-għaġla attwali biex jittrażżnu l-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija se tkun opportunità għal investimenti strateġiċi Ċiniżi f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjonijiet, it-trasport u t-teknoloġija;

20. Jinsab imħasseb dwar il-potenzjal ta' "nassa tad-dejn" li tista' taffettwa lill-pajjiżi Afrikani bħala riżultat tal-COVID-19, kif ukoll iżżid id-dipendenzi politiċi u ekonomiċi tal-pajjiżi terzi fuq iċ-Ċina, peress li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku se jagħmilhielhom diffiċli jirrimborżaw self Ċiniż li huwa parti mill-Inizjattiva "Belt and Road"; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu t-tfittxija għal soluzzjonijiet vijabbli rigward il-ħelsien mid-dejn għal pajjiżi terzi fi ħdan fora internazzjonali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-eżenzjonijiet umanitarji mis-sanzjonijiet ikollhom effett immedjat u prattiku f'termini tat-twassil rapidu ta' tagħmir mediku, provvisti u forom oħra ta' assistenza lill-pajjiżi affettwati;

21. Jistieden lill-VP/RGħ jirrikonoxxi dan it-tħassib, jirrieżamina r-relazzjonijiet bejn l-UE u iċ-Ċina u simultanjamment joħloq atmosfera ta' djalogu, impenn u kooperazzjoni u kompetizzjoni ġenwini bbażati fuq strateġija ġdida, koerenti u aktar assertiva adattata għax-xenarju ġeopolitiku u ġeoekonomiku mibdul u strateġija fit-tul għaċ-Ċina, li fiha l-UE u l-Istati Membri jikkooperaw fejn possibbli, jikkompetu fejn meħtieġ u jikkonfrontaw fejn meħtieġ biex jiddefendu l-valuri u l-interessi Ewropej; huwa tal-fehma li, bħala parti minn din l-istrateġija l-ġdida, l-UE għandha tfittex kollaborazzjoni aktar mill-qrib ma' pajjiżi tal-istess fehma fir-reġjun u demokrazzi oħra, inklużi l-Indja, l-Awstralja, New Zealand, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel, u taħdem favur strateġija Ewropea għall-Indo-Paċifiku, li għaliha l-istrateġija ta' konnettività tal-UE għandha tintuża bl-aktar mod sħiħ;

L-Indja

22. Jinnota bi tħassib li, b'mod parallel maż-żieda tat-tifqigħa tal-COVID-19 fl-Indja, fejn s'issa ġew irrappurtati aktar minn 90 000 mewta, ir-ripressjoni politika kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet individwali qed tkompli fl-isfond ta' tensjonijiet ibbażati fil-komunità, u jqis li huwa essenzjali li din il-kwistjoni titqiegħed fuq l-aġenda tad-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Indja li jmiss;

23. Jišhaq fuq l-importanza tas-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Indja, il-ħtieġa li tiġi promossa u li ssir ħidma flimkien fuq l-istabbiltà u s-sigurtà, speċjalment fl-Oċean Indjan u l-Paċifiku;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

Ir-Russja

24. Jesprimi l-akbar tħassib dwar it-tentattivi sistematiċi tal-Federazzjoni Russa li timmina l-unità tal-UE u r-rispons tagħha għall-kriżijiet, toħloq nuqqas ta' fiduċja bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant bl-intensifikazzjoni tal-kampanji ta' diżinformazzjoni mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 u l-attakki ċibernetiċi kontra l-organizzazzjonijiet ta' riċerka, kif ukoll il-politiċizzazzjoni tal-assistenza umanitarja; ifaħħar lis-SEAE u lid-dipartiment StratCom tal-Lvant għall-isforzi tagħhom biex jidentifikaw u jrażżnu l-kampanji ta' diżinformazzjoni minn mezzi tal-midja relatati mar-Russja f'diversi Stati Membri u jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi u l-finanzjament tagħha ddedikati għall-għieda kontra l-aħbarijiet foloz Russi;

25. Jirrikonoxxi d-dimensjoni ġeopolitika u ġeoeconomika ċara ta' dak li ġie offrut mir-Russja, imsaħħa mid-"diplomazija tal-virus" u għieda kontra n-narrattivi; jinnotta bi tħassib li r-Russja qed tiegħu ċerti passi assertivi fl-arena internazzjonali bil-għan li tippromwovi l-aġenda ġeopolitika tagħha stess; jistieden lill-UE ma tissottovalutax dan u żżomm fuq l-aġenda l-kunflitti li fihom ir-Russja għandha interess, bħal dawk mal-Belarużja, l-Ukrajna, il-Georgia, il-Krimea, is-Sirja u l-Libja;

26. Jesprimi tħassib serju dwar it-tentattivi tar-Russja li tuża l-pandemija biex tkompli tnaqqas l-ispazju tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, tappoġġa r-reġimi awtoritarji u tkompli l-politika barranija aggressiva tagħha; jenfasizza li ma rridux nippermettu lil pajjiżi bħar-Russja jużaw il-kriżi biex jaljenawna mill-problemi domestiċi sinifikanti tagħhom stess; jinsab imħasseb dwar ir-Referendum Kostituzzjonali, li fih il-President Russu uża l-kriżi attwali biex jippromulga emendi kostituzzjonali kruċjali li jtaqlu u jsaħħu t-tmexxija awtoritarja tiegħu fir-Russja;

27. Jikkundanna t-tentattivi fuq il-ħajja ta' Alexei Navalny u jitlob li ssir investigazzjoni indipendenti u trasparenti dwar l-avvelenament tas-Sur Navalny mingħajr dewmien;

28. Jistieden lir-Russja tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal rispons globali għall-kriżi, b'*bona fide* u bħala parti mill-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; jinsab imħasseb dwar l-effettività u s-sikurezza tal-vaċċin Russu l-ġdid li qed jintuża bħalissa; ifakkar li l-kwalità tal-prodotti mediċi mwassla mir-Russja f'xi każijiet kienet baxxa ħafna u għalhekk ineffettiva;

Politika barranija tal-UE aktar assertiva biex tiddefendi l-interessi tal-Ewropa, il-valuri tagħha u l-ordni dinji multilaterali

29. Jirrikonoxxi r-riskji globali tas-sigurtà, soċjoekonomiċi, ambjentali u politiċi li jistgħu jiġu kkawżati mill-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, u jinsab imħasseb dwar il-fatt li setgħat globali bħaċ-Ċina u r-Russja huma lesti li b'ċerta ħila jużaw il-kriżi biex iħollu l-ordni dinji bbażat fuq ir-regoli msejjes fuq organizzazzjonijiet multilaterali;

30. Jisħaq fuq il-fatt li l-ordni dinji multilaterali bbażat fuq ir-regoli huwa essenzjali għall-paċi globali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija; jemmen li UE ġeopolitika, flimkien ma' sħab tal-istess fehma, irid ikollha rwol aktar b'saħħtu fid-difiża u l-bini mill-ġdid tagħha; jemmen li l-UE trid tfittex modi biex tnaqqas it-tensjonijiet bejn is-setgħat, b'mod partikolari meta dawn it-tensjonijiet ifixxlu l-azzjoni multilaterali; jinnotta li l-kriżi tal-COVID-19 uriet kemm il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni multilaterali, b'mod partikolari fil-governanza tas-saħħa globali, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu riformati l-istituzzjonijiet internazzjonali; jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lill-VP/RGħ jabbozzaw "pjan direzzjonali tal-UE dwar il-multilateraliżmu" biex jippromwovu u jagħtu bidu għal riformi strutturali f'organizzazzjonijiet multilaterali;

31. Jitlob li tiġi studjata l-possibbiltà li jinholq forum ġdid għall-kooperazzjoni multilaterali fost l-alleati tal-Punent, jiġifieri l-UE, l-Istati Uniti, il-Ġappun, il-Kanada, il-Korea t'Isfel, l-Awstralja u New Zealand, permezz tal-legat tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni għall-Kontrolli Strateġiċi Multilaterali tal-Esportazzjoni; jitlob li l-mandat ta' kumitat ġdid għandu jkopri l-monitoraġġ u l-kontroll tal-esportazzjoni tat-teknoloġiji, tal-flussi kummerċjali u tal-investimenti sensittivi lejn pajjiżi ta' tħassib;

32. Jinnotta li l-ambizzjonijiet ġeopolitiċi tal-UE jeħtieġ li jkunu sostnuti minn allokkazzjonijiet baġitarji adegwati permezz tal-qafas finanzjarju multilaterali (QFP) li jmiss u jiddisponja lill-Kunsill Ewropew ippropona tnaqqis fil-linji baġitarji għall-istrumenti tal-politika esterna; jitlob li l-baġit tal-UE għall-azzjoni esterna fil-QFP 2021-2027 jissaħħaħ u jkun suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-UE jkollha r-riżorsi meħtieġa biex tindirizza l-isfidi fil-viceinat tagħha, il-konsegwenzi ġeopolitiċi tal-COVID-19 u li tkun tista' tissodisfa l-ambizzjoni tagħha li ssir attur ġeopolitiku responsabbli;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

33. Jenfasizza li hija biss UE b'saħħitha u aktar magħquda li għandha awtonomija strateġika miftuħa u appoġġata minn kapaciċitajiet militari suffiċjenti u kredibbli, kif ukoll għodod u mekkaniżmi li jappoġġaw lis-sħab, li se tkun tista' taqdi rwol b'saħħtu fl-ambjent ġeopolitiku l-għdid u twettaq politika barranija b'saħħitha, u jemmen li l-Istati Membri għandhom jagħtu mandat aktar b'saħħtu u definit sew lill-VP/RGħ biex jittellem fisem l-UE, pereżempju billi tistabbilixxi *sede* Ewropea f'organi multilaterali; jilqa' l-konklużjoni tal-President Charles Michel li huwa tal-akbar importanza li tiżdied l-awtonomija strateġika tal-Unjoni;

34. Jemmen li t-tmim tar-regola tal-unanimità f'ċerti oqsma tal-politika barranija jgħin lill-UE twettaq politika barranija li tkun aktar effettiva, aktar proattiva u adattata aħjar għar-reazzjoni f'waqtha għall-emerġenzi; jistieden lill-Kunsill jew lill-Kunsill Ewropew isegwu t-talba tal-Kummissjoni u tal-Parlament biex jimxu lejn votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, tal-anqas dwar id-drittijiet tal-bniedem jew sanzjonijiet, billi jattivaw il-klawżola *passerelle*; jenfasizza li l-ingranaġġ tal-UE huwa l-akbar meta l-Istati Membri jaġixxu flimkien;

35. Jissottolinja r-rwol importanti tal-forzi armati matul il-pandemija tal-COVID-19; jilqa' l-assistenza militari għall-operazzjonijiet ta' appoġġ ċivili, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' spartarijiet fuq il-post, it-trasport tal-pazjenti u l-kunsinna u d-distribuzzjoni ta' tagħmir, u jemmen li operazzjoni u koordinazzjoni konġunti aktar fil-fond tal-forzi armati tal-Istati Membri fi ħdan oqfsa eżistenti – bħall-proġett ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u l-Kmand Mediku Ewropew – jew fi ħdan oqfsa ġodda – bħal spartarijiet militari fuq ferroviji – jistgħu jwasslu għal aktar effiċjenza u jikkontribwixxu għat-tħejji tal-UE fil-ġlieda kontra l-pandemiji; jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-persunal militari jkun imħarreġ, ippreparat u mgħammar biżżejjed biex jittratta dawn it-tipi ta' kompiti essenzjali b'appoġġ għal sħabhom iċ-ċittadini;

36. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu rieżaminati l-istrateġiji ta' sigurtà u difiża tal-UE biex tiġi żviluppata awtonomija strateġika, inkluż fis-settur tas-saħħa, biex titħejja aħjar u ssir aktar reżiljenti għat-theddid u t-teknoloġiji ġodda u ibridi li għamlu n-natura tal-gwerra inqas konvenzjonali u joħlqu sfidi għar-rwol militari tradizzjonali, kif ukoll għal futur li fih ir-Russja u ċ-Ċina qed isiru aktar assertivi; jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-mobilità militari sabiex tgħin lill-Istati Membri jaġixxu aktar malajr u b'mod aktar effettiv fil-kuntest ta' kunflitt possibbli fil-futur. jenfasizza li l-Boxxla Strateġika futura dwar is-sigurtà u d-difiża għandha tirrifletti dawn l-iżviluppi, tqis l-implikazzjonijiet ġeopolitiċi usa' tal-COVID-19 u tindirizza l-ispettru sħiħ ta' theddid bħal pandemija ġdida, theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari (CBRN) u indħil barrani, inklużi d-diżinformazzjoni jew l-attakki ċibernetiċi; jemmen li, minħabba l-bilanċ politiku l-għdid u d-deterjorament potenzjali tal-ambjent tas-sigurtà internazzjonali wara l-COVID-19, il-baġits tad-difiża tal-UE b'mod ġenerali, u l-baġit tal-mobilità militari b'mod partikolari, ma jridux jitnaqqsu;

37. Jappoġġa l-ħtieġa li titkompla u tissaħħaħ il-kooperazzjoni u, fejn meħtieġ, il-koordinazzjoni bejn l-UE u n-NATO, inkluż iċ-Ċentru Ewro-Atlantiku ta' Koordinazzjoni tar-Rispons fil-Każ ta' Diżastru (EADRC) jew iċ-Ċentru ta' Eċċellenza għall-Mediċina Militari tan-NATO, kif ukoll li jiġu miġġielda d-diżinformazzjoni u l-attakki ċibernetiċi relatati mal-COVID-19; jappella għal koordinazzjoni b'saħħitha mal-Aġenzja tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) u appoġġ għaliha u għal kooperazzjoni dwar l-ippjanar u l-iżvilupp tal-kapaciċitajiet militari;

38. Jappella għal approċċ istituzzjonali ġdid għall-komunikazzjoni strateġika sabiex jiġu indirizzati l-isfidi u r-riskji li qed jiffaċċjaw id-demokrazzi liberali tal-Punent, kif ukoll għall-espansjoni u l-modernizzazzjoni tal-istrateġiji ta' komunikazzjoni tal-UE sabiex il-valuri u l-azzjonijiet tal-UE jkun viziabbli biżżejjed kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha, speċjalment f'żoni ġirien; ihegġegħ lis-SEAE jkompli jsaħħaħ il-kapaciċitajiet tiegħu biex jiġġield l-indħil u d-diżinformazzjoni barranin malizzjużi, il-gwerra ibrida, il-propaganda u l-ispijunaġġ, inkluż il-ħolqien ta' Task Forces StratCom iddedikati li jiffukaw fuq l-attivitajiet li joriġinaw minn (a) iċ-Ċina, u (b) il-Lvant Nofsani, inkluż l-Iran, u jimponi spejjeż fuq pajjiżi u atturi mhux statali li deliberatament ixerrdu d-diżinformazzjoni biex jifirdu u jagħmlu ħsara lill-UE u lill-Istati Membri tagħha; jafferma mill-ġdid id-dedikazzjoni tiegħu għall-iżvilupp ta' oqfsa koordinati leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi u t-titjib tal-isforzi ta' koordinazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fost l-Istati Membri fil-livell tal-UE biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni;

39. Jilqa' l-ħidma tal-EUvsDisinfo u r-rwol tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet fil-livell lokali, il-ġurnalisti indipendenti u l-organizzazzjonijiet tal-midja fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni; jissottolinja l-importanza ta' pożizzjoni ta' prinċipju tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni marbuta mat-tixrid tal-virus COVID-19 u l-attakki ċibernetiċi kontra l-infrastruttura kritika; jistieden lill-pjattaformi tal-midja soċjali jaġixxu b'mod proattiv u jadottaw miżuri li jipprevjenu t-tixrid tad-diżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda rigward il-virus COVID-19, u l-ħtieġa li jinvestu fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u jqajmu kuxjenza dwar din it-theddida li qed tiżdied;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

40. Jisħaq fuq il-fatt li l-akbar suq globali tal-konsumatur ta' kważi 500 miljun persuna jagħti ingranaġġ sinifikanti lill-UE fix-xena dinjija, u jemma li Kummissjoni ġeopolitika jenħtieġ li tuża dan l-ingranaġġ, inkluż permezz tal-politika ta' kummerċ tagħha, biex tiddefendi l-interessi tal-UE meta pajjiżi oħra ma jkunux lesti li jikkonformaw mad-drittijiet tal-bniedem, mal-istat tad-dritt jew mat-trattati internazzjonali;

41. Jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 uriet il-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq pajjiżi terzi f'ċerti setturi strateġiċi u eżistenzjali bħas-saħħa u jappoġġa bis-saħħa d-diversifikazzjoni u r-rilokazzjoni tal-ktajjen ta' provvista l-iżjed kritiċi; jirrimarka li l-COVID-19 żvelat il-vulnerabbiltajiet tal-interkonnettività u l-interdipendenza u wasslet għal protezzjoniżmu dejjem akbar; jissottolinja, għalhekk, l-importanza li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn it-titjib tar-reżiljenza tal-ktajjen ta' valur tagħna biex tinkiseb awtonomija strateġika, it-tisħiħ tal-kompetittività globali tal-UE u ż-żamma ta' relazzjonijiet kummerċjali li huma miftuħa kemm jista' jkun;

42. Ifakkar fit-talba urġenti tiegħu għal reġim b'saħħtu ta' sanzjonijiet globali biex jindirizza ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem qabel tmiem l-2020, li jkun l-ekwivalenti tal-UE tal-hekk imsejħa Liġi Magnitsky; jenfasizza li għandha tinkludi atti ta' korruzzjoni ta' livell għoli bħala kriterju għal sanzjonijiet; jilqa' t-tħabbira mill-President von der Leyen li l-Kummissjoni dalwaqt se tressaq proposta, u jistieden lill-Kunsill Ewropew jadotta l-mekkaniżmu ta' sanzjonijiet globali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem bħala deċiżjoni relatata mal-interessi u l-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni skont l-Artikolu 22(1) tat-TUE;

43. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-impatt negattiv sproporzjonat tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-migranti u r-refuġjati; iħeġġeġ lill-gvernijiet biex, fil-politika barranija tagħhom, jinvolvu ruħhom freazzjonijiet ibbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għad-dinjità, u s-soluzzjonijiet biex jindirizzaw il-vulnerabilità tal-migranti u tar-refuġjati u l-bżonn tagħhom għall-protezzjoni, f'konformità mal-prinċipji tas-solidarjetà u s-sħubija u li jippermettu perkorsi legali adegwati u aċċessibbli għall-migrazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li d-dritt għall-asil jiġi rrispettat mad-dinja kollha;

44. Jistieden lill-UE timpenja ruħha f'kampanja globali biex tippromwovi r-rakkomandazzjonijiet tan-NU dwar it-tnaqqis tal-popolazzjonijiet tal-ħabsijiet billi timplimenta skemi ta' rilaxx bikri, proviżorju jew temporanju ta' trasgressuri meqjusa ta' riskju baxx; iħeġġeġ, b'mod partikolari, li l-persuni kollha detenuti talli esprimew fehmiet kritiċi jew kuntrarji jew minħabba l-attivajiet tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem jinħelsu u jirakkomanda t-tnaqqis tal-użu tad-detenzjoni tal-immigrazzjoni u l-kampijiet magħluqa tar-refuġjati;

45. Jirrikonoxxi r-rwol deċiżiv li kellhom in-nisa biex jiffaċċjaw il-kriżi tal-COVID-19 u l-impatt tal-pandemija abbażi tal-ġeneru; jibqa' mħasseb ħafna dwar l-impatt bla preċedent tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-avvanzi fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar id-dinja f'termini tad-diviżjoni inugwali tax-xogħol ta' kura domestika kif ukoll pubblika, fejn in-nisa jikkostitwixxu madwar 70 % tal-forza tax-xogħol tas-saħħa globali u jitlob li l-ħtiġijiet tan-nisa u tal-gruppi emarġinati jiġu kkunsidrati f'rispons globali għall-pandemija, peress li dawn għadhom rarament rappreżentati fit-tabelli tan-negozjati fejn jiġu stabbiliti reazzjonijiet għall-kriżijiet;

46. Huwa konvint li rispons ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-pandemija tal-COVID-19 jikkostitwixxi l-aktar approċċ effettiv, inklużiv u sostenibbli għall-ġestjoni tal-kriżi attwali; ifakkar li r-rispons tal-pajjiżi terzi għall-kriżi tal-COVID-19 ma jridx jikser id-drittijiet tal-bniedem jew id-dritt internazzjonali, irid ikun limitat għal miżuri strettament meħtieġa u proporzjonati u jkun soġġett għal skrutinju regolari kif ukoll dak marbut biż-żmien; jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni globali tad-drittijiet tal-bniedem, jidentifikaw ix-xejriet u jappoġġaw l-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u lokali, iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili fl-isforzi tagħhom biex ireġġgħu lura l-impatt negattiv tal-kriżi tal-COVID-19 fuq id-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-konsegwenzi tal-COVID-19 ma jdgħajfux l-implimentazzjoni tal-valuri u l-impenji tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem diġà stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024;

47. Jissottolinja l-importanza strateġika tat-tmexxija u l-appoġġ tal-UE fil-viċinat tagħha, kemm fil-Lvant, fin-Nofsinhar kif ukoll fir-reġjun tal-Artiku, billi tgħin lill-ġirien tagħha fil-ġlieda tagħhom kontra l-pandemija tal-COVID-19; jappella għal aktar appoġġ għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-riformi fil-viċinat;

48. Jisħaq fuq il-fatt li l-UE trid tagħti lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, li għadhom mhumieq parti mill-UE, opportunità ġusta biex jissieħbu fl-UE, u li l-UE trid tikkonsolida l-isforzi tagħha biex tinvesti fir-reġjun; jenfasizza li l-proċess ta' tkabbir tal-UE u l-enfasi tal-UE fuq l-appoġġ tal-proċessi ta' riforma fil-Balkani tal-Punent qed ikomplu minkejja l-pandemija li għaddeja bħalissa; ifaħħar l-inizjattiva ta' assistenza finanzjarja tal-Kummissjoni u l-inklużjoni fl-akkwist konġunt tal-UE ta' tagħmir mediku biex jingħata appoġġ lill-Balkani tal-Punent fl-indirizzar tal-pandemija tal-COVID-19; jitlob l-inklużjoni tal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent fil-Fond ta' Solidarjetà tal-UE u jtenni li l-għajnuna lis-sħab tagħna trid tkun akkumpanjata minn kampanja ta' komunikazzjoni robusta;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

49. Jisħaq fuq il-fatt li l-kriżi tal-COVID-19 tista' tiddestabbilizza l-pajjiżi fl-Afrika li spiss ikollhom infrastruttura tas-saħħa fraġli u dejn għoli, fejn taġixxi bħala "multiplikatur tal-kunflitti"; jitlob li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Afrika u li tiġi kkoordinata b'mod aktar effettiv, li jiġi estiż l-investiment privat, li jitrawmu l-assistenza finanzjarja u l-pjanijiet ta' rkupru u li tiġi pprovduta alternattiva għall-investimenti taċ-Ċina; jistieden lill-UE tkompli djalogu msaħħaħ li jwassal għall-organizzazzjoni tas-Summit UE-Afrika u taħdem biex tibni l-Afrika f'sieħeb fit-tul, affidabbli u mill-qrib tal-UE;

50. Jissottolinja li s-sanzjonijiet ma għandhomx jimpedixxu rispons komprensiv għall-pandemija tal-COVID-19; jenfasizza fil-każ speċifiku tal-Iran li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Istrument ta' Appoġġ għall-Iskambji ta' Kummerċ (INSTEX) għandu jittwessa' u li dan il-mekkaniżmu għandu jintuża biex jissaħħaħ ir-rispons umanitarju tagħna;

51. Jenfasizza li s-sħab tal-UE fir-reġjuni tas-Sahel-Sahara u l-Qarn tal-Afrika qed jiffaċċjaw il-konsegwenzi bla preċedent tal-pandemija tal-COVID-19 flimkien mat-taqbida kontinwa tagħhom kontra gruppi terroristiċi armati, inklużi l-ġiħadisti;

52. Iqis li r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew huma ta' interess strateġiku u kruċjali; jenfasizza li l-Amerika Latina kienet waħda mir-reġjuni l-aktar milquta mill-pandemija tal-COVID-19; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvolvi ruħha mal-pajjiżi tal-Amerika Latina, tistabbilixxi kooperazzjoni msaħħa biex tindirizza l-COVID-19, tgħin fil-pjanijiet ta' rkupru u tappoġġa lil dawn il-pajjiżi politikament bil-għan li tipprevjeni d-dipendenza eċċessiva tagħhom fuq l-ghajjnuna minn atturi ġeopolitiċi oħra; jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jimplementaw l-Aġenda 2030 u l-SDGs bħala pjan direzzjonali għall-irkupru;

53. Jinnota li l-pandemija attwali tal-COVID-19 kellha impatt negattiv fuq il-missjonijiet eżistenti tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), b'mod partikolari fuq missjonijiet ta' taħriġ tal-UE f'postijiet bħall-Mali, is-Somalja jew ir-Repubblika Ċentru-Afrikan; ifakkar li preżenza Ewropea u impenn kredibbli huma kruċjali biex jittaffew il-konsegwenzi umanitarji u soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19; jitlob li jissaħħu l-missjonijiet tal-PSDK li għandhom il-kompitu li jsaħħu l-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tal-kunflitti, b'mod partikolari dawk fil-viċinat immedjat tal-UE, biex jgħinu jstabbilizzaw kuntesti diġà fraġli u jimpedixxu rikaduti fil-kunflitti u l-vjolenza minħabba tensjonijiet addizzjonali kkawżati mill-COVID-19; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu aktar persunal ċivili u militari disponibbli għal tali missjonijiet u operazzjonijiet, u jappella wkoll f'dan ir-rigward għal adozzjoni rapida tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi; iħeġġeġ lis-SEAE jaħdem fuq ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK matul kriżijiet bħall-pandemija tal-COVID-19; jinsisti fuq l-importanza li tinżamm il-kontinwità tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK f'kuntesti bħal dawn; jitlob rieżami sħiħ tal-impatt tal-COVID-19 fuq it-thejjja, il-ġenerazzjoni tal-forza, is-sikurezza tal-persunal u l-kontinwità tal-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-PSDK;

54. Jistieden lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u perspettiva intersezzjonali, inkluża rappreżentanza ugwali u diversa, fil-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE, u jirrikonossu l-esperjenzi differenti tan-nisa u ta' gruppi emarġinati oħra li fuqhom din il-pandemija kellha effetti detrimentali;

55. Jemmen bis-sħiħ li l-kooperazzjoni dwar it-tibdil fil-klima tista' sservi bħala l-pedament għall-bini ta' kooperazzjoni globali usa' b'rispons għall-COVID-19, it-tisħiħ tas-sistema multilaterali u l-bini mill-ġdid tal-fiduċja fil-ħtieġa għal sistema bbażata fuq ir-regoli;

56. Huwa tal-fehma li l-kriżi tal-COVID-19 enfazzat ċerti dgħufijiet tal-Unjoni tagħna u wriet il-ħtieġa urġenti għal Unjoni effettiva, effiċjenti u awtonoma, kemm internament kif ukoll fid-dinja, b'mekkaniżmi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriżijiet, inkluż bi strumenti finanzjarji; jemmen li l-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa se tipprovi pjattaforma tajba biex nimxu 'l quddiem fil-ħolqien ta' teħid ta' deċiżjonijiet aktar effiċjenti fil-politiki esterni tal-UE; huwa għalhekk determinat li l-Konferenza tibda kemm jista' jkun malajr;

57. Jinnota l-impatt li l-COVID-19 kellha fuq ir-reġjuni aktar vulnerabbli, inklużi r-reġjuni ta' kunflitt u l-pajjiżi l-anqas żviluppati; iħeġġeġ lill-VP/RGħ jagħmel pressjoni favur waqfien mill-għied lokali u regionali u ftehimiet ta' tregwa u jappoġġa l-inizjattiva tas-SĠNU António Guterres għal waqfien mill-għied globali; ifakkar fil-ħtieġa ta' konformità mal-prinċipji umanitarji ta' imparzjalità u newtralità fl-għoti tal-ghajjnuna, inkluż bi tweġiba għall-ħtiġijiet relatati mal-COVID-19; jistieden lill-UE tiddefendi l-aċċess umanitarju għal żoni remoti ta' kunflitt, tippromwovi kurituri umanitarji u jissottolinja li kwalunkwe azzjoni esterna f'pajjiżi milquta minn kunflitti jeħtieġ li tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju u tal-vulnerabbiltà sensittiva għall-kunflitti, inklużi l-perspettivi tan-nisa u b'enfasi speċjali fuq il-konsolidazzjoni tal-paċi;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

58. Jilqa' r-rifjut min-naħa tal-UE tan-nazzjonaliżmu fir-rigward tal-vaċċin; itenni li l-UE għandha rwol ewlieni x'tiżvolġi fl-iffaċilitar tal-aċċess għall-vaċċin b'mod ekwu għall-persuni kollha madwar id-dinja; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mas-sħab internazzjonali tagħha biex tiżgura li ħadd ma jitħalla l-art ladarba jkun sar disponibbli vaċċin;

o

o o

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u lill-Istati Membri.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0323

It-titjib tal-effikaċja tal-iżvilupp u tal-effiċjenza tal-għajnuna**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar it-titjib tal-effikaċja tal-iżvilupp u tal-effiċjenza tal-għajnuna (2019/2184(INI))**

(2021/C 425/08)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra s-Summit tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-25-27 ta' Settembru 2015 u d-dokument ta' eżitu adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015, bit-titlu "Transforming our world: the 2030 Aġenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli), u b'mod partikolari l-Għan nru 17 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) stabbiliti fih, li jimpenja lill-istati membri tan-NU favur it-tisħiħ tal-mezzi ta' implimentazzjoni tal-aġenda u l-ġhoti ta' ħajja għda lis-sħubija globali għall-iżvilupp sostenibbli ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, id-dokument ta' eżitu adottat waqt it-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, li saret f'Addis Ababa, fl-Etjopja, mit-13 sas-16 ta' Lulju 2015, u approvat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fir-riżoluzzjoni 69/313 tas-27 ta' Lulju 2015,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-2019 tat-Task Force Interaġenzjali tan-NU dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp Sostenibbli ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi tal-21 Konferenza tal-Partijiet (COP 21) tal-UNFCCC kif ukoll il-11-il Konferenza tal-Partijiet li serviet bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP 11) li saru f'Pariġi (Franza) mit-30 ta' Novembru sal-11 ta' Diċembru 2015,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna li ġiet adottata waqt it-Tieni Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna fl-2005, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Akkra li ġiet adottata waqt it-Tielet Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna fl-2008 f'Akkra (fil-Ghana), u l-eżitu tar-Raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna li sar f'Busan (fir-Repubblika tal-Korea) f'Diċembru 2011, li nieda s-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp (GPEDC),
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Eżitu ta' Nairobi tat-Tieni Laqgħa ta' Livell Għoli tal-GPEDC, li saret f'Nairobi (il-Kenja) f'Novembru u Diċembru tal-2016 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Laqgħa ta' Livell Għoli tal-GPEDC tat-13 u l-14 ta' Lulju 2019, li saret fil-marġini tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fi New York,
- wara li kkunsidra s-17-il Laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija għal-Laqgħa ta' Livell Għoli tas-Sħubija Globali tal-2019 tas-26 u s-27 ta' Marzu 2019 f'Kampala (l-Uganda),

⁽¹⁾ Riżoluzzjoni tan-NU adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015: https://www.unfpa.org/sites/default/files/resource-pdf/Resolution_A_RES_70_1_EN.pdf

⁽²⁾ Rapport tal-2019 dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp Sostenibbli: <https://developmentfinance.un.org/sites/developmentfinance.un.org/files/FSDR2019.pdf>

⁽³⁾ Dokument ta' Eżitu ta' Nairobi, adottat fil-Laqgħa ta' Livell Għoli tal-GPEDC tal-2016: <http://effectivecooperation.org/wp-content/uploads/2016/12/OutcomeDocumentEnglish.pdf>

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-rapport tal-2019 tal-GPEDC bit-titlu “Making Development Cooperation More Effective” (Lejn Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Aktar Effikaċi) ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) tal-20 ta' Novembru 1989,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jiddefinixxi t-tnaqqis u l-qerda tal-faqar bħala l-oġġettiv primarju tal-politika tal-UE dwar l-iżvilupp u jirrikjedi li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jikkonformaw mal-impenji li jkunu għamli fil-kuntest tan-NU u ta' organizzazzjonijiet kompetenti oħra u jqisu l-oġġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li jimplementaw li x'aktarx jaffettwaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw,
- wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew ġdid għall-Iżvilupp tat-30 ta' Ġunju 2017 ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE, adottata fit-tieni Summit UE-Afrika li sar f'Lisbona f'Diċembru 2007,
- wara li kkunsidra l-ħames Summit Unjoni Afrikana-UE tad-29 u t-30 ta' Novembru 2017 u d-dikjarazzjoni tas-summit “Investing in Youth for Accelerated Inclusive Growth and Sustainable Development” (Ninvestu fiż-Żgħażaġħ għal Tkabbir Inklużiv Aċċellerat u Żvilupp Sostenibbli) ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-istrateġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà tal-UE, ippreżentata mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà f'Ġunju 2016, bit-titlu “Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa Aktar b'Saħħitha”,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2016 dwar it-tisħiħ tal-ipprogrammar konġunt,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2019 dwar ir-Rapport Annwali tal-2019 għall-Kunsill Ewropew dwar il-miri tal-UE ta' għajnuna għall-iżvilupp ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Għorrief ta' Ottubru 2019 bit-titlu “Europe in the World – the future of European financial architecture for development” (L-Ewropa fid-Dinja – il-futur tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp) ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2015 bit-titlu “Tnedija tal-Qafas tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali” (SWD(2015)0080), u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 dwar il-Qafas tar-Riżultati,
- wara li kkunsidra l-Pjan Strateġiku tal-Kummissjoni għall-2016-2020 dwar il-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Internazzjonali,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 dwar Alleanza ġdida Afrika-Ewropa ġdida għall-Investment u għall-Impjiegi Sostenibbli (COM(2018)0643),
- wara li kkunsidra r-rapport finali tat-Task Force tal-Kummissjoni għall-Afrika Rurali ta' Marzu 2019, bit-titlu “An Africa-Europe Aġenda for Rural Transformation” (Aġenda Afrika-Ewropa għat-Trasformazzjoni Rurali) ⁽⁹⁾,

⁽⁴⁾ Rapport ta' Progress tas-Sħubija Globali, 17 ta' Ġunju 2019: <http://effectivecooperation.org/blogs-news-resources/resource-library/>

⁽⁵⁾ ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1.

⁽⁶⁾ https://www.africa-eu-partnership.org/sites/default/files/33454-pr-final_declaration_africa_eu_summit1.pdf

⁽⁷⁾ Rapport Annwali tal-2019 dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp: <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9201-2019-INIT/mt/pdf>

⁽⁸⁾ Rapport tal-Kunsill tal-2019 dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp: https://www.consilium.europa.eu/media/40967/efad-report_final.pdf

⁽⁹⁾ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/food-farming-fisheries/farming/documents/report-tfra_mar2019_en.pdf

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra l-istudju ta' Lulju 2019 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-effikaċja, bit-titlu "Effectiveness to Impact" (Effikaċja għal Impatt) ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-segwitu tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effettività tal-Għajnuna ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi li qed jiżviluppaw ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-4 Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna ⁽¹³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ⁽¹⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2015 dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp ⁽¹⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' April 2016 dwar is-settur privat u l-iżvilupp ⁽¹⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar ir-Rapport tal-UE tal-2015 dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp ⁽¹⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2016 dwar il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika: l-implikazzjonijiet għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja ⁽¹⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2016 dwar it-titjib tal-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ⁽¹⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-reviżjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp ⁽²⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2017 dwar l-Istrategġja UE-Afrika: spinta għall-iżvilupp ⁽²¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument tal-Għajnuna Umanitarja u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽²²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2018 dwar in-negozjati li jmiss għal Ftehim ta' Sħubija ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku ⁽²³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar rapport strateġiku annwali dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ⁽²⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-27 ta' Marzu 2019 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ⁽²⁵⁾,

⁽¹⁰⁾ Benfield u Como għal AECOM International Development Europe (2019), studju dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-effikaċja, ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea (Proġett Nru 2018/403300/1): https://knowledge.effectivecooperation.org/system/files/2019-07/2019_07_Impact_study_final.pdf

⁽¹¹⁾ ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 100.

⁽¹²⁾ ĠU C 33 E, 5.2.2013, p. 38.

⁽¹³⁾ ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 80.

⁽¹⁴⁾ ĠU C 349, 17.10.2017, p. 11.

⁽¹⁵⁾ ĠU C 353, 27.9.2016, p. 2.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 58, 15.2.2018, p. 209.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 86, 6.3.2018, p. 2.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 204, 13.6.2018, p. 68.

⁽¹⁹⁾ ĠU C 224, 27.6.2018, p. 36.

⁽²⁰⁾ ĠU C 252, 18.7.2018, p. 62.

⁽²¹⁾ ĠU C 356, 4.10.2018, p. 66.

⁽²²⁾ ĠU C 390, 18.11.2019, p. 33.

⁽²³⁾ ĠU C 28, 27.1.2020, p. 101.

⁽²⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0220.

⁽²⁵⁾ Testi adottati P8_TA(2019)0298.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar in-negozjati li għaddejjin għal Ftehim ta' Sħubija għid bejn l-Unjoni Ewropea u l-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku ⁽²⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar il-Konferenza tan-NU tal-2019 dwar it-Tibdil fil-Klima f'Madrid, Spanja (COP25) ⁽²⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew ⁽²⁸⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 ⁽²⁹⁾,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal: "Gender Equality and Women's Empowerment: Transforming the Lives of Girls and Women through EU External Relations 2016-2020" (L-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa: Nibdlu l-Ħajja tal-Bniet u n-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020) (SWD(2015)0182),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2012 bit-titlu "L-għeruf ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni" (COM(2012)0492),
- wara li kkunsidra l-istudju "Effective Development Cooperation – Does the EU deliver?: Detailed Analysis of EU Performance" (Kooperazzjoni Effikaċi għall-Iżvilupp – l-UE tagħti riżultati?: Analiżi Dettaljata tal-Prestazzjoni tal-UE), mitlub mill-Kummissjoni u ppubblikat f'Mejju 2020 ⁽³⁰⁾;
- wara li kkunsidra l-istudju ta' Mejju 2020 dwar l-effikaċja tal-finanzjament imħallat, bit-titlu "L-użu ta' fondi għall-iżvilupp biex jitnaqqas ir-riskju tal-investiment privat: kemm huma effikaċi biex jinkisbu riżultati dwar l-iżvilupp?",
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Mejju 2013 dwar ir-responsabbilizzazzjoni tal-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi msieħba għal governanza aħjar u iktar effettiva tal-eżiti tal-iżvilupp (COM(2013)0280),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2020 bit-titlu "Lejn strateġija komprensiva mal-Afrika",
- wara li kkunsidra r-rapport tal-10 ta' Diċembru 2018 mill-OECD (Rieżamijiet bejn il-Pari dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp) dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tat-22 ta' Frar 2019 mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) tal-OECD dwar ir-Rabta bejn l-Għajnuna Umanitarja, l-Iżvilupp u l-Paċi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD tal-24 ta' Ġunju 2020 bit-titlu "The impact of the coronavirus (COVID-19) crisis on development finance" (L-impatt tal-kriżi tal-coronavirus (COVID-19) fuq il-finanzjament għall-iżvilupp) ⁽³¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar l-Oċean u l-Krijosfera fi Klima li Qed Tinbidel (SROCC) tal-25 ta' Settembru 2019,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A9-0212/2020),

⁽²⁶⁾ Testi adottati P9_TA(2019)0084.

⁽²⁷⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0079.

⁽²⁸⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0005.

⁽²⁹⁾ <https://www.consilium.europa.eu/media/24467/st13201-en15.pdf>

⁽³⁰⁾ https://ec.europa.eu/international-partnerships/system/files/eu-development-effectiveness-monitoring-report-2020_en.pdf

⁽³¹⁾ <http://www.oecd.org/coronavirus/policy-responses/the-impact-of-the-coronavirus-covid-19-crisis-on-development-finance-9de00b3b/>

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- A. billi, matul is-snin, il-kuntest għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp inbidel peress li tfaċċaw sfidi globali ġodda bħat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, il-migrazzjoni, in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, il-kunflitti interni, it-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u t-tifqigħat ta' mard infettiv, kif ukoll diżastri naturali frekwenti u gravi, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jaffettwaw lil daww l-aktar vulnerabbli; billi l-ambjent globali qed isir aktar kumpless u inċert u qed jiżdiedu l-kunflitti u r-rivalità ġeopolitika; billi dan jenfasizza l-hteġa għal multilateraliżmu msahħ u sforzi kontinwi biex jiżdiedu l-effikaċja u l-impatt tal-għajnuna Ewropea;
- B. billi d-dinja ntaqtet mill-pandemija tal-COVID-19; billi l-impatt ta' din il-pandemija fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u fuq il-pajjiżi benefiċjarji tal-għajnuna għadu mhux ċar u jirrappreżenta piż sinifikanti fuq il-kapaċitajiet tal-għajnuna kemm tal-pajjiżi donaturi kif ukoll tal-investituri privati;
- C. billi l-pandemija tal-COVID-19, li affettwat lill-pajjiżi kollha irrispettivament mil-livell ta' żvilupp tagħhom, qed ikollha impatt relatat mas-saħħa, iżda wkoll impatt ekonomiku u soċjali; billi din il-pandemija għandha impatt fuq il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u timponi obbligu li tiġi żgurata effiċjenza akbar;
- D. billi l-pandemija attwali fixxlet serjament it-turiżmu, it-trasport bil-baħar, u setturi oħra bbażati fuq l-oċeani, u jista' jkollha effetti fit-tul fuqhom, b'impatt negattiv fuq l-ekonomiji ta' bosta pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi l-pajjiżi l-aktar vulnerabbli, l-istati gżejjer żgħir li qed jiżviluppaw u l-pajjiżi l-anqas żviluppati;
- E. billi l-effikaċja tal-għajnuna tiddependi fuq il-mod kif jiġi implimentat il-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD); billi għad hemm bżonn ta' aktar sforzi biex ikun hemm konformità mal-prinċipji tal-PCD, speċjalment fil-qasam tal-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni, il-kummerċ, il-klima u l-agrikoltura;
- F. billi l-politiki interni u esterni tal-UE u tal-Istati Membri, skont il-PCD, m'għandux ikollhom impatt negattiv fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi hemm enfasi dejjem akbar fuq il-promozzjoni tal-interessi tal-politika esterna tal-UE; billi l-għajnuna esterna tal-UE għandu jkompli jkollha fil-qalba tagħha l-effikaċja u l-effiċjenza tal-iżvilupp u l-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab, skont l-Artikolu 208 tat-TFUE, li jstabbilixxi li t-tnaqqis u l-qerda tal-faqar huma l-għan prinċipali tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp;
- G. billi l-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp kif ukoll is-sorsi kollha ta' finanzjament għall-iżvilupp għandhom jiġu artikolati sabiex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima;
- H. billi l-popolazzjoni tad-dinja qed tikber aktar malajr mill-introjt nazzjonali gross (ING), b'mod partikolari fl-Afrika sub-Saħarjana, fejn il-popolazzjoni hija mistennija li tirdoppja fit-30 sena li ġejjin għal 2,1 biljuni fl-2050 u 3,8 biljuni sa tmiem is-seklu; billi minkejja tkabbir ekonomiku qawwi, dan se jżid in-numru ta' nies li jgħixu fil-faqar u l-qgħad, filwaqt li jenfasizza l-hteġa urġenti li jiġu appoġġjati b'mod effikaċi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jiksibu l-SDGs;
- I. billi strateġija UE-Afrika bbażata fuq sħubija bejn partijiet ugwali tinvolvi li jitqies it-tħassib speċifiku tal-pajjiżi Afrikani f'termini ta' diversifikazzjoni ekonomika, industrijalizzazzjoni, telf ta' dħul tal-gvern u integrazzjoni reġjonali;
- J. billi l-inugwaljanzi bejn il-pajjiżi għandhom għoljin ħafna, filwaqt li l-inugwaljanza għandha impatt negattiv fuq l-effiċjenza u l-effikaċja tal-għajnuna;
- K. billi huwa importanti li jiġu stabbiliti miżuri li għandhom l-għan li jibnu u jżidu r-reżiljenza tal-komunitajiet, b'mod partikolari f'pajjiżi sħab fraġli, f'pajjiżi milquda minn kunflitti jew diżastri naturali, u f'pajjiżi li jospitaw ir-rifuġjati;
- L. billi s-saħħa u l-benesseri tat-tfal jikkostitwixxu oġettiv kruċjali tal-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- M. billi l-UE, li flimkien mal-Istati Membri tagħha, hija l-ikbar donatur fid-dinja ta' għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA), b'total ta' EUR 74,4 biljun fl-2018 li jirrappreżenta kważi 57 % tal-ODA kollha madwar id-dinja, hija impenjata li tippromwovi kooperazzjoni effikaċi għall-iżvilupp immirata lejn it-tmiem ta' kull sura ta' faqar u inugwaljanza, u li tappoġġja lis-sħab tagħha fl-iżvilupp fit-twettiq tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; billi fl-2019, il-membri tal-OECD-DAC b'mod kollettiv nefqu 0,3 % tal-ING biss fuq l-ODA, u ħames membri biss laħqu jew qabżu l-mira tal-infiq (ir-Renju Unit, l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Lussemburgu u n-Norveġja);
- N. billi l-prinċipji ta' sjieda u allinjament nazzjonali u demokratiċi, b'enfasi fuq ir-riżultati, is-sħubijiet inklużivi, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, għandhom jirfdu l-forom kollha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, biex jiġi żgurat li l-fondi għall-iżvilupp jintużaw b'mod effiċjenti u effikaċi sabiex l-SDGs jinkisbu b'mod xieraq;
- O. billi r-rwol tas-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp (GPEDC) huwa li tippromwovi l-prinċipji tal-effikaċja tal-għajjnuna; billi din is-sħubija għandha tliet priyoritajiet strateġiċi li se jiggwidaw il-kontribut tagħha għat-tnedija tad-"Deċennju ta' Azzjoni", jiġifieri: il-promozzjoni tal-effikaċja tal-iżvilupp biex tithaffet l-implementazzjoni tal-Aġenda 2030; il-bini ta' sħubijiet aħjar; u l-ingranaġġ tal-monitoraġġ għall-azzjoni;
- P. billi l-istudju "Kooperazzjoni Effikaċi għall-Iżvilupp – L-UE tagħti riżultati?: Analiżi Dettaljata tal-Prestazzjoni tal-UE" jindika allinjament imnaqqas tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE mal-prinċipji tal-effikaċja u l-indikaturi relatati, b'mod partikolari l-prevedibbiltà, l-użu ta' indikaturi meħuda minn oqfsa ta' riżultati li huma proprjetà ta' pajjiż sieħeb, bl-użu ta' sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiżi sħab, l-impenn li jiġu involuti gvernijiet sħab fl-evalwazzjonijiet tal-proġetti, u rapportar trasparenti;
- Q. billi l-politiki u s-sħubijiet għall-iżvilupp tal-UE jridu jinbnew fuq kooperazzjoni politika u ekonomika sostenibbli mas-sħab fuq bażi ugwali u b'rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tagħha; billi l-politiki ta' żvilupp tagħha jridu jqisu s-sitwazzjoni tal-persuni spostati b'mod furzat, tal-popolazzjonijiet vulnerabbli u tal-migranti u tal-persuni li jfittxu asil;
- R. billi, minħabba ż-żieda fil-kriżijiet fit-tul, l-UE għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex topera r-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp bil-għan li jinkisbu riżultati deġġiemati;
- S. billi l-frammentazzjoni tal-għajjnuna tibqa' sfida persistenti li tirriżulta mill-proliferazzjoni tad-donaturi u l-aġenziji ta' għajjnuna u min-nuqqas ta' koordinament tal-attivitajiet u l-proġetti tagħhom;
- T. billi matul il-proċess ta' programmazzjoni huwa essenzjali li tiġi garantita konsultazzjoni wiesgħa fil-pajjiżi sħab mal-atturi rilevanti kollha: l-awtoritajiet lokali, il-parlamenti nazzjonali, is-soċjetà ċivili, l-NGOs lokali, l-assoċjazzjonijiet tan-nisa, il-gruppi emarġinati, in-NU u l-aġenziji tagħha, l-SMEs u s-settur privat;
- U. billi mingħajr approċċ minn isfel għal fuq għall-iżvilupp huwa impossibbli li jiġu massimizzati r-riżultati tal-iżvilupp; billi l-iskambju mtejjeb ta' eżempji konkreti u pariri dwar proġetti ta' suċċess fuq il-post fil-pajjiżi sħab se jgħin fl-implementazzjoni tal-prinċipji b'mod effikaċi u fil-kisba b'suċċess tar-riżultati intenzjonati;
- V. billi Involvement effikaċi tas-Settur Privat għandu jkun ibbażat fuq il-ħames prinċipji ta' Kampala, jiġifieri: Sjieda Inklużiva tal-Pajjiż; Riżultati u Impatt Immirat; Sħubija Inklużiva; Trasparenza u Obbligu ta' Rendikont; kif ukoll li Ħadd Ma Jitħalla Jibqa' Lura;
- W. billi fil-pajjiżi sħab hemm diversi atturi u donaturi oħra li qed iwasslu l-għajjnuna umanitarja u għall-iżvilupp;
- X. billi għalkemm l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) għandhom ħażna kbira ta' data u għarfien espert, dan għadu mhux kondiviż biżżejjed; billi din id-data għandha ssir aktar aċċessibbli u għandha tintuża fit-tfassil tal-politika;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- Y. billi l-kooperazzjoni triangolari hi partikolarment effiċjenti biex ittejjeb il-kapaċità tal-kooperazzjoni li tirrispondi għall-isfidi komuni bħall-prevenzjoni, il-ġestjoni tad-diżastri naturali li jnaqqsu jew jimblukkaw l-iżvilupp u l-irkupru minn dawn id-diżastri, l-isfidi għas-sigurtà f'reġjun usa' jew l-adattament tal-mudelli ta' negozji żgħar għall-isfidi ekonomiċi l-ġodda li tfaċċaw matul il-kriżi tal-coronavirus;
- Z. billi t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politika ta' għajjnuna effikaċi jirrikjedu fehim aktar profund tal-impatt tal-għajjnuna u l-ambjent ġenerali li fih topera l-għajjnuna għall-iżvilupp;
- AA. billi d-data dwar l-għajjnuna aċċessibbli u affidabbli ssaħħaħ it-trasparenza tal-flussi tal-għajjnuna u tgħin lis-sħab kollha fl-iżvilupp fil-proċessi tal-ippjanar u tal-koordinazzjoni tagħhom; billi l-istandards internazzjonali kif promossi mill-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajjnuna (IATI) jagħmlu din id-data komparabbli; billi l-kisba tar-riżultati tal-iżvilupp u l-ħidma lejn l-SDGs jirrikjedu data dettaljata dwar il-kuntest lokali, sett miftiehem ta' riżultati li għandhom jiġu mmirati, azzjoni konġunta biex issir ħidma għalihom, u feedback pubbliku rapidu biex jiġi ffaċilitat l-obbligu ta' rendikont;
- AB. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija prinċipju ewlieni tal-għajjnuna għall-iżvilupp tal-UE; billi l-impatt tal-politiki ta' żvilupp huwa differenti fuq in-nisa u l-bniet; billi hemm nuqqas ta' data diżaggregata skont il-ġeneru fil-qasam tal-iżvilupp;
- AC. billi ġie evidenzjat li l-politiki ta' għajjnuna li jrawmu l-ugwaljanza huma aktar effikaċi fil-kisba tal-oġġettivi tal-SDGs, b'mod partikolari l-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni tal-edukazzjoni;
- AD. billi hemm riskju reali li l-benefiċċji tal-għajjnuna għall-iżvilupp, tal-investment dirett barrani (FDI) u tal-għajjnuna umanitarja jistgħu jinqabdu mill-elit politiku u ekonomiku; billi dan jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni għall-iżvilupp li jkollha l-għan li twassal għal bidliet trasformattivi fl-ekonomiji politiċi, b'mod partikolari relatati mal-governanza, id-distribuzzjoni tal-poter, l-esklużjoni soċjali, il-protezzjoni soċjali u l-aċċess għar-riżorsi, kif ukoll l-interazzjoni mal-ekonomija globali; billi dan jenfasizza l-ħtieġa li, permezz tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, jiġu appoġġjati u promossi l-prinċipji ta' governanza tajba, l-istat tad-dritt, is-separazzjoni tas-setgħat u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;
- AE. billi l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) tistma li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom b'żonn USD 1 triljun f'helesien mid-dejn wara l-COVID-19; billi l-Bank Dinji, il-FMI, il-G20 u l-G7 hađu miżuri ta' helesien mid-dejn pubbliku għall-ifqar pajjiżi tad-dinja; billi dawn il-miżuri għandhom jiġu kkomplementati biex l-għajjnuna għall-iżvilupp tkun tista' twettaq b'mod effikaċi l-SDGs f'oqsma bħall-aċċess għas-servizzi bażiċi, il-governanza tajba u d-drittijiet bażiċi tal-bniedem fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
- AF. billi l-UE hija preżenti fl-oċeani kollha permezz tat-territorji extra-Ewropej tagħha, kemm ir-reġjuni ultraperiferiċi kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej, u huwa kruċjali li tiżviluppa strateġiji reġjonali li jinkorporaw il-ħtiġijiet espressi lokalment bl-aktar mod sħiħ possibbli;
- AG. billi l-awtoritajiet lokali għandhom rwol ċentrali fil-kisba tal-SDGs u l-kooperazzjoni deċentralizzata trid tkun fil-qalba tal-istrateġija ta' żvilupp tal-UE;
- AH. billi l-politiki ta' żvilupp iridu jqisu l-adattament għall-impatt tat-tibdil fil-klima f'termini ta' spostament ta' popolazzjonijiet vulnerabbli u d-deterjorament tal-inugwaljanzi soċjali u bil-ħsieb li jinqered il-faqar;
- AI. billi l-introjt u li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw qed jitlew minħabba flussi finanzjarji illeċiti, inkluża l-evazzjoni tat-taxxa, huwa aktar mid-doppju tal-ammont li qed jiksibu permezz ta' sorsi esterni uffiċjali, fosthom l-assistenza għall-iżvilupp;
- AJ. billi l-użu ta' oqfsa ta' riżultati u għodod ta' ppjanar li huma proprjetà tal-pajjiż (ġestjoni finanzjarja pubblika) mill-istituzzjonijiet tal-UE qed jonqos, għalkemm jiżvolġu rwol sinifikanti fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp effikaċi, għall-kisba tal-SDGs, u għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri peress li jaħdmu b'mod pożittiv fl-integrazzjoni tar-rispons għal kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi huwa meħtieġ impenn akbar f'dan ir-rigward;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

1. Jisħaq li l-effikaċja tfighha li jinkiseb impatt akbar u aħjar, li jinkisbu l-SDGs u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; jemmien li meta l-kooperazzjoni Ewropea għall-iżvilupp tkun allinjata mal-isforzi proprji u mal-ħtiġijiet lokali tal-pajjiżi sħab, ikkoordinata mal-isforzi tad-donaturi l-oħra, u titwettaq permezz tal-istituzzjonijiet u s-sistemi tas-sħab tagħhom kif ukoll l-atturi lokali u s-soċjetà ċivili, u li meta tappoġġja l-prijoritajiet li ġew miftiehma permezz ta' proċessi ta' politika inklużivi u ekwi, li jiżguraw is-sjieda demokratika tal-pajjiżi u l-inklużjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha, l-impatt ikun akbar, aktar rapidu u aktar sostenibbli;
2. Jissottolinja li l-UE, bħala l-akbar donatur fid-dinja u attur internazzjonali importanti għall-multilateraliżmu u d-demokrazija bbażati fuq ir-regoli, għandha tuża l-għodod b'saħħithom tagħha ta' strumenti u modalitajiet ta' għajjnuna b'mod koordinat biex tippermetti l-kondiviżjoni tal-kompiti u tevita l-frammentazzjoni tal-għajjnuna, u tidentifika prijoritajiet fejn tkun tista' ttipprovdi l-akbar impatt ta' valur miżjud;
3. Jisħaq li l-UE għandha tkun minn ta' quddiem fl-użu tal-prinċipji tal-effikaċja tal-għajjnuna u l-effiċjenza tal-għajjnuna, sabiex tiżgura impatt reali u l-kisba tal-SDGs, filwaqt li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, fil-pajjiżi sħab tagħha; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-impatt li l-użu tal-UE tal-għajjnuna għall-iżvilupp u l-FDI jista' jkollu fuq l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u ċ-ċaqliq furzat;
4. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati l-oġettivi ta' politika fil-Kunsens Ewropew il-ġdid għall-iżvilupp b'mod aktar strateġiku u mmirat f'kull pajjiż sieħeb, u b'hekk jiġi applikat l-approċċ tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp u tiġi rispettata l-PCD; jisħaq li l-programmi ta' għajjnuna għandhom jiġu kkombinati ma' analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn u għandhom iqisu l-ħtieġa li tissaħħaħ is-sorveljanza parlamentari f'pajjiż sieħeb;
5. Jisħaq li l-UE jeħtiġilha tkompli tissorvelja mill-qrib l-użu tal-fondi u tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tevita kwalunkwe użu ħażin tal-fondi ta' għajjnuna, filwaqt li tiżgura konformità mal-għanijiet u l-valuri tal-politika tagħha fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp; jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi effikaċi biex tkun tista' tiġi kkontrollata bir-reqqa d-destinazzjoni finali ta' daww il-fondi u biex jiġu vvalutati l-proġetti li rċevew finanzjament;
6. Jisħaq li governanza tajba hija fattur deċiżiv għad-distribuzzjoni ġusta u xierqa tal-għajjnuna, u jirrimarka li l-kisba tal-SDGs, u għalhekk l-effikaċja tal-fondi, tiddependi ħafna mill-kapaċità tal-pajjiżi sħab li jużaw il-fondi b'mod ġust u trasparenti;
7. Jistieden lill-UE tinvolvi ruħha direttament mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu tal-migrazzjoni u tibni shubijj sostenibbli inklużivi magħhom, abbażi tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pajjiż u ċ-ċirkostanzi individwali tal-migranti;
8. Jissottolinja li l-prinċipji tal-GPEDC huma mibnija fuq lezzjonijiet importanti u dejiema minn strateġiji u prattiki tal-iżvilupp tal-passat, inkluż kemm suċċessi kif ukoll fallimenti, u li dawn il-prinċipji jibqgħu espressjonijiet importanti ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni multilaterali li l-UE hija impenjata li tirrispetta; jistieden lill-Kummissjoni tuża s-sħubija tagħha fil-GPEDC u l-OECD-DAC u l-vuċi tagħha fil-fora internazzjonali u fl-istrutturi ta' governanza tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali biex tkompli ssaħħaħ il-prinċipji tal-effikaċja u thegħegħ l-aderenza magħhom u l-implimentazzjoni tagħhom fil-forom kollha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u mill-atturi kollha involuti;
9. Jirrikonoxxi li kooperazzjoni effikaċi għall-iżvilupp ma tistax titwettaq permezz tal-kooperazzjoni tal-UE waħedha u tista' tkun verament effikaċi biss jekk l-atturi kollha tal-iżvilupp jikkollaboraw; jesprimi tħassib li meta atturi oħra ma jirrispettawx u ma jimplementawx il-prinċipji tal-effikaċja fil-programmi ta' kooperazzjoni tagħhom, il-frammentazzjoni u l-evitar konsegwenti tas-sistemi tal-pajjiżi sħab inaqqsu l-effikaċja u l-impatt tal-assistenza b'mod ġenerali bħala kollateral, inkluża l-assistenza tal-UE;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika, tal-anqas darbtejn fis-sena, rapport ta' progress dwar l-effikaċja tal-għajjnuna, li jkopri l-ippjanar konġunt, l-implimentazzjoni konġunta u l-oqfsa konġunti tar-riżultati, u l-azzjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali; jissottolinja li dan ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq miri u oġettivi ta' politika maqbula b'mod komuni, b'mod partikolari l-SDGs u l-Kunsens; jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati waqt it-tfassil ta' dan ir-rapport u tippreżenta r-rapport lill-Parlament;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iżidu l-ipprogrammar konġunt bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha; jirrimarka li fil-livell tal-pajjiżi, l-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jmorru lil hinn mis-sempliċi konsolidazzjoni tal-prijoritajiet u l-azzjonijiet bilaterali eżistenti għall-iżvilupp u jiffurmaw vuċi Ewropea kollettiva unifikata dwar kwistjonijiet strateġiċi fid-djalogu politiku u ta' politika mal-pajjiżi sħab, li għandu jkoll ukoll il-korpi ta' integrazzjoni reġjonali bħala kontropartijiet tal-UE fejn xieraq, kif ukoll ta' metodi ta' finanzjament innovattivi bħat-taħlit u l-garanziji meta jkunu effikaċi; jappella għal impenji ċari u azzjonabbli, filwaqt li jittieħed kont tal-istrateġiji u l-prattiki preċedenti;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jsiru laqgħat regolari tal-UE mar-rappreżentanti tal-Istati Membri, l-aġenziji ta' implimentazzjoni, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-OSĊ fil-pajjiżi sħab rispettivi sabiex jiġu identifikati l-isfidi u l-opportunitajiet u li r-rispons u l-implimentazzjoni konġunti sussegwenti jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati; jirrimarka li l-ipprogrammar konġunt, taħt id-direzzjoni tal-Kapijiet ta' Missjoni, wera li kien ta' suċċess f'termini ta' koerenza politika fl-istrateġiji politiċi, kummerċjali, ta' żvilupp u ta' sigurtà; jappella wkoll lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimpjenjaw ruħhom f'implimentazzjoni u evalwazzjoni konġunti, u jappella għal mekkaniżmi ta' obbligu ta' rendikont kondiviżi lejn iċ-ċittadini; jitlob lill-UE taħdem ma' donaturi mhux tradizzjonali li jistgħu juru aderenza mal-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna;

13. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2020 li jenfasizzaw l-"importanza għall-atturi kollha involuti f'Tim Ewropa li jikkoordinaw l-azzjonijiet, u jikkondividu l-isforzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni fil-livell tal-pajjiż, fi ħdan l-UE, f'pajjiżi sħab u f'fora globali u multilaterali"; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jseguw dan l-approċċ fil-futur fil-kuntest tal-miżuri, l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni kollha relatati mal-iżvilupp; itenni t-talbiet tiegħu tal-2013⁽³²⁾ u l-2017⁽³³⁾ u jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikoli 209 u 210 tat-TFUE, proposta għal att li jikkonċerna l-aspetti regolatorji tal-koordinazzjoni tad-donaturi tal-UE dwar l-għajnuna għall-iżvilupp;

14. Jisħaq li fid-dawl tal-implimentazzjoni futura tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), l-ipprogrammar konġunt u l-implimentazzjoni mill-UE, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tal-finanzjament għall-iżvilupp tal-UE għandhom jibnu fuq il-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna; jirrimarka l-importanza li jiġu stabbiliti b'mod kollettiv prijoritajiet strateġiċi u jiġu identifikati l-ħtiġijiet/lakuni ta' investiment fil-fażi ta' qabel l-ipprogrammar u sussegwentement jinstabu modi biex tiġi ottimizzata l-firxa tal-modalitajiet fis-sett ta' għodod tal-istituzzjonijiet tal-UE, inklużi għotjiet, appoġġ baġitarju u self tal-BEI, kif ukoll bħala finanzjament mill-Istati Membri; jinsab imħasseb f'dan ir-rigward li l-pajjiżi l-anqas żviluppanti (LDCs) qed jaraw żieda fl-għajnuna marbuta u jtenni li n-nuqqas ta' rbit tal-għajnuna jista' jnaqqas l-ispejjeż bi 15 sa 30 %;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni ta' dawn il-modalitajiet ikunu kkoordinati, strateġikament allinjati mal-prijoritajiet u l-proċessi tal-pajjiżi sħab, u ffokati fuq il-kisba ta' eżiti u impatti li huma trasformattivi għall-kisba tal-SDGs fil-kuntest speċifiku ta' kull pajjiż sieħeb; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' swieq li jsostnu lilhom infushom u li jiġi żgurat li l-prattiki ta' ħruġ tajbin jiġu kkunsidrati fil-fażi ta' qabel l-ipprogrammar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw l-isforzi biex ilaħħqu mal-ODA tagħhom f'konformità mal-impenji tal-Kunsens u jinkoraġġixxu lill-fornituri kollha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, inklużi l-ekonomiji emerġenti, biex jagħmlu l-istess; iħeġġeġ l-akkwist u s-sjieda lokali;

16. Jisħaq li l-mandat tal-Parlament dwar l-NDICI jitlob dispożizzjonijiet li jtejb u d-drittijiet tal-bniedem, il-konformità ambjentali u soċjali tal-operaturi finanzjarji fl-użu ta' mekkaniżmi ta' garanzija għat-taħlit permezz tal-EFSD[±] – Garanzija għall-Azzjoni Esterna (EAG); ifakkar li skont il-pożizzjoni tal-Parlament, 45 % tal-finanzjament permezz tal-EFSD[±] u l-EAG għandu jiġi allokat għal investimenti li jikkontribwixxu għall-oġettivi klimatiċi, il-ġestjoni u l-protezzjoni ambjentali, il-bijodiversità u l-għieda kontra d-deżertifikazzjoni, u 30 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv ikun iddedikat għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;

17. Jirrimarka li l-UE stabbiliet għaliha nnifisha għanijiet ambjentali u klimatiċi ambizzjużi, u jitlob li tappoġġja lill-pajjiżi sħab permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib sabiex tgħinhom jilhq u l-għanijiet u l-istrateġiji klimatiċi u ambjentali tagħhom stess, kemm dawk stabbiliti bit-trattat kif ukoll dawk li huma awtoimposti, peress li l-użu sostenibbli tar-riżorsi proprji tagħhom huwa l-bażi tal-ekonomiji ta' ħafna pajjiżi sħab u huwa essenzjali għall-kisba tal-SDGs;

⁽³²⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-11 ta' Diċembru 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-koordinazzjoni tad-donaturi tal-UE dwar l-għajnuna għall-iżvilupp – ĠU C 468, 15.12.2016, p. 73.

⁽³³⁾ Ir-Riżoluzzjoni tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-reviżjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp – ĠU C 252, 18.7.2018, p. 62.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

18. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lil atturi pubbliċi u nongovernattivi oħra attivi fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp biex jaqsmu l-evidenza u l-esperjenza dwar liema tipi ta' interventi ta' żvilupp għandhom tendenza li jkollhom suċċess u liema fallaw, urew li huma diffiċli biex jiġu implimentati jew li ma pproduċewx l-impatt maħsub;

19. Jilqa' r-rapport indipendenti mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Persuni Għorrief dwar l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, u jappella għall-ħolqien ta' Bank Ewropew tal-Investment u l-Iżvilupp Sostenibbli;

20. Jisħaq li l-obbligu ta' rendikont għan-nefqa pubblika kollha, inkluża l-ODA, huwa vitali kemm fl-Ewropa kif ukoll fil-pajjiżi sħab; jemmen li l-obbligu ta' rendikont jirrikjedi istituzzjonijiet b'saħħithom u l-fatt li jkollna miri ċari u maqbula għall-ODA Ewropea huwa essenzjali biex jiġi żgurat appoġġ pubbliku kontinwu għall-isforzi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE; ifakkar li s-sħubijiet u l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-NGOs jistgħu jtejbju l-obbligu ta' rendikont fin-nefqa pubblika rigward l-ODA; jindika r-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-mobilizzazzjoni tal-fondi meħtieġa biex jintlaħqu l-SDGs;

21. Jenfasizza li l-obbligu ta' rendikont jirrikjedi proċeduri trasparenti u robusti kif ukoll tħassib għall-effiċjenza u l-kisba ta' riżultati li jidhru, permezz ta' evalwazzjoni *ex-ante* u *ex-post* bir-reqqa, u analiżi kritika tal-fallimenti kif ukoll li nitgħallmu kif nagħtu riżultati effikaċi u sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tikkordina standardizzazzjoni madwar l-Ewropa kollha tal-indikaturi tal-impatt sabiex jitqabblu l-effikaċja u l-effiċjenza tal-proġetti bejn l-Istati Membri;

22. Ihegġegħ lill-parlamenti tal-pajjiżi benefiċjarji jadottaw politiki nazzjonali dwar l-għajnuna għall-iżvilupp sabiex itejbu l-obbligu ta' rendikont tad-donaturi u s-sjieda tal-gvernijiet benefiċjarji, inkluża dik tal-awtoritajiet lokali, jeqirdu l-korruzzjoni u l-forom kollha ta' ħela ta' għajnuna u jtejbju l-kundizzjonijiet biex jirċievu appoġġ baġitarju, kif ukoll, fuq medda twila ta' żmien, inaqqsu d-dipendenza fuq l-għajnuna;

23. Jisħaq li huwa importanti li l-ODA tal-UE tiffoka saħansitra aktar fuq it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, l-eliminazzjoni tal-faqar u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

24. Jisħaq li għajnuniet effikaċi u effiċjenti għall-istrategġiji mmexxija mill-pajjiżi u l-iżvilupp tal-kapaċità jwasslu għal tnaqqis fil-mortalità tat-tfal u li l-investment fil-benesseri tat-tfal huwa fundamentali biex jinkiser iċ-ċiklu tal-faqar, inkluża l-ġlieda kontra x-xogħol furzat u taħt l-età;

25. Jemmen li l-użu ta' approċċi bbażati fuq ir-riżultati huwa kritiku għall-pajjiżi sħab tal-UE u huwa element fundamentali tal-kapaċità tagħhom li jiksibu l-SDGs għaċ-ċittadini tagħhom; jirrimarka, madankollu, l-importanza li titqies id-diversità tas-sitwazzjonijiet speċifiċi fil-pajjiżi sħab u l-isfidi għalihom, b'mod partikolari l-LDCs u l-pajjiżi fraġli; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw u jużaw l-oqfsa nazzjonali ta' kejl tar-riżultati tal-pajjiżi sħab u s-sistemi ta' monitoraġġ u ta' statistika tagħhom, u biex fl-istadji kollha jinvolvu l-atturi rilevanti kollha: l-awtoritajiet lokali, il-parlamenti nazzjonali, is-soċjetà ċivili inkluż l-assoċjazzjonijiet tan-nisa u l-gruppi marġinalizzati, u s-settur privat b'enfasi fuq l-SMEs; jenfasizza li l-investment fil-bini tal-kapaċitajiet tal-OSC lokali huwa prerekwiżit essenzjali għal għajnuna effikaċi;

26. Jinnota li f'xi oqsma l-effiċjenza u l-effikaċja tal-għajnuna għall-iżvilupp huma diffiċli biex jitkejlu, iżda jistieden lill-Kummissjoni teżamina indikaturi xierqa għall-valutazzjoni u tuża r-riżultati biex tħejji informazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar l-effiċjenza u l-effikaċja tal-għajnuna għall-iżvilupp u biex tiżviluppa approċċi tal-aħjar Prattika;

27. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jtejbju l-impenn tagħhom għal flussi trasparenti ta' data permezz ta' investment kontinwu fil-viżwalizzazzjoni tad-data, rappurtar ta' statistika u l-pubblikazzjoni ta' data miftuħa, l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali bħal IATI (l-Istandard tal-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna), u billi jagħgornaw regolarment u jiżviluppaw l-EU Aid Explorer; ihegġegħ li jiżdiedu l-isforzi fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat l-aċċess pubbliku għad-data u t-tixrid tagħha u r-rappurtar dwar l-infiq tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE; itenni f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni għandha tippubblika r-"Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna" qabel ma tibda l-proċedura ta' kwittanza għas-sena partikolari;

28. Jirrimarka li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli u li l-progress li sar fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet f'pajjiżi sħab għandu jitqies bħala aspett essenzjali tal-effikaċja tal-għajnuna; ifakkar li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp jista' jkollha impatti differenti fuq il-bniet u s-subien u fuq in-nisa u l-irġiel;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, kif ukoll lis-sħab kollha għall-iżvilupp, biex jagħtu prijorità lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri, billi jagħmlu użu akbar mill-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-immirar tal-perspettiva tal-ġeneri; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li tinġabar data komparabbli u diżaggregata skont il-ġeneru sabiex jiġi promoss approċċ komprensiv u armonizzat għar-rappurtar tal-UE dwar il-miri tal-perspettiva tal-ġeneri, u li n-nisa jiġu appoġġjati sabiex isiru aġenti li tingħatalhom is-setgħa għall-iżvilupp fil-komunitajiet tagħhom u lil hinn minnhom;

30. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isaħħu l-allinjament tal-assistenza tagħhom mal-prinċipji tal-effikaċja u l-indikaturi relatati, b'mod partikolari l-prevedibbiltà, l-użu ta' indikaturi meħuda minn oqfsa ta' riżultati li huma proprjetà ta' pajjiż sieħeb, l-użu ta' sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tal-pajjiżi sħab, u l-impenn li jiġu involuti gvernijiet sħab fl-evalwazzjonijiet tal-proġetti, kif ukoll rappurtar trasparenti;

31. Jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw l-assistenza tagħhom b'mod aktar wiesa' b'objettivi komuni ta' għajjnuna Ewropea sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-politika tal-iżvilupp tal-UE kollha kemm hi;

32. Jappoġġja approċċ katalitiku u trasversali, li jibni fuq valutazzjonijiet u programmar deċentralizzati u minn isfel għal fuq tal-ħtiġijiet, li jiffavorixxi s-sjeda lokali u jkun infurmat minn analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni u konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra f'kull pajjiż sieħeb, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-komunitajiet u l-organizzazzjonijiet lokali;

33. Jinkoraġġixxi li tissaħħaħ il-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u triangolari, inkluż għal proġetti ffukati lejn kooperazzjoni u integrazzjoni reġjonali aktar effikaċi kif ukoll involviment aktar effikaċi tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp Ewropea fiż-żoni ġeografiki rispettivi tagħhom, fil-livelli kollha ta' governanza, sabiex jiġu appoġġjati l-kisba tal-SDGs u l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19; jisħaq li l-kapaċitajiet tal-pajjiżi b'introjtu medju, fosthom pajjiżi li dan l-aħħar haġu mil-lista tal-Kumitat ta' Għajjnuna għall-iżvilupp tal-OECD ta' destinatarji ta' ODA, għandhom ikunu impenjati fejn rilevanti;

34. Jisħaq li, sabiex l-għajjnuna għall-iżvilupp issir aktar effikaċi, jinkisbu riżultati dejjiema u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet lokali, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' wara kriżi mtawla, huwa imperattiv li tittejjeb il-koordinazzjoni tal-għajjnuna umanitarja u l-assistenza għall-iżvilupp u li tissaħħaħ ir-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp u r-rabtiet tagħha ma' azzjonijiet relatati mal-paċi u s-sigurtà fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jitlob li l-UE tkompli tiżviluppa tali approċċ;

35. Jirrikonoxxi l-valur ta' finanzjament prevedibbli u flessibbli, inkluż il-finanzjament umanitarju pluriennali għal kriżijiet fit-tul u programmi ta' għajjnuna għall-iżvilupp li għandhom il-kapaċità li jadattaw għal kriżijiet umanitarji mhux previsti;

36. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-OSĊ fir-rwol tagħhom bħala atturi indipendenti tal-iżvilupp; jisħaq li ambjent abilitanti u miftuħ għall-OSĊ huwa konsistenti mad-drittijiet miftiehma internazzjonalment u jimmassimizza l-kontributi tal-OSĊ għall-iżvilupp; jesprimi t-tħassib tiegħu rigward l-isparju dejjem jiekien għall-OSĊ f'haġna mill-pajjiżi sħab; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-finanzjament għall-OSĊ, kif ukoll fil-pajjiżi sħab;

37. Jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki u tal-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni tal-politika u l-azzjoni bejn l-UE u l-atturi l-oħra, eż. in-NU u l-aġenziji tagħha, li jipprovdu għajjnuna fil-pajjiżi sħab; jissottolinja li dan huwa saħansitra aktar kruċjali f'pajjiżi sħab fraġli, f'pajjiżi milquta minn kunflitti jew diżastri naturali, u f'pajjiżi li jospitaw ir-rifuġjati; iqis li huwa essenzjali, f'dan il-kuntest, li r-reżiljenza tal-komunità titqiegħed fil-qalba u li jingħata appoġġ lil azzjonijiet immirati lejn l-iżvilupp ta' programmi infurmati dwar ir-riskju u programmi ta' taħriġ għall-emerġenzi, l-involviment tal-parteċipazzjoni tal-komunità u t-trawwim ta' sħubijiet;

38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi sħab, iżda wkoll fi ħdan l-UE; jitlob li l-appoġġ baġitarju bħala modalità ta' għajjnuna jkun jista' jintuża wkoll fil-livell sottonazzjonali, u li jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' ridistribuzzjoni bejn il-livelli differenti ta' gvern u bejn ir-reġjuni bl-objettiv primarju li jtnaqqsu d-disparitajiet u l-inugwaljanzi fil-pajjiż u li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

39. Jissottolinja r-rwol tal-knisja u l-organizzazzjonijiet tal-missjoni fl-għajjnuna umanitarja u għall-iżvilupp u l-importanza tagħhom fil-post, peress li huma fost l-akbar NGOs attivi fl-oqsma tal-iżvilupp u l-għajjnuna; jisħaq fuq il-fatt li l-ħidma mal-mexxejja reliġjużi f'haġna komunitajiet lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw spiss hija l-aktar mod effikaċi biex jintlaħqu n-nies lokali fil-bżonn;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

40. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tas-soċjetà ċivili bħala sieħba, kemm matul il-proċess ta' konsultazzjoni kif ukoll bħala fornitur tas-servizzi; f'dan id-dawl, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu u jsaħħu r-rwoli tagħhom sabiex jinkisbu sħubijiet ta' żvilupp inklużivi;

41. Jappella għal enfasi akbar fuq l-SMEs lokali, il-bdiewa fuq skala żgħira u l-ġhoti tas-setgħa lin-nisa, peress li dan l-approċċ wera li huwa partikolarment effikaċi fit-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanzi, u fit-tisħiħ tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet;

42. Jirrikonoxxi li l-impenn tas-settur privat – fil-livelli lokali, nazzjonali, bilaterali u internazzjonali – huwa importanti għall-kisba tal-SDGs, għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp u għat-tranżizzjoni lejn żvilupp ekonomiku, tkabbir u prosperità sostenibbli;

43. Jappella għal sforzi biex jiġi żgurat l-allinjament tas-settur privat mal-prijoritajiet ta' żvilupp tal-gvernijiet nazzjonali u tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u mal-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet lokali, b'mod partikolari dawk ta' gruppi emarġinati u vulnerabbli, u biex l-involvement tas-settur privat fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp jiġi allinjat mal-prinċipji tal-effikaċja u l-prinċipji ta' Kampala filwaqt li jittejbu t-trasparenza, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u l-obbligu ta' rendikont tal-FDI u l-ktajjen tal-valur globali, kif ukoll ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-diliġenza dovuta;

44. Jitlob li l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej jistabbilixxu qafas ċar, strutturat, trasparenti u responsabbli li jirregola s-sħubijiet u l-alleanzi mas-settur privat fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jshaq li, b'mod parallel ma' rwol ikbar għas-settur privat, huwa importanti li jiġu żviluppati kapaċitajiet istituzzjonali;

45. Jissottolinja li l-atturi kollha, inkluż is-settur privat, jeħtieġ li jikkontribwixxu għall-aġenda ta' effikaċja permezz tal-involvement parteċipattiv, l-ippjanar u l-implimentazzjoni, l-obbligu ta' rendikont reċiproku u t-trasparenza, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni; jisħaq li d-donaturi għandhom itejbu l-prevedibbiltà u l-ħeffa tagħhom meta jaħdmu ma' dawn l-atturi bħala sħab inkarigati mill-implimentazzjoni u sħab fil-forniment ta' servizzi bażiċi, sabiex ġenwinament jintlaħqu l-aktar sezzjonijiet vulnerabbli tal-popolazzjoni;

46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-atturi tas-settur privat involuti fi sħubijiet għall-iżvilupp jirrispettaw il-prinċipju tal-obbligu ta' rendikont korporattiv dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-proġetti, f'konformità mal-Patt Dinji tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, l-istandards fundamentali tax-xogħol tal-ILO, u l-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Korruzzjoni; itenni t-talba tiegħu għal qafas legali tal-UE li jsostni d-diliġenza dovuta korporattiva obligatorja, biex jiġi żgurat li l-investituri tal-UE jaġixxu b'mod responsabbli internazzjonalment u lokalment u jikkontribwixxu għall-iżvilupp lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

47. Itenni li l-għajnuna għall-iżvilupp privat trid tirrispetta l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, l-istandards tal-ILO u l-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali; jisħaq ulterjorment li jeħtieġ li jimpenja ruħu li jiżgura l-governanza tajba, it-tnaqqis tal-faqar u l-ħolqien tal-ġid permezz ta' investiment sostenibbli, kif ukoll li jnaqqas l-inugwaljanzi, jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u l-istandards ambjentali u jagħti s-setgħa lill-ekonomiji lokali;

48. Jisħaq li sabiex nimxu lil hinn minn dinamika bejn donatur u riċevitur u biex tingħata s-setgħa lis-sjieda tal-prijoritajiet tal-iżvilupp tal-pajjiżi sħab sabiex jitwettagħ l-iżvilupp sostenibbli, l-oqfsa tal-istrateġija għall-iżvilupp tal-UE jridu jipprevedu azzjonijiet konkreti biex jappoġġjaw żieda fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi fil-pajjiżi sħab, bħall-appoġġ għall-għieda kontra l-korruzzjoni u l-iżvilupp ta' sistemi tat-taxxa progressivi, kif ukoll l-indirizzar tal-evitar u l-evażjoni tat-taxxa;

49. Jilqa' l-użu mill-UE ta' diversi għodod ta' finanzjament għall-iżvilupp għall-qerda tal-faqar u l-kisba tal-SDGs; jisħaq fuq il-ħtieġa li d-donaturi jagħtu prijorità lill-finanzjament ibbażat fuq l-ġhotijiet, speċjalment lil-LDCs, f'kuntest fejn, qabel it-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, il-pajjiżi ifqar kienu diġà qed jonfqu aktar flus fuq il-pagamenti tas-servizzi tad-dejn milli fuq is-servizzi tas-saħħa;

50. Jinnota li l-Kummissjoni tipprevedi rwol dejjem aktar prominenti għall-mekkaniżmi ta' garanzija għat-taħlit fil-politika tal-iżvilupp tal-UE, għad-detriment ta' modalitajiet oħra ta' għajnuna; jisħaq li filwaqt li l-finanzjament imħallat kiber b'mod rapidu, ftit hemm evidenza tal-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp, peress li l-biċċa l-kbira tiegħu bħalissa tmur

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

għall-pajjiżi bi dħul medju u porzjon żgħir biss imur lejn l-LDCs; jissottolinja l-opinjoni kritika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ġestjoni u l-effikaċja tal-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD); jistieden għaldaqstant lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jadottaw approċċ kawt għall-finanzjament imħallat u jiżguraw li l-finanzjament kollu mobilizzat permezz ta' taħlit jikkonforma mal-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp;

51. Ihegġegħ lill-UE tkompli bl-isforzi tagħha biex tappoġġja lill-pajjiżi sħab fit-twettiq ta' politiki intelliġenti, immirati u adattabbli, li jistgħu jgħinu biex jintlaħqu l-SDGs bl-aktar mod effikaċi; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-rwol kruċjali tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Z) fit-trawwim tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija b'effetti konsegwenzjali pożittivi fuq is-setturi kollha tal-ekonomiji lokali; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni fir-R&Z kif ukoll l-investimenti fil-kapaċità tal-produzzjoni strateġika lokali, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u l-prodotti bijofarmaċewtiċi l-aktar ġodda, sabiex tissaħħaħ l-awtonomija mill-ktajjen tal-provvista globali;

52. Jissottolinja r-rwol importanti tal-OSC fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u fl-għoti ta' għajjnuna għall-iżvilupp direttament lill-foqra, dawk żvantaġġati u vulnerabbli; jitlob, madankollu, koordinazzjoni msaħħa tal-assistenza mqasma bejn l-NGOs u donaturi oħra sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà tal-għajjnuna u tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-għajjnuna, l-azzjonijiet li jikkoinċidu u l-hekk imsejja "orfn tal-għajjnuna" (pajjiżi injorati mill-komunità tal-iżvilupp);

53. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tivvaluta jekk l-obbligi amministrattivi li jikkonċernaw l-aċċess għall-finanzjament tal-UE humiex proporzjonati; jiddeplora f'dan il-kontest il-fatt li l-għotijiet tal-UE qed isiru dejjem aktar inadegwati u mhux attraenti għall-NGOs minħabba r-rekwiżiti biex jiġu limitati l-ispejjeż ta' appoġġ u li jżidu l-piżijiet amministrattivi u tal-awditjar;

54. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi network ta' sħab nongovernattivi affidabbli u tinvolvi ruħha miegħu, bħal OSC lokali, knejjes, organizzazzjonijiet ibbażati fuq it-tweemmin u aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' proġetti fuq skala iżgħar;

55. Jerġa' jikkonferma li l-investiment fl-infrastruttura lokali u nazzjonali ta' skali differenti għal proġetti lokali u nazzjonali ewlenin jirrappreżenta l-aktar mod effiċjenti għall-għajjnuna biex jiġi stimulat u msaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku u soċjali għall-popolazzjoni kollha;

56. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-miżuri ta' ħelsien mid-dejn jintrabtu mal-mobilizzazzjoni addizzjonali tal-ODA; jappella għall-inklużjoni ta' dejn multilaterali u kummerċjali fl-Inizjattiva tal-G20 dwar is-Sospensjoni tas-Servizz tad-Dejn (DSSI); jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-kredituri kollha, inkluż il-Bank Dinji u banek multilaterali oħra tal-iżvilupp, kif ukoll kredituri privati, fid-DSSI u kwalunkwe offerta ulterjuri ta' ħelsien mid-dejn; jappella għall-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' ristrutturazzjoni tad-dejn multilaterali biex jindirizza kemm l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 kif ukoll ir-rekwiżiti ta' finanzjament tal-Aġenda 2030;

57. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol partikolarment importanti tal-programmi ta' taħriġ għall-persunal lokali u l-operaturi fuq il-post biex tiġi żgurata l-kontinwità għall-proġetti li l-UE tappoġġja f'pajjiżi sħab, u b'hekk jiżiedu s-sjeda u l-obbligu ta' rendikont;

58. Jisħaq fuq ir-rwol ewleni tal-ODA fit-twettiq tal-aġenda tal-effikaċja tal-iżvilupp; jissottolinja l-fatt li l-ODA hija aktar flessibbli, prevedibbli u responsabbli mill-flussi l-oħra li potenzjalment jikkontribwixxu għall-iżvilupp; iwissi li l-kriterji għall-ODA m'għandhomx jiġu dilwiti bil-għan li jiġu koperti spejjeż apparti dawk marbuta direttament mal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

59. Itenni t-talba tiegħu li l-Kunsill u l-Istati Membri jistabbilixxu skeda ta' żmien ċara biex tintlaħaq il-mira li tgħolli l-baġit tal-ODA għal 0,7 % tal-ING, inkluż l-impenn internazzjonali li jintefaq bejn 0,15 % u 0,2 % tal-ING fuq ODA tal-LDCs, u li l-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni konkret li jiddefinixxi kif se jiżiedu riżorsi addizzjonali biex jinkisbu l-SDGs; jisħaq li l-effikaċja tal-għajjnuna mhijiex sostitut għal volumi ta' għajjnuna adegwati u li ż-żamma jew il-qbiż tal-mira ta' 0,7 % għall-ODA hija ta' importanza kbira; itenni li l-baġit tal-UE għandu jagħti kontribut konsiderevoli biex tiżdied l-ODA tal-UE b'mod ġenerali;

60. Itenni l-appoġġ tiegħu li fl-NDICI jiġu inklużi l-miri li ġejjin: 20 % għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem; u għal mill-inqas 85 % tal-proġetti ffinanzjati mill-ODA, li għandhom bħala objettiv prinċipali jew sinifikanti l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa u l-bniet u l-għoti tas-setgħa lilhom, kif definit mill-OECD-DAC.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

61. Jappella għal koerenza akbar tal-politika għall-iżvilupp, li tfittex li tiżgura li l-ebda politika tal-UE jew tal-Istati Membri ma jkollha effetti negattivi fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jew objettivi kontradittorji;

62. Jemmen li l-għajnuna Ewropea għall-iżvilupp u l-investimenti pubbliċi għandhom jippromwovu prijoritajiet u objettivi ta' politika konġunti inkluż il-qerda tal-faqar, l-azzjoni klimatika u ambjentali, il-politiki ekonomiċi u kummerċjali u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, u għandhom ukoll ikunu allinjati bis-sħiħ mal-prinċipji tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba;

63. Jisħaq li l-allokazzjoni tal-għajnuna umanitarja u ta' emerġenza m'għandhiex tiddependi mill-kooperazzjoni mal-UE dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni jew sigurtà għax dan mhuwex kompatibbli mal-prinċipji maqbula dwar l-effikaċja tal-iżvilupp;

64. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-OECD, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Bank Ewropew tal-Investment, lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, lill-Grupp tal-Bank Dinji, lill-Unjoni Afrikana, lill-Kopresidenti tas-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, lill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti u lid-Dipartiment għall-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali tan-NU, lill-OECD, u lill-Unjoni Interparlamentari.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0325

Sustanzi attivi, inkluż il-chlorotoluron

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1511 tas-16 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, bifenox, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltametrina, dikamba, difenokonażol, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoksakarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, żjut tal-paraffina, picloram, prosulfocarb, kubrit, triflusulfuron u tritosulfuron (2020/2853(RSP))

(2021/C 425/09)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1511 tas-16 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, bifenox, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltametrina, dilamba, difenokonażol, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoksakarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, żjut tal-paraffina, picloram, prosulfocarb, kubrit, triflusulfuron u tritosulfuron ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/408 tal-11 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 80(7) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jistabbilixxi lista ta' kandidati għas-sostituzzjoni ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 11 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2018 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 li toġġezzjona għall-estensjoni preċedenti tal-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva chlorotoluron ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 112(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

⁽¹⁾ ĠU L 344, 19.10.2020, p. 18.⁽²⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 67, 12.3.2015, p. 18.⁽⁴⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.⁽⁵⁾ ĠU C 433, 23.12.2019, p. 183.⁽⁶⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-abbozz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, beta-cyfluthrin, bifenox, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltamethrin, dikamba, difenoconazole, diflubenzuron, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoxacarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, picloram, prosulfocarb, pyriproxyfen, thiophanatemethyl, triflusulfuron u tritosulfuron (Testi adottati, P9_TA(2019)0027).

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- A. billi l-chlorotoluron ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽⁷⁾ fl-1 ta' Marzu 2006 mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/53/KE ⁽⁸⁾ u tqieset li ġiet approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009;
- B. billi l-proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-chlorotoluron skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 ⁽⁹⁾ ilha għaddejja mill-2013;
- C. billi l-perjodu ta' approvazzjoni tas-sustanza attiva chlorotoluron diġà ġie estiż b'sena bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 533/2013 ⁽¹⁰⁾, u sussegwentement b'sena kull sena mill-2017 bir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1511 ⁽¹¹⁾, (UE) 2018/1262 ⁽¹²⁾, (UE) 2019/1589 ⁽¹³⁾ u issa mill-ġdid b'sena permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1511, li jestendi l-perjodu ta' approvazzjoni sal-31 ta' Ottubru 2021;
- D. billi l-Kummissjoni naqset milli tispjega r-raġunijiet għall-estensjoni ħliet li qalet: "Il-valutazzjoni ta' dawk is-sustanzi ddewmet minħabba raġunijiet li ma kinux fil-kontroll tal-applikanti u, għalhekk, x'aktarx li l-approvazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi attivi jiskadu qabel ma tkun ittieħdet deċizzjoni dwar it-tiġdid tagħhom";
- E. billi r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni kemm tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali u tal-ambjent u fl-istess ħin li jissalvagwardja l-kompetittività tal-agrikoltura tal-Unjoni; billi jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni, inklużi n-nisa tqal, it-trabi u t-tfal;
- F. billi jenħtieġ li jkun applikat il-prinċipju ta' prekawżjoni, u billi r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jispeċifika li s-sustanzi jenħtieġ li jiġu inklużi biss fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fejn ikun ġie ddimostrat li dawn jippreżentaw benefiċċju ċar għall-produzzjoni tal-pjanti u li mhuwiex mistenni li jkollhom xi effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew xi effett inaċċettabbli fuq l-ambjent;
- G. billi r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jindika li fl-interess tas-sikurezza, il-perjodu ta' approvazzjoni għal sustanzi attivi jenħtieġ li jkun limitat fiż-żmien; billi l-perjodu ta' approvazzjoni jenħtieġ li jkun proporzjonat għar-riskji possibbli inerenti fl-użu ta' tali sustanzi, iżda f'dan il-każ huwa ċar li ebda proporzjonalità bħal din ma teżisti;
- H. billi matul l-14-il sena mill-approvazzjoni tagħha bħala sustanza attiva, il-chlorotoluron ġiet identifikata bħala interferent endokrinali probabbli, u minkejja dan, matul dan iż-żmien, l-approvazzjoni tagħha ma ġietx riveduta jew ittirata;

⁽⁷⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

⁽⁸⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/53/KE tas-16 ta' Settembru 2005 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE sabiex tinkludi l-chlorothalonil, il-chlorotoluron, is-cypermethrin, id-daminozide u t-thiophanate-methyl bħala sustanzi attivi (ĠU L 241, 17.9.2005, p. 51).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet mehtiegi għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 533/2013 tal-10 ta' Ġunju 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 dwar l-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-metil-ċiklopropin, klorotalonil, klorotoluron, ċipermetrin, daminożid, forklorfenuron, indoksakarb, tjofanat-metil u tribenuron (ĠU L 159, 11.6.2013, p. 9).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1511 tat-30 ta' Awwissu 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-metilċiklopropen, beta-ċiflutrin, klorotalonil, klorotoluron, ċipermetrina, daminożid, deltametrina, dimetenamid-p, diuron, fludioksonil, forklorfenuron, fostijażat, indoksakarb, iprodion, MCPA, MCPB, is-siltijofam, tjofanat-metil u tribenuron (ĠU L 224, 31.8.2017, p. 115).

⁽¹²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1262 tal-20 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-metilċiklopropen, beta-ċiflutrin, bifenox, chlorotoluron, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltametrina, dimetenamid-p, diuron, fludioksonil, flufenacet, flurtamon, fostijażat, indoksakarb, MCPA, MCPB, prosulfokarb, tjofanat-metil u tribenuron (ĠU L 238, 21.9.2018, p. 62).

⁽¹³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1589 tas-26 ta' Settembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, beta-ċiflutrin, bifenox, chlorotoluron, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltametrina, dicamba, difenoconazole, diflubenzuron, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoxacarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, picloram, prosulfokarb, pyriproxyfen, thiophanate-methyl, triflusaluron u tritosulfuron (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 24).

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- I. billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà u r-responsabbiltà li jaġixxu skont il-prinċipju ta' prekawżjoni, meta l-possibbiltà ta' effetti ta' ħsara fuq is-saħħa jkunu ġew identifikati iżda tkun tippersisti inċertezza xjentifika, billi jiġu adottati miżuri provviżorji ta' ġestjoni tar-riskju li jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;
- J. billi, b'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-approvazzjoni ta' sustanza attiva fi kwalunkwe ħin, speċjalment fejn, fid-dawl ta' għarfien xjentifiku u tekniku ġdid, hija tqis li jkun hemm indikazzjonijiet li s-sustanza m'għadhiex tissodisfa l-kriterji għall-approvazzjoni previsti fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, u dan ir-rieżami jista' jwassal biex tiġi ritirata jew emendata l-approvazzjoni tas-sustanza;

Proprietajiet li jfixklu s-sistema endokrinali

- K. billi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁴⁾, il-chlorotoluron għandha klassifikazzjoni armonizzata bħala tossika ħafna għall-organiżmi akkwatiċi, tossika ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'effetti fit-tul, suspettata li tikkawża l-kanċer (Carc. 2), u suspettata li tagħmel ħsara lit-tarbija fil-ġuf (Repr. 2);
- L. billi l-chlorotoluron ġie assoċjat ma' proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali f'pubblikazzjonijiet xjentifiċi⁽¹⁵⁾;
- M. billi fl-2015 il-chlorotoluron tpoġġiet fil-"lista ta' kandidati għas-sostituzzjoni" permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/408 minħabba li hija meqjusa li għandha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali li jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fil-bniedem, u minħabba li tissodisfa l-kriterji biex tiġi kkunsidrata bħala sustanza persistenti u tossika;
- N. billi, skont il-punt 3.6.5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, is-sustanzi attivi ma jistgħux jiġu awtorizzati meta jitqiesu li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali u li jistgħu jikkawżaw effett negattiv fil-bnedmin, sakemm l-esponent tal-bnedmin għal dik is-sustanza attiva, l-aġent protettiv jew is-sinerġist fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, f'kundizzjonijiet proposti realistiċi ta' użu, ma jkunx negliġibbli, jiġifieri, il-prodott jintuża f'sistemi magħluqa jew f'kundizzjonijiet oħra li jeskludu l-kuntatt mal-bnedmin u fejn residwi tas-sustanza attiva, aġent protettiv jew sinerġist ikkonċernati fuq ikel u għalf ma jaqbx il-valur stabbilit f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 18 (1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁶⁾;
- O. billi mhuwiex aċċettabbli li sustanza li x'aktarx tissodisfa l-kriterji ta' limitu għas-sustanzi attivi li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali tibqa' titħalla tintuża fl-Unjoni, u b'hekk is-saħħa pubblika u ambjentali titqiegħed friskju;
- P. billi l-applikanti jistgħu jieħdu vantaġġ mis-sistema awtomatika li hemm fil-metodi ta' ħidma tal-Kummissjoni li testendi b'mod immedjat il-perjodi ta' approvazzjoni ta' sustanzi attivi jekk il-valutazzjoni mill-ġdid tar-riskju ma tkunx ġiet iffinalizzata, billi jtaqlu l-proċess ta' rivalutazzjoni b'mod maħsub billi jipprovdu data mhux kompluta u billi jitolbu għal aktar derogi u kundizzjonijiet speċjali, li jwassal għal riskji inaċċettabbli għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem minħabba li matul dan il-perjodu l-esponent għas-sustanza perikoluża jitkompla;
- Q. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2018 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (KE) Nru 1107/2009⁽¹⁷⁾ il-Parlament stieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex "jiżguraw li l-estensjoni proċedurali tal-perjodu ta' approvazzjoni għat-tul tal-proċedura, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament, ma tintużax għal sustanzi attivi li huma mutaġeniċi, karċinoġeniċi u tossiċi għar-riproduzzjoni, u li għaldaqstant jaqgħu taħt il-kategorija 1A jew 1B, jew sustanzi attivi li għandhom karatteristiċi li jfixklu s-sistema endokrinali u jagħmlu ħsara lill-bniedem jew lill-annimali, kif attwalment hu l-każ tas-sustanzi bħall-flumioxazine, thiacloprid, chlorotoluron u dimoxystrobin";

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jirrevoka d-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

⁽¹⁵⁾ Ara inter alia: Hong, M., Ping, Z., Jian, X., "Testicular toxicity and mechanisms of chlorotoluron compounds in the mouse", Toxicology Mechanisms and Methods 2007; 17(8):483-8.

⁽¹⁶⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

⁽¹⁷⁾ ĠU C 433, 23.12.2019, p. 183.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- R. billi l-Parlament diġà oġġezzjona għall-estensjoni preċedenti tal-perjodu ta' approvazzjoni tal-chlorotoluron fir-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 ⁽¹⁸⁾;
- S. billi l-Kummissjoni fir-reazzjoni tagħha ⁽¹⁹⁾ għall-oġġezzjoni preċedenti għall-estensjoni tal-perjodu ta' approvazzjoni ta' chlorotoluron tirreferi biss għall-“istudju li jirfed il-valutazzjoni tal-impatt li saret qabel l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605” ⁽²⁰⁾ li fih il-“chlorotoluron ma ġietx identifikata bħala interferent endokrinali potenzjali”, iżda tonqos milli tirrikonoxxi li dak l-istudju ma wassalx għat-tneħħija tal-chlorotoluron mil-lista ta' kandidati għas-sostituzzjoni;
- T. billi wara l-adozzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2100 ⁽²¹⁾ u r-Regolament (UE) 2018/605, il-Kummissjoni inkarigat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) biex jiżviluppaw gwida armonizzata biex jiġi żgurat li l-kriterji tal-interferent endokrinali adottati mill-Unjoni jiġu applikati b'mod konsistenti għall-valutazzjoni tal-bijoċidi u l-pestiċidi fl-Unjoni; billi din il-gwida li tinkorpora testijiet ġodda tal-OECD ġiet ippubblikata f'Ġunju 2018 ⁽²²⁾, iżda ma ntużatx biex jiġu vvalutati l-proprietajiet li jfixklu s-sistema endokrinali tal-chlorotoluron;
- U. billi għalhekk, il-chlorotoluron ma ġietx ivvalutata kif xieraq biex ma tibqax titqies bħala interferent endokrinali;
- V. billi l-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid fir-rigward tal-chlorotoluron għadu ma ġiex ivvalutat mill-EFSA;
- W. billi wara l-estensjoni preċedenti fl-2019 ta' diversi sustanzi attivi, inkluż il-chlorotoluron, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1589, tlieta biss mid-29 sustanza ġew imġedda jew mhux imġedda, filwaqt li skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1511, il-perjodi ta' approvazzjoni ta' 27 sustanza reġġu ġew estiżi, ħafna minnhom għat-tielet jew għar-raba' darba;
1. Iqis li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1511 jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009;
 2. Iqis li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1511 ma jirrispettax il-prinċipju ta' prekawzjoni;
 3. Iqis li d-deċiżjoni li jiġi estiż il-perjodu ta' approvazzjoni għall-chlorotoluron mhijiex konformi mal-kriterji ta' sikurezza stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, u mhijiex ibbażata lanqas fuq evidenza li din is-sustanza tista' tintuża b'mod sikur, u lanqas fuq hteġġa urġenti ppruvata tas-sustanza attiva chlorotoluron fil-produzzjoni tal-ikel fl-Unjoni;
 4. Jitlob lill-Kummissjoni tirrevoka r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1511 u tippreżenta abbozz għid lill-kumitat li jqis l-evidenza xjentifika dwar il-karatteristiċi ta' ħsara tas-sustanzi kollha kkonċernati, speċjalment dawk tal-chlorotoluron;
 5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta biss abbozz ta' regolamenti ta' implimentazzjoni biex testendi l-perjodi ta' approvazzjoni ta' sustanzi li għalihom l-istat attwali tax-xjenza ma jkunx mistenni li jwassal għal proposta tal-Kummissjoni għal nuqqas ta' tiġdid tal-awtorizzazzjoni tas-sustanza attiva kkonċernata;

⁽¹⁸⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0027.

⁽¹⁹⁾ Is-segwitu tal-Kummissjoni għar-risoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, beta-cyfluthrin, bifeno, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltamethrin, dicamba, difenoconazole, diflubenzuron, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoxacarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, picloram, prosulfocarb, pyriproxyfen, thiophanate-methyl, triflusaluron, SP(2019)669, [https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2019/2826\(RSP\)&lang=en](https://oeil.secure.europarl.europa.eu/oeil/popups/ficheprocedure.do?reference=2019/2826(RSP)&lang=en)

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 tad-19 ta' April 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 billi jistabbilixxi l-kriterji xjentifiċi biex jiġu ddeterminati l-proprietajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (ĠU L 101, 20.4.2018, p. 33).

⁽²¹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2100 tal-4 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprietajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 301, 17.11.2017, p. 1).

⁽²²⁾ Il-Gwida tal-EFSA u tal-ECHA għall-identifikazzjoni ta' sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali fil-kuntest tar-Regolamenti (UE) Nru 528/2012 u (KE) Nru 1107/2009, Ġurnal tal-EFSA 2018, 16(6):5311, <http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/5311>

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

6. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-approvazzjonijiet għas-sustanzi jekk jeżistu provi jew dubji raġonevoli li ma jkunux se jissodisfaw il-kriterji ta' sikurezza stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009;
 7. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw il-valutazzjoni mill-ġdid xierqa u f'waqtha tal-awtorizzazzjonijiet għas-sustanzi attivi li għalihom huma l-Istati Membri li qed jirrapportaw, u biex jiżguraw li d-dewmien attwali jiġi riżolt b'mod effettiv mill-aktar fis possibbli;
 8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.
-

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0326

Carbendazim għal użu f'ċerti prodotti bijoċidali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li japprova l-carbendazim bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 7 u 10 (D069099/01 – 2020/2852(RSP))

(2021/C 425/10)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li japprova l-carbendazim bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 7 u 10 (D069099/01,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ⁽²⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 89(1) tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 112(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
- A. billi l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jfittex li japprova l-carbendazim bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 7 (preservattivi tal-pellikoli) u tat-tip ta' prodott 10 (preservattivi tal-ġebel), għal perjodu ta' tliet snin;
- B. billi l-Kummissjoni impenjat ruħha favur ambizzjoni ta' tniġġis żero biex tikseb ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi bl-għan li tgħin biex tippoteġi aħjar liċ-ċittadini u l-ambjent kontra s-sustanzi perikolużi u tinkoraġġixxi l-innovazzjoni għall-iżvilupp ta' alternattivi sikuri u sostenibbli;
- C. billi r-rapporti ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-Istat Membru Rapporteur b'rabta mal-carbendazim ġew ippreżentati lill-Kummissjoni fit-2 ta' Awwissu 2013; billi mill-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 wieħed jista' jinferixxi li s-sustanzi li għalihom l-evalwazzjoni tal-Istati Membri tkun tlestiet sal-1 ta' Settembru 2013 għandhom jiġu evalwati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/8/KE;
- D. billi l-proprietajiet perikolużi tal-carbendazim kienu diġà magħrufa fl-2013, meta r-rapporti ta' valutazzjoni ġew ippreżentati mill-Istat Membru Rapporteur; billi għaddew seba' snin bejn il-preżentazzjoni tar-rapporti ta' valutazzjoni u l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni;

Argumenti legali

Riskju inaċċettabbli għall-ambjent

- E. billi l-approvazzjoni tal-carbendazim għall-użu fit-tipi ta' prodotti 7 u 10 tista' twassal għal riskji inaċċettabbli għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem bi ksur tad-Direttiva 98/8/KE;

⁽¹⁾ ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- F. billi l-carbendazim jissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala mutaġen tal-kategorija 1B u tossiku għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ u tnejn mill-kriterji persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi (PBT), jiġifieri (P and T);
- G. billi tqajjem ukoll tħassib f'bosta studji rigward il-potenzjal tal-carbendazim li jfixxkel is-sistema endokrinali ⁽⁵⁾; billi skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC) dwar il-carbendazim għat-tipi ta' prodotti kollha 7, 9 u 10 ⁽⁶⁾, ma setgħet issir l-ebda konklużjoni rigward il-proprietajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali; billi huwa ta' tħassib kbir li l-Kummissjoni tkompli tinjora l-prinċipju ta' prekawżjoni billi tipproponi li tawtorizza sustanzi attivi bħala riżultat ta' valutazzjonijiet inkonklużivi tal-proprietajiet tagħhom li jfixxlu s-sistema endokrinali abbażi tad-data disponibbli; billi n-nuqqas ta' konklużjoni dwar il-proprietajiet ta' sustanza li jfixxlu s-sistema endokrinali abbażi tad-disponibbiltà limitata tad-data mhuwiex ekwivalenti għall-konklużjoni li dik is-sustanza ma għandhiex proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali;
- H. billi għalkemm ir-rapporti ta' valutazzjoni b'rabta mal-carbendazim ġew ippreżentati qabel l-1 ta' Settembru 2013, li jfisser li "għalkemm il-carbendazim jissodisfa l-Artikolu 5(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 mhuwiex ta' rilevanza għad-deċiżjoni ta' approvazzjoni" ⁽⁷⁾, il-fatt li l-carbendazim għandu proprjetajiet perikolużi magħrufa ta' tħassib għoli ħafna xorta huwa rilevanti ħafna u ma ġiex ikkunsidrat biżżejjed fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 98/8/KE, meta wieħed iqis l-Artikolu 10 moqri flimkien mal-Artikolu 5(1)(b) ta' dik id-Direttiva;
- I. billi l-użu tal-carbendazim fit-tipi ta' prodotti 7 u 10 fit-trattament taż-żebugħa ta' barra għall-faċċati biex jiġi evitat it-tkabbir fungali u algali joħloq riskju għoli ta' tniġġis tal-ilma minħabba l-iskular ta' dawk il-bijoċidi mill-faċċati tal-bini kull darba li tagħmel ix-xita;
- J. billi studju ⁽⁸⁾ kkonkluda li, fil-Ġermanja, il-carbendazim instab fattar minn 90 % tal-kampjuni minn tankijiet ta' sedimentazzjoni tal-ilma tax-xita u fattar minn 50 % tal-kampjuni minn baċiri tat-tifwir tal-ilma tal-maltemp, li jirrilaxxaw l-ilma tax-xita mhux ittrattat f'korpi tal-ilma jew inixxu fl-ilma ta' taħt l-art;
- K. billi l-opinjoni tal-BPC għat-tip ta' prodott 9 (preservattivi għal fibra, ġilda, gomma u materjali polimerizzati) ikkonkludiet li l-carbendazim ma kienx approvat għar-raġuni li l-lissija tal-carbendazim minn superfiċji ttrattati bl-ilma tax-xita tirriżulta friskji inaċċettabbli fil-kompartimenti tal-ilma tas-superfiċje u tas-sediment u li ma tkun disponibbli l-ebda miżura adegwata ta' mmaniġġjar tar-riskji;

⁽⁴⁾ Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittekkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

⁽⁵⁾ Morinaga, H. et al., "A Benimidazole Fungicide, Benomyl, and Its Metabolite, Carbendazim, Induce Aromatase Activity in a Human Ovarian Granulosa-Like Tumor Cell Line (KGN)", *Endocrinology* 2004, 145(4):1860-1869; Kim, D-J. et al., "Benomyl induction of brain aromatase and toxic effects in the zebrafish embryo", *Journal of Applied Toxicology* 2009, 29:289-294; Goldman, J.M. et al., "Effects of the benomyl metabolite, carbendazim, on the hypothalamic-pituitary reproductive axis in the male rat", *Toxicology* 1989, 57(2): 173-182; Jiang, J. et al., "Carbendazim has the potential to induce oxidative stress, apoptosis, immunotoxicity and endocrine disruption during zebrafish larvae development", *Toxicology in Vitro* 2015, 29(7):1473-1481; Singh, S., Singh, N., Kumar, V. et al., "Toxicity, monitoring and biodegradation of the fungicide carbendazim", *Environmental Chemistry Letters* 2016, 14: 317-329; Jin, C., Zeng, Z., Wang, C., Luo, T., Wang, S., Zhou, J., Ni, Y., Fu, Z., Jin, Y., "Insights into a Possible Mechanism Underlying the Connection of Carbendazim-Induced Lipid Metabolism Disorder and Gut Microbiota Dysbiosis in Mice", *Toxicological Sciences* 2018, 166(2): 382-393; Durand, P., Martin, G., Blondet, A., Gilleron, J., Carrette, D., Janczarski, S., Christin, E., Pointis, G., Perrard, M.H., "Effects of low doses of carbendazim or iprodione either separately or in mixture on the pubertal rat seminiferous epithelium: An ex vivo study", *Toxicology in Vitro* 2017, 45(3):366-373; Jin, Y., Zeng, Z., Wu, Y., Zhang, S., Fu, Z., "Oral Exposure of Mice to Carbendazim Induces Hepatic Lipid Metabolism Disorder and Gut Microbiota Dysbiosis", *Toxicological Sciences* 2015, 147(1):116-26; Rama, E.M., Bortolan, S., Vieira, M.L., Gerardin, D.C., Moreira, E.G., "Reproductive and possible hormonal effects of carbendazim", *Regulatory Toxicology and Pharmacology* 2014, 69(3):476-486.

⁽⁶⁾ Opinjonij tal-BPC tal-10 ta' Diċembru 2019 dwar l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva: Carbendazim, Tip ta' prodott: 7; Opinjonij tal-BPC tas-27 ta' Frar 2019 dwar l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva: Carbendazim, Tip ta' prodott: 9; Opinjonij tal-BPC tal-10 ta' Diċembru 2019 dwar l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva: Carbendazim, Tip ta' prodott: 10; https://echa.europa.eu/regulations/biocidal-products-regulation/approval-of-active-substances/bpc-opinions-on-active-substance-approval?diss=true&search_criteria_ecnumber=234-232-0&search_criteria_casnumber=10605-21-7&search_criteria_name=Carbendazim

⁽⁷⁾ Opinjonijiet tal-BPC għat-tipi ta' prodotti 7 u 10, p. 14.

⁽⁸⁾ https://www.umweltbundesamt.de/sites/default/files/medien/479/publikationen/texte_169-2020_belastung_der_umwelt_mit_bioziden_realistischer_erschaffen_-_schwerpunkt_eintraege_ueber_klaeranlagen.pdf

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- L. billi l-opinjoni tal-BPC għat-tipi ta' prodotti 7 u 10 ikkonkludew li l-użi fuq barra tal-carbendazim, inklużi ż-żebgħa (it-tip ta' prodott 7) u l-ġibs (it-tip ta' prodott 10), joħlqu riskju inaċċettabbli fil-kompartimenti tal-ilma tas-superfiċje u tas-sediment, minħabba li ma hemm disponibbli l-ebda miżura adegwata ta' mitigazzjoni tar-riskji biex jiġu evitati rilaxxi fid-drenaġġ tul il-ħajja tas-servizz (ħames snin għat-tip ta' prodott 7 u 25 sena għat-tip ta' prodott 10) ta' oġġetti ttrattati;
- M. billi l-approvazzjoni tal-carbendazim għall-użu fit-tipi ta' prodotti 7 u 10, anki għal perjodu qasir ta' tliet snin, għalhekk tirriżulta fi skariku dirett ta' carbendazim fl-ambjent mill-ilma tax-xita għal perjodu massimu ta' 25 sena;
- N. billi l-Iżvezja ddikjarat fl-opinjoni minoritarja tagħha lill-BPC li l-lissija matul il-ħajja fis-servizz ta' prodotti applikati u oġġetti ttrattati (eż. żebgħa u ġibs) għall-użi kollha fuq barra toħloq riskji inaċċettabbli għall-ambjent, u li dan ir-riskju ma jistax jittaffa skont ir-rapport ta' valutazzjoni;
- O. billi l-fatt li l-opinjoni tal-BPC jikkonkludu li l-użu tal-carbendazim fit-tipi ta' prodotti 7, 9 u 10, rispettivament, jippreżenta l-istess riskji inaċċettabbli kelli jwassal għal deċiżjoni li l-carbendazim ma jiġix approvat għal dawn l-użi kollha fuq barra, u mhux biss għat-tip ta' prodott 9;
- P. billi l-użi fuq ġewwa tal-carbendazim jistgħu jippreżentaw ukoll riskji inaċċettabbli, minħabba li l-istudji⁽⁹⁾ qajmu tħassib li l-okkorrenza ta' carbendazim fl-ilma tas-superfiċje tiġi prinċipalment mill-iskariku ta' ilma mormi domestiku u industrijali ttrattat, minkejja l-konklużjoni tal-opinjoni tal-BPC li r-riskji għall-ambjent mill-użi fuq ġewwa tal-carbendazim huma aċċettabbli;

Kundizzjonijiet tal-approvazzjoni li jonqsu milli jtaffu r-riskji

- Q. billi, fid-dawl tar-riskji għall-ambjent identifikati għall-użi vvalutati, skont l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, il-carbendazim jista' jiġi approvat, sakemm ikunu osservati ċerti speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet dwar l-użu tiegħu, b'mod partikolari li l-valutazzjoni tal-prodott għandha "tagħti attenzjoni partikolari" lill-ilma tas-superfiċje, is-sediment, il-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art għal prodotti użati fiż-żebgħa jew fil-ġibs li huma maħsuba biex jintużaw fuq barra;
- R. billi l-opinjoni tal-BPC għat-tipi ta' prodotti 7 u 10 jindikaw riskji inaċċettabbli fil-kompartimenti tal-ilma tas-superfiċje u tas-sediment, kif ukoll jindikaw li, għall-użi vvalutati, ma hemm disponibbli l-ebda miżura adegwata ta' mmaniġġjar tar-riskji biex jiġu evitati rilaxxi fis-sistema tad-drenaġġ;
- S. billi t-talba tal-Kummissjoni għal "speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet" meħmuża mal-awtorizzazzjoni hija estremament vaga u mhijiex biżżejjed biex ittaffi t-tħassib ta' riskji inaċċettabbli; billi l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni ma jirrikjedix li l-Istati Membri jippreskrivu miżuri adegwati ta' mitigazzjoni tar-riskji, iżda sempliċement li jagħtu attenzjoni lir-riskji; billi l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni ma jqisx il-fatt li d-dokumenti ta' sostenn ikkonkludew li ma hemmx miżuri adegwati ta' mmaniġġjar tar-riskji disponibbli;

Koerenza bejn id-deċiżjoni tal-immaniġġjar tar-riskji u l-evidenza xjentifika li hija bbażata fuqha

- T. billi, u kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti"), meta tiġi adottata miżura ta' mmaniġġjar tar-riskji, id-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni trid tkun koerenti mal-evidenza xjentifika li hija bbażata fuqha; billi l-Kummissjoni tista' tinjora opinjoni xjentifika mogħtija matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, iżda mbagħad trid tipprovdi raġunijiet speċifiċi għas-sejbiet tagħha, ta' valur xjentifiku ekwivalenti, meta mqabbla ma' daww mogħtija fl-opinjoni; billi d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tagħha trid tispjega għaliex qed tinjora l-opinjoni⁽¹⁰⁾;
- U. billi d-deċiżjoni li l-carbendazim jiġi approvat bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 7 u 10 tikkontradixxi b'mod sinifikanti l-konklużjoni tal-opinjoni tal-BPC li l-użi fuq barra tal-carbendazim fiż-żebgħa (it-tip ta' prodott 7) u fil-ġibs (it-tip ta' prodott 10) joħlqu riskji inaċċettabbli fil-kompartimenti tal-ilma tas-superfiċje u tas-sediment meta wieħed iqis l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/8/KE moqri flimkien mal-Artikolu 5(1)(b) ta' dik id-Direttiva;

⁽⁹⁾ Merel, S., Benzing, S., Gleiser, C., Di Napoli-Davis, G., Zwiener, C., "Occurrence and overlooked sources of the biocide carbendazim in wastewater and surface water", Environmental Pollution 2018, 239:512-521.

⁽¹⁰⁾ Ara l-Kawża T-837/16, *L-Iżvezja vs. Il-Kummissjoni*, ECLI:EU:T:2019:144, il-paragrafu 69.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- V. billi r-raġunijiet għat-tbeġħid mill-konklużjoni tal-opinjoni tal-BPC li l-Kummissjoni tipprovdi fl-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tagħha huma limitati għall-argumenti li l-awtorizzazzjoni sħiħa tal-prodotti bijoċidali tirrikjedi pass addizzjonali fil-livell tal-Istati Membri u li r-rieżami skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 se jitwettagħ dalwaqt;
- W. billi dawġ ir-raġunijiet ma jispjegawx għaliex il-Kummissjoni qieset li l-carbendazim ma jippreżentax riskju inaċċettabbli għall-użi fit-tipi ta' prodotti 7 u 10 skont id-Direttiva 98/8/KE, b'mod partikolari minħabba li l-użu tal-istess sustanza attiva fit-tip ta' prodott 9 tqies li jippreżenta riskju inaċċettabbli, li wassal għad-deċiżjoni li ma tingħatax awtorizzazzjoni għal dak it-tip ta' prodott;
- X. billi dikjarazzjoni tar-raġunijiet għat-tbeġħid mill-konklużjonijiet tal-opinjoni tal-BPC mhijiex indispensabbli biss għall-kontroll tal-Qorti, iżda wkoll, b'mod aktar speċifiku, għall-Parlament biex ikun jista' jeżerċita s-setgħa ta' skrutinju tiegħu kif support;

Kunsiderazzjoni tal-alternattivi disponibbli

- Y. billi skont l-opinjoni tal-BPC għat-tip ta' prodott 7, il-carbendazim huwa maħsub biex jintuża bħala fungjiċida fi prodotti bijoċidali għal preservattivi tal-pellikoli li jiġu applikati jew inkorporati f'applikazzjonijiet finali bħal żebgħa; billi skont l-opinjoni tal-BPC għat-tip ta' prodott 10, il-carbendazim huwa maħsub biex jintuża bħala fungjiċida fi preservattivi tal-materjal tal-konstruzzjoni li jiġu applikati jew inkorporati fi prodotti finali bħal ġibs;
- Z. billi l-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm l-ebda alternattiva xierqa disponibbli għall-carbendazim abbażi biss ta' ħdax-il kontribuzzjoni mhux kunfidenzjali minn partijiet terzi, kollha kemm huma kumpaniji jew assoċjazzjonijiet industrijali, u li jmorru lura għall-2014; billi, jekk ikun hemm informazzjoni oħra disponibbli biex tappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, din għandha tkun disponibbli għall-Parlament biex ikun jista' jeżerċita bis-sħiħ is-setgħa ta' skrutinju tiegħu;
- AA. billi, skont l-opinjoni tal-BPC, il-biċċa l-kbira tal-kontribuzzjonijiet ma għamlux differenza bejn l-użi tal-carbendazim fit-tipi ta' prodotti 7, 9 u 10, u b'hekk ma ppermettewx lill-Kummissjoni tivvaluta kif support id-disponibbiltà ta' alternattivi għal kull wieħed mit-tipi ta' prodotti u użi separati;
- AB. billi l-informazzjoni pprovduta fil-kontribuzzjonijiet ċertament mhijiex dettaljata u aġġornata biżżejjed biex jiġi konkluż li hemm nuqqas ta' alternattivi xierqa għall-carbendazim għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 7 u 10;
- AC. billi, b'mod partikolari għat-tip ta' prodott 7, il-kontributori ddikjaraw li sostituzzjoni tal-carbendazim fiż-żebgħa hija teknikament possibbli, għalkemm qiesu li din tiegħu wisq żmien u tiġi tiswa wisq;
- AD. billi, b'mod partikolari għat-tip ta' prodott 10, il-kontributori ddikjaraw li sostituzzjoni tal-carbendazim fiż-żebgħa hija teknikament possibbli, għalkemm qiesu li din tiegħu wisq żmien u tiġi tiswa wisq; billi, skont l-opinjoni tal-BPC, minħabba l-għadd baxx ħafna ta' sustanzi attivi approvati għal dak it-tip ta' prodott, l-informazzjoni disponibbli għall-BPC bħalissa mhijiex biżżejjed biex jiġi deċiż jekk hemmx xi sustanza attiva oħra li tista' tipprovdi alternattiva għall-użu tal-carbendazim bħala preservattiv fil-ġibs ikkaratterizzat minn valur għoli ta' pH;
- AE. billi l-biċċa l-kbira tal-kontribuzzjonijiet ippreżentati lill-Kummissjoni fl-2014 ikkonkludew li s-sejba ta' alternattivi għall-carbendazim għat-tipi ta' prodotti 7 u 10, għalkemm mhux mingħajr diffikultajiet, kienet possibbli;
- AF. billi l-applikanti kellhom seba' snin biex jinvestigaw alternattivi potenzjali għall-carbendazim, li l-proprjetajiet ta' ħsara tiegħu huma magħrufa sewwa;
- AG. billi l-Kummissjoni, għalhekk, naqset milli tirrispetta d-dmir tagħha li tikkunsidra d-disponibbiltà ta' sustanzi alternattivi xierqa f'konformità mal-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 98/8/KE; billi ma nġatat l-ebda spjegazzjoni biex jiġi speċifikat fid-dettall fuq liema bażi l-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm sustanzi alternattivi xierqa u suffiċjenti disponibbli; billi dettalji bħal dawn huma ta' importanza kbira għall-eżitu tal-awtorizzazzjoni preżenti meta wieħed iqis il-profil tossikoloġiku tas-sustanza;
- AH. billi l-użi tal-carbendazim fit-tip ta' prodott 9 ma nġatawx approvazzjoni; billi l-ebda informazzjoni riċevuta u msemmija fl-opinjoni tal-BPC ma kienet speċifika għat-tip ta' prodott 9; billi l-istess tħassib tqajjem minn kontributori terzi rigward l-għadd limitat ta' alternattivi disponibbli, kif ukoll iż-żmien u l-ispejjeż meħtieġa għall-iżvilupp ta' alternattiva b'livell ekwivalenti ta' effettività għall-carbendazim għat-tip ta' prodott 9 bħal dawġ għat-tipi ta' prodotti 7 u 10;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- AI. billi, skont l-opinjoni tal-BPC għat-tipi ta' prodotti 7 u 10, il-kontributuri indikaw li huwa diffiċli li tiġi vvalutata d-disponibbiltà tal-alternattivi, minħabba li ħafna minnhom għad iridu jiġu rieżaminati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012; billi mhuwiex aċċettabbli li d-dewmien fit-twettiq tal-programm ta' rieżami għandu jservi bħala ġustifikazzjoni biex ixekkkel il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent;

Argumenti politiċi

- AJ. billi huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tipposponi n-nuqqas ta' approvazzjoni ta' sustanzi li jippreżentaw riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, bis-sempliċi ġustifikazzjoni li r-Regolament (UE) Nru 528/2012 se jgħin biex tali nuqqas ta' approvazzjoni jsir aktar sistematiku permezz ta' rieżamijiet futuri;
- AK. billi l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jistabbilixxi li skont il-punt 10 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jevalwaw jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament jistgħux jiġu ssodisfati fit-territorji tagħhom sabiex jiddeċiedu jekk prodott bijoċidali li jkun fih il-carbendazim jistax jiġi awtorizzat;
- AL. billi l-Kummissjoni ma għandhiex tkun qed tiddelega r-responsabbiltà għar-rifjut tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali li jkun fihom il-carbendazim lill-Istati Membri, abbażi tal-argument li l-informazzjoni riċevuta matul il-konsultazzjoni pubblika għall-kandidati potenzjali għas-sostituzzjoni hija ta' kwalità baxxa;
- AM. billi, kif propost mill-Kummissjoni, fuq l-oġġetti ttrattati se tkun meħtieġa biss tikketta li tipprovdi informazzjoni limitata u dik it-tikketta ma tkunx soġġetta għal skrutinju regolatorju qabel ma l-oġġett jitqiegħed fis-suq u jiġi nnegożjat bejn l-Istati Membri; billi, ladarba mhija meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni tal-prodott, mhux se jkun hemm evalwazzjoni ta' jekk l-effikaċja tal-prodott taqbilx mad-dikjarazzjonijiet tat-tikketta;
- AN. billi din is-sitwazzjoni ma tipprovdi livell għoli biżżejjed ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, u lanqas ma tipprovdi kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji tal-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi;
1. Iqis li l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhuwiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni, fis-sens li mhuwiex kompatibbli mal-għan u l-kontenut tad-Direttiva 98/8/KE jew tar-Regolament (UE) Nru 528/2012;
 2. Iqis, fid-dawl
 - a. tal-proprietajiet perikolużi tal-carbendazim,
 - b. tad-destin ambjentali tiegħu, kif ukoll tan-nuqqas ta' miżuri ta' mmaniġġjar tar-riskji ddikjarati fid-dokumenti ta' sostenn,
 - c. tan-nuqqas ta' data li tikkonkludi b'mod deċiżiv dwar in-nuqqas ta' alternattivi xierqa,
 - d. tal-perjodu ta' seba' snin li jkun għadda mill-preżentazzjoni tar-rapporti ta' valutazzjoni, u
 - e. tan-nuqqas ta' koerenza bejn id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-użi tal-carbendazim fit-tipi ta' prodotti 7, 9 u 10,li l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li japprova l-carbendazim bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 7 u 10, anki għal perjodu qasir ta' tliet snin, mhuwiex proporzjonat fid-dawl tar-riskji inaċċettabbli li joħloq għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, u kellu jwassal lill-Kummissjoni għall-konklużjoni ta' riskji inaċċettabbli, minħabba li l-użu tal-carbendazim fi prodott għadu jagħti lok għal tħassib;
 3. Iqis li l-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tagħha mhijiex biżżejjed biex il-Parlament ikun jista' jeżerċita s-setgħa ta' skrutinju tiegħu kif suppost;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' regolament ta' implimentazzjoni tagħha u tippreżenta abbozz għdid lill-kumitat, li jipproponi li l-carbendazim ma jiġix approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi ta' prodotti 7 u 10;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

5. Itenni li, għalkemm ir-rapporti ta' valutazzjoni ġew ippreżentati qabel l-1 ta' Settembru 2013, l-awtorizzazzjoni ta' sustanza kklassifikata bħala mutaġen tal-kategorija 1B u tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B, u bi proprjetajiet li potenzjalment ifixxlu s-sistema endokrinali toħloq riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem b'rabta ma' użi bħal dawk ikkunsidrati;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.
-

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0327

Analiżi tal-elezzjonijiet Ewropej

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar analiżi tal-elezzjonijiet Ewropej (2020/2088(INI))

(2021/C 425/11)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 10, 14 u 17(7) tiegħu,
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 20 u 22 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 21, 39 u 52(1) tagħha,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 17(6) u (7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u b'mod partikolari l-prinċipju 1 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/994 tat-13 ta' Lulju 2018 li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/937 tat-28 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2018/767 tat-22 ta' Mejju 2018 li tiffissa l-perjodu għad-disa' elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/673 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tat-3 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2019/493 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 rigward proċedura ta' verifika relatata mal-ksur ta' regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali fil-kuntest tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, kif emendat ⁽⁶⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 178, 16.7.2018, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 165 I, 2.7.2018, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 129, 25.5.2018, p. 76.

⁽⁴⁾ ĠU L 114 I, 4.5.2018, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 85 I, 27.3.2019, p. 7.

⁽⁶⁾ ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2015 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁷⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar it-titjib tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea bl-isfruttament tal-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona ⁽⁸⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar evoluzzjonijiet u aġġustamenti possibbli tal-istruttura istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018 dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa l-perjodu għad-disa' elezzjoni tar-rappreżentanti għall-Parlament Ewropew b'vot dirett universali ⁽¹⁰⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Lulju 2019 dwar l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni ⁽¹²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-indhila elettorali barrani u d-diżinformazzjoni fil-proċessi demokratiċi nazzjonali u Ewropej ⁽¹³⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2019 dwar l-istat tad-dibattitu dwar il-Futur tal-Ewropa ⁽¹⁴⁾,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar it-twaqqif ta' kumitat speċjali għall-indhila barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni, ir-responsabbiltajiet, il-kompożizzjoni numerika u l-mandat tiegħu ⁽¹⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport ta' informazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ta' Marzu 2019 dwar id-drittijiet reali tal-persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-ħidma tal-Unjoni Interparlamentari (IPU) dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari l-Pjan ta' Azzjoni tagħha għal Parlamenti sensittivi għall-Ġeneru,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0211/2020),
- A. billi l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 irreġistraw l-ogħla rata ta' parteċipazzjoni f'kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew fl-aħħar 20 sena, b'50,66 % (żieda ta' 8 punti perċentwali meta mqabbla mal-2014), u b'hekk bagħtu sinjal pożittiv li ċ-ċittadini Ewropej qed jieħdu interess akbar fl-iżviluppi fil-livell tal-UE u li jemmnu li l-leġiżlazzjoni tal-UE għandha impatt fuq il-ħajja ta' kuljum tagħhom; billi, madankollu, din iċ-ċifra taħbi differenzi kbar bejn l-Istati Membri, ir-rata ta' astensjoni baqgħet għolja u għalhekk trid issir aktar ħidma biex tiżdied il-parteeipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej;
- B. billi r-riżultati tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru kkummissjonat mill-Parlament wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 juru li l-istat tal-ekonomija u tal-ambjent kienu ż-żewġ prijoritajiet ewlenin għall-votanti, u dan jindika b'mod ċar li ċ-ċittadini li hađu sehem fl-elezzjonijiet Ewropej jixtiequ li tittieħed aktar azzjoni fil-livell tal-UE f'dawn iż-żewġ oqsma ta' politika, li għalihom il-kompetenza hija kondiviża bejn l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali ⁽¹⁶⁾;

⁽⁷⁾ ĠU C 366, 27.10.2017, p. 7.

⁽⁸⁾ ĠU C 252, 18.7.2018, p. 215.

⁽⁹⁾ ĠU C 252, 18.7.2018, p. 201.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 390, 18.11.2019, p. 170.

⁽¹¹⁾ ĠU C 463, 21.12.2018, p. 83.

⁽¹²⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0002.

⁽¹³⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0031.

⁽¹⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0098.

⁽¹⁵⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0161.

⁽¹⁶⁾ Ewrobarometru 91.5, "The 2019 Post-Electoral Survey – Have European Elections Entered a New Dimension?" (L-istħarriġ Postelettoral tal-2019 – L-elezzjonijiet Ewropej Hađu Dimensjoni Ġdida), Parlament Ewropew, Settembru 2019.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- C. billi l-għażla t-tajba tas-sistema elettorali toħloq l-ambjent it-tajjeb għaċ-ċittadini biex jemmnu fid-dritt demokratiku bażiku tagħhom li jivvutaw għar-rappreżentanti demokratiċi tagħhom u, fl-istess ħin, għar-rappreżentanti politiċi biex jisinghu lill-votanti tagħhom u jirrappreżentaw l-interessi tagħhom, u bħala tali tinħoloq awtoeffikaċja fost iċ-ċittadini;
- D. billi skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru, ir-rata ogħla ta' nies li ħarġu jivvutaw kienet parzjalment dovuta għaż-żieda fil-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, għalkemm hemm probabbiltà akbar li l-persuni fil-grupp ta' età ta' aktar minn 40 sena jivvutaw; billi aktar minn 50 % taż-żgħażaġh ivvutaw minħabba sens ta' dmir ċiviku u b'reazzjoni għall-emerġenza klimatika;
- E. billi l-impenn bla waqfien tas-soċjetà ċivili kellu rwol kruċjali fid-dibattitu pro-Ewropew qabel l-elezzjonijiet Ewropej;
- F. billi ż-żieda fil-parteċipazzjoni kienet marbuta wkoll mal-gwadanji minn partiti pro-Ewropej li jirċievu voti minn ġenerazzjonijiet iżgħar, li żiedu mal-maġġoranza pro-Ewropea fil-Parlament Ewropew, iżda r-riżultati tal-Ewroxettiċi, tal-populisti u tal-movimenti nazzjonalisti, li jheddu l-proġett ta' integrazzjoni tal-UE, għandhom jittieħdu bħala twissija;
- G. billi r-rata ta' parteċipazzjoni ogħla hi sinjal ukoll li ċ-ċittadini tal-UE jridu azzjoni rapida, demokratika u effettiva dwar kwistjonijiet importanti bħall-impjieg, l-għoli tal-ħajja, id-dumping soċjali, it-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-demokratizzazzjoni;
- H. billi jeħtieġ li nkunu aktar effiċjenti u proattivi biex nieħdu vantaġġ mill-mezzi kollha ta' komunikazzjoni, inkluża t-teknoloġija diġitali, biex inrawmu rabta qawwija bejn id-deċiżjonijiet politiċi meħuda fil-livell tal-UE u s-sens ta' konnessjoni tal-kostitwenti mal-istituzzjonijiet tal-UE;
- I. billi filwaqt li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fost il-Membri tal-Parlament Ewropew tjetbet (41 % nisa fl-2019, żieda minn 37 % fl-2014), għadna ma wasalniex għal Parlament b'bilanċ bejn il-ġeneri; billi dawn iċ-ċifri jaħbu differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u l-ħafna sfidi li għad iridu jingħelbu jekk trid tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- J. billi Ursula von der Leyen hija l-ewwel President mara tal-Kummissjoni Ewropea; billi 13 mill-Kummissarji tagħha huma nisa, u dan jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' Kummissarji nisa fl-istorja;
- K. billi s-soċjetà diversa u multikulturali tal-Ewropa jeħtieġ li tkun rappreżentata aħjar fil-Parlament Ewropew;
- L. billi 15-il Stat Membru għadhom jirrestrinġu d-drittijiet tal-vot għal persuni b'diżabilità, u b'hekk jimpedixxu l-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni sinifikanti ta' dawn iċ-ċittadini fi proċessi demokratiċi; billi bħala riżultat tar-regoli nazzjonali, huwa stmat li 800 000 ċittadin tal-UE ma setgħux jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw fl-aħħar elezzjonijiet Ewropej minħabba d-diżabilità jew il-problemi ta' saħħa mentali tagħhom;
- M. billi t-tibdil demografiku u t-tixx tas-soċjetajiet tagħna huma fatturi li se jżidu l-għadd ta' persuni residenti fi stabbilimenti tal-kura fit-tul u fl-isptarijiet; billi għandu jitħeġġeġ l-użu usa' tal-arranġamenti formali speċifiċi magħmula għal dawn il-persuni f'ħafna Stati Membri;
- N. billi l-iskadenza għar-reġistrazzjoni fir-reġistru elettorali tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor, minn 90 jum sa 3 ijiem qabel l-elezzjonijiet; billi r-rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej jirakkomanda li r-reġistri elettorali jingħalqu tal-inqas ġimagħtejn qabel ma jsiru l-elezzjonijiet;
- O. billi skont rapport konġunt imfassal mill-Federazzjoni Ewropea tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali li jaħdmu mal-Persuni mingħajr dar (FEANTSA) u l-Fondazzjoni Abbé-Pierre⁽¹⁷⁾, hemm mill-inqas 700 000 persuna mingħajr dar fl-UE u kważi 9 miljun unità domestika jgħixu f'akkomodazzjoni fi stat gravi ta' inadegwatezza; billi din iċ-ċifra żdiedet b'70 % fl-isparju ta' 10 snin; billi huwa diffiċli ħafna għall-persuni mingħajr dar li jivvutaw;

⁽¹⁷⁾ FEANTSA u Fondazzjoni Abbé-Pierre, "Fifth Overview of Housing Exclusion in Europe 2020" (Il-Ħames Ħarsa Ġenerali tal-Esklużjoni tal-Akkomodazzjoni fl-Ewropa 2020), Lulju 2020.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- P. billi r-riforma tal-Att Elettorali tal-1976, kif adottata mill-Parlament Ewropew fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-4 ta' Lulju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 ⁽¹⁸⁾, għadha mhix kompletament ratifikata minn tliet Stati Membri;
- Q. billi l-Parlament għandu jsegwi l-proposti tiegħu għal emendi għall-Att Elettorali, li għadhom ma ġewx ratifikati minn xi Stati Membri, b'qawwa u b'impetu mġedda għal regoli elettorali Ewropej unifikati;
- R. billi l-eżitu tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 wassal għall-ħolqien ta' maġġoranza parlamentari ġdida magħmula minn gruppi politiċi differenti b'identità ċara favur l-Ewropa;
- S. billi l-elezzjonijiet tal-2019 naqsu milli jwasslu biex il-President tal-Kummissjoni jingħażel minn fost id-diversi Spitzenkandidaten minħabba l-oppożizzjoni tal-Kunsill, li wasslet għal tnaqqis tal-fiduċja fil-proċess; billi l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni tiddependi fuq l-iżgurar tal-appoġġ tal-maġġoranza tal-Membri tal-Parlament Ewropew; billi huma biss uħud miċ-ċittadini tal-UE li ħadu sehem fl-elezzjonijiet Ewropej li jemmnu li l-vot tagħhom jista' jagħmel differenza fil-każ ta' elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni, u dan jenfasizza l-hteġa li jkun hemm sensibilizzazzjoni dwar il-proċess fost iċ-ċittadini tal-UE;
- T. billi l-proċess ta' Spitzenkandidaten għadu mhux żviluppat kompletament; billi l-proċess għadu nieqes, fost affarijiet oħra, mill-possibbiltà li Spitzenkandidaten joħorġu bħala kandidati uffiċjali, li jippermetti lill-votanti Ewropej kollha jivvutaw għall-iSpitzenkandidat preferut tagħhom u jkunu konxji ta' min huma l-kandidati għall-presidenza tal-Kummissjoni u kif intgħażlu mill-partiti politiċi Ewropej; billi l-Parlament qajjem din il-kwistjoni fid-deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar ir-rieżami tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ⁽¹⁹⁾,
- U. billi s-sistema ta' Spitzenkandidaten jeħtieġ li tiġi riformata bħala kwistjoni ta' urġenza permezz ta' riflessjoni fil-fond fil-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, billi titqies in-natura proporzjonali tas-sistema elettorali Ewropea, u billi din trid tkun lesta biex tiġi applikata fl-elezzjonijiet Ewropej li jmiss fl-2024; billi din ir-riflessjoni għandha tinkludi wkoll ir-rwol politiku *de facto* tal-Kummissjoni u l-President tagħha u kwalunkwe bidla relatata mal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni;
- V. billi l-fatt li 8 % biss ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ qalu li vvutaw fl-aħħar elezzjonijiet sabiex jinfluwenzaw l-għażla tal-President tal-Kummissjoni ⁽²⁰⁾ li jmiss jissottolinja l-fatt li l-proċess tal-għażla tal-President tal-Kummissjoni jeħtieġ li jiġi ċċarat bħala kwistjoni ta' urġenza u li jsir aktar trasparenti għall-votanti;
- W. billi l-proposti istituzzjonali bħal-listi transnazzjonali, kif imsemmi mill-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, li tqiegħed il-partiti u l-movimenti politiċi Ewropej fiċ-ċentru tal-elezzjonijiet Ewropej, it-trasformazzjoni tal-Kunsill bħala t-tieni kamra leġiżlattiva tal-Unjoni, kif propost fir-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 dwar l-evoluzzjonijiet u l-aġġustamenti possibbli fl-istruttura istituzzjonali attwali tal-Unjoni Ewropea, jew l-introduzzjoni tal-possibbiltà li l-partiti u l-movimenti politiċi jiffurmaw koalizzjonijiet preelettorali jistgħu jgħinu biex l-elezzjonijiet Ewropej isiru elezzjoni unika Ewropea, u mhux ġabra ta' 27 elezzjoni nazzjonali separata kif inhi llum;
- X. billi l-proċess tal-eżami tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi u tas-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji nnominati mill-Parlament Ewropew kien pass importanti biex jiżdied id-dover ta' rendikont tal-Kummissjoni lejn il-Parlament u l-pubbliku inġenerali; billi dan il-proċess jista' u għandu jittejjeb aktar fil-futur;
- Y. billi l-proċessi demokratiċi kemm fil-livell ta' Stat Membru kif ukoll tal-UE kienu fil-mira ta' setgħat barranin, xi drabi b'raba ma' parteċipanti interni, sabiex jinfluwenzaw l-eżitu tal-elezzjonijiet u jdgħajfu l-Unjoni; billi l-mekkaniżmi mqiegħda fis-seħħ mill-istituzzjonijiet tal-UE, bħall-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni u s-Sistema ta' Twissija Rapida għall-elezzjonijiet ikkontribwiet biex jiġi mitigat l-indħil barrani matul il-kampanja elettorali;

⁽¹⁸⁾ ĠU C 118, 8.4.2020, p. 246.⁽¹⁹⁾ ĠU C 463, 21.12.2018, p. 89.⁽²⁰⁾ Ewrobarometru 91.5, Settembru 2019.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- Z. billi t-talbiet tal-Kummissjoni lill-pjattaformi tal-media soċjali qabel l-elezzjonijiet ħolqu konfużjoni u wasslu għal konsegwenzi mhux mistennija bħall-projbizzjoni fuq riklami politiċi fl-Ewropa kollha, li hu wieħed mill-modi ewlenin għall-partiti politiċi Ewropej biex ikunu identifikati u rikonnoxxuti mill-votanti matul il-kampanji elettorali Ewropej; billi partikolarment fuq din il-kwistjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw approċċ interistituzzjonali sabiex iħallu impatt pożittiv fuq is-sigurtà u l-istabbiltà tal-proċess elettorali; billi l-Kodiċi ta' Prattika huwa purament volontarju u jiffoka fuq it-trasparenza aktar milli fuq limiti reali bħal fuq riklami politiċi mmirati;
- AA. billi l-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej huma l-faċilitaturi ta' dibattitu politiku Ewropew b'suċċess, kemm matul kif ukoll lil hinn mill-elezzjonijiet Ewropej, u għandhom isiru aktar viżibbli; billi, bis-saħħa ta' dan ir-rwol importanti, il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għandhom jiżguraw trasparenza finanzjarja massima dwar il-fondi li jimmaniġġjaw, b'mod partikolari fir-rigward tal-fondi mill-baġit tal-UE;
- AB. billi l-partiti politiċi Ewropej jiffaċċjaw diversi restrizzjonijiet għall-kampanji matul l-elezzjonijiet Ewropej, inkluża l-possibbiltà limitata għal finanzjament tal-kampanji u attivitajiet kondiviżi mal-partiti membri nazzjonali tagħhom, u huma pprojbati milli jagħmlu kampanji *preferenda* nazzjonali dwar kwistjonijiet Ewropej;
- AC. billi t-twelid ta' partiti politiċi u movimenti ġodda qabel l-elezzjonijiet Ewropej wera l-interess taċ-ċittadini fl-innovazzjoni politika;
- AD. billi r-regoli nazzjonali diverġenti għall-istabbiliment tal-partiti u l-aċċess għall-elezzjonijiet Ewropej għadhom ostaklu sinifikanti għall-innovazzjoni politika u għall-ħolqien ta' dibattitu politiku pan-Ewropew reali;
- AE. billi għe rrapportat li minħabba l-organizzazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-votanti fir-Renju Unit, madwar miljun ċittadin Ewropew ġew imċaħħda mill-possibbiltà li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej;
1. Jilqa' l-parteċipazzjoni ogħla fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, li turi li t-tendenza ta' tnaqqis fl-għadd ta' votanti fl-Ewropa tista' titreġġa' lura, iżda fl-istess ħin jesprimi diżappunt għar-rata għolja kontinwa ta' astensjoni u li madwar l-UE kważi nofs il-votanti eliġibbli kollha ma tefgħux il-vot; jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-kampanji mmexxija mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżdied l-għadd ta' votanti, b'mod partikolari l-kampanja tal-Parlament "Din id-darba se nivvota"; jenfasizza li jeħtieġ li jittieħdu aktar azzjonijiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew biex il-votanti jiġu inċentivati jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej; iqis li l-parteċipazzjoni ogħla turi li proporzjon akbar ta' ċittadini jqisu li l-UE hi l-livell xieraq fejn jiġu indirizzati l-isfidi ta' żminijietna bħall-ekonomija u t-tkabbir sostenibbli, it-tibdil fil-klima u l-protezzjoni ambjentali, l-inugwaljanzi soċjali u tal-ġeneru, ir-rivoluzzjoni diġitali, il-promozzjoni tal-libertà, tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, u d-demografija, u t-tħassib ġeopolitiku bħall-migrazzjoni u l-politika barranija, is-sigurtà u r-rwol tal-UE fid-dinja; jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE, għalhekk, jerfgħu r-responsabbiltà u jaġixxu skont il-mandat li ngħataw, direttament jew indirettament, miċ-ċittadini;
2. Jinsab fiduċjuż li t-tendenza ta' żieda fl-għadd ta' votanti tista' tiġi ripetuta jekk jissaħħu l-konnessjoni u r-responsabbiltà bejn il-votanti u l-kandidati u jiġu diskussi l-isfidi u l-programmi politiċi tal-UE madwar l-Istati Membri;
3. Jilqa' ż-żieda sostanzjali ta' parteċipazzjoni ta' zghażaġh fl-elezzjonijiet; itenni s-sejħa tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iqisu t-tħassib tagħhom, li huwa fundamentali għall-ġenerazzjonijiet li jmiss permezz ta' proċeduri ta' konsultazzjoni pubblika u l-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirriflettaw dwar l-armonizzazzjoni tal-età minima tal-votanti sabiex ikompli jsaħħu l-parteċipazzjoni tal-votanti zghażaġh;
4. Jilqa' l-fatt li l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-Parlament tjebe wara l-aħħar elezzjonijiet; jenfasizza, madankollu, li għad hemm lok għal aktar titjib sabiex jinkiseb Parlament ġenwinament bilanċjat bejn il-ġeneri u jirrikonoxxi li hemm differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri, minn dawk li jeleġġu aktar minn 50 % nisa għal dawk li ma jeleggux Membru mara waħda tal-Parlament Ewropew; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ħalli jippromwovu l-prinċipju ta' ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tul il-proċess elettorali kollu; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' reġistri elettorali li jirrispettaw il-bilanċ bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni biex, f'kooperazzjoni mal-Parlament u korpi oħra bħall-Kummissjoni ta' Venezja, tifformula rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri bil-ħsieb li

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

tiżdied ir-rappreżentanza tan-nisa fil-Parlament Ewropew, u jitlob l-introduzzjoni ta' listi ta' kandidati b'numru uguali ta' kandidati rġiel u nisa f'karigi eletti, pereżempju permezz tal-użu ta' listi żippjati jew metodi ekwivalenti oħra, peress li f'hafta Stati Membri m'hemm l-ebda leġiżlazzjoni li tiżgura parità politika għall-elezzjoni;

5. Jinnota li f'tit Membri biss tal-Parlament Ewropew jappartjenu għal minoranzi etniċi, lingwistiċi u minoranzi oħra ⁽²¹⁾; jemmaen li l-ġlieda kontra r-razziżmu u l-eliminazzjoni tal-esklużjoni u tad-diskriminazzjoni huma dmir li joħroġ mill-valuri tal-UE u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza li jeħtieġ li jsir aktar fil-livell nazzjonali u Ewropew sabiex tiżdied aktar l-inklużjoni fil-listi elettorali u l-elezzjoni tal-minoranzi u jistieden lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej biex jadottaw miżuri proattivi ħalli tiżdied ir-rappreżentanza ta' gruppi sottorappreżentati;

6. Ifakkar, f'dan id-dawl, fid-diffikultajiet partikolari li jiffaċċjaw il-persuni Rom fil-qasam tal-parteeipazzjoni politika, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni tal-votanti minħabba, fost l-oħrajn, nuqqas ta' dokumentazzjoni tal-identità; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-edukazzjoni u l-parteeipazzjoni tal-votanti Rom;

7. Jinnota li rakkomandazzjonijiet simili jistgħu jsiru dwar l-eżerċizzju ta' drittijiet ta' votazzjoni passivi u attivi ta' ċittadini b'diżabilità; Ifakkar bi tħassib kbir li fl-Unjoni kollha madwar 800 000 ċittadin b'diżabilità ma setgħux jivvutaw fl-2019 minħabba r-regoli nazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-iskambji tal-aħjar Prattika sabiex itejbu l-aċċess għall-postijiet tal-votazzjoni għall-persuni b'diżabilità; jirrimarka li għall-votanti b'diżabilità l-arranġamenti Prattiċi tal-votazzjoni huma importanti daqs l-aċċess għall-informazzjoni jew għall-postijiet tal-votazzjoni;

8. Ihegġegħ lill-Istati Membri jiggarantixxu li daww kollha li għandhom id-dritt li jivvutaw, inklużi ċ-ċittadini tal-UE li jgħixu barra mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom, il-persuni mingħajr dar u l-priġunieri li jingħataw tali dritt skont il-liġijiet nazzjonali, ikunu jistgħu jeżerċitaw dan id-dritt;

9. Jinnota li kulturi elettorali diverġenti rriżultaw f'firxa ta' sistemi elettorali differenti; jirakkomanda li jkun hemm regolamenti, rakkomandazzjonijiet u linji gwida ċari li jiżguraw approssimazzjoni lejn liġi elettorali Ewropea unifikata u l-ugwaljanza tal-vot għaċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt li wieħed jirreġistra partit u li joħroġ għall-elezzjonijiet, l-aċċess għall-votazzjoni, it-tressiq ta' kandidati, l-aċċessibilità, il-votazzjoni bi prokura jew mill-bogħod, u l-ġranet tal-elezzjoni;

10. Jirrikonoxxi l-organizzazzjoni tajba tal-proċess elettorali fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 minkejja l-inċertezza li rriżultat mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE; jenfasizza, f'dan il-kontest, ir-rikompożizzjoni bla xkiel tal-Parlament Ewropew wara l-Brexit minħabba l-klawsola ta' salvagwardja stabbilita fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew;

11. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex, qabel l-elezzjonijiet tal-2024, jagħmlu aktar riżorsi disponibbli fil-konsulati sabiex il-kontrolli jkun jistgħu jiġu intensifikati u l-membri tal-pubbliku jsiru konxji li l-votazzjoni multipla hija illegali;

12. Jistieden lill-Istati Membri jtejb u l-liġijiet tagħhom sabiex jagħmlu aktar faċli għall-persuni mingħajr dar li jivvutaw; jenfasizza li l-insistenza li n-nies jagħtu prova ta' indirizz sabiex jivvutaw, kif stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 li tistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu mhumix ċittadini ⁽²²⁾, tista' sservi biex teskludi persuni mingħajr dar f'pajjiżi fejn ma jistgħux jiksbu indirizz amministrattiv; jirakkomanda bil-qawwa li r-rekwiżit li tingħata prova ta' indirizz jitneħħa sabiex ikun aktar faċli għal persuni mingħajr dar li huma ċittadini sħaħ tal-UE sabiex jivvutaw;

13. Huwa tal-fehma li l-proċess ta' Spitzenkandidaten naqas milli jipproduċi President tal-Kummissjoni Ewropea wara l-elezzjonijiet tal-2019 minħabba, l-ewwel nett, li ma ġie adottat l-ebda titjib fl-applikazzjoni tal-prinċipju Spitzenkandidat wara l-esperjenza tal-2014 u, it-tieni, minħabba n-nuqqas ta' spjegazzjoni u fehim tal-proċess fost iċ-ċittadini tal-UE; għandu l-ħsieb li jirriforma l-proċess demokratiku rigward l-għażla tal-President tal-Kummissjoni qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss tal-2024; jinnota, madankollu, li l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni dejjem tiddependi fuq l-iżgurar tal-appoġġ tal-maġġoranza tal-Membri tal-Parlament Ewropew sabiex ir-riżultati elettorali jitqiesu bis-sħiħ, kif previst fit-Trattat ta' Lisbona;

⁽²¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2020 bit-titolu "Rapport dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019" (COM(2020)0252).

⁽²²⁾ ĠU L 329, 30.12.1993, p. 34.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

14. Jissottolinja r-rwol importanti tal-Konferenza li jmiss dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa fid-dibattitu dwar kwistjonijiet istituzzjonali, anke fid-dawl tal-eżitu tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2019; jilqa' d-dikjarazzjoni konġunta li jmiss tat-tliet istituzzjonijiet tal-UE dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u jitlob l-adozzjoni rapida tagħha; ifakkar fl-impenn tal-President tal-Kummissjoni li tindirizza suġġetti speċifikament relatati ma' proċessi demokratiċi u kwistjonijiet istituzzjonali, inkluż fil-kuntest tal-Konferenza, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Konferenza nnifisha dwar il-lista ta' prijoritajiet li għandhom jiġu indirizzati;

15. Jenfasizza li l-elezzjoni tal-Kummissjoni u tal-President tagħha tiddependi fuq maġġoranza tal-membri tal-Parlament, li fil-fatt titlob il-formazzjoni ta' koalizzjoni bi ftehim programmatiku, kif muri fl-elezzjoni tal-Kummissjoni von der Leyen;

16. Jirrimarka li xejn ma jżomm lill-partiti u l-movimenti Ewropej milli jiffurmaw koalizzjonijiet qabel l-elezzjonijiet Ewropej, u b'hekk jippreżentaw programm konġunt u Spitzenkandidat f'koalizzjoni unika;

17. Iqis li l-eżitu tal-elezzjonijiet Ewropej saħħa id-dimensjoni politika tal-elezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, u għalhekk il-ħtieġa ta' skrutinju aktar bir-reqqa u oġġettiv tad-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-Kummissarji nnominati; jemmen, barra minn hekk, li dan il-proċess enfasisza l-ħtieġa ta' evalwazzjoni teknika u imparzjali tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji nnominati; jappoġġa r-riflessjoni li ġejja fil-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO) u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) dwar il-ħolqien ta' korp indipendenti tal-etika, li jista' jingħata r-riżorsi xierqa; jissottolinja, madankollu, li l-approvazzjoni jew ir-rifjut ta' kull Kummissarju nnominat u tal-Kulleġġ tal-Kummissarji huwa fl-aħħar mill-aħħar eżerċizzju politiku li jinsab fermament f'idejn il-Parlament Ewropew;

18. Jinsisti li l-votanti kollha Ewropej għandhom ikunu jistgħu jivvutaw għall-kandidat preferut tagħhom għall-President tal-Kummissjoni; itenni, għalhekk, li l-iSpitzenkandidaten għandhom ikunu jistgħu jgħorġu bħala kandidati uffiċjali fl-elezzjonijiet li jmiss fl-Istati Membri kollha, eletti minn partit politiku Ewropew u jgħorġu bħala kandidat għal programm elettorali Ewropew unifikat; jenfasizza li, meta titqies is-sistema elettorali proporzjonali tal-UE, l-elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea għandha tiddependi fuq il-kapaċità tal-kandidat li jikseb appoġġ mill-maġġoranza tal-Membri tal-Parlament Ewropew;

19. Jirrimarka li t-tibdil propost għal-liġi primarja tal-UE fi ħdan dan ir-rapport, li jirrifletti r-rwol politiku akbar tal-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tal-UE, għandu jinkludi wkoll ir-responsabbiltà individwali u kollettiva tal-Kummissjoni lejn il-Parlament u l-Kunsill, kif ukoll it-trasformazzjoni tal-Kunsill bħala t-tieni kamra leġislattiva tal-Unjoni;

20. Jipproponi riforma tal-Liġi Elettorali u d-deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew, li tipprevedi kemm titjib immedjat għall-elezzjonijiet li ġejjin kif ukoll pjan direzzjonali miftiehem u obbligatorju ta' titjib lil hinn mill-elezzjonijiet li ġejjin;

21. Jagħraf li minkejja l-fatt li r-riforma maqbula tal-Liġi Elettorali għadha ma ġietx ratifikata minn xi Stati Membri, l-elementi li ġejjin li jistgħu jtejb u l-proċess elettorali Ewropew jistgħu jiġu diskussi, inkluż fil-kuntest tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa;

— metodi ġodda ta' votazzjoni remota għaċ-ċittadini matul l-elezzjonijiet Ewropej f'ċirkostanzi speċifiċi jew eċċezzjonali,

— regoli komuni ta' ammissjoni għall-kandidati u regoli komuni dwar il-kampanji u l-finanzjament,

— standards armonizzati għal drittijiet tal-vot passivi u attivi fl-Istati Membri kollha, inkluża riflessjoni dwar it-tnaqqis tal-età minima tal-votanti fl-Istati Membri kollha għal 16-il sena,

— dispożizzjonijiet dwar perjodi ta' assenza għall-Membri, pereżempju fil-każ ta' liv tal-maternità, liv tal-ġenituri jew mard serju;

22. Itenni t-talba tiegħu għall-istabbiliment ta' Awtorità Elettorali Ewropea b'mandat li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-linji gwida u d-dispożizzjonijiet relatati mal-liġi elettorali Ewropea; jirrakkomanda t-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' skambju bejn l-uffiċċji elettorali nazzjonali taħt il-koordinazzjoni tal-Awtorità Elettorali Ewropea;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

23. Jesprimi tħassib kbir dwar il-fatt li ħarġet evidenza ta' ndħil u kampanji ta' diżinformazzjoni b'mod kontinwu, spiss b'indikazzjonijiet ta' influwenza barranija, fit-thejgħ għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2019; ifaħħar l-isforzi tal-Kummissjoni u ta' istituzzjonijiet oħra biex jindirizzaw l-ndħil barrani matul il-kampanja elettorali, b'mod partikolari permezz tat-Task Force East StratCom tas-SEAE; jirrimarka, madankollu, li r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex jilqgħu għal dawn l-attakki fuq id-demokrazija Ewropea, inkluż fil-livell nazzjonali, huma ħafna aktar superjuri mir-riżorsi Ewropej ikkombinati maħsuba għal dan il-għan; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-iffinanzjar li huma jagħmlu disponibbli għall-ġlieda kontra l-ndħil barrani; jenfasizza li għandha tingħata prijorità lit-titjib tal-edukazzjoni li t-tfal jirċievu minn età żgħira fl-użu tal-midja u l-edukazzjoni ċivika, fis-soċjetà kollha kemm hi u fl-iskejjel, sabiex tiġi żviluppata l-kapaċità tan-nies li jaħsbu b'mod kritiku u jidentifikaw informazzjoni mhux sostanzjata u links għal informazzjoni verifikabbli;

24. Iqis li l-ndħil illeġittimu fil-proċessi elettorali mhuwiex fenomenu esklużivament barrani; jemmen li l-algoritmi li jippromwovu l-kontenut tal-pjattaformi tal-midja soċjali jridu jiġu skrutinizzati u, jekk ikun meħtieġ, regolati sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni disponibbli għaċ-ċittadini ma tkunx preġudikata u li d-dritt tagħhom għall-informazzjoni jiġi protett matul u lil hinn mill-kampanji elettorali;

25. Jemmen li d-diffikultajiet iffaċċjati bir-reklami politiċi fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali juru l-ħtieġa li jiġu armonizzati r-regoli tal-kampanja madwar l-Unjoni, speċjalment meta l-elezzjonijiet Ewropej *de facto* jwasslu għal kampanji pan-Ewropej fejn il-ħtieġa li jkun hemm konformità ma' 27 reġim legali differenti fi spazju diġitali toħloq ostakli u inċertezza legali għall-partiti u l-movimenti politiċi;

26. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġġieldu b'mod effettiv l-ndħil barrani u d-dimensjonijiet interni u esterni tad-diżinformazzjoni, biex jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ mal-Kumitat Speċjali dwar l-Indħil Barrani fil-Proċessi Demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-Diżinformazzjoni (INGE), u biex iqisu bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu hekk kif jaslu l-konklużjonijiet tiegħu u qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaħdmu ħafna aktar mill-qrib mal-Parlament dwar dawn il-kwistjonijiet, peress li l-protezzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna hija kompetenza ewlenija tal-Parlament Ewropew;

27. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-partiti, il-movimenti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej fit-thegħiġ ta' dibattitu politiku Ewropew; jirrimarka, madankollu, li minħabba miżuri restrittivi fil-livelli Ewropej u nazzjonali, il-partiti politiċi Ewropej ma jistgħux jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-kampanji għall-elezzjoni Ewropea; jenfasizza, madankollu, li dawn ma jistgħux iwettqu kampanji *referenda* li jikkonċernaw kwistjonijiet Ewropej, inklużi ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali jew ir-*referendum* tar-Renju Unit tal-2016 dwar is-sħubija fl-UE; jitlob allinjament ulterjuri tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE sabiex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE għall-elezzjonijiet Ewropej; jipproponi li l-viżibbiltà tal-partiti u l-movimenti politiċi Ewropej tissaħħaħ billi isimhom u l-logos tagħhom jitqiegħdu fuq il-karti tal-vot, u jirrakkomanda li l-istess għandu jidher ukoll fuq il-materjal kollu użat fil-kampanji elettorali Ewropej;

28. Iqis li l-manifesti tal-partiti politiċi Ewropej għandhom ikunu magħrufa qabel l-elezzjonijiet, u dan jirrikjedi regoli ċari u trasparenti dwar il-kampanji; jissottolinja l-fatt li r-regoli tal-elezzjonijiet Ewropej iridu jippromwovu d-demokrazija tal-partiti Ewropej, inkluż billi jagħmluha obbligatorja li l-partiti nazzjonali li jkunu qed imexxu l-elezzjonijiet Ewropej juru l-logo tal-partit Ewropew rispettiv tagħhom ħdejn il-logo nazzjonali fuq il-polza tal-votazzjoni;

29. Jipproponi li r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej⁽²³⁾ jiġi emendat biex il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-ispazju politiku Ewropew, fil-kampanji elettorali u fl-użu tal-fondi tal-kampanji u joħorġu għall-elezzjonijiet Ewropej, iżidu t-trasparenza tal-finanzjament tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi mill-baġit tal-UE u meta l-fondi jiġu minn partiti membri, u jipprojbixxi donazzjonijiet minn entitajiet privati u pubbliċi minn pajjiżi barra mill-UE; jenfasizza, madankollu, li l-miżati tas-sħubija minn partiti mill-pajjiżi tal-Kunsill tal-Ewropa jistgħu jitħallew bil-għan li jitrawmu rabtiet politiċi pan-Ewropej, sakemm dan iseħħ fi ħdan qafas ta' trasparenza msaħħa;

(23) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

30. Jirrimarka li l-manifesti tal-partiti Ewropej kienu għadhom mhumiex parti rilevanti mid-dibattitu politiku qabel l-elezzjonijiet tal-2019; jiddispjaċih ħafna dwar każijiet meta tali dibattitu kien iffukat fuq suġġetti nazzjonali minflok kwistjonijiet tal-UE, mingħajr ebda rabta diretta mat-tfassil tal-politika tal-UE; iqis li d-dimensjoni Ewropea tal-elezzjonijiet tista' tittejjeb bl-aktar mod sinifikanti permezz ta' aktar informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-UE u l-impatt ta' tali deċiżjonijiet fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum;

31. Huwa tal-fehma li l-introduzzjoni ta' Ġimgħa Ewropea annwali li sseħħ b'mod simultanju fil-parlamenti nazzjonali kollha, b'dibattiti dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni bejn il-Membri tal-Parlamenti nazzjonali, il-Kummissarji Ewropej, il-Membri tal-Parlament Ewropew u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, tappoġġa l-ħolqien ta' sferi pubbliċi interparlamentari konnessi u ttejjeb il-komunikazzjoni tal-azzjonijiet Ewropej fil-livell nazzjonali;

32. Jappella għal strateġija kkoordinata fil-livell Ewropew biex tiġi żgurata l-kopertura mill-midja tal-elezzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari billi jiġi żgurat li l-aġendi politiċi tad-diversi forzi politiċi Ewropej jiġu diskussi, li l-kandidati li joħorġu għall-elezzjonijiet Ewropej fi Stati Membri differenti jiġu mistiedna u li l-avvenimenti marbuta mal-kampanji elettorali jiġu koperti;

33. Jinkoraġġixxi lix-xandara pubbliċi jospitaw u jxandru dibattiti bejn il-kandidati ewlenin, kif ukoll bejn il-kandidati li joħorġu għall-Parlament Ewropew, bħala parti mill-mandat tagħhom biex jinfurmaw lill-pubbliku;

34. Iqis li l-eżitu tal-elezzjonijiet Ewropej hu sinjal ċar għal riflessjoni istituzzjonali profonda li tippermetti liċ-ċittadini, lis-soċjetà ċivili u lir-rappreżentanti tagħhom isawru l-futur tal-Unjoni; jissottolinja li t-tifqigħa tal-COVID-19 żiedet l-urġenza ta' proċess ta' riforma istituzzjonali fil-livell Ewropew; jistieden, għalhekk, lis-sħab istituzzjonali kollha jassumu r-responsabbiltà tagħhom u jwettqu Konferenza ambizzjuża, interattiva u inklużiva dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa miftuħa għaċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tagħhom u li ssaħħaħ id-demokrazija rappreżentattiva u r-reżiljenza tal-UE billi tagħti riżultati tanġibbli, u jagħtu segwitu għall-konklużjonijiet tal-Konferenza, peress li dan għandu jwassal għal bidliet sinifikanti fil-politiki u l-arkitettura istituzzjonali tal-UE u jsaħħaħ il-proġett Ewropew;

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0328

Is-sitwazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea – Rapport Annwali għas-snin 2018-2019**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea – Rapport Annwali għas-snin 2018-2019 (2019/2199(INI))**

(2021/C 425/12)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC)
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR),
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),
- wara li kkunsidra r-referenzi magħmula fir-rapporti preċedenti dwar l-istat tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 20 tal-Karta, li jiddikjara li kull persuna hija ugwali quddiem il-liġi,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 21 tal-Karta, li jipprojbixxi kull tip ta' diskriminazzjoni,
- wara li kkunsidra l-obbligu għall-UE li taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem skont l-Artikolu 6(2) tat-TUE,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew l-etniċità ⁽¹⁾ ("Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali"),
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forum u espressionijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali ⁽⁵⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.⁽²⁾ ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.⁽³⁾ ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.⁽⁴⁾ ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17.⁽⁵⁾ ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra d-dibattitu tas-sessjoni plenarja tiegħu fi Strasburgu dwar azzjoni urġenti meħtieġa biex tiġi indirizzata l-problema tal-persuni mingħajr dar fl-Ewropa, li saret fit-13 ta' Jannar 2020,
- wara li kkunsidra l-Prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jiddikjara li “għandu jiġi provdut aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali jew għajjuna għall-akkomodazzjoni ta' kwalità tajba għal dawk fil-bżonn”,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 31 tal-Karta Soċjali Ewropea Riveduta dwar id-Dritt għall-Akkomodazzjoni,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 34(3) tal-Karta, li jafferma d-dritt għall-għajjuna soċjali u għall-akkomodazzjoni sabiex jiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali u l-faqar,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-2019 dwar il-Faqar fost dawk li jaħdmu ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-FRA “Combating child poverty: an issue of fundamental rights” (Il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal: kwistjoni ta' drittijiet fundamentali),
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2280 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, tal-11 ta' April 2019, dwar is-sitwazzjoni tal-migranti u r-rifuġjati fil-ġejjer Griegi ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-4 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Karta Soċjali Ewropea Riveduta dwar id-dritt għal kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 31 tal-Karta dwar kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' April 2019 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (2019/C 136/01),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-impjegi u l-politiki soċjali taż-żona tal-euro ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għaż-Żagħżagħ għall-2019-2027, ibbażata fuq ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI ⁽¹²⁾,

⁽⁶⁾ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=89&furtherNews=yes&langId=mt&newsId=9378>

⁽⁷⁾ <http://assembly.coe.int/nw/xml/XRef/Xref-XML2HTML-en.asp?fileid=27678&lang=mt>

⁽⁸⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0350.

⁽⁹⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0033.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105.

⁽¹¹⁾ ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.

⁽¹²⁾ ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titlu “It-tieni rapport dwar il-progress li sar fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (2018) kif meħtieġ skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi” (COM(2018)0777),
- wara li kkunsidra t-8 Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet GRETA ⁽¹³⁾ u r-rapporti GRETA dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin mill-Istati Membri kollha ⁽¹⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tat-28 ta' Novembru 2018 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment bit-titlu “Pjaneta Nadifa għal Kulħadd: Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima” (COM(2018)0773) ⁽¹⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Prinċipju 16 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jshaq fuq id-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni ⁽¹⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 dwar linji gwida għall-Istati Membri biex jiġi evitat li l-assistenza umanitarja tiġi kriminalizzata ⁽¹⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2018 dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti ⁽¹⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Ottubru 2014 dwar l-alternattivi għad-detenzjoni tat-tfal immigranti (RES 2020),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Ġunju 2019 bit-titlu “Lives saved. Rights protected. Bridging the protection gap for refugees and migrants in the Mediterranean” (Ħajjiet salvati. Drittijiet protetti. Nagħlqu d-distakk ta' protezzjoni għar-rifuġjati u l-migranti fil-Mediterran) ⁽¹⁹⁾;
- wara li kkunsidra r-Rapport 2019 dwar id-Drittijiet Fundamentali mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-aġġornament tiegħu ta' Ġunju 2019 tan-nota tal-FRA bit-titlu “NGO ships involved in search and rescue in the Mediterranean and criminal investigations” (Vapuri tal-NGOs involuti fit-tfittxija u s-salvataġġ fil-Mediterran u investigazzjonijiet kriminali) ⁽²⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2017 dwar is-sistemi penitenzjarji u l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet ⁽²¹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu ⁽²²⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2015 fil-Jum Internazzjonali tar-Rom – l-anti-Żingariżmu fl-Ewropa u r-rikonnoxximent, min-naħa tal-UE, tal-jum ta' tifikira tal-ġenoċidju tar-Rom matul it-Tieni Gwerra Dinjija ⁽²³⁾,

⁽¹³⁾ <https://rm.coe.int/8th-/168094b073>

⁽¹⁴⁾ <https://www.coe.int/en/web/anti-human-trafficking/country-monitoring-work>

⁽¹⁵⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018DC0773&from=EN>

⁽¹⁶⁾ ĠU C 58, 15.2.2018, p. 9.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 118, 8.4.2020, p. 130.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 41, 6.2.2020, p. 41.

⁽¹⁹⁾ <https://rm.coe.int/lives-saved-rights-protected-bridging-the-protection-gap-for-refugees-/168094eb87>

⁽²⁰⁾ <https://fra.europa.eu/en/publication/2019/2019-update-ngo-ships-involved-search-and-rescue-mediterranean-and-criminal>

⁽²¹⁾ ĠU C 346, 27.9.2018, p. 94.

⁽²²⁾ ĠU C 307, 30.8.2018, p. 183.

⁽²³⁾ ĠU C 328, 6.9.2016, p. 4.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar aspetti tad-drittijiet fundamentali fl-integrazzjoni tar-Rom fl-UE: il-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu ⁽²⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2019 dwar il-ħtieġa li jissaħħa il-Qafas Strateġiku tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Inklużjoni tar-Rom wara l-2020 u li tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-anti-Żingariżmu ⁽²⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom: nikkumbattu l-attitudnijiet negattivi fil-konfront ta' persuni ta' oriġini Romani fl-Ewropa ⁽²⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-FRA bit-titlu "Roma women in nine EU countries" (Nisa Rom f'disa' pajjiżi tal-UE),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2018 dwar il-pluraliżmu tal-midja u l-libertà tal-midja fl-Unjoni Ewropea ⁽²⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-protezzjoni u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-minoranzi fl-Istati Membri tal-UE ⁽²⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità b'riferiment partikolari għall-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD ⁽²⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-użu tad-data tal-utenti ta' Facebook minn Cambridge Analytica u l-impatt fuq il-protezzjoni tad-data ⁽³⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar iż-żieda fil-vjolenza neo-Faxxista fl-Ewropa ⁽³¹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali ⁽³²⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tas-17 ta' Jannar 2019 dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri ⁽³³⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2019 dwar It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni – Pjan ta' azzjoni (COM(2019)0343),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2020)0580) u s-27 kapitolu tal-pajjiżi li jakkumpanjawha dwar l-istat tad-dritt fl-Istati Membri (SWD(2020)0300-0326), li jindirizzaw l-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 meħuda mill-Istati Membri fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2019 dwar id-drittijiet tal-persuni intersesswali ⁽³⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2019 dwar id-dritt għal protesta paċifika u l-użu proporzjonat tal-forza ⁽³⁵⁾,

⁽²⁴⁾ ĠU C 346, 27.9.2018, p. 171.

⁽²⁵⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0075.

⁽²⁶⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0229.

⁽²⁷⁾ ĠU C 41, 6.2.2020, p. 64.

⁽²⁸⁾ ĠU C 463, 21.12.2018, p. 21.

⁽²⁹⁾ ĠU C 101, 16.3.2018, p. 138.

⁽³⁰⁾ ĠU C 345, 16.10.2020, p. 58.

⁽³¹⁾ ĠU C 345, 16.10.2020, p. 22.

⁽³²⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0251.

⁽³³⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0349.

⁽³⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0128.

⁽³⁵⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0127.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2019 dwar id-drittijiet fundamentali tal-persuni ta' dixxendenza Afrikana fl-Ewropa ⁽³⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2019 dwar il-kriminalizzazzjoni tal-edukazzjoni sesswali fil-Polonja ⁽³⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2019 dwar id-drittijiet tat-tfal fl-okkażjoni tat-30 anniversarju tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal ⁽³⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2019 dwar ir-rigressjoni attwali tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE ⁽³⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/951 dwar standards għall-korpi għall-ugwaljanza ⁽⁴⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2018 tal-Kummissjoni dwar il-Lista ta' azzjonijiet sabiex isir progress fl-ugwaljanza tal-LGBTI,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar diskriminazzjoni pubblika u diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, inklużi ż-żoni mingħajr LGBTI ⁽⁴¹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità ⁽⁴²⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smiġh li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija ⁽⁴³⁾,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) tad-19 ta' Diċembru 2017 fil-Kawża A.R. u L.R. v l-Iżvizzera (22338/15), li affermat li edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità għandha l-għanijiet leġittimi ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, ta' protezzjoni tat-tfal kontra vjolenza sesswali, u li tħejjihom għar-realtajiet soċjali, għaldaqstant, ma rrikonoxxi obbligu min-naħa tal-Istati Membri sabiex jippermettu lill-ġenituri joħroġu lit-tfal tagħhom minn din l-edukazzjoni,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-QEDB fil-Kawża Sh.D u oħrajn v il-Greċja, l-Awstrija, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja u s-Slovenja ⁽⁴⁴⁾ li tafferma li l-vulnerabbiltà estrema tat-tfal għandu jkollha prevalenza fuq l-istatus irregolari b'miżuri meħtieġa adottati għall-protezzjoni tagħhom, u li l-awtoritajiet kisru l-Artikolu 5 billi awtomatikament applikaw ir-reġim ta' kustodja protettiva mingħajr ma kkunsidraw ebda alternattiva għad-detenzjoni jew ir-reqwiżit skont id-dritt tal-UE li jevitaw d-detenzjoni tat-tfal ⁽⁴⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tat-3 ta' Ottubru 2019 dwar il-vjolenza ostetrika u ġinekoloġika (RES 2306) u r-rapport relatat tal-Kumitat dwar l-Ugwaljanza u n-Nondiskriminazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-12 ta' Settembru 2019, li fih l-Assemblea tistieden lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa jiġġieldu kontra l-vjolenza ġinekoloġika u ostetrika u tagħti rakkomandazzjoni dwar kif dan għandu jsir,
- wara li kkunsidra d-Dokument dwar Kwistjoni bit-titlu "Women's sexual and reproductive health and rights in Europe" (Is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa fl-Ewropa) (2017) mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa,

⁽³⁶⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0239.

⁽³⁷⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0058.

⁽³⁸⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0066.

⁽³⁹⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0111.

⁽⁴⁰⁾ ĠU L 167, 4.7.2018, p. 28.

⁽⁴¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0101.

⁽⁴²⁾ ĠU C 76, 9.3.2020, p. 114.

⁽⁴³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0014.

⁽⁴⁴⁾ Applikazzjoni Nru 141165/16, Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2019.

⁽⁴⁵⁾ <https://www.asylumlawdatabase.eu/en/content/ecthr-shd-and-others-v-greece-austria-croatia-hungary-northern-macedonia-serbia-and-slovenia>

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa wara ż-żjara tagħha fl-Ungerija bejn l-4 u t-8 ta' Frar 2019 ⁽⁴⁶⁾,
- - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa 2299 (2019) dwar il-politiki u l-prattika tal-pushback fil-membri tal-Kunsill tal-Ewropa ⁽⁴⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-rapporti mill-NGOs nazzjonali, Ewropej u internazzjonali, kif ukoll ir-rapporti mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa,
- wara li kkunsidra l-ħidma mwettqa mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni ta' Venezia,
- wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-QEDB,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, li nfetħet għall-iffirmar f'Istanbul fil-11 ta' Mejju 2011 ("Il-Konvenzjoni ta' Istanbul"),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-miżuri l-oħra biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ⁽⁴⁸⁾,
- wara li kkunsidra l-ħidma tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni tal-2018 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ⁽⁴⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapporti tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2018 u l-2019 ⁽⁵⁰⁾,
- wara li kkunsidra d-dokument tal-FRA "Civil society space: views of organisations" (Spazju tas-soċjetà ċivili: il-fehmiet tal-organizzazzjonijiet) kif ukoll ir-rapport tal-FRA "Challenges facing civil society organisations working on human rights in the EU" (L-isfidi li qed jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-UE),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0226/2020),

A. billi l-UE mhijiex biss unjoni monetarja, iżda wkoll waħda soċjali, kif minqux fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fil-Karta Soċjali Ewropea u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; billi l-Artikolu 151 tat-T-FUE jirreferi għad-drittijiet soċjali fundamentali bħal dawk stabbiliti fil-Karta Soċjali Ewropea; billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u inkorporati fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mid-dritt primarju tal-UE; billi l-Unjoni għadha ma aderietx mal-KEDB, minkejja l-obbligu tagħha li tagħmel dan skont l-Artikolu 6(2) tat-TUE;

⁽⁴⁶⁾ <https://rm.coe.int/report-on-the-visit-to-hungary-from-4-to-8-february-2019-by-dunja-mija/1680942f0d>

⁽⁴⁷⁾ <http://assembly.coe.int/nw/xml/XRef/Xref-XML2HTML-EN.asp?fileid=28074&lang=en>

⁽⁴⁸⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0080.

⁽⁴⁹⁾ Ir-rapport tal-2018 tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali: <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/784b02a4-a1f2-11e9-9d01-01aa75ed71a1/language-en>

⁽⁵⁰⁾ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2018/ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2019:

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- B. billi dawn il-valuri huma kondiviżi mill-Istati Membri kollha u għandhom jiġu appoġġati u promossi attivament mill-UE u minn kull Stat Membru b'mod individwali fil-politiki kollha tagħhom, kemm internament kif ukoll esternament b'mod konsistenti; billi r-rispett tal-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u billi l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà aħħarija għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem ta' kulħadd;
- C. billi l-Artikolu 17 TUE jistipula li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati; billi rifjut minn Stat Membru li jirrispetta d-dritt tal-UE, is-separazzjoni tal-poteri, l-indipendenza tal-ġudikatura u l-prevedibbiltà tal-azzjonijiet tal-Istat qed jimmina l-kredibbiltà tal-UE; billi ġudikatura indipendenti, il-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni u l-pluraliżmu tal-media huma komponenti kruċjali tal-istat tad-dritt;
- D. billi fis-snin 2018 u 2019 l-UE ffaċċjat sfidi serji u b'diversi aspetti b'rabta mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, li lkoll huma minsuġa f'xulxin; billi l-Ewrobarometru Speċjali tal-Kummissjoni Ewropea ta' Marzu 2019 juri li l-għarfien dwar il-Karta għadu batut; billi skont l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, fl-2018 mhux biss instab ksur tad-drittijiet tal-bniedem madwar l-UE, iżda wkoll ir-rifjut tas-sistemi ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali⁽⁵¹⁾;
- E. billi hija meħtieġa promozzjoni aħjar tal-Karta, pereżempju permezz ta' kampanji li jippromwovu s-sensibilizzazzjoni, sabiex id-dispożizzjonijiet tagħha jsiru aktar effettivi u tiġi promossa bħala sors pożittiv ta' interpretazzjoni; billi skambju akbar ta' informazzjoni dwar l-esperjenzi u l-approċċi għall-użu tal-Karta bejn l-imħallfin, l-assoċjazzjonijiet tal-avukati u l-amministrazzjonijiet pubbliċi fi ħdan l-Istati Membri, kif ukoll lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, inkluż permezz tal-użu, fejn xieraq, ta' strumenti ta' finanzjament eżistenti, bħal dawk previsti fil-Programm dwar il-Ġustizzja, kif ukoll programmi ta' taħriġ immirati għall-professionisti fil-qasam legali, jista' jkun ta' benefiċċju;
- F. billi l-korruzzjoni tikkostitwixxi theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet fundamentali u tagħmel ħsara lill-Istati Membri kollha u lill-UE kollha kemm hi; billi l-implimentazzjoni tal-qafas legali kontra l-korruzzjoni għadha mhijiex indaqs fost l-Istati Membri;
- G. billi ż-żieda fl-impjiegi prekarji, kif ukoll il-qgħad fost iż-żgħażaġħ huma inkwetanti ħafna u jistgħu jwasslu għal impatti negattivi fit-tul fuq id-drittijiet minnuxa fl-Artikolu 31 tal-Karta;
- H. billi d-drittijiet tat-tfal huma minnuxa fil-Karta; billi l-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu kunsiderazzjoni kruċjali fl-azzjonijiet kollha tal-UE u l-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal għandu jkun irrispettat bis-sħiħ fid-deċiżjonijiet kollha ta' leġiżlazzjoni, tal-qrati u tal-gvern f'kull livell; billi l-Istati Membri għandhom jiżguraw id-dritt għall-edukazzjoni għat-tfal kollha fl-UE u jipproteġuhom minn kwalunkwe diskriminazzjoni;
- I. billi l-vjolenza sessista fil-forom kollha tagħha, inklużi l-fastidju u l-vjolenza fuq il-post tax-xogħol, id-dar u online, hija ksur tad-drittijiet fundamentali li jaffettwa l-livelli kollha tas-soċjetà, irrispettivament mill-età, mill-edukazzjoni, mill-introjt, mill-pożizzjoni soċjali u mill-pajjiż ta' oriġini jew ta' residenza, u tirrappreżenta ostaklu kbir għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; billi sa l-11-il Stat Membru ma jipprovdux data dwar in-nisa vittmi ta' omiċidju volontarju mis-sieħeb intimu jew minn membru tal-familja⁽⁵²⁾;
- J. billi l-QEDB stabbiliet li diversi tipi ta' degradazzjoni ambjentali jistgħu jirriżultaw fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem, bħad-dritt għall-ħajja, għall-ħajja privata u tal-familja, il-projbizzjoni ta' trattament inuman u degradanti, u t-tgawdija fil-paċi tad-dar⁽⁵³⁾; billi l-inġustizzji ambjentali huma regolarment relatati ma' riskji għas-saħħa u konsegwenzi negattivi għall-benesseri, u ċerti komunitajiet u gruppi, inklużi gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati, kif ukoll persuni suwed u persuni ta' kulur u minoranzi etniċi, huma affettwati b'mod sproporzjonat minn piżijiet ambjentali;

⁽⁵¹⁾ https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2018-frf-2018-chair-statement_en.pdf

⁽⁵²⁾ https://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/20190390_mh0419039enn_pdf.pdf

⁽⁵³⁾ <https://www.coe.int/en/web/commissioner/-/living-in-a-clean-environment-a-neglected-human-rights-concern-for-all-of-us>

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- K. billi l-aċċess għall-ġustizzja huwa dritt fundamentali, u l-impunità tirrappreżenta ostaklu sinifikanti għall-irkupru u l-protezzjoni tal-vittmi;
- L. billi fis-snin riċenti kien hemm rigressjoni fid-drittijiet tan-nisa u l-bniet, fejn xi Stati Membri fittxew li jreggħu lura s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, bħall-aspetti ta' protezzjoni legali eżistenti għall-aċċess min-nisa għal trattamenti abortivi, inkluża l-introduzzjoni ta' prekundizzjonijiet rigressivi qabel ma jkunu jistgħu jsiru aborti, bħal konsulenza ppreġudikata obbligatorja jew perijodi ta' stennija, in-nuqqas li jiġi żgurat li l-ostakli li jimpedixxu l-aċċess għall-abort fil-prattika jinqerdu, kif ukoll tentattivi sabiex l-abort jiġi pprojbit għalkollox jew jitneħħew il-bażijiet legali eżistenti għall-abort; billi f'uħud mill-Istati Membri kien hemm tentattivi biex jiġu limitati jew ipprojbiti l-edukazzjoni sesswali u l-istudji tal-ġeneru u ssir promozzjoni ta' kampanji kontra l-Konvenzjoni ta' Istanbul li jiċħdu l-eżistenza tal-vjolenza sessista; billi r-rigressjoni fid-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri spiss tkun marbuta ma' deterjorament aktar mifrux fis-sitwazzjoni tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali;
- M. billi l-każijiet ta' vjolenza ginekoloġika u ostetrika ġew iddenunzjati dejjem aktar f'diversi Stati Membri⁽⁵⁴⁾; billi d-drittijiet tan-nisa fid-diversità kollha tagħhom huma protetti mit-Trattat, inklużi n-nisa Rom, in-nisa suwed u n-nisa ta' kulur, in-nisa LGBT u n-nisa b'diżabilità; billi n-nisa Rom huma partikolarment affettwati fir-rigward tad-drittijiet tan-nisa u ta' spiss jiffaċċjaw forom aggravati ta' fastidju verbali, fiżiku, psikoloġiku u razzjali f'kuntesti ta' kura tas-saħħa riproduttiva; billi r-Rom esperjenzaw ukoll segregazzjoni etnika fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa materna, u jitqiegħdu fi kmamar segregati bi kmamar tal-banju u faċilitajiet tal-ikel segregati; billi f'uħud mill-Istati Membri, ir-Rom ġew soġġetti għal Prattiki sistematiki ta' sterilizzazzjoni sfurzata u koerċittiva u ma setgħux jiksbru riparazzjonijiet adegwati, inkluż kumpens, għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom li rriżulta;
- N. billi l-UE kienet xhieda tat-tixrid tar-razziżmu, l-intolleranza, l-estremiżmu, il-ksenofobija, l-iżlamofobija u sentimenti antisemitiki anti-Rom li saru jitqiesu bħala normali fl-Istati Membri u huma mħaddna minn mexxejja u politiki madwar l-UE, u dan irawwem klima soċjali li tipprovdi art fertili għar-razziżmu, id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda; billi l-Musulmani, inklużi n-nisa Musulmani, ikomplu jesperjenzaw ostilità u intolleranza mifruxa f'bosta pajjiżi tal-UE⁽⁵⁵⁾; billi fir-rapport tagħha tal-2019, l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali indikat li f'ħafna pajjiżi seħħew Prattiki, politiki u liġijiet istituzzjonali diskriminatorji; billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-politiki kontra t-terroriżmu m'għandhomx iwasslu għal diskriminazzjoni ġenerali kontra ċerti komunitajiet; billi f'Diċembru tal-2018 l-FRA ħolqot l-ewwel bażi ta' data ddedikata dwar il-mibegħda anti-Musulmana; billi l-antisemitiżmu jidher li qed jikber, kif muri mir-rapport tal-4 ta' Lulju 2019 mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, fejn bosta Stati Membri rrappurtaw żidiet fir-reati mmotivati mill-antisemitiżmu; billi l-minoranzi etniċi u reliġjużi spiss jiffaċċjaw fastidju verbali, fiżiku, psikoloġiku u razzjali; billi l-iżvilupp tal-edukazzjoni u tat-taħriġ sabiex jitrawwem il-ħsieb kritiku, sabiex jingħataw għodod għall-identifikazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni u ta' intolleranza u jiġi promoss il-litteriżmu diġitali, huwa kruċjali;
- O. billi r-rikors akbar mill-istati għal teknoloġija ġdida, bħall-policing predittiv u l-użu ta' rikonossiment tal-wiċċ, jippreżenta numru ta' riskji b'mod partikolari għall-minoranzi razzjali fl-Ewropa;
- P. billi hemm rigressjoni serja fid-drittijiet tal-LGBTI, saħansitra sal-punt li ġew introdotti "żoni mingħajr LGBTI"⁽⁵⁶⁾ fi Stat Membru wieħed;
- Q. billi l-UE u l-Istati Membri qasmu kompetenzi fil-qasam tal-akkomodazzjoni; billi huma meħtieġa kemm strateġija nazzjonali kif ukoll strateġija fil-livell tal-UE; billi l-problema ta' persuni mingħajr dar hija sitwazzjoni li ċċaħħad lill-individwi mid-drittijiet tal-bniedem, u minnha nnifisha hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi hemm xejra ta' aktar evizzjonijiet u ta' problemi ta' persuni mingħajr dar madwar l-UE⁽⁵⁷⁾;

⁽⁵⁴⁾ <http://www.assembly.coe.int/LifeRay/EGA/Pdf/TextesProvisoires/2019/20190912-ObstetricalViolence-EN.pdf>

⁽⁵⁵⁾ https://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2017-eu-minorities-survey-muslims-selected-findings_mt.pdf

⁽⁵⁶⁾ Fil-Polonja ġew introdotti żoni ħielsa mil-LGBT – <https://atlasnienawisci.pl/>

⁽⁵⁷⁾ <https://www.coe.int/en/web/commissioner/-/the-right-to-affordable-housing-europe-s-neglected-duty>

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- R. billi llum il-ġurnata hemm nuqqas ta' provvista ta' djar bi prezzijiet raġonevoli fl-Ewropa, minkejja d-domanda li dejjem qed tiżdied; billi ħarsiet ġenerali annwali ppubblikati mill-Federazzjoni Ewropea tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali li Jaħdmu mal-Persuni mingħajr Dar (FEANTSA) sabu evidenza ta' żieda fil-problema ta' persuni mingħajr dar kważi fl-UE/fiż-ŻEE kollha; ir-rapport FEANTSA tal-2018 innota li t-tfal qed isiru l-akbar grupp ta' persuni f'postijiet ta' kenn ta' emerġenza b'riżultat ta' deterjorament fil-kundizzjonijiet tal-ġhajxien ta' familji estremament vulnerabbli ⁽⁵⁸⁾;
- S. billi l-libertà ta' espressjoni u l-libertà u l-pluraliżmu tal-media huma minqax fl-Artikolu 11 tal-Karta u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB); billi ġudikatura indipendenti, il-libertà ta' espressjoni u tal-informazzjoni u l-pluraliżmu tal-media huma komponenti kruċjali tal-istat tad-dritt u huma vitali għall-funzjonament demokratiku tal-UE u tal-Istati Membri tagħha;
- T. billi l-ġhadd ta' każijiet ta' theddid u ta' attacchi kontra l-ġurnalisti żdied madwar l-UE ⁽⁵⁹⁾; billi l-OSKE tirrapporta li l-impunità tipprevali billi, pereżempju, anqas minn 15 % tal-każijiet ta' qtil ta' ġurnalisti fir-reġjun tal-OSKE jissolvew (rapport tal-Libertà tal-Media); billi dan huwa deterjorament ċar fir-rigward tal-protezzjoni tal-ġurnalisti, li jimmina l-libertà tal-media u l-libertà ta' espressjoni, u b'hekk iqiegħed id-demokrazija fir-riskju;
- U. billi r-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar il-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media fl-UE saħqet li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iżommu lura milli jadottaw miżuri mhux meħtieġa jew sproporzjonati li jillimitaw l-aċċess għall-internet u l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, jew li jinvolvu t-teħid ta' kontroll tal-komunikazzjonijiet pubbliċi bl-impożizzjoni arbitrarja ta' stat ta' emerġenza jew għal raġunijiet oħra; billi dawn il-liġijiet kultant jużaw formulazzjoni vaga u impreċiża, u b'hekk iwasslu għal marġni wiesa' ta' diskrezzjoni għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'dak li għandu x'jaqşam mal-implimentazzjoni, u jżidu r-riskji ta' restrizzjonijiet arbitrarji għad-dritt għal-libertà tal-għaqda paċifika;
- V. billi fl-2018 u fl-2019 ġie pprovat li xi kumpaniji kbar tal-media soċjali, bi ksur tal-liġi eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data, taw lil applikazzjonijiet ta' partijiet terzi aċċess għad-data personali tal-utenti, u li d-data personali kienet qed tiġi abbużata dejjem aktar għat-tbassir u għall-manipulazzjoni tal-imġiba, inkluż għal skopijiet ta' kampanji elettorali; billi fid-dawl tal-iżvilupp kostanti tat-teknoloġija, l-interferenzi fid-drittijiet fundamentali jistgħu jkunu ta' livell serju; billi diversi sistemi ta' informazzjoni jista' jkollhom impatti fuq id-drittijiet fundamentali, bħall-protezzjoni tad-data u każijiet ta' ksur tal-privatezza;
- W. billi fid-dawl tal-iżvilupp kostanti tat-teknoloġija, l-interferenzi mad-drittijiet fundamentali ma jtbassrux faċilment; billi diversi sistemi ta' informazzjoni jista' jkollhom impatti fuq id-drittijiet fundamentali, bħan-nuqqasijiet fil-protezzjoni tad-data u każijiet ta' ksur tal-privatezza; billi l-interoperabbiltà akbar ta' dawn is-sistemi tista' twassal għal protezzjoni robusta u aktar puntwali taċ-ċittadini tagħna, u b'hekk ta' drittijietom, speċifikament fil-każijiet ta' tfal neqsin jew ta' traffikar tal-bniedem jew fl-indirizzar determinat tal-ħasil tal-flus; billi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn aġenziji differenti tal-UE li jaħdmu fuq is-sigurtà huma vitali għall-ġlieda tempestiva u effettiva kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, iżda anki għall-prevenzjoni taċ-ċiberkriminalità;
- X. billi l-informaturi u l-ġurnalisti jaqdu rwol essenzjali fi kwalunkwe demokrazija miftuħa u trasparenti; billi l-informaturi u l-ġurnalisti huma strumentali fil-promozzjoni tat-trasparenza, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, billi jirrapportaw kondotta illegali jew mhux xierqa li timmina l-interess pubbliku bħal atti ta' korruzzjoni, reati kriminali jew kunflitti ta' interess, li jirrappreżentaw theddidiet kontra d-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini; billi l-iżvelar tal-informazzjoni u l-ġurnaliżmu huma aspetti fundamentali tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni; billi l-ġurnalisti u atturi oħra fil-media fl-UE jiffaċċjaw attacchi, theddid u pressjonijiet multipli minn atturi statali u mhux statali; billi l-protezzjoni adegwata tal-ġurnalisti u tal-informaturi fil-livell tal-UE, f'dak nazzjonali u f'dak internazzjonali, kif ukoll rikonoxximent tar-rwol importanti moqdi mill-ġurnalisti, b'mod partikolari l-ġurnalisti investigattivi, u mill-informaturi fis-soċjetà, huma prerekwiżiti sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' rwoli simili;
- Y. billi l-Artikolu 11 tal-KEDB u l-Artikolu 12 tal-Karta jiddikjaraw li kulħadd għandu d-dritt għal-libertà tal-għaqda paċifika u għal-libertà ta' assoċjazzjoni, inkluż id-dritt li jiffurma u jingħaqad ma' trade unions għall-protezzjoni tal-interessi tiegħu; billi fis-soċjetajiet demokratiċi, il-libertà tal-għaqda hija waħda mill-istrumenti li permezz tagħha l-persuni jistgħu jipparteċipaw fid-dibattitu pubbliku u jġibu l-bidla soċjali;

⁽⁵⁸⁾ <https://www.feantsa.org/download/full-report-en1029873431323901915.pdf>

⁽⁵⁹⁾ <https://rm.coe.int/annual-report-2018-democracy-in-danger-threats-and-attacks-media-freed/1680926453>

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- Z. billi l-uffiċjali tal-pulizija attivi dejjem jeħtiġilhom ikunu identifikabbli sabiex jippermettu l-investigazzjonijiet ta' eċċessi possibbli tal-użu tal-forza u l-awtoritajiet nazzjonali jeħtiġilhom jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet assoċjati; billi l-Istati Membri għandhom livelli limitu differenti għall-użu tal-forza u tal-armi mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għaż-żamma tal-ordni pubbliku; billi diversi Stati Membri⁽⁶⁰⁾ adottaw liġijiet li jistgħu jwasslu għal restrizzjonijiet sproporzjonati tad-dritt għal-libertà tal-għaqda paċifika;
- AA. billi l-ispace għas-soċjetà ċivili f'ċerti Stati Membri dejjem qed ikompli jiekien; billi l-Istati Membri huma responsabbli biex jiżguraw li d-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ma jkunux ristretti, u li jkun hemm stabbilit ambjent leġiżlattiv u regolatorju abilitanti, kif imsaħħa fil-konklużjonijiet adottati reċentement mill-Kunsill dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali wara Għaxar Snin; is-Sitwazzjoni Attwali u l-Ħidma Futura; billi l-Istati Membri għandhom jappoġġaw ukoll il-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili permezz ta' finanzjament suffiċjenti u jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi għall-kooperazzjoni magħhom li jgħib il-benefiċċji;
- AB. billi l-kampanji sponsorjati mill-Istat u mhux mill-Istat biex jiskreditaw id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom l-għan li, permezz tal-istrateġiji tagħhom, ireġġgħu lura liġijiet dwar id-drittijiet fundamentali bażiċi; billi dawn il-kampanji spiss ġew imxerrda mill-media tradizzjonali u min-networks soċjali, filwaqt li daww li jiddefendu lill-migranti u lill-applikanti għall-asil, lill-komunità LGBTI+, lis-sopravvissuti ta' vjolenza sessista, lill-persuni ta' twemmin u reliġjon u lil gruppi marġinalizzati oħra jkomplu jiġu kkriminalizzati u stigmatizzati;
- AC. billi, skont l-IOM, 1 885 persuna fl-2019 u 2 299 persuna fl-2018 huma maħsuba li mietu jew għebu fil-Baħar Mediterran fi triqthom lejn l-Ewropa; billi r-rotta mil-Libja lejn l-Ewropa għadha r-rotta migratorja bl-ogħla għadd ta' mwiet fid-dinja (s'issa fl-2019 – 646 mewt) u kienet ħames darbiet aktar fatali fl-2018 milli fl-2015 b'mod partikolari minħabba tnaqqis fl-attivitajiet tat-tfittxija u s-salvataġġ (SAR) lil hinn mill-kosta Libjana⁽⁶¹⁾; billi s-salvataġġ tal-hajiet huwa att ta' solidarjetà ma' daww fir-riskju, iżda l-ewwel u qabel kollox huwa obbligu legali kemm skont id-dritt internazzjonali, peress li l-Artikolu 98 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) – li għet irratifikata mill-Istati Membri kollha u mill-Unjoni nnifisha – jirrikjedi li l-Istati jagħtu assistenza lil kwalunkwe persuna f'diffikultà fuq il-baħar, kif ukoll skont id-dritt tal-Unjoni⁽⁶²⁾;
- AD. billi l-kriminalizzazzjoni tas-solidarjetà komplet tintuża bħala għodda għat-tfixkil tal-ħidma tal-NGOs li jippruvaw isalvaw il-hajiet fil-Baħar Mediterran; billi tressqu akkużi kontra individwi b'raba mal-assistenza li pprovdew lill-migranti u lill-applikanti għall-asil f'diversi pajjiżi tal-UE, fatt li juri t-tendenza inkwetanti ta' kriminalizzazzjoni tal-assistenza umanitarja lill-migranti u lill-applikanti għall-asil;
- AE. billi l-UE għadha obbligu skont id-dritt tal-UE u d-dritt internazzjonali li tirċievi u tipproċessa l-applikazzjonijiet ta' daww li jiġu fl-UE u jfittxu asil; billi l-pushbacks jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-UE u tad-dritt internazzjonali u jżommu lill-applikanti għall-asil milli jibbenefikaw minn garanziji legali stabbiliti sew f'tali dritt; billi l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa esprimiet tħassib serju dwar rapporti konsistenti ta' pushbacks vjolenti;
- AF. billi l-migrazzjoni hija parti mill-passat, mill-preżent u mill-futur tal-UE u waħda mill-akbar sfidi ta' żminijietna li għadha implikazzjonijiet ċari għad-drittijiet fundamentali; billi l-applikanti għall-asil għandhom id-dritt u l-possibbiltà li jippreżentaw l-applikazzjonijiet għall-asil tagħhom fil-punti ta' qsim tal-fruntiera meta jidħlu fl-UE; billi kien hemm allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-migranti u tal-applikanti għall-asil; billi jeħtieġ li l-uffiċjali tal-fruntiera jipprovdu servizzi adegwati lir-rifuġjati, filwaqt li jqisu ċ-ċirkustanzi speċjali tal-persuni vulnerabbli, bħat-tfal, in-nies trawmatizzati u n-nisa tqal;

⁽⁶⁰⁾ Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, Shrinking space for freedom of peaceful assembly, Kunsill tal-Ewropa, Strasburg, 2019;

⁽⁶¹⁾ <https://www.iom.int/news/iom-mediterranean-arrivals-reach-110699-2019-deaths-reach-1283-world-deaths-fall>

⁽⁶²⁾ Ara wkoll l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar tal-1974 (SOLAS), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi (SAR) tal-1979 u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Salvataġġ tal-1989

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- AG. billi, skont l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, fl-2018 in-nisa kienu jirrappreżentaw 18 % mid-dħul illegali kollu fil-fruntieri esterni tal-UE u kważi wieħed minn kull ħames migranti ġew irreġistrati bħala tfal, b'madwar 3 750 minnhom mhux akkumpanjati; billi dawn in-nisa u t-tfal huma partikolarment vulnerabbli għal abbużi tad-drittijiet fundamentali tagħhom, bħat-traffikar tal-bnedmin; billi hemm bżonn li l-Istati Membri jibnu u jsaħħu s-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal biex jipprevjenu u jirreaġixxu għall-vjolenza, l-abbuż, in-negliġenza u l-isfruttament tat-tfal;
- AH. billi l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal migranti u t-tfal rifuġjati jingħataw aċċess għall-edukazzjoni f'tit wara li jaslu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea;
- AI. billi l-atti tat-terroriżmu jikkostitwixxu wieħed mill-iktar ksur serju tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet; billi matul l-2018 u l-2019, fl-Unjoni Ewropea seħħew atti ta' glorifikazzjoni tat-terroriżmu u ntweraw rispettt lejn it-terroristi; billi dawn it-tipi ta' atti jagħtu leġittimità lit-terroriżmu, jheddu d-demokrazija tagħna u jumiljaw lill-vittmi;

Drittijiet Ekonomiċi u Soċjali

1. Jirrikonoxxi li l-UE tiżvolġi rwol importanti fil-prevenzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-Istati Membri; jisħaq fuq l-importanza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jfasslu programmi speċifiċi mmirati biex itemmu l-faqar fost it-tfal, peress li trid tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-impatt partikolarment ħażin tal-faqar fuq l-iżvilupp soċjali, psikoloġiku u fiżiku tat-tfal; u fuq l-implikazzjonijiet għas-saħħa għall-ġenerazzjonijiet futuri tal-adulti; jisħaq fuq il-fatt li t-tfal jinsabu friskju sproporzjonat ta' esklużjoni soċjali u ekonomika u li t-tfal qed jesperjenzaw il-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom minħabba abbuż, vjolenza, sfruttament, faqar, u l-forom kollha ta' esklużjoni soċjali; jisħaq fuq il-fatt li l-faqar minnu nnifsu huwa forma ta' inġustizzja soċjali, li tibbaża ruħha fuq l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, fid-diskriminazzjoni u fil-possibbiltajiet mhux indaqs ta' aċċess għall-oġġetti u għas-servizzi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iqisu d-drittijiet fundamentali filwaqt li jagħmlu proposti ta' politika ekonomika u jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem jitwettqu flimkien ma' kwalunkwe deċizzjoni dwar l-adozzjoni tagħhom, sabiex jiġi vvalutat kwalunkwe impatt negattiv potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess għall-kura tas-saħħa, għal edukazzjoni ta' kwalità, għall-akkomodazzjoni b'kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd;

2. Jisħaq fuq il-fatt li tnaqqis kbir fl-infiq tal-gvern fuq is-servizzi pubbliċi kellu effetti serji fuq l-inugwaljanzi, li impattaw b'mod qawwi n-nisġa soċjali tal-UE f'ħażna Stati Membri u li dan għadu għaddej sal-lum – li jkompli jaggrava l-inugwaljanzi li diġà qed jikbru u jikser id-drittijiet fundamentali – u jaffettwa b'mod partikolari lin-nisa, il-persuni b'diżabilità, l-anzjani, it-tfal, il-migranti, ir-Rom, il-persuni li jivvjaġġaw, il-persuni LGBTI+, u l-persuni fi gruppi żvantaġġati oħrajn; itenni li l-politiki makroekonomiċi jridu jkunu ggwidati mhux biss mit-tkabbir ekonomiku iżda wkoll mill-istandards soċjali, bil-għan li jiġi żgurat li daww l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà jkunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet soċjali, politiċi u ekonomiċi tagħhom; jisħaq fuq il-fatt li l-aċċess u l-opportunitajiet indaqs għal edukazzjoni u impjieg ta' kwalità għandhom rwol kritiku biex jgħinu ħalli tittaffa l-inugwaljanza u sabiex in-nies joħorġu mill-faqar; jirrikonoxxi l-importanza tad-drittijiet tal-ħaddiema, bħal-liv tal-maternità u tal-paternità, li jgħinu biex jipprovdu ambjent stabbli u b'saħħtu għat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jadottaw liġijiet li jissalvagwardjaw u jsaħħu dawn id-drittijiet, li jikkontribwixxu għall-istabbiltà soċjali u ekonomika tal-familji; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u protezzjoni kontra l-isfruttament ekonomiku u d-diskriminazzjoni, speċjalment għal daww il-gruppi li huma l-aktar vulnerabbli li jesperjenzaw inugwaljanzi simili, bħaż-żgħażaġh; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ; filwaqt li jiżguraw li ż-żgħażaġh kollha jkollhom aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg, edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, u li tali offerti jitqassmu b'mod ugwali fost l-Istati Membri u r-reġjuni; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjieg, sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-opportunitajiet ta' impjieg, irrispettivament mit-twemmin reliġjuż, l-età, id-diżabilità u l-orjentazzjoni sesswali;

3. Jisħaq li l-akkomodazzjoni mhijiex sempliċi komodità, iżda hija neċessità, li jekk ikunu mċaħħda minnha, iċ-ċittadini la jistgħu jieħdu sehem għalkollox fis-soċjetà u lanqas ikollhom aċċess għad-drittijiet fundamentali tagħhom; jinsab imħasseb dwar il-fatt li ż-żgħażaġh b'mod partikolari qed jitpoġġew f'pożizzjoni li ma jistgħux jakkwistaw akkomodazzjoni u jiddeplora l-każijiet ta' diskriminazzjoni mis-sidien u l-politiki li jnaqqsu l-benefiċċji tal-akkomodazzjoni għaż-żgħażaġh; jinsab allarmat li sa terz tal-persuni kollha mingħajr dar fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE għandhom bejn 18 u 29 sena; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa fl-istqarrija tagħha tat-23 ta' Jannar 2020 bit-titlu "The right to affordable housing: Europe's neglected duty (Id-dritt għal akkomodazzjoni affordabbli: id-dmir traskurat tal-Ewropa)", b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni li l-Istati Membri kollha għandhom jaċċettaw minnufih li jintrabtu bl-Artikolu 31 tal-Karta

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

Soċjali Ewropea riveduta dwar id-dritt għal akkomodazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jpoġġu d-dritt għal akkomodazzjoni adegwata għaċ-ċittadini fost il-prijoritajiet tal-politiki soċjali tagħhom u jżidu l-investment f'akkomodazzjoni soċjali u affordabbli bil-għan li jiġi miġġieled il-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni, b'mod partikolari biex jiġu protetti l-gruppi żvantaġġati u vulnerabbli; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga kif xieraq id-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-akkomodazzjoni kif ipprojbata mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u tniedi l-proċeduri ta' ksur f'każ ta' ksur;

4. Jenfasizza l-Artikolu 37 tal-Karta, li jafferma li l-miżuri diretti lejn il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent iridu jiġu integrati fil-politiki tal-Unjoni; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li t-tħassib ambjentali rilevanti jiġi inkluż fil-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet tal-politiki u l-inizjattivi kollha u jemma li s-sostenibbiltà trid tkun il-prinċipju gwida għall-politiki makroekonomiċi kollha biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ambjentalment sostenibbli, filwaqt li jiġu protetti u jinħolqu impjegi sostenibbli; u biex tiġi indirizzata waħda mill-aktar theddidiet sinifikanti li qed tiffaċċja l-umanità; jitlob li jkun hemm implimentazzjoni fl-UE kollha tal-Konvenzjoni ta' Aarhus li torbot id-drittijiet ambjentali mad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li l-indeboliment tal-ambjent u l-falliment ta' wħud mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jipprovdu informazzjoni dwar riskji ambjentali serji li għalihom ikunu esposti l-individwi, jista' jkollhom konsegwenzi dannużi serji għall-individwi;

5. Ifakkar li skont l-Artikolu 6 tat-TFUE l-kompetenza għall-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa tal-bniedem hija tal-Istati Membri tal-UE;

Dritt għal trattament ugwali

6. Itenni li n-nisa u l-bniet jeħtiġilhom li jkollhom kontroll fuq ġisimhom u s-sesswalità tagħhom; jistieden lill-Istati Membri kollha jiggarrantixxu edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, aċċess faċli għan-nisa u għall-bniet għall-ippjanar tal-familja, u l-firxa sħiħa tas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inklużi metodi moderni ta' kontraċezzjoni u abort sikur u legali;

7. Jikkundanna r-rigress preżenti, viżibbli u organizzat fil-livell dinji u Ewropew kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, inklużi d-drittijiet sesswali u riproduttivi; jafferma bil-qawwa li t-tiċħid tas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huwa forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, u jenfasizza li diversi drabi l-QEDB iddikjarat li l-liġijiet restrittivi dwar l-abort u l-prevenzjoni tal-aċċess legali għall-abort jiksru d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa; itenni li r-rifjut min-naħa tal-professjonisti mediċi li jipprovdu l-firxa sħiħa ta' servizzi tas-saħħa riproduttiva u sesswali għal raġunijiet personali ma jridx jikser id-dritt tan-nisa jew tal-bniet li jkollhom aċċess għall-kura riproduttiva; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-ħtieġa li jiġu rrispettati s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi fl-Istrateġija tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali;

8. Jikkundanna bis-saħħa l-għadd allarmanti ta' femminiċidji fl-UE, li huwa l-aktar forma estrema ta' vjolenza fuq in-nisa; jiddispaċiħ dwar in-nuqqas ta' data disponibbli fuq mill-Istati Membri, ħaġa li tirrifletti n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-problema; jistieden lill-Kunsill jikkonkludi b'urġenza r-ratiffika tal-UE tal-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, fuq il-bażi ta' adeżjoni wiesgħa, mingħajr ebda limitazzjonijiet; iħeġġeġ lill-Kunsill u lil daww l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan jikkonkludu r-ratiffika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul;

9. Jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' vjolenza sesswali, ginekologika u ostetrika kontra n-nisa, bħal atti mhux xierqa jew mhux kunsenswali, interventi li jikkawżaw uġiħ mingħajr anestetiku, mutilazzjonijiet ġenitali femminili, abort furzat, sterilizzazzjoni furzata u maternità surrogata furzata;

10. Jikkundanna bil-qawwa s-segregazzjoni etnika tan-nisa Rom fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa materna; jistieden lill-Istati Membri jipprojbixxu minnufih il-forom kollha ta' segregazzjoni etnika fil-faċilitajiet tas-saħħa, inklużi l-kuntesti tal-kura tas-saħħa materna; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw rimedji effettivi u f'waqthom għas-superstiti kollha ta' sterilizzazzjoni sfurzata u koerċittiva, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' skemi ta' kumpens effettivi;

11. Jikkundanna r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, kif ukoll id-diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe raġuni bħar-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika, l-istatus ta' minoranza, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi sesswali; itenni t-tħassib li d-diskors ta' mibegħda online għadu kwistjoni prevalenti u urġenti; iwissi kontra ż-żieda fil-livelli u n-normalizzazzjoni tad-diskors ta' mibegħda u ta' forum differenti ta' razziżmu, bħall-iżlamofobija, l-anti-Żingariżmu,

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

l-antisemitiżmu u kontra l-persuni suwed u persuni ta' kulur f'ħafna Stati Membri, imsaħħa biż-żieda ta' movimenti estremisti u r-retorika tagħhom, u minn rappreżentanti tal-gvern jew mexxejja politiċi f'ċerti Stati Membri, li jużaw diskors ta' mibegħda, billi jxerrdu retorika razzista, ksenofobika u anti-LGBTI; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' rapportar tar-reati ta' mibegħda mill-vittmi minħabba nuqqas ta' salvagwardji u n-nuqqas tal-awtoritajiet li jinvestigaw kif xieraq u sabiex jiksbu l-kundanna għal reati ta' mibegħda fl-Istati Membri; jenfasizza l-ħtieġa li l-vittmi jiġu mħeġġa jirrapportaw każijiet ta' reati ta' mibegħda jew diskriminazzjoni u l-ħtieġa li jingħataw lhom protezzjoni u appoġġ adegwati; ifakkar li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda jkunu rreġistrati u investigati, u li l-awturi tagħhom ikunu mixlija u pproċessati b'mod effettiv; jistieden lill-Kummissjoni u lill-FRA jkomplu bil-ħidma tagħhom fir-rigward tal-monitoraġġ tar-reati ta' mibegħda u tad-diskors ta' mibegħda fl-Istati Membri, u jirrapportaw b'mod regolari dwar il-każijiet u t-tendenzi;

12. Ifakkar li fl-Unjoni Ewropea kien hemm attakki fuq il-postijiet ta' adorazzjoni Nisranija jew postijiet relatati b'xi mod ieħor mat-twemmin Nisrani, bħal knejjes, ċimiterji, monumenti u statwi; jikkundanna l-attakki kollha fuq l-Insara u jitlob trattament indaqs tal-Insara fl-Ewropa u madwar id-dinja;

13. Ifakkar fl-obbligu għall-istituzzjonijiet u għall-aġenziji tal-UE li jirrispettaw bis-sħiħ fir-rigward taċ-ċittadini kollha, id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon jew twemmin, inkluż twemmin filosofiku fil-pubbliku u fil-privat; jistieden lill-Istati Membri jipproteġu l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin u jimplimentaw b'mod effettiv il-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tagħhom;

14. Jinsab imħasseb serjament li filwaqt li l-promozzjoni tal-faxxiżmu hija pprojbita f'diversi Stati Membri skont il-liġi nazzjonali tagħhom, il-movimenti neofaxxisti kisbu viżibbiltà fl-użu tagħhom tas-simboli u tar-retorika faxxisti f'xi Stati Membri; jinsab tassew imħasseb dwar n-normalizzazzjoni dejjem akbar tal-faxxiżmu madwar l-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimponu projbizzjoni effettiva fuq gruppi neofaxxisti u neo-Nażisti u kwalunkwe fondazzjoni jew għaqda oħra li tfaħħar u tqim in-Nażiżmu u l-faxxiżmu;

15. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali bil-għan li jiġġieldu r-razziżmu persistenti kontra l-persuni suwed u l-persuni ta' kulur, it-transfobija, l-anti-Żingariżmu, l-antisemitiżmu u l-iżlamofobija; jikkundanna l-fatt li l-minoranzi razzjali, etniċi, lingwistiċi u reliġjużi jiffaċċjaw razziżmu strutturali, diskriminazzjoni, reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, nuqqas ta' aċċess għall-ġustizzja, u inugwaljanzi soċjoekonomiċi sostnuti foqasma bħall-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-impjiegi u l-edukazzjoni, li jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala ostakli kbar għat-tgawdija bis-sħiħ tad-drittijiet fundamentali u ostakli importanti għall-inklużjoni u għall-ugwaljanza;

16. Jitlob l-adozzjoni rapida tad-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali proposta fl-2008, li għadha qed tistenna approvazzjoni mill-Kunsill, bil-għan li jingħalaq id-distakk ta' protezzjoni attwali fil-qafas legali tal-UE rigward in-nondiskriminazzjoni abbażi tal-età, id-diżabbiltà, ir-reliġjon jew it-twemmin, jew l-orjentazzjoni sesswali foqasma importanti tal-ħajja, bħall-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-aċċess għall-oġġetti u għas-servizzi; jistieden lill-Kummissjoni tiġġieldu b'mod attiv is-segregazzjoni u d-diskriminazzjoni, inkluż billi tiftaħ proċeduri ta' ksur biex trawwem l-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva Qafas dwar il-għieda kontra ċerti forom ta' razziżmu u ta' ksenofobija permezz tal-liġi kriminali; ifakkar li dawn il-miżuri għandhom ikunu akkumpanjati minn strateġiji nazzjonali xierqa dwar l-integrazzjoni;

17. Ifakkar li l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCPRD) għandha l-għan li tiżgura opportunitajiet indaqs, fir-rigward tal-aċċessibbiltà, il-parteċipazzjoni, l-ugwaljanza, l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-protezzjoni soċjali, is-saħħa, u l-azzjoni esterna tal-UE; jissottolinja li l-persuni b'diżabbiltajiet għandhom żvantaġġati u diskriminati rigward l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tal-aċċessibbiltà fl-ispazji pubbliċi, perċentwal minimu għall-impjieg ta' persuni b'diżabbiltajiet, garanziji ta' edukazzjoni inklużiva, inkluż l-aċċess għal inizjattivi bħall-Erasmus+, b'attenzjoni partikolari għat-tfal b'diżabbiltajiet;

18. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li tfal jiġu protetti kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni; jitlob b'mod partikolari biex tfal li jkollhom diżabbiltà li tinvolvi problemi ta' żvilupp tal-lingwa, bħal disturb tal-ispettru tal-awtiżmu, jingħataw protezzjoni partikolari meta l-edukazzjoni tagħhom issir f'ambjenti multilingwi, biex jitħallew jistudjaw fil-lingwa materna tagħhom, jekk il-familji jkunu jixtiequ hekk;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

Libertajiet

19. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu u jiżviluppaw settur tal-media vibranti, indipendenti pluralista u liberu; jikkundanna f'dan ir-rigward kwalunkwe miżura mmirata sabiex toħnoq il-media kritika u xxejjel il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, inkluż b'modi sofistikati li ma jwasslux tipikament għal twissija li tiġi ppreżentata lill-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti; jesprimi tħassib dwar il-ħolqien ta' korpi kkontrollati mill-gvern li jimmaniġġjaw sezzjonijiet kbar tax-xenarju tal-media ta' pajjiż u l-ħtif ta' mezz tal-media tas-servizz pubbliku biex dawn jaqdu l-interessi partiġġani; ifakkar li fejn is-sjeda tal-media tibqa' kkonċentrata ħafna, kemm jekk fidejn il-gvern kif ukoll jekk fidejn privati, din tikkostitwixxi riskju sinifikanti għad-diversità tal-informazzjoni u l-fehmiet rappreżentati fil-kontenut tal-media; ifakkar li l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, inkluża l-libertà tal-espressjoni artistika, u l-libertà tal-media huma fundamentali għad-demokrazija u l-istat tad-dritt u jhegġegħ lill-Istati Membri jggarantixxu l-indipendenza tal-awtoritajiet tal-media tagħhom; ifakkar li d-dritt li wieħed ifittex, jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat kemm jekk bil-fomm, bil-miktub jew f'forma stampata, fil-forma ta' arti, jew permezz ta' kwalunkwe media oħra, huwa komponent tal-libertà tal-espressjoni artistika⁽⁶³⁾;

20. Ifakkar fir-rwol fundamentali tal-ġurnaliżmu investigattiv fl-aġir bħala informatur f'soċjetà demokratika, b'tali mod li jsaħħaħ is-sorveljanza pubblika tal-atturi politiċi, inkluż fil-qasam tal-korruzzjoni; jikkundanna l-persistenza u ż-żieda f'ħafna Stati Membri tal-vjolenza, tat-theddiet u tal-intimidazzjoni kontra l-ġurnalisti, inkluż fir-rigward tal-iżvelar ta' informazzjoni dwar ksur tad-drittijiet fundamentali, li spiss iwasslu għal awtoċensura u jxejjel d-dritt għal informazzjoni taċ-ċittadini; jitlob li l-Kummissjoni tressaq proposta għal mekkaniżmi b'saħħithom u komprensivi għall-protezzjoni u għat-tisħiħ tal-libertà tal-kelma, tal-libertà tal-media u għat-titjib tal-protezzjoni tal-ġurnalisti, inkluż billi tittejjeb il-garanzija tat-trasparenza tas-sjeda tal-media, tiġi adottata direttiva anti-SLAPP madwar l-UE kollha, jinħoloq fond permanenti tal-UE għall-media indipendenti u għall-ġurnalisti investigattivi u jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' reazzjoni rapida għall-ġurnalisti fil-periklu; jistieden lill-Istati Membri jipprevjenu u jippenalizzaw attakki fuq ġurnalisti investigattivi fl-eżerċizzju tal-ħidma tagħhom;

21. Jenfasizza r-rwol partikolarment importanti tal-informaturi biex jiġi salvagwardjat l-interess pubbliku u biex tiġi promossa kultura ta' obbligu ta' rendikont u integrità pubblika kemm fl-istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll f'dawk privati; jistieden lill-Istati Membri jitrassponu bis-sħiħ fil-liġi nazzjonali d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/1937 bħala kwistjoni ta' urġenza bil-għan li jimmassimizzaw l-effetti tagħha malli tidħol fis-seħħ; ihegġegħ lill-Istati Membri jikkomplementaw tali miżuri biex jipproteġu wkoll lill-informaturi f'każijiet meta jirrapportaw ksur barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE;

22. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-theddida li forum differenti ta' propaganda u l-miżinformazzjoni joħlqu għal-libertà tal-kelma u ta' espressjoni u għall-indipendenza tal-media, u l-effetti negattivi li jista' jkollhom fuq il-kwalità tad-dibattitu politiku u fuq il-parteeipazzjoni taċ-ċittadini f'soċjetajiet demokratiċi; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tinvesti fit-tisħiħ tal-litteriżmu medjatiku, tappoġġa b'mod attiv il-ġurnaliżmu ta' kwalità, u trawwem il-protezzjoni tad-data u toħloq ekosistema online aktar trasparenti filwaqt li tissalvagwardja l-libertà u l-pluraliżmu tal-media;

23. jisħaq fuq il-fatt li t-tfassil ta' profili politiċi, id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni jirrappreżentaw theddida għall-valuri demokratiċi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fil-ħsieb kritiku li ċ-ċittadini jistgħu jsawru l-opinjoni tagħhom stess sabiex jiffaċċjaw dawn ir-riskji;

24. Jisħaq fuq il-fatt li l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jeħtiġilhom jirrispettaw u jipproteġu d-dinjità tal-bniedem u jirrispettaw u josservaw id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni kollha waqt li jwettqu dmirijiethom; jisħaq fuq il-fatt li l-kompitu primarju tal-forzi tal-pulizija huwa li jiżguraw is-sikurezza taċ-ċittadini, u li jiżguraw li l-protesti jitwettqu b'mod paċifiku; jikkundanna l-użu ta' interventi vjolenti u sproporzjonati mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi matul dimostrazzjonijiet paċifiċi; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-użu tal-forza mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkun dejjem legali, proporzjonat, neċessarju u l-aħħar għażla, u li jippreserva l-ħajja umana u l-integrità fiżika; jistieden

⁽⁶³⁾ Is-Sentenza tal-QEDB tal-24 ta' Mejju 1988, il-Kawża Müller u Oħrajn vs l-Iżvizzera, paragrafi 27, 33; is-Sentenza tal-QEDB tat-8 ta' Lulju 1999, il-Kawża Karatas vs it-Turkija; is-Sentenza tal-QEDB tat-22 ta' Ottubru 2007, il-Kawża Otchakovsky-Laurens u July vs Franza

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, f'każijiet meta l-użu ta' forza sproporzjonata jkun issuspettat jew ikun ġie allegat, biex jiżguraw investigazzjoni trasparenti, imparzjali, indipendenti u effettiva, u jevitaw l-impunità; ifakkar li l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi huma totalment responsabbli għat-twettiq ta' dmirijiethom u għall-konformità tagħhom mal-oqfsa legali u operazzjonali rilevanti;

25. Jikkundanna bil-qawwa ż-żieda fir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-għaqda, inkluż matul il-perjodi tal-elezzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jibqgħu lura milli jadottaw liġijiet restrittivi rigward il-libertà tal-għaqda u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jieħdu aktar passi biex jissalvagwardjaw u jipproteġu l-libertà tal-għaqda, bħala dritt fundamentali u bħala prinċipji bażiċi tal-proċessi demokratiċi; jistieden lill-Kummissjoni tieħu rwol attiv fil-promozzjoni ta' dawn id-drittijiet f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;

26. Ifakkar fir-rwol essenzjali li s-soċjetà ċivili tiżvolġi fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, fil-livell tal-UE u fil-livell internazzjonali, biex tirrappreżenta l-interess taċ-ċittadini; fit-tisħiħ tal-ilħna ta' daww il-minoranzi li mhumiex rappreżentati kif suppost; u fid-difiża u l-promozzjoni tal-prinċipji minnha fl-Artikolu 2 tat-TUE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat ambjent abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fejn dawn ikunu jistgħu joperaw ħieles minn attakki u mingħajr restrizzjonijiet żejda jew arbitrarij;

27. Huwa mħasseb sewwa dwar l-ispazju dejjem aktar jikkien għas-soċjetà ċivili indipendenti f'uħud mill-Istati Membri, b'mod partikolari għall-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, l-organizzazzjonijiet LGBTI u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi piżijiet amministrattivi mhux raġonevoli, tnaqqis fl-appoġġ finanzjarju biex iwettqu attivitajiet ta' promozzjoni, kif ukoll restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-għaqda u ta' organizzazzjoni; jikkundanna r-restrizzjonijiet fl-aċċess għall-finanzjament tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li, f'xi Stati Membri, għandhom aspett aktar sistematiku fil-forma ta' tibdiliet legali u politiki u qed jaffettwaw serjament il-ħidma u l-*locus standi* tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill iżidu l-appoġġ mill-UE għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiddefendu l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE fl-Unjoni Ewropea permezz tal-Programm Drittijiet u Valuri, li l-finanzjament tiegħu għandu jkun sinifikanti, kif mitlub mill-Parlament Ewropew;

28. Jinsisti li monitoraġġ u analiżi regolari u komprensivi huma kruċjali biex jiġu mifhuma l-isfidi li tiffaċċja s-soċjetà ċivili madwar l-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tinkludi l-indikaturi rilevanti relatati mal-ispazju ċiviku, mal-libertà tal-kelma u mal-libertà ta' assoċjazzjoni fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt, tipproponi pian ta' azzjoni għall-protezzjoni u għall-promozzjoni tas-soċjetà ċivili, inkluża l-adozzjoni ta' Linji Gwida għall-promozzjoni tal-libertà tal-kelma, tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tal-libertà tal-għaqda paċifika kif ukoll il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem friskju u tistabbilixxi fond ta' emerġenza għall-protezzjoni tagħhom; jilqa' l-proposta għal reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali⁽⁶⁴⁾ u jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħa u jtkabbar il-mandat tagħha wara valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sabiex fit-tfassil ta' politika, jużaw b'mod sistematiku d-data prodotta mill-FRA;

29. Jirrikonoxxi l-kwistjonijiet serji li jistgħu jirriżultaw fi ħdan komunitajiet Ewropejti prevalenti, b'mod partikolari daww li jkun assoċjati ma' fehmiet politiki vjolenti, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini tal-UE fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-UE, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, sabiex l-opinjoni tagħhom jitwasslu permezz ta' kanali demokratiċi;

30. Jenfasizza r-rwoli importanti li l-edukazzjoni ċivika u d-djalogu interkulturali jiżvolġu fit-titjib tal-fehim taċ-ċittadini tal-UE tal-parteċipazzjoni politika tagħhom; iħeġġeġ l-edukazzjoni taċ-ċittadini tal-UE dwar drittijiethom;

31. Jinnota li tekniki ġodda għall-ġbir u l-ipproċessar ta' data personali għal raġunijiet ta' tbassir u ta' manipolazzjoni tal-imġiba qed ikollhom impatt dejjem akbar fuq id-drittijiet fundamentali ta' biljuni ta' persuni fl-UE u madwar id-dinja, b'mod partikolari fuq id-drittijiet għall-privatezza, għall-protezzjoni tad-data, għall-informazzjoni u għall-libertà u l-pluraliżmu tal-media; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-atturi privati u lill-awtoritajiet kompetenti jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-liġi dwar il-privatezza, u jiżguraw li l-individwi jifhmu meta u kif id-data personali tagħhom tiġi pproċessata u għal liema skopijiet, u kif jistgħu joġġezzjonaw għall-ipproċessar tad-data u jressqu lmenti, bil-għan li jiġi protett id-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-data personali u għall-privatezza;

⁽⁶⁴⁾ ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

32. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tniedi proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li l-iġijiet tagħhom li jimplimentaw id-Direttiva invalidata dwar iż-Żamma tad-Data ma tħassrux biex jinġiebu konformi mal-ġurisprudenza tal-QĠUE ⁽⁶⁵⁾;

33. Jenfasizza l-perikli potenzjali għal-libertajiet fundamentali u għas-sigurtà fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji ġodda, speċjalment sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (IA), inklużi r-riskji relatati mad-dritt ta' protezzjoni tad-data personali u ta' privatezza, tħassib bijoetiku relatat mal-użu tal-IA fil-kura tas-saħħa u d-diskriminazzjoni u l-preġudizzji potenzjali diretti u indiretti, li potenzjalment jaggravaw il-preġudizzju u l-marġinalizzazzjoni u l-firxa tad-diżinformazzjoni; jirrimarka li l-preġudizzji fis-settijiet tad-data, u fit-tfassil u t-tħaddim ta' dawn is-sistemi, jistgħu jwasslu għal riżultati preġudikati, partikolarment meta jintużaw mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, li jistgħu jwasslu biex dawn is-sistemi jirriproduċu preġudizzji soċjali, personali u oħrajn eżistenti, u jistgħu jirriżultaw f'diskriminazzjoni bbażata fuq aspetti soċjali, ekonomiċi, etniċi, razzjali, ta' orjentazzjoni sesswali, ta' ġeneru, ta' diżabilità jew fatturi oħra; jenfasizza li huma meħtieġa aktar salvagwardji biex jiġu żgurati l-privatezza u l-protezzjoni tad-data fid-dawl tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, u li kwalunkwe implikazzjoni għad-drittijiet fundamentali trid tiġi kkunsidrata; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jindirizzaw id-"distakk diġitali" emerġenti, b'mod partikolari fl-oqsma tal-amministrazzjoni pubblika u tas-servizzi pubbliċi; jisħaq fuq il-fatt li l-anzjani, flimkien ma' dawk li huma soċjoekonomikament żvantaġġati, huma wieħed mill-aktar gruppi affettwati mid-"distakk diġitali"; jisħaq fuq il-fatt li l-approċċ għall-IA għandu jkun "iffokat fuq il-bniedem" u għandu jiġi żgurat li l-valuri umani jkunu ċentrali għall-mod kif jiġu żviluppati, jitnedew, jintużaw u jiġu ssorveljati s-sistemi tal-IA, billi jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali stabbiliti fit-Trattati u fil-Karta; jistieden lill-Kummissjoni tressaq il-proposti leġiżlattivi għal approċċ Ewropew koordinat għall-IA, fuq il-bażi ta' Linji gwida dwar l-etika għall-IA affidabbli mħejjija mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar l-IA (HLEG dwar l-IA);

34. Jilqa' l-inizjattiva u l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-koooperazzjoni fis-sigurtà bejn l-Istati Membri u li jistabbilixxu rispons effettiv tal-UE għat-terroriżmu u għat-theddiet għas-sigurtà fl-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkoooperaw bis-siġħ ma' xulxin, u biex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni bejniethom u mal-aġenziji tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni tal-UE; jenfasizza l-importanza li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; jisħaq fuq l-importanza li l-mekkaniżmi ta' sorveljanza fil-qasam tas-servizzi tal-intelligence għandhom ikunu allinjati mal-Karta u mal-KEDB; jistieden lill-istituzzjonijiet ikkonċernati jipprovdu salvagwardji biex tkun evitata kwalunkwe forma ta' vittimizzazzjoni sussegwenti li tkun ġejja minn umiljazzjoni u attakki fuq l-immagħni tal-vittmi li jkunu ġejjin minn setturi soċjali relatati mal-awtur tal-attakki;

35. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni għadha komponent importanti ta' kwalunkwe strateġija biex tiġi evitata r-radikalizzazzjoni u jkunu jistgħu jiġu deradikalizzati dawk li diġà jkunu membri ta' organizzazzjonijiet estremisti; itenni li l-Istati Membri, bl-appoġġ kontinwu mill-Kummissjoni, jeħtiġilhom itejbu l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti billi jippromwovu l-valuri Ewropej, it-tolleranza u l-komunità;

Drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-applikanti għall-asil u r-rifuġjati

36. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ta' Ġunju 2019 bit-titlu "Lives saved. Rights protected. Bridging the protection gap for refugees and migrants in the Mediterranean" (Ħajjiet salvati. Drittijiet protetti. Nagħlqu d-distakk ta' protezzjoni għar-rifuġjati u l-migranti fil-Mediterran); itenni li l-perkorsi sikuri u legali għall-migrazzjoni huma l-aħjar mod kif jiġi evitat it-telf ta' ħajjiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jintensifikaw il-miżuri ta' risistemazzjoni, jistabbilixxu kurituri umanitarji lejn l-UE, u jintroduċu l-possibbiltà li japplikaw għal viżi umanitarji għall-applikanti għall-asil;

37. Jisħaq fuq l-importanza tal-ġestjoni rigoruża tal-fruntieri esterni tal-UE; jenfasizza n-neċessità li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet umanitarji li jaffettwaw il-kontroll tal-fruntieri;

38. Jesprimi tħassib serju dwar rapporti konsistenti ta' pushbacks vjolenti minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fxi Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestigaw il-kwistjoni u jieħdu miżuri effettivi biex jiżguraw li tali politiki u prattiki jiġu eliminati, inkluż billi jiżguraw il-monitoraġġ indipendenti tal-attivitajiet ta' kontroll tal-fruntieri minn istituzzjonijiet nazzjonali eżistenti tad-drittijiet tal-bniedem (istituzzjonijiet tal-Ombudsman, NHRIs, NPMs), appoġġati mill-UE u minn korpi internazzjonali (il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, CPT, ECRI, FRA) u jiżguraw li l-finanzjament tal-UE mhux qed jintuża biex jitwettaq ksur tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw id-dritt internazzjonali u tal-UE, kif ukoll il-Karta biex jipprovdu qafas wiesa' biex jippermettu l-migrazzjoni ordnata u jevitaw milli jġiegħlu lill-migranti jużaw kanali ta' migrazzjoni irregolari;

⁽⁶⁵⁾ Kawżi Magħquda C-203/15 u C-698/15 – Tele2 Sverige, u kawżi magħquda C-293/12 u C-594/12 – Digital Rights Ireland

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

39. Jikkundanna l-fatt li xi Stati Membri adottaw liġijiet, politiki u Prattiki li jxekklu l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem tar-rifuġjati, tal-applikanti għal asil u tal-migranti, fuq l-art u fil-baħar; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jqiegħdu d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, tal-applikanti għal asil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tat-tqassim tar-responsabbiltà, fiċ-ċentru tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-asil; Jesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-hotspots; Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi soluzzjoni urġenti biex issolvi l-ksur flagranti tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentri ta' akkoljenza għar-rifuġjati u għall-migranti fit-territorju Ewropew;

40. Jisħaq fuq il-fatt li s-salvataġġ tal-ħajjiet huwa obbligu legali skont id-dritt internazzjonali u d-dritt tal-UE; jikkundanna l-intimidazzjoni, l-arresti u l-proċedimenti kriminali mnedija f'xi Stati Membri kontra organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u individwi talli jkun pprovdew assistenza umanitarja lill-migranti, li ħajjithom tinsab friskju; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-atti ta' assistenza umanitarja ma jiġux kriminalizzati f'konformità mal-Protokoll tan-NU dwar il-faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin;

41. Jisħaq fuq il-fatt li l-migranti bla dokumenti għandhom ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali bażiċi tagħhom, irrispettivament mill-istatus legali jew amministrattiv tagħhom; ifakkar li n-nisa u t-tfal jistgħu jsibu lilhom infushom f'pożizzjoni fejn ikunu mġiegħla f'attivitajiet sesswali biex jiksibu protezzjoni jew sostenn bażiku biex jissopravvivu, u li dan spiss ikun dovut għal lakuni fl-assistenza, għal nuqqasijiet fis-sistemi ta' reġistrazzjoni u fil-konformità mal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal, għal separazzjoni tal-familja jew għan-nuqqas ta' mezzi sikuri u legali ta' dħul fl-UE;

42. Jenfasizza li t-tfal jirrappreżentaw kważi terz tal-persuni li japplikaw għall-asil u għalhekk huma partikolarment vulnerabbli; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu lil minorenni mhux akkumpanjati milli jisfaw vittmi tat-traffikar u tal-isfruttament sesswali;

43. Ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri jiddedikaw biżżejjed riżorsi biex idgħajfu l-mudell ta' negozju tan-networks tat-traffikar u t-traffikanti, li regolarment jixħet lill-aktar gruppi vulnerabbli bħat-tfal u n-nisa f'sitwazzjonijiet li jkun ta' theddida għal ħajjithom, kif ukoll biex jiproteġu lil ħafna mir-riskju li jaqdbu vjaġġ fuq rotot tal-migrazzjoni perikolużi u mhux ikkontrollati fejn ma jkunux jistgħu jiksibu aċċess għall-proċedura uffiċjali tal-asil;

44. Itenni li d-detenzjoni tal-immigrazzjoni tat-tfal qatt mhi fl-aħjar interess tat-tfal skont id-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Rifuġjati u l-Migranti; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-azzjoni biex itemmu d-detenzjoni ta' tfal, b'mod partikolari fil-kuntest tal-migrazzjoni madwar l-UE, u biex isibu alternattivi bbażati fil-komunitajiet għad-detenzjoni, kif ukoll jagħtu prijorità lill-integrazzjoni, lill-edukazzjoni u lill-appoġġ psikoloġiku; jenfasizza li tfal mhux akkumpanjati huma fuq kollox tfal li huma potenzjalment fil-periklu, u li meta l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea jitrattaw mat-tfal, il-prinċipju ewlieni għandu jkun il-protezzjoni tat-tfal pjuttost milli l-politiki tal-migrazzjoni, u b'hekk jirrispettaw il-prinċipju ewlieni tal-aħjar interessi tat-tfal;

L-Istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni

45. Itenni li l-korruzzjoni tirrappreżenta theddida serja għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-trattament ugwali taċ-ċittadini kollha; jenfasizza r-rabta bejn il-korruzzjoni u l-ksur tad-drittijiet fundamentali f'għadd ta' oqsma bħall-indipendenza tal-ġudikatura, il-libertà tal-media u l-libertà tal-espressjoni tal-ġurnalisti u tal-informaturi, il-faċilitajiet ta' detenzjoni, l-aċċess għad-drittijiet soċjali, jew it-traffikar ta' bnedmin ⁽⁶⁶⁾;

46. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu l-korruzzjoni b'mod determinat u joħlqu strumenti effettivi għall-prevenzjoni, il-ġlieda u s-sanzjonar tal-korruzzjoni u għall-ġlieda kontra l-frodi, kif ukoll biex jimmonitorjaw b'mod regolari l-użu tal-fondi pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni tissokta minnufih bil-monitoraġġ u r-rappurtar annwali tagħha kontra l-korruzzjoni, b'referenza għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri kollha jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet ta' GRECO;

47. Jisħaq fuq il-fatt li l-kriminalità organizzata hija primarjament abilitata mill-korruzzjoni; jikkundanna bil-qawwa ż-żieda fit-traffikar tal-bnedmin u jhegġegħ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jżidu l-kooperazzjoni u jintensifikaw il-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalità organizzata;

⁽⁶⁶⁾ <https://rm.coe.int/factsheet-human-rights-and-corruption/16808d9c83>

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

48. Itenni l-appoġġ tal-Parlament għall-istabbiliment ta' Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) effiċjenti, indipendenti u totalment operattiv biex isahha l-għlied kontra l-frodi fl-Unjoni Ewropea;

49. Jissottolinja li l-istat tad-dritt huwa pedament tad-demokrazija, iżomm is-separazzjoni tas-setgħat, jiżgura l-obbligu ta' rendikont, jikkontribwixxi għall-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u jggarantixxi l-prinċipji tal-legalità, taċ-ċertezza tad-dritt, tal-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi, tal-indipendenza ġudizzjarja, tal-imparzjalità, u tal-ugwal-janza quddiem il-liġi; jisħaq fuq il-fatt li l-istat tad-dritt u l-indipendenza ġudizzjarja b'mod partikolari huma kritiċi biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom; jindika li skont l-Artikolu 47 tal-Karta, id-dritt fundamentali għal rimedju effettiv jirrikjedi aċċess għal tribunal "indipendenti"; jenfasizza li l-influenza politika jew il-kontroll tal-ġudikatura u ostakli simili għall-indipendenza tal-imħallfin individwali spiss irriżultaw f'sitwazzjoni fejn il-ġudikatura ma tkunx tista' taqdi r-rwol tagħha ta' verifika indipendenti tal-użu arbitrarju tal-poter mill-fergħat eżekuttivi u leġiżlattivi tal-gvern; jikkundanna l-użu tas-sistema ġudizzjarja għal skopijiet politiċi, li jfittxu li jagħmlu ħsara, jiddelegittimaw u jsikknu l-kontestazzjoni politika;

50. Ifakkar fir-rabta intrinsika li teżisti bejn l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali u l-ħtieġa li jiżdied l-għarfien tal-valuri minnha fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta billi tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadini;

51. Jikkundanna bil-qawwa l-isforzi tal-gvernijiet ta' xi Stati Membri biex idgħajfu s-separazzjoni tas-setgħat u l-indipendenza tal-ġudikatura; jesprimi t-tassib qawwi tiegħu, b'mod partikolari, dwar deċiżjonijiet li jixħtu f'dubju l-primat tad-dritt Ewropew u jistieden lill-Kummissjoni tuża l-mezzi disponibbli kollha bil-għan li tiegħu azzjoni kontra dawn l-attakki;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza f'waqtu kull ksur tal-Artikolu 2 tat-TUE, b'mod partikolari dak li jaffettwa d-drittijiet fundamentali, fil-qafas taċ-ċiklu mħabbar tagħha ta' rieżami tal-istat tad-dritt; itenni l-ħtieġa kritika għal mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali kif propost mill-Parlament, inkluż rieżami annwali indipendenti, ibbażat fuq l-evidenza u nondiskriminatorju li jivvaluta l-konformità tal-Istati Membri kollha mal-Artikolu 2 tat-TUE; jenfasizza li l-ksur tal-Artikolu 2 tat-TUE jimmina l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u jagħmel il-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera insostenibbli;

53. Jiddispjaċi għan-nuqqas ta' progress fil-proċedimenti kontinwi tal-Artikolu 7 fil-Kunsill minkejja r-rapporti u d-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni, min-NU, mill-OSKE u mill-Kunsill tal-Ewropa li jindikaw li s-sitwazzjoni fl-Istati Membri kkonċernati ddeterjorat; jistieden lill-Kunsill jqis is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fis-seduti tiegħu dwar il-proċedura tal-Artikolu 7(1); ifakkar li l-Parlament Ewropew ma jistax jitħalla barra minn dawn is-seduti li għaddejjin bħalissa;

54. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jagħmlu użu sħiħ mill-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jindirizzaw ir-riskji ta' ksur serju tal-istat tad-dritt u biex ikomplu għaddejjin bil-proċeduri tal-Artikolu 7 li għaddejjin bħalissa; jindika li l-ineffettività tal-azzjoni tal-UE biex tippoteġi dawn id-drittijiet fundamentali tipperikola d-dritt tal-UE sħiħa u d-drittijiet taċ-ċittadini bbażati fuq, u ddgħajf il-kredibbiltà tal-UE;

Kundizzjonijiet fil-ħabsijiet

55. Jinsab allarmat bil-kundizzjonijiet substandard tal-ħabsijiet f'ċerti Stati Membri; ihegġegħ lill-Istati Membri jirrispettaw ir-regoli tad-detenzjoni, li jirriżultaw minn strumenti tad-dritt internazzjonali u tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa; Ifakkar li d-detenzjoni ta' qabel il-proċess hija maħsuba bħala miżura eċċezzjonali, li għandha tintuża biss f'każijiet fejn tkun strettament neċessarja, proporzjonata, għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli, u jiddispjaċi għall-użu żejjed ta' detenzjoni ta' qabel il-proċess minflok l-użu ta' miżuri alternattivi li ma jnvolvux iċ-ċaħda tal-libertà; ifakkar li gruppi vulnerabbli ta' prigionieri bħan-nisa, il-minorenni, il-minoranzi etniċi, il-prigionieri LGBTI, il-prigionieri bi bżonnijiet ta' kura tas-saħħa mentali jew il-prigionieri b'mard serju għandhom ħtiġijiet partikolari, li jridu jiġu kkunsidrati; jistieden lill-Kummissjoni tadotta standards komuni tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tal-ħabs biex tippoteġi d-drittijiet tal-prigionieri u tippromwovi l-istandards ta' detenzjoni fil-livell tal-UE;

L-adeżjoni tal-UE għall-KEDB

56. Ifakkar fl-obbligu ta' adeżjoni mal-KEDB stabbilit fl-Artikolu 6 tat-TUE; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-passi meħtieġa biex telimina l-ostakli legali li jipprevjenu l-konklużjoni tal-proċess ta' adeżjoni, u biex tippreżenta abbozz ta' ftehim għid għall-adeżjoni tal-UE għall-KEDB; jikkunsidra li t-tlestija tiegħu tintroduċi salvagwardji ulterjuri li jippoteġu d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE u tipprovdi mekkaniżmu addizzjonali għall-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri l-possibiltà ta' tressiq ta' lment quddiem il-QEDB fir-rigward ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jirriżulta minn att min-naħa ta' istituzzjoni tal-UE jew ta' Stat Membru fl-implementazzjoni tal-liġi tal-UE, li jaqa' fil-mandat tal-KEDB;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

o

o o

57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0329

Id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Alġerija, b'mod partikolari l-każ tal-ġurnalist Khaled Drareni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Alġerija, b'mod partikolari l-każ tal-ġurnalist Khaled Drareni (2020/2880(RSP))

(2021/C 425/13)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Alġerija, b'mod partikolari dik tat-28 ta' Novembru 2019 dwar is-sitwazzjoni tal-libertajiet fl-Alġerija ⁽¹⁾ u dik tat-30 ta' April 2015 dwar l-inkarċerazzjoni ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema fl-Alġerija ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja 2019 tal-15 ta' Ġunju 2020,,
- wara li kkunsidra l-briefing paper tal-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi: "Flawed and inadequate: Algeria's Constitutional Amendment Proċess" (Difettuż u mhux adegwat: il-Proċess ta' Emenda Kostituzzjonali tal-Alġerija), ippubblikat f'Ottubru 2020,
- wara li kkunsidra l-ittra konġunta tad-29 ta' Settembru 2020 iffirmata minn 31 organizzazzjoni lokali, reġjonali u internazzjonali tas-soċjetà ċivili li tikkundanna r-repressjoni tas-soċjetà ċivili Alġerina,
- wara li kkunsidra l-erba' komunikazzjonijiet mibgħuta lill-Gvern Alġerin bejn it-30 ta' Marzu u s-16 ta' Settembru 2020 mill-Proċeduri Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar arresti arbitrarji u vjolenti, proċessi inġusti u rappreżalji kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti paċifiċi,
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu, li jistipula li r-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem iridu jikkostitwixxu element essenzjali tal-ftehim u jispiraw il-politiki interni u internazzjonali tal-partijiet fih,
- wara li kkunsidra l-11-il Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija,
- wara li kkunsidra l-prijoritajiet ta' sħubija komuni adottati fil-qafas tal-politika Ewropea tal-viċinat riveduta mill-Alġerija u l-Unjoni Ewropea fit-13 ta' Marzu 2017,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2020 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024, u b'mod partikolari l-mekkaniżmu tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE stabbilit biex jipproteġi u jappoġġa lill-ġurnalisti u lill-ħaddiema tal-midja,
- wara li kkunsidra l-Kodiċi Penali Alġerin, u b'mod partikolari l-Artikoli 75, 79, 95a, 98, 100, 144, 144a, 144a 2, 146 u 196a tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, dwar il-piena tal-mewt, dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, u dwar il-libertà tal-espressjoni online u offline, u l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR), il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra (UNCAT), u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-erbgħa li huma rratifikati mill-Istati Membri tal-UE u l-Alġerija,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni 7/2020 dwar id-detenzjoni ta' Fadel Breika adottata mill-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-Detenzjoni Arbitrarja (WGAD),

⁽¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0072.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0188.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra t-tielet Rieżami Perjodiku Universali (UPR) dwar l-Alġerija, adottat mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fis-36 sessjoni tiegħu fil-21 u t-22 ta' Settembru 2017,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli (ACHPR),
 - wara li kkunsidra l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2020 prodott minn Reporters mingħajr Fruntieri,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 u d-Dikjarazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Intolleranza u Diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' Reliġjon jew Twemmin,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi minn Frar 2019 l-Alġerija esperjenzat moviment ta' protesta mingħajr preċedent (Hirak) b'reazzjoni għall-prospett tal-ħames mandat għall-President ta' dak iż-żmien Abdelaziz Bouteflika; billi d-dimostrazzjonijiet paċifiċi kontra l-korruzzjoni tal-gvern u l-appell għal stat ċiviku, ġudikatura indipendenti, riforma demokratika, trasparenza u qafas inklużiv għat-tħejija għal elezzjonijiet ħielsa sehew regolarment madwar il-pajjiż nhar ta' Ġimgħa u nhar ta' Tlieta, u komplew għal sena sħiħa, inkluż matul il-proċess elettorali; billi dawn id-dimostrazzjonijiet sinifikanti ta' kull ġimgħa twaqqfu volontarjament f'Marzu 2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19, għalkemm il-moviment ta' protesta kompli fuq il-midja soċjali;
- B. billi, wara r-riżenja tal-President Bouteflika fit-2 ta' April 2019 b'reazzjoni għall-moviment Hirak u żewġ posponimenti elettorali sussegwenti li matulhom it-tmexxija militari kellha rwol prominenti, l-Alġerija organizzat elezzjonijiet presidenzjali fit-12 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħhom l-eks Prim Ministru Abdelmadjid Tebboune sar President; billi l-moviment Hirak iddenunzja l-lista ta' kandidati minħabba r-rabtiet tagħhom mal-amministrazzjoni preċedenti u bbojkottja l-elezzjonijiet, li għalihom ir-rata ta' parteċipazzjoni uffiċjali kienet inqas minn 40 %;
- C. billi l-arresti politiċi u d-detenzjoni arbitrarja ta' Hirak u attivisti tat-trade unions paċifiċi, kif ukoll ġurnalisti, żdiedu mis-sajf tal-2019, bi ksur tad-drittijiet fundamentali għal proċess ġust u proċess ġust tal-liġi; billi ċ-ċensura, il-proċessi u l-pieni severi tal-midja indipendenti, li spiss jiġu akkużati b'komplott ma' setgħat barranin kontra s-sigurtà nazzjonali, qed ikomplu jmorru għall-aġar minkejja t-tmiem uffiċjali tal-gvern ta' Bouteflika; billi r-restrizzjonijiet tas-sigurtà introdotti għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 ikkontribwew għal kontrolli aktar stretti, u qed jintużaw mill-awtoritajiet biex ikomplu jirrestrinġu l-isparju ċiviku, jillimitaw id-dissens paċifiku u jxekklu l-libertà tal-kelma u tal-espressjoni;
- D. billi f'dan il-kuntest ta' repressjoni li qed isseħħ bħalissa fl-Alġerija, hemm dejjem aktar allegazzjonijiet ta' tortura li qed issir fl-għases tal-pulizija u fid-Direttorat Ġenerali għas-Sigurtà Interna (DGSJ) f'Alġier, bħal fil-każ tal-priġunier Walid Nekkiche;
- E. billi bejn it-30 ta' Marzu u s-16 ta' April 2020 intbagħtu tliet komunikazzjonijiet lill-Gvern Alġerin permezz ta' Proċeduri Speċjali tan-NU fir-rigward ta' arresti arbitrarji u vjolenti, proċessi inġusti u rappreżalji kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u attivisti paċifiċi, bir-raba' komunikazzjoni fis-27 ta' Awwissu 2020 tkun dwar Mohamed Khaled Drareni;
- F. billi Mohamed Khaled Drareni, korrispondent għal TV5 Monde, rappreżentant ta' Reporters Mingħajr Fruntieri (RSF) u direttur tas-sit web tal-aħbarijiet ta' Casbah Tribune, ġie kkundannat f'Awwissu 2020 għal tliet snin ħabs u multa ta' 50 000 dinar Alġerin talli f'filmja lill-pulizija jattakkaw lid-dimostranti f'Alġier; billi l-akkużi uffiċjali kontrih kienu "l-inċitament ta' ġemgħa mhux armata" u "l-imminar tal-integrità tat-territorju nazzjonali"; billi fil-15 ta' Settembru 2020 is-sentenza tiegħu tnaqqset għal sentejn fuq appell; billi fis-16 ta' Settembru 2020 ir-Rapporteurs Speċjali u l-Grupp ta' Ħidma tal-Proċeduri Speċjali tan-NU kkundannaw is-sentenza ta' ħabs tiegħu bl-aktar mod qawwi possibbli, talbu lill-awtoritajiet Alġerini jiżguraw il-ħelsien immedjat tiegħu, u ddeskrivew il-konvinzjoni tiegħu bħala ksur ċar tal-libertà ta' espressjoni, ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni;
- G. billi Mohamed Khaled Drareni kopra l-protesti ta' darbtejn fil-ġimgħa ta' Hirak mill-bidu tagħhom fi Frar 2019; billi l-esponiment tiegħu għar-repressjoni ħarxa min-naħa tal-Gvern Alġerin fuq l-għaqda paċifika u l-libertà tal-espressjoni wassal biex huwa jkun soġġett għal detenzjoni, interrogazzjoni u intimidazzjoni talli kien qed ikopri l-protesti ta' Hirak tliet darbtejn qabel il-kundanna tiegħu, speċifikament fl-14 ta' Mejju 2019, fid-9 ta' Awwissu 2019 u fit-9 ta' Jannar

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

2020, kif ukoll għal tentattivi ta' tixħim minn uffiċjali tal-gvern f'żewġ okkażjonijiet; billi ġie infurmat li l-aħħar detenzjoni tiegħu serviet ta' twissija finali qabel ma ġie riferut lis-sistema ġudizzjarja; billi fis-7 ta' Marzu 2020 Mohamed Khaled Drareni ġie arrestat waqt protesta ta' Hirak; billi Drareni nħeles fl-10 ta' Marzu 2020 iżda ġie arrestat mill-ġdid fis-27 ta' Marzu 2020;

- H. billi fil-jum tal-ewwel arrest tiegħu ġew arrestati aktar minn 20 dimostratur paċifiku ieħor; billi tnejn minn daww arrestati nżammu minħabba li refgħu l-bandiera tal-Amazigh; billi l-bandiera tal-Amazigh tintuża spiss matul il-protesti ta' Hirak; billi f'Ġunju 2019, il-Ġeneral Ahmed Gaid Salah għamel l-użu tal-bandiera wieħed illegali; billi f'dawn l-aħħar xhur l-eks uffiċjali tar-reġim bdew kampanja ta' malafama kontra l-popolazzjoni tal-maġġoranza tar-reġjun tal-Amazigh Kabylie li tista' twassal għal firdiet etniċi fil-moviment Hirak; billi l-attivisti ta' Amazigh u Hirak, inkluż Yacine Mebarki, għadhom qed jiffaċċjaw arrest arbitrarju talli esprimew fehmiet reliġjużi u politiċi kuntrarji;
- I. billi l-protesti ta' Hirak kienu qed jirkupraw l-ispazju pubbliku għaċ-ċittadini; billi, b'mod partikolari wara li l-moviment Hirak iċċaqlaq online biex jipprevjeni t-tixrid tal-COVID-19, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' espressjoni u l-limitazzjonijiet imposti fuq il-ġurnalisti saru aktar stretti, b'mod partikolari permezz tal-imblukkar ta' siti tal-internet, iċ-ċensura ta' programmi televiżivi u d-detenzjoni u l-fastidju ta' ġurnalisti, maniġers tal-midja, u dimostranti li esprimew il-fehmiet tagħhom fuq il-midja soċjali, b'mill-inqas sitt siti web tal-aħbarijiet online li saru disponibbli fuq in-netwerks Alġerini f'April u Mejju 2020;
- J. billi bejn Marzu u Ġunju 2020 gruppi tad-drittijiet lokali jikkalkulaw li mill-inqas 200 persuna kienu soġġetti għal arrest arbitrarju talli esprimew l-opinjoni tagħhom jew għal allegat appoġġ għall-moviment Hirak; billi l-Kumitat Nazzjonali għall-Ħelsien tad-Detenuti (CNLD) iddokumenta mill-inqas 91 prigionier minħabba twemmin mis-17 ta' Novembru 2019, mill-44 prigionier iddokumentati f'Awissu, b'għadd minnhom f'arrest preventiv għal tul ta' żmien indefinit; billi r-riskju ta' tifqigħa tal-COVID-19 fil-ħabsijiet huwa theddida addizzjonali għal daww detenuti talli esprimew il-fehmiet politiċi tagħhom; billi fil-25 ta' Marzu 2020, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Michelle Bachelet, appellat għall-ħelsien ta' prigionieri politiċi u ta' daww detenuti talli esprimew fehmiet kritiċi;
- K. billi minn Jannar 2020, ġew irreġistrati 41 femminiċidju minn attivisti, b'mod partikolari mill-Feminicides-dz; billi fl-2020 il-movimenti tad-drittijiet tan-nisa intensifikaw id-denunzja tagħhom tal-vjolenza li qed tiżdied kontra n-nisa u l-għadd ta' femminiċidji, kif ukoll talbu li jsir rieżami tal-liġijiet attwali, speċjalment il-Kodiċi tal-Familja u għadd ta' artikoli fil-Kodiċi Penali, sabiex tiġi garantita ugwaljanza sħiħa bejn in-nisa u l-irġiel;
- L. billi f'April 2020 l-Alġerija adottat ukoll emendi għall-Kodiċi Penali permezz tal-Liġi 20-06 li jkompli jirrestrinġu u jikkriminalizzaw l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali bħal-libertà tal-istampa, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni fuq il-bażi artifiċjali li huma "aħbarijiet foloz" li jimminaw l-istat Alġerin; billi l-awtoritajiet Alġerini qed jużaw dejjem aktar artikoli vagi tal-Kodiċi Penali, inklużi daww miżjuda f'April 2020, biex iħarrku persuni li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni, kif ukoll għal għaqda u assoċjazzjoni paċifika; billi reat imwettaq għall-ewwel darba jgħorr sentenza massima ta' ħames snin prigionerija jekk imwettaq matul "żmien ta' lockdown tas-saħħa pubblika jew diżastru naturali, bijoloġiku jew teknoloġiku jew kwalunkwe forma oħra ta' diżastru";
- M. billi, fil-kuntest tar-repressjoni tal-ispazju ċiviku, l-awtoritajiet Alġerini avvanzaw proċess ta' reviżjoni kostituzzjonali minn fuq għal isfel, allegatament bħala parti mill-impenn inawgurati tal-President Tebboune li "jibni Alġerija ġdida" b'reazzjoni għall-protesti ta' Hirak, iżda li m'għandux l-appoġġ wiesa' fis-soċjetà Alġerina kollha, u li ġie kkritikat minn organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili talli kiser l-istandards internazzjonali ta' inklużività, parteċipazzjoni, trasparenza u sovranità fit-tfassil tal-kostituzzjoni; billi l-arrest tal-massa simultanju tal-attivisti tas-soċjetà ċivili u tal-ġurnalisti mmina għalkollox il-leġittimità pubblika tal-proċess ta' reviżjoni kostituzzjonali;
- N. billi fl-1 ta' Novembru 2020, l-Alġerija organizzat referendum dwar ir-reviżjoni tal-Kostituzzjoni, li tinkludi limitazzjoni ta' żewġ mandati fuq il-presidenza; billi r-referendum kellu l-inqas parteċipazzjoni ta' votanti fl-Alġerija sa mill-indipendenza tagħha fl-1962, b'perċentwal uffiċjali ta' 23,7% ta' votanti; billi l-Kostituzzjoni l-ġdida ġiet approvata uffiċjalment minn 66,8% tal-votanti; billi r-ratfika tal-Kostituzzjoni l-ġdida għadha pendenti sakemm il-President jirritorna fl-Alġerija;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- O. billi fil-Kostituzzjoni tal-Alġerija il-kundizzjonalità tal-libertà tal-istampa, mogħtija uffiċjalment skont l-Artikolu 54 tal-Kostituzzjoni riveduta, għadha tiddependi fuq ir-rispett għat-“tradizzjonijiet u l-valuri reliġjużi, morali u kulturali tan-Nazzjon”; billi tali limitazzjonijiet fuq il-libertà tal-istampa jiksru l-ICCPR, li l-Alġerija rratifikat; billi l-Kumment Ġenerali Nru 34 tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU jiddikjara li “l-ebda strument tal-midja ma jista’ jiġi ppenalizzat talli jikkritika sistema politika jew soċjali”; billi r-reviżjoni tintroduċi wkoll bidla perikoluża billi tikkostituzzjonalizza r-rwol politiku u s-setgħat tal-armata; billi r-riforma kostituzzjonali żżomm ukoll id-dominanza tal-Presidenza fuq l-istituzzjonijiet kollha, inkluż tal-ġudikatura;
- P. billi l-Unjoni Nazzjonali tal-Maġistrati (SNM) iddenunzjat ir-rikors ġeneralizzat u abbużiv tal-awtoritajiet Alġerini għad-detenzjoni preventiva qabel il-proċess; billi l-membri tal-ġudikatura ġew soġġetti għal sanzjonijiet professjonali wara li ħelsu minn akkuża lill-attivisti paċifiċi jew wara li talbu lill-awtoritajiet eżekuttivi jirrispettaw l-indipendenza tal-ġudikatura;
- Q. billi fl-2020 l-Alġerija ġiet ikklassifikata fil-146 post minn 180 fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa minn Reporters mingħajr Fruntieri, jiġifieri ħames postijiet inqas mill-2019 u 27 post inqas mill-2015;
- R. billi l-Alġerija hija sieħba ewlenija tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, b'interessi politiċi, ekonomiċi u interpersonali importanti fil-pajjiż u fir-reġjun; billi l-Prijoritajiet tas-Sħubija UE-Alġerija huma l-espressjoni ta' impenn komuni favur il-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem;
1. Jikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni ta' arresti arbitrari u illegali, ta' detenzjonijiet u l-fastidju ġudizzjarju ta' ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, trade unionisti, avukati, soċjetà ċivili u attivisti paċifiċi fl-Alġerija, li ma ħalliet l-ebda spazju għal djalogu politiku dwar ir-reviżjoni kostituzzjonali mhux demokratika u l-eżerċizzju tal-libertajiet ta' espressjoni, ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni; jikkundanna l-użu tal-introduzzjoni ta' miżuri ta' emerġenza fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 bħala skuża biex jiġu limitati d-drittijiet fundamentali tal-poplu Alġerini;
 2. Jappella lill-awtoritajiet Alġerini sabiex minnufih u mingħajr kundizzjonijiet, jeħilsu lil Mohamed Khaled Drareni u lil dawk kollha arrestati u akkużati talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni, kemm online kif ukoll offline, u għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, fosthom Yacine Mebarki, Abdellah Benaoum, Mohamed Tadjadit, Abdelkrim Zeghileche, Walid Kechida, Brahim Laalami, Aissa Chouha, Zoheir Kaddam, Walid Nekkiche, Nourreddine Khimoud u Hakim Addad; itenni l-appell tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Michelle Bachelet, fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, għall-ħelsien urġenti tal-priġunieri politiċi kollha u ta' dawk detenuti talli esprimew fehmiet kuntrarji; jappella lill-awtoritajiet Alġerini jiżblokkaw l-istrumenti tal-midja u jwaqqfu l-arrest u d-detenzjoni ta' attivisti politiċi, ġurnalisti, u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, jew ta' kull min jesprimi opinjoni kuntrarja għall-gvern jew kritika tiegħu;
 3. Itenni li l-libertà tal-espressjoni, inkluża l-libertà tal-ġurnalisti u tal-ġurnalisti ċittadini li jirrapportaw, janalizzaw u jikkummentaw dwar il-protesti jew għal kwalunkwe espressjoni oħra ta' skuntentizza fil-konfront tal-gvern jew ta' istituzzjonijiet jew individwi b'rabta mal-gvern, hija fundamentali għal tranżizzjoni politika demokratika sħiħa;
 4. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu maċ-ċittadini Alġerini kollha – nisa u rġiel, minn sfondi ġeografiċi, soċjoekonomiċi u etniċi differenti – li ilhom jipprotestaw b'mod paċifiku minn Frar 2019 biex jitolbu stat ikkontrollat miċ-ċittadini, sovranità popolari, rispett għall-istat tad-dritt, ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jappella lill-awtoritajiet Alġerini jieħdu l-passi xierqa biex jiġġieldu l-korruzzjoni;
 5. Itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Alġerini biex itemmu kwalunkwe forma ta' intimidazzjoni, fastidju ġudizzjarju, kriminalizzazzjoni jew arrest arbitrari u detenzjoni ta' ġurnalisti kritiċi, bloggers, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, avukati u attivisti, u biex jieħdu l-passi xierqa ħalli jiżguraw u jiggwarantixxu għall-kulħadd id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika, il-libertà tal-midja, u l-libertà tal-ħsieb, ta' kuxjenza u reliġjon jew twemmin, li huma ggarantiti mill-Kostituzzjoni Alġerina u mill-ICCPR, li l-Alġerija ffirmat u rratifikat; jikkundanna kull forma ta' użu eċċessiv tal-forza minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fit-tixrid tal-protesti paċifiċi; itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Alġerini jwettqu investigazzjoni indipendenti dwar kull każ ta' użu eċċessiv tal-forza minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, u biex iżommu lil min wettaq dawn l-atti responsabbli għal għemilu; jappella lill-awtoritajiet Alġerini jimplimentaw l-impenji internazzjonali tagħhom skont l-UNCAT;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

6. Jinnota li, minn meta l-Parlament adotta r-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019, xi attivisti politiċi nħelsu b'mod proviżorju, bħall-esponenti tal-oppożizzjoni Karim Tabbou, Mustapha Bendjema, u Khaled Tazaghart;
7. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Alġerini jiżguraw il-ħolqien ta' spazju ċiviku ħieles li jippermetti djalogu politiku ġenwin u li ma jikkriminalizzax il-libertajiet fundamentali, billi jadottaw leġiżlazzjoni għda li tikkonforma bis-sħiħ mal-istandards internazzjonali u li ma tippredix eċċezzjonijiet illegali skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-konvenzjonijiet li l-Alġerija rratifikat, inklużi dawk tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO); jenfasizza li dan l-isparju ċiviku ħieles huwa prerekwiżit għal Alġerija demokratika u mmexxija miċ-ċittadini; jiddeplora l-fatt li l-ġurnalisti barranin għadhom qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' ostakli amministrattivi u ma' xkiel biex jiksbu viżi tal-istampa biex jaħdmu fil-pajjiż;
8. Ifakkar li r-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali stabbiliti mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa wieħed mill-elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija tal-2005; jissottolinja li t-tranżizzjoni politika li għaddejjha bħalissa trid tiżgura d-dritt tal-Alġerini ta' kull ġeneru u ta' kull sfond ġeografiku, soċjoekonomiku u etniku, inklużi l-Imazighen, li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-proċess demokratiku u jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fit-twettiq tal-affarijiet pubbliċi, inkluż billi jreġġgħu lura t-tħassir tal-isparju għal soċjetà ċivili ġurnaliżmu u attiviżmu politiku indipendenti;
9. Jesprimi tħassib dwar liġijiet restrittivi għodda, bħal-Liġi 20-06, li b'mod arbitrarju tikkriminalizza t-tixrid ta' "aħbarijiet foloz" li jdgħajfu l-unur tal-uffiċjali pubbliċi u l-finanzjament tal-assoċjazzjonijiet; jisħaq fuq il-fatt li din il-liġi tinkludi diversi dispożizzjonijiet li jiksru l-istandards internazzjonali dwar il-libertà ta' espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni, inklużi l-Artikoli 19 u 22 tal-ICCPR;
10. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Alġerini jirrieżaminaw il-Liġi restrittiva attwali 12-06 tal-2012 dwar l-Assoċjazzjonijiet, u l-Liġi 91-19 tal-1991 dwar il-Laqqat Pubbliċi u d-Dimostrazzjonijiet, li jistabbilixxu reġim ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u biex jiżguraw li l-awtorità amministrattiva rilevanti toħroġ minnufih riċevuta ta' reġistrazzjoni lil diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mhux governattivi, reliġjużi u tal-karità li applikaw għal reġistrazzjoni mill-għdid;
11. Jiddeplora l-emendi tal-Kodiċi Penali tal-Alġerija ta' April 2020 li jirrestrinġu l-libertà tal-istampa, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni; ihegġegħ lill-awtoritajiet Alġerini jirrevedu l-Kodiċi Penali u b'mod partikolari l-Artikoli 75, 79, 95a, 98, 100, 144, 144a, 144a2, 146 u 196a, f'konformità mal-ICCPR u l-ACHPR sabiex itemmu l-kriminalizzazzjoni tal-libertà ta' espressjoni u ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni paċifika;
12. Jilqa' l-fatt li l-Artikoli 4 u 223 tal-Kostituzzjoni riveduta jsaħħu l-istatus tat-Tamazight bħala l-lingwa nazzjonali u uffiċjali; jenfasizza li dikjarazzjonijiet bħal dawn m'għandhomx iservu bħala mezz biex jinjoraw il-problemi strutturali ffaċċjati mit-Tamazight jew biex tinżera l-firda fi ħdan il-moviment Hirak; jappella lill-awtoritajiet Alġerini jissalvagwardjaw it-trattament ugwali quddiem il-liġi fl-użu tal-Għarbi u t-Tamazight; ihegġegħ lill-Gvern Alġerin ibiddel il-projbizzjoni tal-irfigħ tal-bandiera tal-Amazigh u jeħles minnufih lil kull min jinsab il-ħabs talli weras simboli tal-Amazigh;
13. Jappoġġa l-avukati Alġerini u lill-prattikanti legali oħra li għadhom qed ifittxu li jżommu l-ogħla standards ta' ġustizzja minkejja l-kuntest u r-riskji involuti; jappella lill-awtoritajiet Alġerini jiggarantixxu bis-sħiħ l-indipendenza tal-ġudikatura u l-imparzjalità tas-sistema ġudizzjarja, u jwaqqfu u jipprojbixxu kull restrizzjoni, influwenza mhux xierqa, pressjoni, theddid jew indħil fit-teħid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u kwistjonijiet ġudizzjarji oħra;
14. Jappella lill-awtoritajiet Alġerini jiżguraw kemm ir-responsabbiltà sħiħa kif ukoll is-sorveljanza ċivili u demokratika tal-forzi armati, u s-subordinazzjoni effettiva tagħhom għal awtorità ċivili kostitwita legalment, u biex jiggarantixxu li r-rwol tal-militar jiġi definit b'mod xieraq fil-Kostituzzjoni u espressament limitat għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali;
15. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Alġerini jagħtu aċċess għall-pajjiż lill-organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u lill-Proċeduri Speċjali tan-NU;
16. Jesprimi tħassib dwar l-ostakoli amministrattivi li qed jiffaċċjaw il-minoranzi reliġjużi fl-Alġerija, u b'mod partikolari fir-rigward tal-Ordinanza 06-03; ihegġegħ lill-Gvern Alġerin jirrevedi l-Ordinanza 06-03 biex din tikkonforma aktar mal-Kostituzzjoni u mal-obbligi internazzjonali tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, jiġifieri mal-Artikolu 18 tal-ICCPR; jappella għar-rispett tal-libertà ta' qima tal-minoranzi reliġjużi kollha;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

17. Jistenna li l-UE tpoġġi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-parteċipazzjoni tagħha mal-awtoritajiet Alġerini, b'mod partikolari matul il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Alġerija li jmiss; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ifassal u jipprovi lista ta' każijiet individwali ta' tħassib partikolari, inklużi dawk imsemmija f'din ir-risoluzzjoni, u jirrapporta regolarment lill-Parlament dwar il-progress imwettaq lejn is-soluzzjoni ta' dawn il-każijiet;

18. Jistieden lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien mar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, jappoġġaw lill-gruppi tas-soċjetà ċivili, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, lill-ġurnalisti, u lid-dimostranti, inkluż billi jadottaw pożizzjoni pubblika aktar assertiva dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fl-Alġerija, billi jikkundannaw b'mod ċar u pubbliku l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, billi jħeġġu lill-awtoritajiet jeħilsu detenuti arbitrarji u jwaqqfu l-użu eċċessiv tad-detenzjoni preventiva qabel il-proċess, billi jitolbu aċċess għad-detenuti u jimmonitorjaw il-proċessi tal-attivisti, tal-ġurnalisti u ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, billi jimmonitorjaw mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Alġerija, billi jagħmlu użu mill-istrumenti kollha disponibbli;

19. Jissottolinja l-importanza tar-relazzjonijiet UE-Alġerija mal-Alġerija bħala ġara u sieħba importanti; ifakkar fl-importanza ta' relazzjoni UE-Alġerija b'saħħitha u profonda u jtenni l-impenn tiegħu li jrawwem dawn ir-relazzjonijiet, abbażi tar-rispett sħiħ għall-valuri komuni bħar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, u l-libertà tal-midja;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lid-Delegazzjoni tal-UE fl-Alġier, lill-Gvern tal-Alġerija, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lill-Kunsill tal-Ewropa.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0330

Is-sitwazzjoni fl-Etjopja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar is-sitwazzjoni fl-Etjopja (2020/2881(RSP))

(2021/C 425/14)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Etjopja,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-9 ta' Novembru 2020 mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President Josep Borrell dwar l-aħħar żviluppi fl-Etjopja,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tat-12 ta' Novembru 2020 mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President Josep Borrell u l-Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet Janez Lenarčič dwar l-Etjopja,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-19 ta' Novembru 2020 mill-Kummissarju għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet Janez Lenarčič bit-titolu "Tigray conflict: EU humanitarian support to Ethiopian refugees reaching Sudan" (Kunflitt f'Tigray: Appoġġ umanitarju tal-UE lir-refuġjati Etjopjani li jasu fis-Sudan),
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-4 ta' Novembru 2020 mis-Segretarju Ġenerali tan-NU,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-6 u tat-13 ta' Novembru 2020 mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Michelle Bachelet, dwar ir-reġjun ta' Tigray,
 - wara li kkunsidra t-taħditiet informali tal-24 ta' Novembru 2020 fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-kunflitt li għaddej fir-reġjun ta' Tigray fl-Etjopja,
 - wara li kkunsidra r-rapport tas-sitwazzjoni tal-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) tan-NU dwar l-Etjopja, tal-11 ta' Novembru 2020,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-9 ta' Novembru 2020 mill-President tal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, l-E. T. Moussa Faki Mahamat, dwar is-sitwazzjoni fl-Etjopja,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-9 ta' Novembru 2020 mill-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-19 ta' Novembru 2020 mill-ministri tal-affarijiet barranin tal-Istati Membri,
 - wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Federali Demokratika tal-Etjopja, adottata fit-8 ta' Diċembru 1994, u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet demokratiċi,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,
 - wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,
 - wara li kkunsidra t-tieni reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kunflitt armat attwali bejn il-Gvern Federali tal-Etjopja u l-amministrazzjoni reġjonali ta' Tigray, immexxja mill-Front għal-Liberazzjoni tal-Poplu ta' Tigray (TPLF), ikkawża mijiet ta' mwiet ċivili u l-ispostament tal-massa ta' persuni;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- B. billi fl-4 ta' Novembru 2020 il-Gvern Etjopjan iddikjara stat ta' emerġenza u nieda operazzjonijiet militari fir-reġjun tat-Tramuntana ta' Tigray jum wara rapport ta' attakk mit-TPLF kontra l-bażi militari tal-gvern federali fir-reġjun ta' Tigray; billi minn dak iż-żmien 'l hawn kien hemm konfrontazzjonijiet armati bejn il-forzi federali (l-Armata Federali, il-Forza tal-Pulizija Speċjali tar-Reġjun ta' Amhara u l-milizzja lokali Amhara) fuq naħa u l-forzi reġjonali (il-Forza tal-Pulizija Speċjali ta' Tigray u l-milizzja) leali lejn it-TPLF fuq in-naħa l-oħra;
- C. billi d-diverġenza politika bejn il-PP u t-TPLF kompliet tiġi enfasizzata meta l-gvern federali ppospona l-elezzjonijiet nazzjonali, skedati għal Mejju 2020, minħabba l-kriżi tal-COVID-19;
- D. billi f'Settembru 2020 l-amministrazzjoni reġjonali ta' Tigray immexxija mit-TPLF organizzat l-elezzjoni tagħha, li ġiet iddikjarata illegali mill-Gvern Etjopjan minħabba li l-mandat tiegħu kellu jntemm f'Settembru 2020; billi l-parlament federali qies il-proċess elettorali fir-reġjun ta' Tigray bħala illegali; billi t-tmexxija ta' Tigray ħabbet li ma għadhiex tirrikonoxxi l-amministrazzjoni federali jew il-liġijiet tagħha; billi fit-3 ta' Novembru 2020 il-parlament federali ddikjara t-TPLF bħala "grupp terroristiku";
- E. billi fit-8 ta' Novembru 2020 it-TPLF avviċina lill-Unjoni Afrikana biex jissuġġerixxi taħditiet, iżda l-gvern federali eskluđa kwalunkwe possibbiltà ta' negozjati mat-TPLF u ċaħad talbiet internazzjonali għal djalogu u medjazzjoni, bl-argument li l-kunflitt ta' Tigray huwa kwistjoni interna li m'għandhiex tiġi internazzjonalizzata; billi l-UE offriet l-appoġġ tagħha sabiex tgħin ħalli jitnaqqsu t-tensjonijiet, ikun hemm ritorn għad-djalogu u jiġi żgurat l-istat tad-dritt fl-Etjopja kollha;
- F. billi fl-2018 Abiy Ahmed kiseb ftehim storiku ta' paċi mal-Eritrea, li temm aktar minn deċennju ta' sospensjoni ta' rabtiet diplomatiċi u kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi; billi l-gvern ta' Abiy ħa passi sinifikanti biex jeħles lill-ġurnalisti u lill-priġunieri politiċi, ippermetta li gruppi tal-oppożizzjoni preċedentement ipprojbti joperaw, u adotta liġijiet ġodda dwar l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu; billi l-gvern reċentement ġie kkritikat minħabba d-detenzjoni ta' politiċi tal-oppożizzjoni; billi għad hemm tħassib dwar l-adozzjoni ta' liġi għida mmirata biex trażżan id-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni, li tista' taffettwa b'mod negattiv il-libertà tal-espressjoni;
- G. billi xi gruppi politiċi marbuta ma' gruppi etniċi fl-Etjopja li jħossu hom marġinalizzati mis-sistema federalista tal-gvern tal-Etjopja jallgaw li din is-sistema rriżultat f'favoritiżmu etniku u diskriminazzjoni;
- H. billi f'Ġunju 2020 faqqgħet vjolenza mifruxa wara l-mewt ta' Hachalu Hundessa, kantant u attivist mir-reġjun ta' Oromo, waqt li mijiet ta' persuni nqatlu u oħrajn ġew arrestati; billi fl-1 ta' Novembru 2020 aktar minn 50 persuna Amhara nqatlu f'attakk fuq tliet villaġġi li qed jitqiesu b'mod wiesa' bħala motivati etnikament u possibbilment imwettqa mill-Armata għal-Liberazzjoni ta' Oromo (OLA), milizzja li ħarġet mill-Front għal-Liberazzjoni ta' Oromo (OLF);
- I. billi, skont il-Moviment Nazzjonali Amhara, l-awtoritajiet Etjopjani pprojbixxew protesti paċifiċi – kontra qtil motivat etnikament – li kellhom isiru fit-28 ta' Ottubru 2020;
- J. billi, skont l-organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, kien hemm diversi inċidenti ta' qtil indiskriminat ta' ċivili f'partijiet differenti ta' Tigray mill-bidu tal-kunflitt, inkluż massakru li seħħ fil-lejl tad-9 ta' Novembru 2020 f'Mai-Kadra fir-reġjun ta' Tigray, fejn il-qtil ta' mijiet ta' ċivili jista' jammonta għal delitti tal-gwerra;
- K. billi, skont l-organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, residenti ta' Tigray li jgħixu xi mkien ieħor fil-pajjiż ġew sospiżi mill-impjeggi tagħhom u ma tħallewx jaqbd u titjiriet barra mill-pajjiż; billi hemm rapporti ta' sorveljanza fiżika u diġitali, arresti u detenzjonijiet arbitrari tal-massa;
- L. billi l-President ta' Tigray ikkonferma li l-forzi tiegħu sparaw rokits immirati lejn l-ajruport ta' Asmara fl-Eritrea;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- M. billi l-ġlied fatali bejn il-forzi federali Etojpjani u t-TPLF qajjem tħassib internazzjonali dwar ir-riskji involuti fl-intensifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' sigurtà eżistenti jew fit-tqanqil ta' oħrajn ġodda fl-Etojpja, li jista' jkollhom riperkussjonijiet fuq il-pajjiżi ġirien u potenzjalment jiddestabilizzaw ir-reġjun kollu tal-Qarn tal-Afrika; billi l-Etojpja rtirat truppi mis-Somalja li kienu qed jiġġieldu r-ribelli Iżlamisti; billi l-awtoritajiet Kenjani żiedu s-sigurtà fil-fruntiera mal-Etojpja fost il-biża' li jiżdiedu t-tensjonijiet;
- N. billi l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE mal-Etojpja hija waħda mill-akbar fid-dinja li tammonta għal EUR 815-il miljun għall-perjodu 2014-2020; billi l-Etojpja hija wkoll waħda mill-benefiċjarji ewlenin tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika, b'aktar minn EUR 271,5 miljun għall-2015-2019; billi fl-2020 l-UE qed tipprovdi EUR 44,29 miljun għal proġetti umanitarji fl-Etojpja billi tappoġġa l-għoti ta' assistenza li ssalva l-għajxien lil persuni spostati internament minħabba vjolenza jew perikli naturali;
- O. billi l-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) tal-UN talab aċċess għar-reġjun ta' Tigray, li għadu totalment iżolat (l-aċċess għall-internet u t-telefon ġie maqtugħ) mill-bidu tal-ġlied; billi, skont il-UNHCR, in-nuqqas ta' elettriku, ta' telekomunikazzjonijiet, ta' aċċess għall-fjuwil u għall-flus kontanti jillimita kwalunkwe reazzjoni ta' għajjuna umanitarja f'Tigray u fil-bqija tal-Etojpja, inkluż il-qadi tal-bżonnijiet ta' dawk midruba u maqtula fil-ġlied;
- P. billi saħansitra qabel ma beda l-ġlied, kien hemm 15,2 miljun persuna fi bżonn ta' assistenza umanitarja fl-Etojpja, 2 miljun minnhom fir-reġjun ta' Tigray; billi r-reġjun ta' Tigray huwa l-ħames reġjun l-aktar popolat fl-Etojpja b'aktar minn 6 miljun persuna, u jospita 100 000 persuna spostata internament u 96 000 rifuġjat Eritrean; billi għandu diversi kampijiet tar-rifuġjati importanti li fihom, skont l-NGOs, 44 % ta' dawk li jgħixu hemm huma tfal;
- Q. billi l-Etojpja hija firmatarja tal-Ftehim ta' Cotonou, li l-Artikolu 96 tiegħu jistipula li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali huwa element essenzjali tal-koperazzjoni AKP-UE,
- R. billi l-ġlied ikkawża eluf ta' mwiet u korrimenti miż-żewġ naħat u rriżulta fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali; billi, skont il-UNHCR, mit-22 ta' Novembru 2020, aktar minn 38 500 rifuġjat kienu ħarbu mill-kunflitt u qasmu l-fruntiera lejn is-Sudan; billi n-NU wissiet dwar "kriżi umanitarja fuq skala kbira" u l-aġenziji tagħha qed jipplanaw għall-wasla possibbli ta' 200 000 rifuġjat fuq perjodu ta' sitt xhur; billi l-ġlied qed jikkawża wkoll l-ispostament intern tal-popolazzjoni; billi l-UNHCR diġà talab liż-żewġ partijiet fil-kunflitt jiftħu kurituri biex jippermettu lin-nies jitolqu u fl-istess ħin jaslu l-provvisti; billi l-organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali fuq il-post mhumieq mgħammra tajjeb u jiffaċċjaw skarsezzi ta' provvisti meħtieġa biex jilqgħu lir-rifuġjati li jkun għadhom kif waslu u lill-vittmi tal-vjolenza; billi l-aġenziji tan-NU qed ifittxu USD 50 miljun f'finanzjament immedjat li se jmur biex jipprovdi l-ikel u biex jiġu stabbiliti kampijiet ġodda; billi l-Kummissjoni Ewropea qed timmobilizza EUR 4 miljun inizjali f'assistenza ta' emerġenza biex tgħin fl-appoġġ tal-persuni spostati li jaslu fis-Sudan;
1. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-iżviluppi reċenti fl-Etojpja, inklużi l-vjolenza li għaddejja bħalissa u l-allegazzjonijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem; jiddeplora l-kunflitt armat attwali bejn il-gvern federali tal-Etojpja u l-amministrazzjoni reġjonali ta' Tigray immexxija mit-TPLF; jistieden liż-żewġ partijiet jimpenjaw ruħhom għal waqfien mill-ġlied immedjat u jsolvu d-diverġenzi politiċi b'mezzi demokratiċi fil-qafas tal-kostituzzjoni tal-pajjiż sabiex tinstab soluzzjoni paċifika dejjiema, jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-waqfien mill-ġlied, u jaħdmu biex jinbena kunsens nazzjonali permezz ta' djalogu inklużiv;
 2. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-vittmi u l-qraba ta' dawk milquta; jiddeplora t-telf ta' ħajjiet, il-qtil ta' ċivili innoċenti u l-qtil extraġudizzjarju, irrispettivament mill-awturi tagħhom;
 3. Jistieden lill-gvern ċentrali tal-Etojpja u lit-TPLF jieħdu azzjonijiet immedjati biex tonqos it-tensjoni tal-kunflitt; jinsisti li l-atturi kollha jseguw b'mod strett approċċ tas-sigurtà ċċentrat fuq il-bniedem;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

4. Jiddeplora l-fatt li l-aċċess għall-ħaddiema umanitarji bħalissa huwa ristrett ħafna; jistieden lill-Gvern Etjopjan jagħti lill-organizzazzjonijiet umanitarji aċċess immedjat u mingħajr restrizzjonijiet għaż-żoni fejn hemm il-kunflitt sabiex tiġi żgurata l-għajnuna umanitarja; iwissi dwar il-periklu ta' kriżi umanitarja maġġuri fil-pajjiż, kif ukoll fl-istati ġirien u fir-reġjun usa';
5. Jinnota bi tħassib l-ultimatum maħruġ mill-Prim Ministru Abiy lill-forzi Tigray li jhegħġghom iċedu u jiddikjara li jekk dan ma jsirx, kien se jsir attakk militari fuq il-kapitali reġjonali Mekelle;
6. Ifakkar fil-fatt li attacchi intenzjonati kontra ċivili jikkostitwixxu delitti tal-gwerra; jistieden lill-forzi taż-żewġ naħat jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali u jiżguraw il-protezzjoni tal-persuni fiż-żoni milquta; ihegħġeg lin-naħat kollha tal-kunflitt, u lill-awtoritajiet reġjonali, jimminimizzaw il-ħsara lill-popolazzjoni ċivili u jiżguraw u jippermettu l-aċċess għas-servizzi bażiċi għaċ-ċivili f'kull ħin;
7. Jinnota bi tħassib serju li t-tensjonijiet u l-vjolenza interetniċi qed jiżdiedu fl-Etjopja; iqis li huwa tal-ikbar importanza li l-awtoritajiet Etjopjani u Tigray jeżerċitaw tmexxija responsabbli billi jrawmu ambjent politiku inklużiv għall-atturi u l-gruppi etniċi kollha;
8. Ihegħġeg lill-awtoritajiet federali jtemmu l-prattika ta' arresti u sorveljanza arbitrari jew inkella l-immirar ta' gruppi etniċi; jistieden lill-awtoritajiet Etjopjani jieħdu miżuri qawwija kontra kwalunkwe tfassil ta' profili etniċi u jiżguraw il-protezzjoni tal-minoranzi etniċi fil-pajjiż kollu; jistieden lill-Gvern Etjopjan jimplimenta riformi li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u jggarantixxu aċċess indaqs għas-servizzi u r-riżorsi tal-gvern għall-gruppi etniċi kollha;
9. Jinsab imħasseb ħafna dwar it-tixrid ta' miżinformazzjoni, li kulma jmur qed jiżdied, u l-użu ta' diskors ta' mibegħda, li jpoġġi lill-gruppi etniċi kontra xulxin biex ikebbes il-kunflitt attwali f'Tigray; jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt biex iżommu lura milli jużaw lingwaġġ xewwiexi u diskors ta' mibegħda, kemm offline kif ukoll online; ihegħġeg lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali, lill-organizzazzjonijiet tal-media u lill-pubbliku biex iżommu lura milli jinvolvu ruħhom f'inċitament għall-vjolenza, diskriminazzjoni jew ostilità kontra l-popolazzjonijiet f'riskju;
10. Jistieden lill-istati ġirien tal-Etjopja, inkluża l-Eritrea, kif ukoll stati oħra fir-reġjun usa', bħall-pajjiżi tal-baċir tan-Nil, biex joqogħdu lura mill-interventi politiċi u militari kollha li jistgħu jkebbu l-kunflitt; jenfasizza li jekk ma jagħmlux dan, jeżistu s-sogru ta' destabilizzazzjoni tar-reġjun usa', b'konsegwenzi diżastrużi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali; jenfasizza r-rwol kruċjali li jista' jiżvolġu l-istati ġirien tal-Etjopja fl-għoti ta' appoġġ diplomatiku biex tonqos it-tensjoni tal-kunflitt;
11. Jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-isforzi ta' medjazzjoni u ta' tnaqqis tat-tensjoni mibdija mill-presidenza tal-Afrika t'Isfel tal-Unjoni Afrikana, b'mod partikolari n-nomina ta' tliet Mibgħuta Speċjali tal-Unjoni Afrikana, u jappella lill-partijiet kollha involuti biex jikkooperaw b'mod attiv u jipparteċipaw fl-isforzi ta' medjazzjoni tal-Unjoni Afrikana; jistieden lill-awtoritajiet Etjopjani jikkooperaw mal-isforzi tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Unjoni Afrikana, l-IGAD u l-Unjoni Ewropea, biex jidħlu fi djalogu inklużiv fi sforz biex jinkisbu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fil-pajjiż u fir-reġjun;
12. Huwa mħasseb ħafna dwar il-blackout de facto tal-komunikazzjonijiet fir-reġjun tat-Tramuntana ta' Tigray; ihegħġeg lill-Gvern Etjopjan jirrestawra l-forom kollha ta' komunikazzjoni lil Tigray bħala att ta' responsabbilizzazzjoni u trasparenza għall-operazzjonijiet militari tiegħu fir-reġjun u jippermetti komunikazzjoni ħielsa fost il-poplu ta' Tigray; jenfasizza l-importanza u l-ħtieġa ta' aċċess għall-informazzjoni, kemm online kif ukoll offline, peress li d-dritt tal-persuni kollha li jkunu infurmati u li jkollhom aċċess għall-informazzjoni huwa partikolarment vitali f'sitwazzjoni ta' kriżi; ihegħġeg li jkun permess rappurtar indipendenti dwar is-sitwazzjoni; jinsisti fuq l-importanza li l-media indipendenti tingħata aċċess għal Tigray minnufih; ihegħġeg lill-Gvern Etjopjan jirrispetta bis-sħiħ il-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-istampa, kif previst fil-Kostituzzjoni tal-Etjopja, u jeħles lill-ġurnalisti u lill-bloggers detenuti inġustament; jemmen bis-sħiħ li l-protesti paċifiċi huma parti minn proċess demokratiku, u jenħtieġ li jiġu evitati reazzjonijiet b'forza eċċessiva taħt kwalunkwe ċirkostanza;
13. Jistieden lill-partijiet kollha fil-kunflitt jggarantixxu l-moviment liberu u sikur taċ-ċivili u jiżguraw li jiġi rispettat id-dritt għal-libertà tal-għaqda;
14. Jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt fir-reġjun tat-Tramuntana ta' Tigray biex jggarantixxu aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-osservaturi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem biex jiġi żgurat li l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem qed jiġu rispettati; jistieden lill-partijiet kollha fil-kunflitt jaħdmu mill-qrib mal-atturi rilevanti biex iwettqu investigazzjoni trasparenti dwar il-massakru ta' Mai-Kadra, u jitlob li l-awturi ta' dan id-delitt jinżammu responsabbli u jitressqu quddiem il-ġustizzja mingħajr dewmien;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

15. Jistieden lill-awtoritajiet federali Etojpjani jwettqu investigazzjoni bir-reqqa, indipendenti, effettiva u imparzjali dwar kwalunkwe u kull qtil u ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż użu ta' forza eċċessiva, detenzjoni arbitrarja u għajbien sfurzati, u jistieden lill-awtoritajiet Tigray jikkooperaw f'dawn l-investigazzjonijiet; jistieden lill-awtoritajiet kollha tal-Etojpja jiġġieldu l-impunità b'mod attiv; ifakkar lill-Gvern Etojpjan fl-obbligi tiegħu li jggarantixxi d-drittijiet fundamentali, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għal proċess ġust u indipendenti, kif previst fil-Karta Afrikana u fi strumenti internazzjonali u reġjonali oħra tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Ftehim ta' Cotonou; jinsisti li l-awtoritajiet Etojpjani jiżguraw li l-istat tad-dritt ġust u imparzjali jiġi rispettat u osservat fl-Etojpja kollha;

16. Jitlob kooperazzjoni mill-qrib bejn l-entitajiet tal-ġhajnuna umanitarja tal-UE u l-UNHCR, u li l-UNHCR ikompli jipprovdi appoġġ lir-rifuġjati li ħarbu minn din il-kriżi, fosthom qrib iż-żoni li ħarbu minnhom; ifakkar li l-Gvern Etojpjan huwa responsabbli għas-sikurezza u s-sigurtà tar-rifuġjati u tal-persuni spostati internament fit-territorju tiegħu; ifakkar li aktar minn 96 000 rifuġjat mill-Eritrea fil-biċċa l-kbira qed jingħataw kenn fil-kampijiet tar-rifuġjati fir-reġjun ta' Tigray; jappoġġa l-appelli tal-komunità internazzjonali u tal-organizzazzjonijiet umanitarji li jżidu l-assistenza lir-rifuġjati u l-persuni spostati;

17. Jistieden lill-UE u lis-sħab tagħha jappoġġaw lill-Gvern Sudaniż u lill-awtoritajiet lokali biex jirrispondu b'mod urġenti għat-talbiet biex jospitaw lir-refuġjati Etojpjani li qed jaħarbu mill-ġlied fir-reġjun ta' Tigray; jesprimi l-apprezzament tiegħu lejn is-Sudan, li lest li jilqa' lir-rifuġjati li qed jaħarbu mill-kunflitt; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' tħejjijiet għall-wasla ta' massimu ta' 200 000 rifuġjat fis-Sudan; jinnota li l-Etojpja hija pajjiż importanti ta' destinazzjoni, ta' transitu u ta' orijini tal-migranti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-proġetti ffinanzjati kollha mibdija fi ħdan il-qafas tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tal-migranti u tal-persuni spostati internament;

18. Jappella għall-mobilizzazzjoni urġenti, kif ukoll l-allokkazzjoni strutturata u miftiehma, ta' riżorsi addizzjonali mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet komprensivi kkawżati mill-kunflitt;

19. Jilqa' l-impenn tal-gvern Etojpjan li jorganizza elezzjonijiet ġenerali fl-2021; iħeġġeġ lill-atturi politiċi kollha fil-pajjiż biex jimpennjaw ruħhom fi djalogu politiku li jinvolvi liċ-ċittadini mill-firxa politika, ideoloġika, reġjonali u etnika kollha qabel l-elezzjonijiet; jenfasizza bil-qawwa li elezzjonijiet ħielsa, ġusti, inklużivi u kredibbli jistgħu jsiru biss f'atmosfera ħielsa mill-intimidazzjoni, il-vjolenza u l-fastidju, bil-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni garantiti, f'konformità man-normi internazzjonali; jiddispijaci li l-impenn għal elezzjonijiet ħielsa ġie mdghajef permezz tad-detenzjoni ta' diversi politiċi tal-oppożizzjoni mill-ispettru politiku kollu minn Ġunju 2020, u minn ksur serju ta' proċess ġust li jdgħajef id-drittijiet tad-detenuati għal proċess ġust; jistieden lill-awtoritajiet jeħilsu lid-detenuati kollha sakemm ma jkunux akkużati b'reati legalment rikonoxxibbli u jkunu jistgħu jiġu pproċessati skont l-istandards internazzjonali ta' proċess ġust;

20. Jesprimi l-impenn tiegħu favur l-għaqda u l-integrità territorjali tal-Etojpja, u jistieden lill-atturi kollha fl-Etojpja jaħdmu favur is-soluzzjoni paċifika ta' kwalunkwe kunflitt fil-pajjiż;

21. Jappella lill-UE biex tkompli tuża l-mezzi diplomatiċi kollha meħtieġa biex timpenja ruħha mal-awtoritajiet federali u reġjonali, kif ukoll mas-sħab reġjonali u l-istituzzjonijiet multilaterali, sabiex il-kunflitt jissolva b'mod paċifiku;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rap-preżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Gvern Federali u lill-Kamra tal-Federazzjoni tal-Etojpja, lill-awtoritajiet ta' Tigray, lill-Gvern tar-Repubblika tas-Sudan, lill-gvernijiet tal-IGAD, lill-Unjoni Afrikana u lill-Istati Membri tagħha, lill-Parlament Pan-Afrikan, u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0331

Il-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarus, b'mod partikolari l-qtil ta' Raman Bondarenko**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarus, b'mod partikolari l-qtil ta' Raman Bondarenko (2020/2882(RSP))**

(2021/C 425/15)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Belarus, b'mod partikolari dawk tas-17 ta' Settembru 2020 dwar is-sitwazzjoni fil-Belarus⁽¹⁾, tal-4 ta' Ottubru 2018 dwar id-deterjorament tal-libertà tal-mezzi tax-xandir fil-Belarus, notevolment il-każ ta' Charter 97⁽²⁾, tad-19 ta' April 2018 dwar il-Belarus⁽³⁾, tas-6 ta' April 2017 dwar is-sitwazzjoni fil-Belarus⁽⁴⁾, tal-24 ta' Novembru 2016 dwar is-sitwazzjoni fil-Belarus⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2020 lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar ir-relazzjonijiet mal-Belarus⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Premju Sakharov 2020 tal-Parlament Ewropew għal-Libertà tal-Ħsieb, li ngħata lill-oppożizzjoni demokratika fil-Belarus fit-22 ta' Ottubru 2020,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Awwissu 2020 u dik tal-mexxejja tal-ħames gruppi politiċi tas-17 ta' Awwissu 2020 dwar is-sitwazzjoni fil-Belarus wara l-hekk imsejħa elezzjonijiet presidenzjali tad-9 ta' Awwissu 2020,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Ottubru 2020 u tas-16 ta' Ottubru 2020, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Belarus tat-12 ta' Ottubru 2020,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2020 li jżid 15-il membru tal-awtoritajiet Belarussi, fosthom lil Alexander Lukashenko, mal-lista ta' individwi sanzjonati, biex l-għadd totali ta' Belarussi soġġetti għal projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u għall-iffriżar tal-assi tela' għal 59; wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2020 dwar l-estensjoni tal-embargo tal-UE tal-2004 fil-konfront tal-Belarus fuq l-armi u t-tagħmir li jistgħu jintużaw għal finijiet ta' repressjoni interna⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-eżitu ewlieni tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-14 ta' Awwissu 2020 u l-konklużjonijiet tal-President tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Awwissu 2020 dwar is-sitwazzjoni fil-Belarus wara l-elezzjonijiet presidenzjali tad-9 ta' Awwissu 2020,
- wara li kkunsidra d-diversi dikjarazzjonijiet u stqarrijiet reċenti tal-VP/RGħ dwar il-Belarus, b'mod partikolari dawk tal-11 ta' Awwissu 2020 u tas-17 ta' Awwissu 2020, u d-dikjarazzjonijiet preċedenti tal-kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), b'mod partikolari dik tat-13 ta' Novembru 2020 dwar il-mewt ta' Raman Bondarenko, kif ukoll dawk dwar l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt fil-Belarus,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-VP/RGħ tas-7 ta' Settembru 2020 dwar l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrarji u mhux ġustifikati abbażi ta' raġunijiet politiċi, u d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli fisem l-Unjoni Ewropea tal-11 ta' Settembru 2020 dwar l-eskalazzjoni tal-vjolenza u l-intimidazzjoni fil-konfront tal-membri tal-Kunsill ta' Koordinament, wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tad-Delegazzjoni tal-UE għall-Belarus fisem l-Istati Membri tal-UE rappreżentati f'Minsk, l-Ambaxxata Brittanika, l-Ambaxxata tal-Iżvizzera u l-Ambaxxata tal-Istati Uniti tal-Amerka tas-17 ta' Novembru 2020 dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarus,

⁽¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0231.⁽²⁾ ĠU C 11, 13.1.2020, p. 18.⁽³⁾ ĠU C 390, 18.11.2019, p. 100.⁽⁴⁾ ĠU C 298, 23.8.2018, p. 60.⁽⁵⁾ ĠU C 224, 27.6.2018, p. 135.⁽⁶⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0280.⁽⁷⁾ ĠU L 45, 18.2.2020, p. 3.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tan-NU dwar is-sitwazzjoni fil-Belarusja, b'mod partikolari dawk tar-Rapporteurs Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tat-13 ta' Awwissu 2020 u tad-19 ta' Novembru 2020 u tal-kelliem għall-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-21 ta' Awwissu 2020, tal-11 ta' Settembru 2020 u tat-13 ta' Novembru 2020, u dawk magħmula waqt id-dibattitu urġenti dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-45 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-18 ta' Settembru 2020,
 - wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarusja tas-17 ta' Lulju 2020, u r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-17 ta' Settembru 2020 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarusja qabel l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u warajha,
 - wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur tal-OSKE fl-ambitu tal-Mekkaniżmu ta' Moska dwar l-allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatat mal-Elezzjonijiet Presidenzjali tad-9 ta' Awwissu 2020 fil-Belarusja tal-5 ta' Novembru 2020,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-konvenzjonijiet kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-Belarusja hija firmatarja tagħhom,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi aktar minn 100 jum wara li bdew, fil-Belarusja għadhom għaddejnin protesti u strajks paċifiċi bla preċedent, li juru l-livell ta' skuntentizza u mobilizzazzjoni tas-soċjetà Belarussa kontra l-falsifikazzjoni massiċċa tar-riżultati elettorali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mir-reġim awtokratiku tal-pajjiż; billi l-protesti kontinwi jilhqgħu l-qofol tagħhom matul tmiem il-ġimgħa fil-Mixjiet favur l-Għaqda, u l-iskala tal-protesti hija bla preċedent fl-istorja tal-Belarusja, b'mijiet ta' eluf ta' parteċipanti;
- B. billi l-awtoritajiet Belarussi rreaġixxew għall-protesti leġittimi u paċifiċi bi vjolenza, repressjoni, intimidazzjoni sistematika, fastidju, restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali u trattament inuman, inklużi t-tortura u l-vjolenza sesswali fuq persuni arrestati waqt il-protesti, fosthom difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem iddokumentaw aktar minn 500 każ ta' tortura u maltrattament, filwaqt li diversi persuni huma neqsin jew instabu mejta, inklużi Alyaksandr Taraykouski, Konstantin Shishmakov, Artsyom Parukou, Alexander Vikhor u Gennady Shutov; billi l-Belarusja hija l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għad għandu l-piena kapitali;
- C. billi huwa stmat li aktar minn 25 000 Belarussu ġew detenuti fxi punt talli pprotestaw kontra r-reġim, kemm qabel kif ukoll wara l-elezzjonijiet tad-9 ta' Awwissu 2020, inklużi persuni anzjani, nisa u tfal; billi aktar reċentement, kemm fit-8 kif ukoll fil-15 ta' Novembru 2020, aktar minn 1 000 persuna ġew detenuti waqt protesti paċifiċi li kienu għaddejnin; billi hemm aktar minn 125 prigionier politiku fil-Belarusja;
- D. billi Raman Bondarenko, għalliem tal-arti ta' 31 sena, issawwat brutalment fil-11 ta' Novembru 2020 filgħaxija minn grupp ta' rgħiel libsin pajżana u b'wiċċhom mgħammad, li allegatament kellhom rabtiet mill-qrib mar-reġim ta' Lukashenko; billi Bondarenko kompli jiġi msawwat waqt li kien f'detenzjoni u wara sagħtejn ittieħed l-isptar bi għriehi frasu, li kawża tagħhom miet l-għada; billi l-awtoritajiet qed jippruvaw jiddevjaw ir-responsabbiltà billi jalliegaw li Bondarenko ssawwat minn "ċittadini mħassba" u billi ħarrku liż-żewġ informaturi: tabib u ġurnalist;
- E. billi l-awtoritajiet Belarussi naqsu milli jieħdu l-miżuri immedjati meħtieġa bil-liġi biex jinvestigaw id-delitt u aktar minn 1 100 persuna li kkommemoraw il-mewt ta' Bondarenko ġew detenuti madwar il-Belarusja fil-jiem ta' wara; billi r-rappreżentanti tal-Knisja Ortodossa u l-Knisja Kattolika rċewew notifiki mill-Kumitat ta' Investigazzjoni tal-Belarusja dwar ksur tal-liġi minħabba li kienu kkundannaw il-qerda mill-forzi tas-sigurtà tal-monument li kkommemora lil Raman Bondarenko;
- F. billi minflok ma ttellgħu quddiem il-ġustizzja dawk responsabbli mill-mewt ta' Raman Bondarenko, l-awtoritajiet qed jipproċessaw dawk li ppruvaw jiskopru l-verità dwar iċ-ċirkostanzi ta' mewtu; billi fid-19 ta' Novembru 2020 l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Belarusja beda proċediment kriminali skont it-termini tal-Artikolu 178(3) tal-Kodiċi Kriminali tal-Belarusja ("Divulgazzjoni ta' sigriet mediku b'konsegwenzi gravi"); billi wara dan ġiet arrestata Katsiaryna Barysevich, ġurnalista tal-organizzazzjoni tal-midja indipendenti TUT.BY li kitbet dwar il-mewt ta' Raman Bondarenko;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- G. billi fit-12 ta' Ottubru 2020 il-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarusja ħareġ dikjarazzjoni li fiha ħabbar li kien lest juża munizzjon attiv kontra d-dimostranti; billi l-awtoritajiet użaw stun grenades u pepper spray, sparaw balal tal-lastku direttament lejn individwi u sparaw tiri fl-arja waqt diversi protesti; billi hemm ostakli kostanti fit-trasport u l-komunikazzjoni, b'mod partikolari restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-internet, bħala mezz biex ma jitħallew isiru u jixxerrdu l-protesti;
- H. billi l-awtoritajiet Belarussi qed ikomplu r-repressjoni vjolenti tagħhom kontra ġurnalisti Belarussi indipendenti u ċittadini-ġurnalisti u qed jinvolvu ruħhom f'tentattivi intenzjonati biex ifixxlu r-rappurtar oġġettiv; billi fil-15 ta' Novembru 2020 biss, 23 ġurnalist li kienu qed jirrappurtaw mill-protesti li saru b'tifkira ta' Raman Bondarenko f'diversi bliet Belarussi ġew arrestati; billi l-midja u l-ġurnalisti barranin mhumix qed jitħallew jidħlu fil-Belarusja;
- I. billi total ta' 390 ġurnalist għaddew minn prosekuzzjoni matul u wara l-perjodu elettorali, 77 minnhom skontaw sentenzi ta' priġunerija għal żmien qasir sa tul ta' 15-il ġurnata fuq akkużi ta' natura amministrattiva; billi mit-23 ta' Novembru 2020, 14-il ġurnalist qegħdin jinżammu l-ħabs fuq akkużi ta' natura amministrattiva jew kriminali, skont l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti tal-Belarusja;
- J. billi l-arresti u d-detenzjonijiet arbitrarji ta' ġurnalisti spiss kienu akkumpanjati mill-użu tal-forza u rriżultaw fi ħsara fuq tagħmir professjonali u fil-konfiska ta' tali tagħmir, kif ukoll fit-tħassir ta' materjal vidjo mħejji; billi tliet ġurnalisti nisa ndarbu minn balal tal-gomma waqt li kienu qegħdin jaqdu dmirhom bħala ġurnalisti;
- K. billi il-korrispondenti barranin li waslu fil-pajjiż biex isegwu l-elezzjonijiet ġew imċaħħda mill-akkreditament; billi fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ikkanċella l-akkreditament tal-ġurnalisti barranin kollha preżenti fil-pajjiż, u ddeskriva l-miżura bħala parti minn riforma tar-regolamenti u tal-proċeduri tal-pajjiż applikabbli għall-midja;
- L. billi t-tfal Belarussi huma fil-mira tar-repressjoni, peress li l-ġenituri tagħhom qed jiġu mhedda li jitilfu l-kustodja talli jieħdu sehem fil-protesti;
- M. billi l-UE imponiet sanzjonijiet kontra 40 individwu responsabbli għall-vjolenza, ir-repressjoni u l-falsifikazzjoni tar-riżultati tal-elezzjoni fil-Belarusja; billi fis-6 ta' Novembru 2020, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jżid 15-il membru tal-awtoritajiet Belarussi, inkluż lil Alexander Lukashenko u lil ibnu, mal-lista ta' individwi sanzjonati; billi qed jitħejjew aktar sanzjonijiet fuq individwi u kumpaniji; billi, fit-3 ta' Novembru 2020, l-impjant tal-enerġija nukleari ta' Astravyets beda jipproduċi l-elettriku, u dan qajjem tħassib ġdid dwar is-sikurezza tiegħu;
- N. billi l-awtoritajiet Belarussi s'issa naqsu milli jinvestigaw rapporti ta' brutalità tal-pulizija u għad hemm impunità mifruxa għall-każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi n-nuqqas tal-istat tad-dritt jimpedixxi d-dritt tal-vittmi li jkollhom proċess ġust;
1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-qtil ta' Raman Bondarenko, u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familja tiegħu u lill-familji kollha li tilfu lill-maħbubin tagħhom b'riżultat tar-repressjoni tar-reġim ta' Lukashenko;
 2. Jitlob li jkun hemm investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa, imparzjali u indipendenti dwar il-mewt ta' Raman Bondarenko u dwar l-imwiet marbuta mal-protesti ta' Alyaksandr Taraykouski, Alexander Vikhor, Artsyom Parukou, Gennady Shutov u Konstantin Shishmakov;
 3. Jistieden lill-awtoritajiet Belarussi jeħilsu immedjatament lill-priġunieri politiċi kollha, fosthom id-Dott. Artsyom Sarokin u l-ġurnalista Katsiaryna Barysevich, li kixfu t-tentattivi tal-awtoritajiet biex jaħbu l-qtil ta' Raman Bondarenko;
 4. Itenni l-appoġġ tiegħu għad-dimostranti Belarussi fit-talbiet tagħhom għal-libertà, id-demokrazija, id-dinjità u d-dritt li jagħżlu d-destin tagħhom; jikkundanna l-ksur kontinwu tad-drittijiet tal-bniedem, l-intimidazzjoni u l-użu sproporzjonat tal-forza fuq id-dimostranti paċifiċi;
 5. Jesiġi l-ħelsien immedjat tal-operatur mediku li baġhat lill-midja l-informazzjoni ta' interess pubbliku dwar il-mewt ta' Raman Bondarenko mingħajr ma nkisru d-drittijiet tal-familja tal-vittma;
 6. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Belarussi jwaqqfu kull forma ta' vjolenza, maltrattament, vjolenza sessista u tortura kontra ċ-ċittadini u d-detenuati Belarussi, jagħtuhom aċċess għal pariri mediċi u legali, u jeħilsu immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet lill-persuni kollha detenuti arbitrarjament, inkluż talli jipparteċipaw fi protesti kontra r-riżultati tal-elezzjoni jew kontra l-vjolenza użata mill-awtoritajiet, jew talli esprimew appoġġ għal dawn il-protesti;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

7. Jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe użu ta' intimidazzjoni, fastidju, arresti u detenzjonijiet arbitrarij, u trattament ħażin kontra ċ-ċittadini, u jiddenunzja l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-awtoritajiet tal-istat Belarussu jew fisimhom; jitlob li titwaqqaf minnufih kull forma ta' fastidju fil-konfront ta' ċ-ċittadini, bħat-tkeċċija ta' impjegati jew studenti talli jipparteċipaw fi strajks jew protesti, l-irtirar tal-akkreditazzjoni ġurnalistika, it-tfixkil punittiv tas-servizzi komunalni bħall-ilma jew it-tisħin, iċ-ċaħda tad-drittijiet ta' kustodja tat-tfal, l-imblukkar ta' kontijiet bankarji privati, u qtugħ fis-servizz tal-internet;

8. Jistieden lill-impjegati kollha tal-infurzar tal-liġi tal-Belarussja u lil dawk kollha li jaġixxu fisem l-awtoritajiet Belarussi biex minnufih jieqfu jużaw il-vjolenza kontra ċ-ċivili u joqogħdu lura milli jesegwixxu ordnijiet u struzzjonijiet kriminali dwar l-użu ta' forza sproporzjonata, vjolenza, tortura u maltrattament kontra ċ-ċittadini; jappella għall-introduzzjoni ta' definizzjoni speċifika ta' tortura fil-Kodiċi Kriminali tal-Belarussja f'konformità mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u għal bidliet leġiżlattivi li jikkriminalizzaw l-għajbien furzat;

9. Jiddenunzja n-nuqqas totali ta' volontà min-naħa tal-awtoritajiet li jinvestigaw każijiet ta' maltrattament u tortura minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, filwaqt li jniedu investigazzjonijiet kriminali dwar ċittadini paċifiċi; jenfasizza li dan huwa xhieda ta' politika deliberata u sistematika ta' repressjoni u impunità, enfasizzata aktar mill-fatt li l-pulizija u l-forzi tas-sigurtà speċjali involuti għadhom jirċievu l-oġġla onorefidenzi għall-parteeipazzjoni tagħhom f'delitti kontra l-poplu;

10. Jirrifjuta r-riżultati tal-hekk imsejħa elezzjonijiet presidenzjali tad-9 ta' Awwissu 2020 u jesprimi l-appoġġ inekwivoku tiegħu għall-poplu tal-Belarussja fit-talbiet leġittimi tiegħu għat-tmiem urġenti tar-repressjoni awtoritarja, għar-rispett tal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, għar-rappreżentanza demokratika u l-parteeipazzjoni politika, u għal elezzjonijiet ġodda, ħielsa u ġusti skont l-istandards internazzjonali u taħt l-osservazzjoni elettorali tal-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR);

11. Jistieden lin-negożji kollha li joperaw fil-Belarussja biex jeżerċitaw diliġenza partikolari u jiddefendu r-responsabbiltà tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem;

12. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati d-drittijiet ta' ċittadini għal-libertà tal-għaqda, tal-assoċjazzjoni, tal-espressjoni u tal-opinjoni, kif ukoll għal-libertà tal-midja, u b'hekk jitneħħew ir-restrizzjonijiet kollha fil-liġi u fil-prattika li jimpedixxu dawn il-libertajiet;

13. Itenni l-importanza li jiġi stabbilit l-istat tad-dritt sabiex jiġu rispettati l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll ta' ġudikatura indipendenti li tiffunzjona sabiex jiġi żgurat id-dritt għal avukat, għal proċess ġust u għal rikors legali;

14. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-assistenza tagħha lill-midja indipendenti fil-Belarussja, li s-sopravivenza u l-operat tagħha huma fundamentali biex jaġhtu lill-pubbliku Belarussu, kif ukoll lill-komunità internazzjonali, kopertura oġġettiva ta' dak li qed jiġri fil-Belarussja;

15. Jikkundanna bil-qawwa l-applikazzjoni kontinwa tal-piena tal-mewt u jappella għall-abolizzjoni immedjata u permanenti tagħha u, sakemm isir dan, għal moratorju fuq il-piena tal-mewt u għad-dritt effettiv ta' appell kontra s-sentenzi tal-piena tal-mewt;

16. Jistieden lill-awtoritajiet Belarussi jieqfu jattakkaw, iżommu f'detenzjoni u jiddemonizzaw lill-ġurnalisti u lill-operaturi tal-midja u jaħdmu biex jiggarrantixxu protezzjoni effettiva tal-libertà tal-midja;

17. Jistieden lill-UE tagħti appoġġ lil investigazzjoni internazzjonali tar-reati mwettqa mir-reġim ta' Lukashenko kontra l-poplu tal-Belarussja; jemmen li l-investigazzjoni għandha tkun appoġġjata bit-twaqqif ta' ċentru għall-ġbir tal-evidenza u taskforce tal-UE ta' esperti tad-dritt internazzjonali biex jassistu f'investigazzjonijiet internazzjonali futuri; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-SEAE jipprovdu appoġġ sħiħ għall-isforzi tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-Mekkaniżmu ta' Moska tal-OSKE, kif ukoll lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili, biex jiġu żgurati dokumentazzjoni u rappurtar tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u sussegwentement tiġi stabbilita r-responsabbiltà u tingħata ġustizzja lill-vittmi;

18. Jikkundanna l-azzjonijiet tal-Assemblea Nazzjonali tal-Belarussja li tneħħi ċ-ċittadinanza ta' ċittadini tal-Belarussja għal raġunijiet politiċi;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

19. Jikkundanna r-repressjoni fuq id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-arresti ta' Marfa Rabkova u Marina Kostylianchenko miċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Viasna, u jitlob li jintemm minnufih il-fastidju sessista fuq l-attivisti nisa;

20. Jemmen li, fid-dawl tal-pandemija, l-għoti tal-Premju Sakharov tiegħu għal-Libertà tal-Ħsieb 2020 lill-oppożizzjoni demokratika fil-Belarusja għalissa jista' jsir fil-forma ta' ċerimonja remota; jenfasizza, madankollu, li għandha tiġi organizzata ċerimonja fiżika malli s-sitwazzjoni tippermetti;

21. Jenfasizza li l-azzjonijiet meħuda s'issa mill-UE u l-Istati Membri tagħha kontra r-reġim ta' Lukashenko m'humienx biżżejjed u jilqa' d-deċizzjoni tal-Kunsill li jaħdem fuq it-tielet pakkett ta' sanzjonijiet immirati lejn id-ditti u l-oligarki li għandhom rabtiet mar-reġim ta' Lukashenko; jappella għal tkabbir kredibbli tal-lista tas-sanzjonijiet tal-UE;

22. Jappoġġja t-tneġġja ta' missjoni immedjata ta' ġbir ta' informazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Vilnius u f'Varsavja, kif ukoll l-involvement mal-oppożizzjoni fil-Belarusja sabien tiġi esplorata l-possibbiltà ta' attivitajiet ta' medjazzjoni u ta' appoġġ għad-demokrazzja; jissottolinja l-ħtieġa ta' aktar attivitajiet ta' medjazzjoni u ta' appoġġ għad-demokrazzja, bħal Missjoni ta' Livell Għoli bħala segwitu għall-missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni;

23. Jappella għall-iffriżar totali tat-trasferimenti kollha ta' fondi tal-UE, inkluż tas-self mill-Bank Ewropew tal-Investment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u oħrajn, lill-Gvern Belarussu attwali u lill-proġetti kkontrollati mill-Istat; jistieden lis-SEAE jissospendi n-negozjati dwar il-Prijoritajiet tas-Sħubija bejn l-UE u l-Belarusja sakemm isiru elezzjonijiet presidenzjali ħielsa u ġusti;

24. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-assistenza lis-soċjetà ċivili Belarussa u jżidu l-involvement tal-UE mal-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili, mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u mal-ġurnalisti indipendenti, kif ukoll l-appoġġ għalihom, b'mod partikolari dawk li jinsabu f'detenzjoni, billi jimmonitorjaw il-proċessi ġudizzjarji tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni twaqqaf b'urġenza programm ta' boroż ta' studju għall-istudenti u l-akkademiċi li tkeċċew mill-universitajiet Belarussi minħabba l-pożizzjoni tagħhom favur id-demokrazzja; jitlob lill-Kummissjoni tneġġi programm ta' assistenza tal-UE mmirat biex jgħin lill-vittmi tar-repressjoni politika u tal-vjolenza mill-pulizija;

25. Jikkundanna t-tkeċċija ta' diplomatiċi Ewropej mill-Belarusja u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jikkunsidraw li jibaxxu l-livell ta' involviment diplomatiku li għandhom mal-pajjiż;

26. Jiddeplora t-talbiet li baġtu l-awtoritajiet Belarussi għall-estradizzjoni ta' Stsiapan Putsila u Roman Protasevich, il-fundaturi tal-kanali Telegram Next u Nexta-live, b'sede f'Varsavja, li ġew miżjuda fil-lista ta' persuni involuti f'attivitajiet terroristiċi mill-Kumitat ta' Sigurtà tal-Istat tal-Belarusja (KGB);

27. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur tal-Mekkaniżmu ta' Moska tal-OSKE fir-rigward tal-għoti tal-asil f'każijiet ta' persekuzzjoni koperti mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Rifuġjati; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, biex jiffaċilitaw aktar il-proċedura għall-kisba ta' viżi għal dawk li jaħarbu mill-Belarusja għal raġunijiet politiċi, u biex jestendu l-appoġġ u l-assistenza kollha lilhom u lill-familji tagħhom;

28. Jikkundanna t-trażżin tal-midja u tal-aċċess għall-internet, it-tixrid tad-diżinformazzjoni, u s-swat, l-arresti u l-intimidazzjoni ta' ġurnalisti u bloggers; jissottolinja d-dritt tal-poplu tal-Belarusja li jkollu aċċess mingħajr xkiel għall-informazzjoni; jistieden lill-UE tuża l-istrumenti tagħha biex tappoġġja lill-istabbilimenti u l-ġurnalisti li ġew soġġetti għal repressjoni mir-reġim;

29. Jinsisti li l-ħaddiema Belarussi għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jistrajkwaw b'mod paċifiku mingħajr ir-riskju ta' tkeċċija, arrest jew ritaljazzjoni oħra;

30. Jiddeplora l-fatt li l-impjant nukleari ta' Astravyets mhuwienx konformi mal-ogħla standards internazzjonali fil-qasam ambjentali u tas-sikurezza; jappoġġja l-isforzi biex tiġi żgurata s-solidarjetà Ewropea dwar il-kwistjoni tal-projbizzjoni tal-importazzjonijiet tal-enerġija mill-impjant nukleari ta' Astravyets fis-suq tal-UE;

31. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jistabbilixxu miżuri restrittivi komprensivi, effettivi, f'waqthom u mifruxin mal-UE kollha – l-hekk imsejjaħ Att ta' Magnitsky – li jippermettu li jkun hemm enfasi mmirata fuq kwalunkwe individwu, attur statali u mhux statali u entitajiet oħrajn responsabbli għal ksur, abbużi u korruzzjoni gravi tad-drittijiet tal-bniedem jew involuti fihom, mingħajr aktar dewmien;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Belaruſsja.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0332

L-eskalazzjoni tat-tensjonijiet f'Varosha wara l-azzjonijiet illegali mit-Turkija u l-ħtieġa urġenti li jissuktaw it-taħditiet**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar l-eskalazzjoni tat-tensjonijiet f'Varosha wara l-azzjonijiet illegali mit-Turkija u l-ħtieġa urġenti li jissuktaw it-taħditiet (2020/2844(RSP))**

(2021/C 425/16)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-Turkija, b'mod partikolari dawk tat-13 ta' Marzu 2019 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2018 dwar it-Turkija ⁽¹⁾ u tas-17 ta' Settembru 2020 dwar it-tħejjija tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew, b'enfasi fuq l-eskalazzjoni perikoluża u r-rwol tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2012 dwar l-għoti tal-parti l-magħluqa ta' Famagusta lura lill-abitanti legali tagħha ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tas-17 ta' Lulju 2008 b'segwitu għaż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni f'Famagusta, Ċipru, mill-25 sat-28 ta' Novembru 2007 u tal-21 ta' Novembru 2018 b'segwitu għaż-żjara ta' ġbir ta' informazzjoni f'Famagusta, Ċipru, mis-7 sat-8 ta' Mejju 2018, fil-kuntest tal-petizzjoni 733/2004 ppreżentata minn Loizos Afxentiou, fisem il-Moviment tar-Rifuġjati ta' Famagusta,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tat-23 ta' Settembru 2008 ⁽⁴⁾, tat-22 ta' April 2009 ⁽⁵⁾ u tat-13 ta' Frar 2018 ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE (COM(2020)0660) u r-Rapport tal-2020 dwar it-Turkija li jakkumpanja,
- wara li kkunsidra l-Qafas ta' Negożjar għat-Turkija tat-3 ta' Ottubru 2005,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 u tas-16 ta' Ottubru 2020 u l-konklużjonijiet preċedenti rilevanti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar l-iżviluppi madwar Varosha,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) fisem l-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Ottubru 2020 dwar l-iżviluppi madwar Varosha u tal-15 ta' Novembru 2020 dwar Varosha,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-VP/RGħ u tal-Kummissarju Ferreira tal-20 ta' Ottubru 2020 dwar il-proċess elettorali fil-komunità Ċiprijotta Torka,
- wara li kkunsidra l-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali u l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Ftehim ta' Livell Għoli tal-1979 bejn il-mexxejja taż-żewġ komunitajiet u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) dwar Ċipru, inklużi r-riżoluzzjonijiet 541 (1983), 550 (1984), 789 (1992) u 2537 (2020),

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0200.⁽²⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0230.⁽³⁾ ĠU C 249 E, 30.8.2013, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 41.⁽⁵⁾ ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 12.⁽⁶⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0114.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-President tal-KSNU tad-9 ta' Ottubru 2019 u tad-9 ta' Ottubru 2020 dwar is-sitwazzjoni f'Ċipru,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti wara l-laqgħa tiegħu maż-żewġ mexxejja f'Berlin f'Novembru 2019,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-Turkija hija pajjiż kandidat u sieħeb importanti tal-UE; billi, bħala pajjiż kandidat, it-Turkija hija mistennija li tosserva l-ogħla standards tad-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, inkluża l-konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali;
- B. billi t-Turkija hija alleat tan-NATO u l-pajjiż għandu jkun imfakkar fir-responsabbiltà tiegħu biex jiżvolġi rwol kostruttiv fit-taffija tat-tensjonijiet;
- C. billi t-Turkija wiegħbet għall-kolp ta' Stat tal-1974 li falla, sostnut mir-reġim militari Grieg, b'invażjoni militari ta' Ċipru, u billi l-forzi Torok invadew ukoll il-belt ta' Famagusta f'Awgust 1974 u ilhom minn dak iż-żmien jokkupawha illegalment;
- D. billi mbagħad parti minn Famagusta ġiet magħluqa u baqgħet diżabitata, taħt il-kontroll dirett tal-forzi militari Torok;
- E. billi n-Nazzjonijiet Uniti jqisu li r-responsabbiltà għall-*istatus quo* f'Varosha tintrefa' mit-Turkija, u li t-Turkija hija għalhekk responsabbli wkoll għal kwalunkwe sforz biex jinbidel l-istatus tagħha li jmur kontra l-Ftehim ta' Livell Għoli tal-1979 u r-riżoluzzjonijiet 550 (1984) u 789 (1992) tal-KSNU;
- F. billi r-riżoluzzjoni 550 (1984) tal-KSNU tqis inammissibbli t-tentattivi għal insedjament ta' kwalunkwe parti ta' Varosha b'persuni differenti mill-abitanti tagħha u titlob t-trasferiment ta' din iż-żona lill-amministrazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, u billi r-riżoluzzjoni 789 (1992) tal-KSNU tinsisti, bil-ħsieb tal-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni 550 (1984) u bħala miżura ta' tisħiħ tal-fiduċja, li Varosha tkun ittrasferita lill-abitanti leġittimi tagħha, taħt il-kontroll tal-forzi tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-żamma tal-paċi f'Ċipru;
- G. billi l-għoti tal-parti l-magħluqa ta' Famagusta lura lill-abitanti leġittimi tagħha jkun jiffaċilita l-isforzi diretti lejn soluzzjoni komprensiva għall-problema ta' Ċipru;
- H. billi fit-8 ta' Ottubru 2020, wara t-tħabbira li saret f'Ankara fis-6 ta' Ottubru 2020, parti minn Varosha ġiet iddikjarata "miftuħa" parzjalment, bil-koooperazzjoni tal-mexxej Ċiprijott Tork attwali Ersin Tatar, bi ksur tal-ftehimiet tal-passat u tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU;
- I. billi fil-bidu ta' Settembru 2019, il-Ministru Tork għall-Affarijiet Barranin, Mevlüt Çavuşoğlu, żar Varosha u ħabbar il-"ftuħ" ta' "konsulat ġenerali" tat-Turkija fir-reġjun ta' Varosha u billi fil-bidu ta' Frar 2020, il-Viċi President tat-Turkija, Fuat Oktay, żar Varosha biex jorganizza "summit" dwar l-"aspetti ġuridiċi, politiċi u ekonomiċi tal-ftuħ mill-ġdid tal-belt abbandunata ta' Varosha";
- J. billi t-Turkija ddikjarat li se tipproċedi unilateralment b'diversi proġetti f'Varosha, u b'hekk qed thedded li tħejji ż-żona għall-insedjament illegali tagħha;
- K. billi l-komunità Ċiprijotta Torka għandha mexxej ġdid, Ersin Tatar, mit-18 ta' Ottubru 2020; billi l-ex President Ċiprijott Tork, Mustafa Akıncı, żvolġa rwol importanti, pożittiv u storiku fil-promozzjoni tal-paċi u tad-djalogu bejn iż-żewġ komunitajiet fil-ġżira;
- L. billi fil-10 ta' Novembru 2020 eluf ta' Ċiprijotti Torok ipprotestaw, b'parteċipazzjoni rekord, fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru kontra l-indħil tat-Turkija f'Ċipru, inkluża f'Varosha, u appellaw għal-libertà, għad-demokrazija u għar-rispett tad-drittijiet taċ-Ċiprijotti ta' Varosha; billi fil-protesti hađu sehem il-mexxejja ewlenin tal-oppożizzjoni, fosthom l-ex mexxej Ċiprijott Tork Mustafa Akıncı;
- M. billi ż-żjara tal-President tat-Turkija, Recep Tayyip Erdoğan, fiż-żona okkupata ta' Ċipru biex "isir piknik" f'Varosha fil-15 ta' Novembru 2020 kienet tikkostitwixxi att ta' provokazzjoni li qanqal ukoll reazzjonijiet estremi fost iċ-Ċiprijotti Torok;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- N. billi fin-negozjati preċedenti kollha, inkluż fl-aħħar Konferenza dwar Ċipru fi Crans-Montana fl-2017, Varosha għet inkluża fost iż-żoni li kellhom jingħataw lura lill-amministrazzjoni Ċiprijotta Griega wara s-soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru fuq il-bażi miftiehma ta' federazzjoni bikomunitarja u biżonali;
- O. billi l-mexxej Ċiprijott Tork attwali, Ersin Tatar, qed jopponi s-soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru bbażata fuq federazzjoni bikomunitarja biżonali kif previst mill-parametri tan-NU, u billi fil-15 ta' Novembru 2020 il-President Erdoğan talab li jsiru taħditiet bil-għan li jinħolqu "żewġ Stati separati" f'Ċipru;
- P. billi t-Turkija għadha attwalment għaddejja bl-azzjonijiet militari illegali u unilaterali tagħha fil-Mediterran tal-Lvant li jmorru kontra s-sovranità tal-Greċja u ta' Ċipru, Stati Membri tal-UE; billi l-involvement dirett tat-Turkija b'appoġġ għall-Azerbajġan, fil-kuntest tal-kunflitt fin-Nagorno-Karabakh, imur lil hinn mill-interessi ġeoekonomiċi tagħha u jirrifletti aġenda ġeopolitika aktar ambizzjuża, bl-istess mod bħal fil-każ tal-azzjonijiet tat-Turkija fil-Libja u fis-Sirja, u jinnota bi tħassib li t-tbeġhid kontinwu u dejjem jikber tat-Turkija mill-valuri u mill-istandards Ewropej għab ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija f'deterjorament sa ma laħqu minimu storiku;
1. Jikkundanna l-attivitajiet illegali tat-Turkija f'Varosha, b'mod partikolari l-"ftuħ" parzjali tagħha; jenfasizza li l-ħolqien ta' fait accompli għdid jikkomprometti il-fiduċja reċiproka u l-prospettivi biex tinstab soluzzjoni komprensiva għall-problema ta' Ċipru, billi jimmodifika b'mod negattiv is-sitwazzjoni fuq il-post, jaggrava d-diviżjoni u jsammar id-diviżjoni permanenti ta' Ċipru; iwissi kontra kwalunkwe bidla fl-*istatus quo* f'Varosha bi ksar tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU msemmija hawn fuq;
 2. Ihegġegħ lill-Gvern tat-Turkija jirrevoka tali deċiżjoni, u jevita kwalunkwe azzjoni unilaterali li tista' tqanqal aktar tensjonijiet fil-gżira, f'konformità mal-appell reċenti tal-KSNU; jistieden lit-Turkija tirtira t-truppi tagħha minn Ċipru, tittrasferixxi ż-żona ta' Varosha lill-abitanti leġittimi tagħha taħt l-amministrazzjoni temporanja tan-NU bi qbil mar-riżoluzzjoni 550 (1984) tal-KSNU, u ma tieħu l-ebda azzjoni li tibdel il-bilanċ demografiku fuq il-gżira permezz ta' politika ta' insedjamenti illegali; jisħaq fuq il-ħtieġa li, wara s-soluzzjoni għall-problema ta' Ċipru, l-*acquis* tal-UE jiġi implimentat fil-gżira kollha;
 3. Huwa konvint bis-sħiħ li r-riżoluzzjoni sostenibbli tal-kunflitti tista' tintlaħaq biss permezz ta' djalogu, diplomazija u negozjati fi spirtu ta' rieda tajba u f'konformità mad-dritt internazzjonali u jafferma mill-ġdid il-konvinzjoni tiegħu li soluzzjoni sostenibbli għall-problema ta' Ċipru tkun ta' benefiċċju għal kull pajjiż fir-reġjun, primarjament għal Ċipru, għall-Greċja u għat-Turkija; jistieden lill-Kunsill Ewropew iżomm il-pożizzjoni unifikata tiegħu fir-rigward tal-azzjonijiet unilaterali u illegali mit-Turkija, jieħu azzjoni u jimponi sanzjonijiet ħorox bħala reazzjoni għall-azzjonijiet illegali tat-Turkija; ifakkar li jistgħu jiġu evitati aktar sanzjonijiet biss permezz ta' djalogu, kooperazzjoni sinċiera u progress konkret fuq il-post;
 4. Jissottolinja l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-issuktar tan-negozjati minn fejn kienu tħallew fi Crans-Montana fl-2017, u jisħaq li dan għandu jsir abbażi tad-Dikjarazzjoni Komuni taż-żewġ mexxejja fil-11 ta' Frar 2014, tal-Qafas tas-Sitt Punti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tat-30 ta' Ġunju 2017 u tal-konverġenzi miksuba sa tmiem il-Konferenza; jiddispijaċih li l-ogħla awtoritajiet Torok approvaw is-soluzzjoni ta' żewġ Stati u jhegġegħ lit-Turkija timpenja ruħha b'mod konkret favur l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU;
 5. Itenni l-appoġġ tiegħu għal soluzzjoni ġusta, komprensiva u fattibbli bbażata fuq federazzjoni bikomunitarja u biżonali, b'personalità ġuridika internazzjonali unika, sovraniżm unika u ċittadinanza unika b'ugwaljanza politika bejn iż-żewġ komunitajiet, kif definit mir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, skont id-dritt internazzjonali u l-*acquis* tal-UE, u abbażi tar-rispett għall-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni;
 6. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-"ftuħ" illegali ta' Varosha għandu l-għan li jbidel l-istatus tas-sjieda tal-proprjetà fl-inhawwi, u b'hekk jtnaqqsu l-prospettivi għar-ritorn ta' Varosha kif preskritt mir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU jew permezz tas-soluzzjoni komprensiva għall-problema ta' Ċipru; ihegġegħ lit-Turkija tastjeni minn politika ta' insedjament illegali ta' Varosha ta' persuni differenti mill-abitanti leġittimi tagħha jew milli titlob lill-abitanti leġittimi jirritornaw lejn il-proprjetajiet tagħhom f'kundizzjonijiet ta' okkupazzjoni militari;
 7. Jisħaq li t-taħditiet diretti taħt l-awspiċċi tan-NU fuq il-bażi miftiehma jibqgħu l-unika għażla biex tintlaħaq soluzzjoni li tgħaqqad mill-ġdid il-gżira u l-poplu tagħha, li twassal, fost l-oħrajn, għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Ċipru u t-Turkija, prospettivi mtejbja għad-delimitazzjoni taż-Żona Ekonomika Esklużiva bejn Ċipru u t-Turkija u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija; ihegġegħ li n-negozjati dwar ir-riunifikazzjoni ta' Ċipru taħt l-awspiċċi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU jergħu jtnedew fuq il-bażi miftiehma malajr kemm jista' jkun;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

8. Jappoġġa kemm lill-komunità Ċiprijotta Torka kif ukoll lill-komunità Ċiprijotta Griega fit-tfittxija tagħhom għall-paċi u l-istabbiltà u jistieden lill-Kummissjoni timplimenta fil-pront it-tieni Programm ta' Azzjoni Annwali għall-għajnuna lill-komunità Ċiprijotta Torka, immirat biex jappoġġa proġetti li jrawmu r-rikonċiljazzjoni u jtejbū l-infrastruttura, il-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp ekonomiku; jitlob, b'mod partikolari, li jitkompla u jiżdied l-appoġġ għas-soċjetà ċivili kemm fil-komunità Ċiprijotta Torka kif ukoll fil-komunità Ċiprijotta Griega, kemm permezz tal-Programm ta' Għajnuna tal-UE kif ukoll b'mod aktar strutturali bħala parti mill-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, b'mod partikolari permezz tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;
 9. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha li jkollhom rwol aktar attiv biex in-negozjati taħt l-awspiċji tan-NU jaslu għal konklużjoni ta' suċċess, inkluż bil-ħatra ta' rappreżentant għall-missjoni ta' bon offiċji tan-NU u jikkoordinaw l-isforzi tagħhom mal-Parlament Ewropew biex jikkonvinċu lit-Turkija treġġa' lura l-attivitajiet illegali tagħha f'Varosha;
 10. Jissottolinja s-sostenn tiegħu favur l-integrità territorjali ta' Ċipru u jitlob lill-Istati Membri tal-UE jopponu kwalunkwe tentattiv min-naħa ta' pajjiżi terzi biex jirrikonoxxu Stat fuq il-gżira ta' Ċipru differenti mir-Repubblika ta' Ċipru;
 11. Jiddeplora d-dikjarazzjonijiet tal-President tat-Turkija matul iż-żjara tiegħu f'Varosha fil-15 ta' Novembru 2020, li żvelaw b'mod flagranti l-"pjan direzzjonali" ta' Ankara ta' insedjament illegali tal-belt magħluqa u l-appoġġ tiegħu għall-qsim permanenti ta' Ċipru;
 12. Jistieden lit-Turkija tastjeni milli tkompli kwalunkwe attività unilaterali, bħal tħaffir esplorattiv illegali, li tkompli tikser is-sovranià u d-drittijiet sovrani tar-Repubblika ta' Ċipru, thedded li jinħolqu faits accomplis ġodda bi ksur tad-Dritt tal-Baħar, li timmina l-issuktar tan-negozjati sostanzjali u l-prospettivi biex tinstab soluzzjoni komprensiva fuq il-bażi miftiehma, u li ma twassalx għal relazzjonijiet ta' bon viċinat fir-reġjun;
 13. Jistieden lill-missjoni tan-NU f'Ċipru tintensifika l-isforzi tagħha fil-monitoraġġ tal-iżviluppi f'Varosha;
 14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif ukoll lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tat-Turkija.
-

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0336

Id-drittijiet għall-abort fil-Polonja**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-projbizzjoni de facto tad-dritt għall-abort fil-Polonja (2020/2876(RSP))**

(2021/C 425/17)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 7(1) tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) tal-4 ta' Novembru 1950 u l-ġurisprudenza relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"),
- wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-10 ta' Diċembru 1948,
- wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR) tas-16 ta' Diċembru 1966 u l-Patt Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tas-16 ta' Diċembru 1966,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta' Diċembru 1979,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-10 ta' Diċembru 1984,
- wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet finali tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-23 ta' Novembru 2016 dwar is-seba' rapport perjodiku tal-Polonja,
- wara li kkunsidra l-Gwida Teknika Internazzjonali tal-UNESCO dwar l-Edukazzjoni Sesswali tal-10 ta' Jannar 2018,
- wara li kkunsidra l-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) li saret fil-Kajr fl-1994, il-programm ta' azzjoni tagħha, l-eżitu tal-konferenzi ta' rieżami tagħha u s-Summit ta' Najrobi tal-2019 dwar l-ICPD25,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995, kif ukoll id-dokumenti ta' eżitu sussegwenti adottati waqt is-sessjonijiet speċjali tan-NU Beijing + 10 (2005), Beijing + 15 (2010) u Beijing + 20 (2015),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2014, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-28 ta' Novembru 2019 dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-miżuri l-oħra biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU maqbula fl-2015,

⁽¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0080.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra d-dokument tematiku tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa tal-4 ta' Diċembru 2017 bit-titolu "Women's sexual and reproductive health and rights in Europe" (Is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa fl-Ewropa),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kollokju Annwali tal-2017 dwar id-Drittijiet Fundamentali bit-titolu "Women's Rights in Turbulent Times" (Id-Drittijiet tan-Nisa fi Żminijiet Imqanqla), organizzat mill-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-2018 tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) dwar is-saħħa u d-drittijiet tal-adolexxenti fil-qasam tas-sesswalità u r-riproduzzjoni,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-missjoni tat-10 ta' Lulju 2017 tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi wara l-missjoni tiegħu fil-Polonja mit-22 sal-24 ta' Mejju 2017, u r-rapport tal-missjoni tat-3 ta' Diċembru 2018 tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern wara li ntbagħtet delegazzjoni ad hoc fil-Polonja dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt (mid-19 sal-21 ta' Settembru 2018),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Polonja, u b'mod partikolari dik tal-15 ta' Novembru 2017 dwar il-qagħda tal-istat tad-dritt u tad-demokrazija fil-Polonja ⁽²⁾ u dik tas-17 ta' Settembru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-erba' proċeduri ta' ksur immedja mill-Kummissjoni kontra l-Polonja fir-rigward tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja Pollakka u l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2017 dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja (COM(2017)0835),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE minħabba s-sitwazzjoni fil-Polonja ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2019 dwar il-kriminalizzazzjoni tal-edukazzjoni sesswali fil-Polonja ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu tal-4 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri ⁽⁶⁾, u r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu tas-17 ta' April 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2019 dwar ir-rigressjoni attwali tad-drittijiet tan-nisa u tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar diskriminazzjoni pubblika u diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, inklużi ż-żoni mingħajr LGBTI ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ⁽¹⁰⁾,

⁽²⁾ ĠU C 356, 4.10.2018, p. 44.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0225.

⁽⁴⁾ ĠU C 129, 5.4.2019, p. 13.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0058.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0349.

⁽⁷⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0407.

⁽⁸⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0111.

⁽⁹⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0101.

⁽¹⁰⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0054.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2020)0580) u l-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Polonja,
 - wara li kkunsidra l-ittra mibgħuta mill-ħames kapijiet tal-gruppi tal-maġġoranza tal-Parlament Ewropew lill-Prim Ministru tal-Polonja fit-30 ta' Ottubru 2020 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni tiddikjara li hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u n-nondiskriminazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 2 TUE; billi l-Istati Membri kollha impenjaw ruħhom li jonoraw l-obbligi u d-dmirijiet skont id-dritt internazzjonali u t-Trattati tal-UE li jirrispettaw, jiggarrantixxu, u jissodisfaw id-drittijiet fundamentali;
- B. billi sistema ġudizzjarja effiċjenti, indipendenti u imparzjali hija essenzjali sabiex tiżgura l-istat tad-dritt u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili tan-nies fl-UE;
- C. billi d-dritt għal trattament indaqs u għan-nondiskriminazzjoni huwa dritt fundamentali minqas fit-Trattati u fil-Karta u jrid jiġi rispettat bis-sħiħ; billi, skont il-Karta, il-KEDB u l-ġurisprudenza tal-QEDB, is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) tan-nisa huma relatati ma' diversi drittijiet tal-bniedem, bħad-dritt għall-ħajja, id-dritt għall-protezzjoni kontra trattament inuman jew degradanti, id-dritt għall-aċċess għall-kura tas-saħħa, id-dritt għall-privatezza, informazzjoni u edukazzjoni u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni; billi dawn id-drittijiet tal-bniedem huma riflessi wkoll fil-Kostituzzjoni Pollakka;
- D. billi l-Parlament indirizza l-SRHR fil-Programm tiegħu l-UE għas-Saħħa li għadu kif ġie adottat, biex jiżgura aċċess f'waqtu għall-prodotti li huma meħtieġa għall-provvista sikura tal-SRHR (eż. mediċini, kontraċettivi u tagħmir mediku);
- E. billi t-Tribunal Kostituzzjonali twaqqaf bħala wieħed mill-elementi ċentrali sabiex jiġi żgurat l-ekwilibriju tas-setgħat tad-demokrazija kostituzzjonali u tal-istat tad-dritt fil-Polonja;
- F. billi l-Kumitat għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa u l-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità f'Awwiżu 2018 ħarġu dikjarazzjoni konġunta li fiha enfasizzaw li l-aċċess għal abort sikur u legali, kif ukoll għal servizzi u informazzjoni relatati, huwa aspett essenzjali tas-saħħa riproduttiva tan-nisa, u ħeġġew lill-pajjiżi jtemmu r-restrizzjonijiet rigward l-SRHR tan-nisa u l-bniet, billi dan jhedded is-saħħa u l-ħajja tagħhom; billi l-aċċess għall-abort jikkostitwixxi dritt tal-bniedem, filwaqt li d-dewmien u ċ-ċaħda tiegħu jikkostitwixxu forum ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u jistgħu jikkostitwixxu tortura u/jew trattamenti krudili, inuman jew degradanti; billi l-SRHR huma miri skont l-SDG 3 tan-NU, u billi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-prattiki ta' ħsara huma miri skont l-SDG 5;
- G. billi l-aċċess għal informazzjoni komprensiva u adattata skont l-età, is-sesswalità u l-edukazzjoni dwar ir-relazzjonijiet, u l-SRHR, inklużi l-ippjanar tal-familja, il-metodi ta' kontraċezzjoni u l-abort sikur u legali, kif ukoll l-awtonomija u l-kapaċità tal-bniet u tan-nisa li jieħdu deċiżjonijiet ħielsa u indipendenti dwar ġisimhom u l-ħajja tagħhom huwa prekundizzjoni għall-indipendenza ekonomika tagħhom u għaldaqstant huwa essenzjali għall-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-eliminazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru; billi huwa ġisimhom u għalhekk hija għażla tagħhom;
- H. billi l-Polonja rratifikat il-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-Konvenzjoni ta' Lanzarote, l-ICCPR, l-ICESCR u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u hija obbligata skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li tipprovdi aċċess għal edukazzjoni u informazzjoni komprensivi dwar is-sesswalità, inkluż dwar ir-riskji ta' sfruttament u abbuż sesswali, u li tisfida l-isterjotipi tal-ġeneri fis-soċjetà; billi l-Polonja ma implimentatx is-sentenzi tal-QEDB dwar l-aċċess għall-abort legali; billi l-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa kkritika lill-Polonja minħabba n-nuqqas ta' progress tagħha f'dan ir-rigward;

⁽¹⁾ Manfred Weber, President tal-Grupp PPE, Iratxe García Pérez, President tal-Grupp S&D, Dacian Cioloş, President tal-Grupp Renew, Philippe Lamberts, Kopresident tal-Grupp Verts/ALE, u Manon Auby u Martin Schirdewan, Kopresidenti tal-Grupp GUE/NGL.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- I. billi hemm ħafna differenzi fl-aċċess għall-abort fl-Istati Membri kollha; billi l-Polonja għandha wieħed mill-aktar punteġġi baxxi fl-Unjoni Ewropea fl-Atlas Ewropew tal-Kontraċezzjoni tal-2020, billi għandha waħda mill-aktar politiki restrittivi rigward l-aċċess għal provvisti ta' kontraċettivi, l-ippjanar tal-familja, il-konsulenza u l-għoti ta' informazzjoni online; billi l-Polonja hija wieħed mill-ftit pajjiżi li jirrikjedu riċetta għal kontraċezzjoni ta' emerġenza, li ħafna drabi tiġi miċħuda mit-tobba fuq il-bażi ta' twemmin personali;
- J. billi, mid-deċizzjoni tal-2015 tat-Tribunal Kostituzzjonali rigward l-Att tal-5 ta' Diċembru 1996 dwar il-professjonijiet tat-tobba u d-dentisti, la l-prattikanti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u lanqas il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mhuma legalment obbligati li jipprovdu ismijiet ta' faċilitajiet jew prattikanti alternattivi jekk jirrifjutaw servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva tal-pazjenti minħabba twemmin personali; billi l-verżjoni finali tal-Att kif emendat f'Lulju 2020 ma kinitx tinkludi l-obbligu ta' riferiment, kif kien propost inizjalment; billi tali ommissjoni turi li r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-QEDB kontra l-Polonja fil-qasam tal-SRHR ġiet injorata għalkollox;
- K. billi, skont l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħall-Federazzjoni għan-Nisa u l-Ippjanar tal-Familja, fl-2018 10 % biss tal-isptarjiet taħt kuntratt mal-Fond Nazzjonali għas-Saħħa Pollakk ipprovdew aborti legali, li jfisser li l-provinċji Pollakki kollha jirrifjutaw li jipprovdu abort sikur u legali, u dan jagħmilha estremament diffiċli, u spiss impossibbli, li n-nisa jkollhom aċċess għal servizzi bħal dawn;
- L. billi b'riżultat tal-biża' u l-pressjoni mill-pari u mill-awtoritajiet mediċi, it-tobba fil-Polonja jippreferu li ma jkunux assoċjati mal-proċeduri ta' abort; billi minbarra l-klawsola tal-kuxjenza użata b'mod wiesa', it-tobba jgħallqu ostakli mhux statutorji addizzjonali, bħal eżamijiet mediċi mhux meħtieġa, konsultazzjonijiet psikoloġiċi jew konsultazzjonijiet addizzjonali ma' esperti, jew jillimitaw id-drittijiet tan-nisa għal testijiet u informazzjoni ta' qabel it-twelid, li għandhom jiġu garantiti lil kulħadd fl-ambitu tal-iskema tas-saħħa pubblika;
- M. billi l-aċċess għall-kura ginekoloġika fil-Polonja huwa ristrett ħafna u fxi reġjuni huwa kważi impossibbli, u dan jirriżulta f'għadd kbir ta' każijiet ta' tqala mhux mixtieqa, saħħa riproduttiva ħażina, prevalenza għolja ta' kanċer ċervikali u aċċess insuffiċjenti għall-kontraċezzjoni; billi l-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet tal-persuni LGBTI+ huwa ristrett ħafna; billi l-persuni transbinariji u mhux binariji li jirrikjedu kura ginekoloġika jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni f'ambjenti mediċi u ħafna drabi ma jingħatawx aċċess għall-kura;
- N. billi, mill-bidu tal-2019, aktar minn 80 reġjun, kontea jew muniċipalità fil-Polonja għaddew riżoluzzjonijiet anti-LGBTI+ li permezz tagħhom iddikjaraw lilhom infushom ħielsa mill-hekk imsejħa "ideoloġija tal-LGBT" jew adottaw parzjalment jew fit-totalità tagħhom il-"Karti Reġjonali tad-Drittijiet tal-Familja" u ddiskriminaw b'mod partikolari kontra ġenituri waħedhom u ġenituri u persuni LGBTI+ u de facto llimitaw il-libertà ta' moviment ta' dawn iċ-ċittadini tal-UE;
- O. billi huwa stmat li sa 200 000 mara jtemmu t-tqala tagħhom kull sena fil-Polonja u huma mġiegħla jagħmlu abort klandestin, u jiddependu l-aktar minn pilloli ta' abort mediku mingħajr is-superviżjoni u l-pariri mediċi professjonali meħtieġa; billi huwa stmat li sa 30 000 mara huma mġiegħla jivvjaġġaw barra mill-Polonja kull sena biex jirċievu l-kura tas-saħħa li jeħtieġu u jfittxu abort ⁽¹²⁾; billi l-aċċess għal miżuri bħal dawn huwa marbut mal-ħlas għas-servizzi, li jfisser li mhumiex aċċessibbli bl-istess mod għan-nisa kollha, speċjalment in-nisa u n-nisa migranti li huma soċjoekonomikament żvantaġġati f'sitwazzjonijiet irregolari; billi dan ifisser li abort sikur huwa aċċessibbli biss għal grupp limitat ta' nisa fil-Polonja;
- P. billi, b'reazzjoni għall-mozzjoni ta' 119-il Membru tal-Parlament Pollakk bl-appoġġ tal-hekk imsejħa movimenti "favur il-ħajja", fit-22 ta' Ottubru 2020 it-Tribunal Kostituzzjonali Pollakk iddeċieda li d-dispożizzjoni tal-Att tal-1993 dwar l-Ippjanar tal-Familja, il-Protezzjoni tal-Fetu Uman u l-Kundizzjonijiet għat-Terminazzjoni tat-Tqala li tippermetti l-abort f'każijiet fejn test ta' qabel it-twelid jew kunsiderazzjonijiet mediċi oħra jindikaw probabbiltà għolja ta' difett tal-fetu sever u irriversibbli jew marda inkurabbli li thedded il-ħajja tal-fetu;

⁽¹²⁾ <https://www.theseus.fi/handle/10024/138222>

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- Q. billi probabbiltà kbira ta' anormalità severa u irriversibbli jew marda inkurabbli tal-fetu kienet il-bażi ġuridika għal 1 074 mill-1 110 terminazzjoni tat-tqala fl-2019, filwaqt li l-każijiet l-oħra seħħew meta t-tqala kienet ta' theddida għall-ħajja jew għas-saħħa ta' mara jew irriżultat minn att ipprojbit (jiġifieri stupru), li huma l-uniċi każijiet l-oħra permessi mill-Att tal-1993 dwar l-Ippjanar tal-Familja;
- R. billi d-deċizzjoni se ssir applikabbli mal-pubblikazzjoni tagħha, li skont il-liġi Pollakka hija obbligatorja, u ladarba tiġi ppubblikata se tirriżulta fi projbizzjoni kważi sħiħa fuq id-dritt għall-abortion fil-Polonja, tikkriminalizza l-abortion u twassal għall-espansjoni tal-abortion klandestin u mhux sikur, u għal turiżmu għal skopijiet ta' abort, li jkun aċċessibbli biss għal xi wħud, u b'hekk iddgħajef is-saħħa u d-drittijiet tan-nisa u tpoġġi l-ħajja tagħhom f'riskju; billi minkejja li d-deċizzjoni ma ġietx ippubblikata, ħafna nisa tqal li ġew infurmati li hemm probabbiltà kbira li l-fetu għandu anormalità severa u irriversibbli jew marda inkurabbli kellhom l-aċċess tagħhom għal abort legali ristrett;
- S. billi d-deċizzjoni hija attakk għid fuq l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali u tentattiv ieħor biex l-SRHR jiġu limitati fil-Polonja, fost il-ħafna attakki li saru f'dawn l-aħħar snin; billi dawn it-tentattivi għall-ewwel twaqqfu fl-2016, fl-2018 u fl-2020 b'riżultat ta' oppożizzjoni tal-massa minn ċittadini Pollakki, kif espress fil-marċi ta' "Black Friday", li kienu appoġġati b'mod qawwi minn Membri tal-Parlament Ewropew minn gruppi politiċi differenti;
- T. billi d-deċizzjoni ttieħdet fi żmien meta, minħabba t-tieni mewġa tal-pandemija tal-COVID-19, kienu stabbiliti restrizzjonijiet ibbażati fuq is-saħħa pubblika fl-Istati Membri kollha tal-UE, inkluża l-Polonja, u dan impeditx b'mod sever kwalunkwe dibattitu demokratiku xieraq u proċess dovut, li huma kruċjali fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali;
- U. billi minkejja r-restrizzjonijiet u r-riskji sanitarji, saru protesti bla preċedent fil-Polonja kollha, u madwar id-dinja; billi eluf ta' dimostranti għadhom jipprotestaw kontra restrizzjonijiet serji li jdgħajfu l-SRHR fundamentali tagħhom; billi ġew skjerati l-pulizija ta' kontra l-irvellijiet u l-ġendarmerija militari biex jikkontrollaw il-protesti u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi użaw forza eċċessiva u vjolenza fiżika kontra dimostranti paċifiċi, inklużi Membri tal-Parlament Pollakk u Membri Pollakki tal-Parlament Ewropew; billi dawn l-azzjonijiet imorru kontra l-obbligi tal-Gvern Pollakk skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-Karta, li tiggarantixxi d-dritt għal assemblea paċifika, u linji gwida mir-Rapporteur Speċjali dwar id-Drittijiet għal-Libertà ta' Assemblea Paċifika u ta' Assoċjazzjoni, li jiddikjaraw li bħala regola ġenerali, il-militar ma għandux jintuża għall-assemblej tal-pulizija;
- V. billi l-awtoritajiet pubbliċi użaw theddid biex jipprevjenu liċ-ċittadini Pollakki u lill-persuni li jgħixu fil-Polonja milli jipparteċipaw f'manifestazzjonijiet, inklużi multi finanzjarji sostanzjali, filwaqt li l-prosekutur pubbliku nazzjonali u l-Ministru għall-Ġustizzja, Zbigniew Ziobro, ħabbru li se jiġu ppreżentati akkużi kriminali li jistgħu jwasslu għal sentenza ta' ħabs sa tmien snin kontra l-organizzaturi tal-protesti; billi ħafna dimostranti ġew detenuti b'mod illegali, inklużi minorenni;
- W. billi fit-28 ta' Ottubru 2020, il-Viċi Prim Ministru Jarosław Kaczyński inkoraġġixxa lin-nies jiddefendu l-valuri tradizzjonali Pollakki u jipproteġu l-knejjes "akkost ta' kollox", u dan wassal għal atti ta' aggressjoni kontra d-dimostranti minn hooligans nazzjonalistiċi; billi l-valuri kulturali u reliġjużi fil-Polonja qed jiġu għaldaqstant abbużati bħala raġunijiet biex jiġi impedit it-tweqqif sħiħ tad-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza għan-nisa u d-dritt tagħhom li jieħdu deċizzjonijiet dwar ġisimhom stess; billi organizzazzjoni fundamentalista, Ordo Iuris, li hija marbuta mill-qrib mal-koalizzjoni fil-gvern, hija forza li tixpruna l-kampanji li għandhom l-għan li jdgħajfu d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Polonja, inklużi tentattivi biex jiġi pprojbit l-abortion, talbiet biex il-Polonja tirtira mill-Konvenzjoni ta' Istanbul u talbiet biex jinħolqu "żoni ħielsa mil-LGBT";
- X. billi skont stħarriġ riċenti, il-maġġoranza tan-nies fil-Polonja jappoġġjaw id-dritt ta' aċċess għall-abortion fuq talba sat-12-il ġimgħa; billi d-dimostranti qed jitolbu wkoll ir-riżenja tal-gvern, minħabba l-attakki ripetuti tiegħu fuq l-istat tad-dritt; billi l-protesti ġew organizzati u kkoordinati l-aktar minn organizzazzjonijiet immexxja min-nisa, attivisti

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bl-appoġġ tal-oppożizzjoni politika Pollakka; billi l-proposta tal-President Pollakk għal leġiżlazzjoni dwar l-abortion wara l-protesti mhijiex sodisfaċenti;

- Y. billi l-atti tal-Parlament Pollakk dwar it-Tribunal Kostituzzjonali adottati fit-22 ta' Diċembru 2015 u fit-22 ta' Lulju 2016, kif ukoll il-pakkett ta' tliet atti adottati fi tmiem l-2016, dgħajfu serjament l-indipendenza u l-leġittimità tat-Tribunal Kostituzzjonali; billi l-atti tal-22 ta' Diċembru 2015 u tat-22 ta' Lulju 2016 ġew iddikjarati mhux kostituzzjonali mit-Tribunal Kostituzzjonali fid-9 ta' Marzu 2016 u fil-11 ta' Awwissu 2016, rispettivament; ifakkar li dawn is-sentenzi la ġew ippubblikati u lanqas implimentati mill-awtoritajiet Pollakki; billi l-kostituzzjonalità tal-liġijiet Pollakki ma tistax tibqa' tiġi garantita b'mod effettiv fil-Polonja mid-dħul fis-seħħ tat-tibdil leġislattiv imsemmi qabel ⁽¹³⁾;
- Z. billi d-deċiżjoni msemmiya qabel ngħatat minn imħallfin eletti minn politiki mill-koalizzjoni mmexxija mill-PIs (il-Liġi u l-Ġustizzja) u totalment dipendenti minnhom; billi l-Marixxall tas-Senat Pollakk ikkunsidra d-deċiżjoni bħala ineżistenti u stieden lill-gvern biex ma jippubblikahix, b'mod partikolari minħabba li tikser l-obbligi tal-Polonja fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u mhijiex konformi mal-leġiżlazzjoni preċedenti dwar il-Kostituzzjoni Pollakka, u minħabba l-ħatriet illegali ta' tliet imħallfin u l-President tat-Tribunal Kostituzzjonali ⁽¹⁴⁾;
- AA. billi l-Kummissjoni u l-Parlament esprimew tħassib serju dwar l-istat tad-dritt, inklużi l-leġittimità, l-indipendenza u l-effettività tat-Tribunal Kostituzzjonali; billi l-Kummissjoni bdiet proċedura skont l-Artikolu 7(1) wara r-riformi tal-2015 tas-sistema ġudizzjarja fil-Polonja;
1. Jikkundanna bil-qawwa d-deċiżjoni tat-Tribunal Kostituzzjonali u l-pass lura fir-rigward tal-SRHR tan-nisa fil-Polonja; jafferma li d-deċiżjoni tpoġġi friskju s-saħħa u l-ħajja tan-nisa; ifakkar li kkritika bil-qawwa kull proposta leġislattiva jew restrizzjoni li għandha l-għan li tipprojbixxi u tillimita aktar l-aċċess għal abort sikur u legali fil-Polonja, li hija qrib li tipprojbixxi l-aċċess għall-kura ta' abort fil-Polonja, minħabba li ħafna mill-aborti legali jsiru fuq il-bażi ta' difett sever u irriversibbli tal-fetu jew marda inkurabbli li thedded il-ħajja tal-fetu; ifakkar li l-aċċess universali għall-kura tas-saħħa u l-SRHR huma drittijiet fundamentali tal-bniedem;
 2. Jinnota li r-restrizzjoni jew il-projbizzjoni tad-dritt għall-abortion bl-ebda mod ma telimina l-abortion, iżda sempliċement tagħmel pressjoni biex dan isir b'mod illegali, u dan iwassal għal żieda fl-aborti illegali, mhux sikuri, klandestini u ta' theddida għall-ħajja; jinsisti li t-tweqqi ta' abort ma għandux jiġi inkluż fil-kodiċi kriminali, peress li dan għandu effett dissuważiv fuq tobba li jżommu lura milli jipprovdu servizzi SRHR minħabba l-biża' ta' sanzjonijiet kriminali;
 3. Jiddeplora l-fatt li d-deċiżjoni nħarġet fi żmien meta r-restrizzjonijiet sanitarji relatati mal-pandemija tal-COVID-19 kienu qed idgħajfu serjament il-proċessi demokratiċi dovuti; jikkritika bil-qawwa l-projbizzjoni restrittiva fuq l-assemblej pubbliċi, li kienet fis-seħħ mingħajr l-introduzzjoni ta' stat ta' diżastru naturali, kif stabbilit fl-Artikolu 232 tal-Kostituzzjoni Pollakka;
 4. Ifakkar li d-drittijiet tan-nisa huma drittijiet fundamentali tal-bniedem, u li għalhekk l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom id-dmir legali li jiddefenduhom u jipproteġuhom f'konformità mat-Trattati u mal-Karta, kif ukoll mad-dritt internazzjonali;
 5. Jinnota li l-eċċess mhux iġġustifikat ta' restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-abortion li jirriżulta mid-deċiżjoni msemmiya qabel tat-Tribunal Kostituzzjonali ma jipproteġix id-dinjità inerenti u inaljenabbli tan-nisa, peress li jikser il-Karta, il-KEDB, il-ġurisprudenza tal-QEDB, bosta konvenzjonijiet internazzjonali li l-Polonja hija firmatarja tagħhom, kif ukoll il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja;

⁽¹³⁾ L-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-14 u l-15 ta' Ottubru 2016 dwar l-Att dwar it-Tribunal Kostituzzjonali, paragrafu 128; Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, Osservazzjonijiet ta' għeluq dwar is-seba' rapport perjodiku tal-Polonja, 23 ta' Novembru 2016, paragrafi 7-8; Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1520 tas-26 ta' Lulju 2017 dwar l-istat tad-dritt fil-Polonja (ĠU L 228, 2.9.2017, p. 19).

⁽¹⁴⁾ <https://www.senat.gov.pl/aktualnosci/art,13159,zespol-ekspertow-przy-marszalku-senatu-o-wyroku-trybunalu-konstytucyjnego.html>

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

6. Ihegġegħ bil-qawwa lill-Parlament u lill-awtoritajiet Pollakki jżommu lura minn kull tentattiv ieħor biex jirrestrinġu l-SRHR, peress li miżuri bħal dawn imorru kontra l-prinċipju ta' nuqqas ta' rigress skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jafferma bil-qawwa li ċ-ċaħda tal-SRHR hija forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-awtoritajiet Pollakki jieħdu miżuri biex jimplimentaw bis-sħiħ is-sentenzi mogħtija mill-QEDB f'każijiet kontra l-Polonja, li ddeċidiet li liġijiet restrittivi dwar l-abort jiksru d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa; jisħaq li l-aċċess mingħajr xkiel u f'waqtu għas-servizzi tas-saħħa riproduttiva u r-rispett għall-awtonomija riproduttiva u l-indipendenza deċiżjonali tan-nisa huma kruċjali biex jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

7. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu pprovduti edukazzjoni u informazzjoni komprensivi, ibbażati fuq l-evidenza, nondiskriminatorji u adattati skont l-età għal kulħadd, peress li nuqqas ta' informazzjoni u edukazzjoni dwar is-sess u s-sesswalità jirriżulta f'rati ogħla ta' tqala mhux intenzjonata;

8. Jikkundanna bil-qawwa d-deċiżjoni riċenti tal-Ministru tal-Ġustizzja Pollakk li jibda uffiċjalment l-irtirar tal-Polonja mill-Konvenzjoni ta' Istanbul, li jkun ostaklu serju fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; ihegġegħ lill-awtoritajiet Pollakki jiżguraw l-applikazzjoni effettiva u Prattika ta' dik il-Konvenzjoni, inkluża l-provvista ta' għadd suffiċjenti ta' postijiet ta' kenn ta' kwalità għan-nisa li huma vittmi tal-vjolenza u t-tfal tagħhom, filwaqt li titqies l-eskalazzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru matul il-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll l-aċċess għal appoġġ u servizzi tas-saħħa essenzjali, inkluża l-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva;

9. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa f'ċerti żoni tal-Polonja għadu ristrett, u li skont l-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar, fl-2018 2 % biss tan-nisa tqal li jgħixu f'żoni rurali fil-Polonja għaddew mit-testijiet standard kollha li huma meħtieġa waqt it-tqala, bħal ultrasound tal-fetu, kardjotokografija jew ittestjar tad-demem matern;

10. Jiddeplora ż-żieda fl-użu tal-klawsola tal-kuxjenza, li qed tirriżulta fin-nuqqas ta' mekkaniżmi affidabbli ta' riferiment għal dawk li qed ifittxu servizzi ta' abort u proċessi ta' appell bil-mod għal dawk li qed jiġu miċħuda tali servizzi, u jiddeplora wkoll il-fatt li l-ġinekologi spiss jinvokaw il-klawsola tal-kuxjenza meta jintalbu jippreskrivu kontraċettivi, u b'hekk jirrestrinġu b'mod effettiv l-aċċess għall-kontraċezzjoni fil-Polonja; jinnota li l-klawsola tal-kuxjenza xxekkel ukoll l-aċċess għall-iskrinjar ta' qabel it-twelid, li mhux biss huwa ksur tad-dritt għall-informazzjoni dwar il-kundizzjoni tal-fetu, iżda jfixx ukoll it-trattament b'suċċess ta' tarbija waqt it-tqala jew immedjatament wara; ihegġegħ lill-awtoritajiet Pollakki jħassru l-liġi li tillimita l-aċċess għall-pillola kontraċettiva ta' emerġenza;

11. Huwa mħasseb ħafna dwar il-fatt li eluf ta' nisa jridu jivvjaġġaw biex ikollhom aċċess għal servizz tas-saħħa essenzjali bħall-abort; jenfasizza li s-servizzi transfruntieri ta' abort mhumix għażla vijabbli għal dawk l-aktar vulnerabbli u emarġinati; huwa preokkupat dwar il-fatt li l-ivvjaġġar barra mill-pajjiż ipogħi s-saħħa u l-benesseri tan-nisa friskju minħabba li ta' spiss ikunu waħedhom; jisħaq fuq l-importanza tal-kura ta' wara l-abort, b'mod speċjali għal nisa li jesperjenzaw kumplikazzjonijiet minn abort mhux komplut jew mhux sikur;

12. Jesprimi l-appoġġ u s-solidarjetà tiegħu għal eluf ta' ċittadini Pollakki, b'mod partikolari għan-nisa Pollakki u l-persuni LGBTI+, li, minkejja r-riskji sanitarji, ħarġu fit-toroq biex jipprotestaw kontra restrizzjonijiet gravi fuq il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tagħhom; jinnota li t-talbiet tad-dimostranti jinkludu mhux biss l-annullament tad-deċiżjoni tat-Tribunal Kostituzzjonali, iżda anke d-denunzja tal-hekk imsejjaħ "kompromess dwar l-abort", il-liberalizzazzjoni tad-dritt għall-abort u r-rispett għall-awtonomija tal-ġisem; ifakkar li l-libertà ta' għaqda u l-libertà ta' assoċjazzjoni jiddefinixxu l-Unjoni Ewropea, anke waqt pandemija;

13. Jikkundanna bil-qawwa l-użu eċċessiv u sproporzjonat tal-forza u l-vjolenza kontra d-dimostranti, inklużi l-attivisti u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-atturi mhux statali bħal gruppi nazzjonalisti tal-lemin estrem; jistieden lill-awtoritajiet Pollakki jiżguraw li dawk li jattakkaw lid-dimostranti jinżammu responsabbli;

14. Ihegġegħ lill-awtoritajiet Pollakki jsaħħu l-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-avvanz tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri billi jipprovdur r-riżorsi finanzjarji u umani kollha meħtieġa lill-istituzzjonijiet li jitrattaw id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess u l-ġeneru;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

15. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-kompożizzjoni tat-Tribunal Kostituzzjonali, li l-illegalità tagħha tikkostitwixxi raġunijiet biex jiġu kkontestati d-deċizzjonijiet tagħha u b'hekk il-kapaċità tagħha li tiddefendi l-Kostituzzjoni Pollakka; jissottolinja li d-deċizzjoni msemmija hawn fuq hija eżempju ieħor tat-teħid ta' kontroll politiku tal-ġudikatura u l-kollass sistemiku tal-istat tad-dritt fil-Polonja;

16. Jistieden lill-Kunsill jindirizza din il-kwistjoni u allegazzjonijiet oħra ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fil-Polonja billi jwessa' l-ambitu tas-seduti ta' smiġh tiegħu li qed isiru bħalissa dwar is-sitwazzjoni fil-Polonja, f'konformità mal-Artikolu 7(1) TUE; iħeġġeġ lill-Kunsill jipproċedi bis-seduta ta' smiġh formali dwar is-sitwazzjoni attwali fil-Polonja skedata għall-10 u l-11 ta' Diċembru 2020;

17. Jilqa' l-ftehim proviżorju tal-5 ta' Novembru 2020 dwar leġiżlazzjoni li tistabbilixxi mekkaniżmu li jippermetti s-sospensjoni ta' pagamenti baġitarji lil Stat Membru li jikser l-istat tad-dritt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taġixxi b'determinazzjoni rigward il-kundizzjonalità miftiehma reċentement għall-qafas finanzjarju pluriennali futur għall-2021-2027;

18. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jipprovdu finanzjament adegwat għall-organizzazzjonijiet nazzjonali u lokali tas-soċjetà ċivili biex irawmu l-appoġġ fil-livell taċ-ċittadini għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri, inkluża l-Polonja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja immedjatament u direttament programmi u organizzazzjonijiet Pollakki tas-soċjetà ċivili li jaħdmu biex jiżguraw li l-SRHR tan-nisa jkunu protetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ permezz ta' programmi ta' finanzjament;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kulħadd ikollu protezzjoni legali indaqs u b'saħħitha għar-raġunijiet kollha inklużi fl-Artikolu 19 TFUE u biex tittratta dan bħala prijorità; jistieden lill-Kunsill biex minnufih jiżblokka u jikkonkludi n-negozjati dwar id-direttiva orizzontali dwar in-nondiskriminazzjoni u jilqa' l-impjenji l-ġodda tal-Kummissjoni f'dan il-qasam;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jiggarantixxu aċċess universali għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż l-abort; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-SRHR billi tinkludi d-drittijiet għall-abort fl-Istrateġija tal-UE li jmiss dwar is-Saħħa;

21. Jenfasizza l-espressjonijiet ta' appoġġ u ta' interess fir-rigward tal-kawża tan-nisa Pollakki minn ħafna Stati Membri; jitlob lill-UE tiffinanzja organizzazzjonijiet li jiffaċilitaw il-koperazzjoni transfruntiera bejn l-organizzazzjonijiet li jipprovdu abort sikur u legali;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonferma l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/113/KE⁽¹⁵⁾ għal oġġetti u servizzi SRHR u tirrikonoxxi li l-limiti fuq u l-ostakli għall-aċċess ta' oġġetti u servizzi SRHR jikkostitwixxu diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, peress li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lil ġeneru wieħed (in-nisa) jew gruppi vulnerabbli (eż. persuni transbinarji u mhux binarji); jikkundanna l-abbuż tal-ġudikatura min-naħa tal-Gvern Pollakk u s-setgħat leġiżlattivi tiegħu biex jiġu strumentalizzati u politiċizzati l-ħajja u s-saħħa tan-nisa u l-persuni LGBTI+, li jwasslu għad-diskriminazzjoni tagħhom f'dan ir-rigward;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta linji gwida għall-Istati Membri biex jiżguraw aċċess ugwali għal prodotti u servizzi SRHR f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-ġurisprudenza tal-QEDB;

24. Jistieden lill-Kunsill jikkonkludi b'mod urġenti r-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul min-naħa tal-UE; jikkundanna bil-qawwa t-tentattivi f'ċerti Stati Membri biex jiġu revokati l-miżuri diġà meħuda fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u fil-għieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta biex il-vjolenza abbażi tal-ġeneru tiġi miżjudata mal-lista tar-reati tal-UE skont l-Artikolu 83 TFUE;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Polonja u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽¹⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37).

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0337

Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-UE**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-UE (2020/2761(RSP))**

(2021/C 425/18)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Programm ta' Ħidma Aġġustat tal-Kummissjoni 2020" COM(2020)0440 u l-ittra ta' intenzjoni tal-President von der Leyen lill-President Sassoli u lill-Kanċillier Merkel tas-16 ta' Settembru 2020 bit-titolu "L-Istat tal-Unjoni 2020",
- wara li kkunsidra n-nota ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2020 bit-titolu "A renewed trade policy for a stronger Europe" (Politika kummerċjali mġedda għal Ewropa aktar b'saħħitha),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020)0456),
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin (COM(2020)0253),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2015 bit-titolu "Kummerċ għal Kulħadd – Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investment" (COM(2015)0497),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" (COM(2020)0102),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020, bit-titolu "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" (COM(2020)0103),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020 bit-titolu "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa" (COM(2020)0067),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tal-Viċi President / Rappreżentant Għoli tad-9 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Lejn Strateġija komprensiva mal-Afrika" (JOIN(2020)0004),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381),
- wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima),
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti,

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar strateġija futura ġdida progressiva u innovattiva dwar il-kummerċ u l-investiment ⁽¹⁾, tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar "Lejn strateġija għall-kummerċ diġitali" ⁽²⁾, tat-28 ta' Novembru 2019 dwar "l-emerġenza klimatika u ambjentali" ⁽³⁾, tas-16 ta' Settembru 2020 dwar ir-rwol tal-UE fil-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja ⁽⁴⁾, tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni – rapport annwali 2018 ⁽⁵⁾, tal-25 ta' Novembru 2020 dwar "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" ⁽⁶⁾, ,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tat-24 ta' Novembru 2020,
 - wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tal-UE (O-000070/2020 – B9-0024/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,
- A. billi wara t-tifqigħa tal-COVID-19 fl-2020, il-ktajjen tal-provvista u l-linji ta' produzzjoni globali ġew imfixkla, u dan juri li l-Unjoni Ewropea tiddependi minn sorsi mhux tal-UE, speċjalment għal ċerti setturi strateġiċi bħas-settur mediku u dak farmaċewtiku;
- B. billi qed iqumu dubbi dwar ir-regoli u l-vantaġġi kummerċjali kemm barra l-UE kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri, u billi l-isfidi l-ġodda għall-iżvilupp sostenibbli, bħall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, jeħtieġu integrazzjoni fil-politiki pubbliċi esterni u interni kollha tal-UE;
- C. billi l-UE diġà kienet għadha lura meta mqabbla ma' ekonomiji oħra f'termini ta' kompetittività qabel il-pandemija; billi t-tfixkil lill-kummerċ internazzjonali li rriżulta mill-pandemija tal-COVID-19 issa aggrava telf ekonomiku li diġà kien sinifikanti;
- D. billi l-Unjoni Ewropea, bħala kontinent li huwa fqir fir-riżorsi u l-akbar blokk kummerċjali dinji, tinsab f'pożizzjoni unika biex tikkooopera globalment biex jinkiseb irkupru sostenibbli tal-ekonomija dinjija, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- E. billi r-rieżami tal-politika kummerċjali tal-UE u l-iżvilupp ta' aġenda kummerċjali tal-UE aktar riżoluta jikkoinċidu mal-implimentazzjoni fil-livell globali ta' ħafna azzjonijiet politikament iġġwidati fil-kummerċ, fl-ekonomija u fil-finanzi, b'konsegwenzi fit-tul;

Kummerċ u "awtonomija strateġika miftuħa"

1. Jilqa' t-tneidja f'waqtha tar-rieżami tal-politika kummerċjali tal-UE fl-2020, b'reazzjoni għal u b'kunsiderazzjoni tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19, iż-żieda fl-imġiba protezzjonistika fil-livell globali, il-kuntest partikolarment diffiċli li għandu quddiemu l-kummerċ internazzjonali, u l-ħtieġa ta' integrazzjoni tal-kummerċ fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-SDGs bil-għan li l-koooperazzjoni ekonomika u l-kummerċ isiru ġusti, inklużivi u sostenibbli; iqis li huwa kruċjali, għal dan il-għan, li jiġu kkoordinati u maħluqa sinerġiji bejn id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, kif ukoll bejn il-politika kummerċjali u l-politiki interni (pereżempju dik industrijali, tal-ghajjnuna mill-Istat, diġitali, ambjentali, inkluża l-ekonomija ċirkolari, u soċjali), u biex il-politika kummerċjali tiġi inkorporata fil-politika esterna usa' tal-UE;

2. Jilqa' d-dibattitu dwar il-kunċett uniku tal-UE ta' "awtonomija strateġika miftuħa" u jistieden lill-Kummissjoni tagħti aktar dettalji dwar il-kontenut tagħha; jinnota, f'dan il-kuntest, li l-kunċett għandu jkun konformi mal-obbligi ġuridiċi internazzjonali tal-UE u l-impenn tagħha għal approċċ ibbażat fuq ir-regoli fil-politika kummerċjali tagħha u għas-sistema kummerċjali multilaterali, li l-fus tagħha tkun l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO); jinsisti fuq il-fatt li l-istrateġija kummerċjali tal-UE trid iżżid il-kompetittività tal-industrija tal-UE, inkluż is-settur agrikolu, toħloq impjiegi ta' kwalità dinjitużi, tipproteġi lill-ħaddiema, tiġġenera żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tippromwovi l-interessi u l-valuri tal-UE;

⁽¹⁾ ĠU C 101, 16.3.2018, p. 30.

⁽²⁾ ĠU C 369, 11.10.2018, p. 22.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0078.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0212.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0252.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P9_TA(2020)0321.

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

3. Jisħaq li l-UE, bħala waħda mill-akbar blokok kummerċjali fid-dinja, tkun tibbenefika minn użu usa' tal-euro fil-kummerċ internazzjonali tagħha, peress li dan inaqas ir-riskju tar-rata tal-kambju u spejjeż oħra relatati mal-valuta fit-tranżazzjonijiet kummerċjali; jisħaq li issa huwa aktar kruċjali minn qatt qabel li tingħata spinta lill-kummerċ u jenfasizza li l-istrategġja kummerċjali tal-UE għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-proċess ta' rkupru wara l-kriżi ekonomika u tas-saħħa pubblika attwali;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-mod kif tista' tiżdied ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tal-UE, filwaqt li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni fl-Unjoni tagħna, billi jiġu esplorati vantaġġi potenzjali mill-akkumulazzjoni strateġika tal-ħażniet ta' prodotti essenzjali għall-emerġenzi fil-livell tal-UE, u billi tiġi inkoraġġita d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista filwaqt li jiġi esplorat ukoll il-kunċett tad-delokalizzazzjoni fil-viċinanzi u r-rwol speċjali li l-pajjiżi tal-viċinat tal-UE jista' jkollhom f'dan ir-rigward;

5. Jisħaq li l-miżuri ta' rilokalizzazzjoni u ta' delokalizzazzjoni fil-viċinanzi għandhom jikkontribwixxu għall-kompetittività fit-tul tal-UE, u ma jwasslux għal żieda fl-ispejjeż għall-konsumaturi skont analiżi dettaljata skont is-settur f'dan ir-rigward; jinnotta li l-miżuri ta' ġestjoni tal-katina tal-provvista jista' jkollhom rwol importanti fl-irkupru ekonomiku u li d-deċiżjonijiet għandhom, fi kwalunkwe każ, jibqgħu f'idejn l-operaturi ekonomiċi rilevanti;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika s-setturi strateġiċi Ewropej u l-materja prima, u tappoġġa b'mod proattiv lill-impriżi, b'mod speċjali lill-SMEs, b'enfasi fuq il-kriżi attwali kif ukoll fuq l-iżviluppi potenzjali futuri, billi tagħti appoġġ għan-newtralità klimatika, għall-obbligu ta' rendikont u għas-sostenibbiltà tal-ktajjen tal-provvista globali u għall-innovazzjoni diġitali, sabiex tiżdied is-sigurtà tal-ikel billi l-korsiji hodur jinżammu miftuħin u tiżdied it-trasparenza fuq il-ktajjen tal-valur tal-ikel; jenfasizza li l-UE tiddependi ħafna mill-pajjiżi terzi għall-materja prima essenzjali meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li sistema kummerċjali multilaterali li tiffunzjona b'mod sħiħ, flimkien ma' network wiesa' ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles u ġust u implimentati tajjeb, jikkonstitwixxu l-aħjar mod u l-aktar mod effikaċi f'termini ta' kostijiet biex jiġi ggarantit li jkun hemm sorsi multipli ta' manifattura disponibbli; jenfasizza, barra minn hekk, li se tinkiseb reżiljenza akbar permezz ta' flussi kummerċjali miftuħa, billi ma jiġu evitati miżuri restrittivi għall-kummerċ, u permezz ta' kooperazzjoni aktar b'saħħitha mas-sħab kummerċjali tagħna; jemmen li l-kooperazzjoni mas-sħab kummerċjali tagħna tkun utli wkoll biex jitneħħew l-ostakli għall-kummerċ;

Sistema kummerċjali multilaterali

7. Jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE favur is-sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, bil-fus tagħha tkun id-WTO riformata, biex ittejjeb l-effiċjenza, l-istabbiltà u; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-impenn tagħha fil-fora internazzjonali, f'koordinament mill-qrib mal-istituzzjonijiet ta' governanza internazzjonali l-oħra bħall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u li tkompli ssegwi l-modernizzazzjoni ambizzjuża, it-tisħiħ u r-riattivazzjoni sostanzjali tad-WTO u tal-funzjoni għan-negozjar u l-ġabra ta' regoli tagħha, u fil-qalba tagħhom ikun hemm l-SDGs u l-għieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li tiġi żgurata wkoll koerenza mal-impennji internazzjonali;

8. Jinsisti fuq ir-riforma tal-Korp tal-Appell tad-WTO abbażi ta' sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim fuq żewġ livelli li tkun kompletament operattiva; jenfasizza li sakemm il-Korp tal-Appell ma jkunx qed jiffunzjona korrettament, l-UE għandha tagħmel użu effikaċi mill-Arranġament Proviżorju ta' Arbitraġġ tal-Appell bejn bosta Partijiet, u tinkoraġġixxi lill-Membri l-oħra tad-WTO jipparteċipaw f'dan l-arranġament; jistieden lill-Unjoni tirriforma d-dispożizzjonijiet tal-Qbil dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO dwar miżuri ta' ritaljazzjoni sabiex tiżgura li s-setturi rilevanti u affettwati biss ikunu mmirati f'tilwim dwar għajjnuna illegali mill-Istat;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tapprofondixxi l-kooperazzjoni internazzjonali tagħha mas-sħab strateġiċi u jilqa' f'dan ir-rigward id-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar kif għandhom jiġu indirizzati u mmitigati b'mod effikaċi d-distorsjonijiet ikkawżati mis-sussidji industrijali, filwaqt li jkun magħruf li l-prattiki li jgħawġu s-suq jista' jkollhom riperkussjonijiet negattivi konsiderevoli fuq il-kompetizzjoni ġusta u l-kundizzjonijiet ekwi, u li jinstabu soluzzjonijiet biex jiġu evitati trasferimenti furzati tat-teknoloġija;

10. Jesprimi l-preferenza tiegħu għal ftehimiet multilaterali; jirrikonoxxi iżda li l-ftehimiet plurilaterali jistgħu jikkonstitwixxu punt ta' tluq utli biex jintlaħqu ftehimiet multilaterali; jinnotta, f'dan ir-rigward, il-valur tal-Inizjattivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta; jenfasizza l-importanza li jiġi konkluż ftehim vinkolanti u infurzabbli dwar is-sussidji tas-sajd, filwaqt li jitqiesu l-implikazzjonijiet fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u daww l-anqas żviluppatti;

11. Iġedded it-talbiet tiegħu għal ftehim plurilaterali dwar il-kummerċ elettroniku li jgħin lill-SMEs inaqqsu d-distakk diġitali u jindirizzaw l-ostakli għall-kummerċ diġitali u li jkun jiffaċilita l-moviment transfruntier kummerċjali tad-data f'konformità sħiħa mad-dritt tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data, inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

il-Protezzjoni tad-Data (GDPR); jitlob li jkun hemm aktar protezzjoni tal-konsumatur online u żieda fil-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni sabiex titjeb l-identifikazzjoni ta' prodotti ffalsifikati fil-kummerċ elettroniku; jistenna b'interess, f'dan ir-rigward, it-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fl-2021 u jitlob li jkun disponibbli test konsolidat sa tmiem l-2020; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tippreżenta strateġija kummerċjali diġitali, ibbażata fuq ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-2017 dwar din il-kwistjoni, u tftitx modi kif l-UE tista' toħloq u tippromwovi regoli internazzjonali ġodda, anki permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-ftehimiet kummerċjali, billi toħloq ambjent kummerċjali diġitali favorevoli għall-kumpaniji tal-UE u tneħħi l-ostakli fil-pajjiżi terzi;

12. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja, tanalizza u tindirizza, fil-livell globali u bilaterali mas-sħab internazzjonali, l-ostakli l-ġodda għall-kummerċ, inklużi r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet u distorsjonijiet oħra li jaffettwaw prodotti essenzzjali, kif ukoll tiżviluppa kriterji komuni għall-għoti ta' sussidji orjentati lejn is-sostenibbiltà għall-irkupru ta' wara l-pandemija; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-Ftehim Farmaċewtiku tad-WTO, filwaqt li teżamina l-possibbiltajiet ta' inizjattiva plurilaterali usa' dwar prodotti tas-saħħa; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-flessibilitajiet previsti mill-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS) jistgħu jintużaw bl-aħjar mod għall-prodotti mediċi essenzzjali, u li d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali tal-UE ma għandhomx impatt negattiv fuq dawn il-flessibilitajiet;

Relazzjonijiet ma' sħab strateġiċi

13. Jenfasizza li l-Istati Uniti tal-Amerka huma l-aktar sieħeb kummerċjali importanti tal-UE; jinnotta li din ir-relazzjoni bħalissa hija kkaratterizzata minn tensjonijiet; jieħu nota tal-ftehim mal-Istati Uniti dwar pakkett ta' tnaqqis tat-tariffi bħala żvilupp pożittiv u ihegġegħ lill-Kummissjoni tibni fuq din l-ispinta biex tibni aġenda kummerċjali pożittiva bejn l-UE u l-Istati Uniti lil hinn mit-tnaqqis tat-tariffi, peress li ftehim ta' kooperazzjoni usa' jkun ta' benefiċċju partikolari, billi jiffaċilita l-irkupru ekonomiku reċiproku tagħna u r-riżoluzzjoni tal-elementi ta' tfixkil għall-kummerċ u jesplora oqsma ġodda għall-kooperazzjoni, bħall-kummerċ, it-teknoloġiji u t-tassazzjoni diġitali, anki fil-qafas tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD); ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħmel progress fil-valutazzjonijiet regolatorji, li jkunu ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-SMEs; jappoġġja bil-qawwa l-kooperazzjoni mal-Istati Uniti biex jiġu indirizzati l-isfidi strateġiċi fil-livell globali; ihegġegħ lill-Istati Uniti jergħu jaderixxu mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima sabiex tiġi ffaċilitata l-koperazzjoni futura bejn l-UE u l-Istati Uniti; jistieden lill-Istati Uniti jneħħu t-tariffi imposti mill-2017; jieħu nota tal-aħħar deċiżjoni tad-WTO li tant kienet mistennija dwar it-tilwima bejn Airbus u Boeing, u jisħaq fuq l-importanza li tinstab soluzzjoni nnegożjata;

14. Jitlob li jsir progress ambizzjuż fin-negożjati dwar il-Ftehim Komprensiv dwar l-Investment maċ-Ċina, sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa urġenti ta' reċiproċità, inkluż fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku u kwistjonijiet pendenti oħra relatati mal-kundizzjonijiet ekwi bħal prattiki ta' distorsjoni tas-suq tal-Impriżi Statali Ċiniżi jew it-trasferimenti furzati tat-teknoloġija, ir-reqwiżiti fil-qasam tal-joint ventures u t-trattament mhux diskriminatorju; jissottolinja l-importanza li jiġi inkluż kapitolu ambizzjuż dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli biex jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-istandards fundamentali tax-xogħol u jiġu promossi l-istandards ambjentali u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fkonformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima; jisħaq fuq l-importanza tar-relazzjoni strateġika tal-UE maċ-Ċina bħala kompetitur, sieħeb u rivali sistemiku; jistieden għalhekk lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jikkellmu b'vuċi waħda; ihegġegħ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, twaqqaf Task Force ddedikata għaċ-Ċina, fuq il-mudell tat-Task Force għar-relazzjonijiet mar-Renju Unit, biex jiġu żgurati l-unità u l-koerenza tal-messaġġ fil-livelli kollha u fil-formati kollha bil-ħsieb ta' politika komuni u unifikata tal-UE fir-rigward taċ-Ċina; jisħaq li r-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment tal-UE jirrikjedu rispett komuni tad-drittijiet tal-bniedem; jesprimi tħassib kbir dwar l-isfruttament irrappurtat tal-Ujguri fil-fabbriki fiċ-Ċina, u jisħaq fuq il-fatt li l-prodotti li jiġu manifatturati fil-kampijiet ta' riedukazzjoni għandhom jiġu pprojbiti mis-swieq tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tibda eżerċizzju esplorattiv u valutazzjoni tal-impatt sabiex tibda formalment in-negożjati mat-Tajwan mill-aktar fis possibbli;

15. Jemmen li fil-kuntest tal-pandemija, fuq livell globali, b'mod speċjali fir-rigward tal-Afrika, u fid-dawl tal-Istrateġija l-ġdida tal-Unjoni għall-Afrika, għandhom jiġu adottati approċċi ġodda biex jiġu organizzati mill-ġdid ir-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali għall-promozzjoni ta' kummerċ ġust u etiku bbażat fuq il-prinċipji tas-solidarjeta' u tal-kooperazzjoni u l-koerenza mal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp;

Kwistjonijiet orizzontali

16. Jenfasizza li s-swieq globali huma sors kruċjali ta' tkabbir għall-SMEs; jinnotta, madankollu, li 600 000 SME biss jesportaw prodotti barra mill-UE; ihegġegħ lill-Kummissjoni tappoġġja lill-SMEs billi tinkludi u timplimenta b'mod sistematiku kapitoli ddedikati għall-SMEs fil-ftehimiet kummerċjali, mingħajr żieda fil-piż amministrattiv u regolatorju, u biex tappoġġja l-użu ta' ftehimiet bħal dawn min-naħa tal-SMEs f'kooperazzjoni mill-qrib mal-kmamar tal-kummerċ

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

u mal-aġenziji għall-promozzjoni tal-kummerċ tal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni tal-ispiża għall-SMEs biex jikkonformaw ma' leġislazzjoni dejjem aktar kumplessa li taffettwa l-kummerċ; jistieden lill-Kummissjoni tiddjaloga mal-impriżi fl-iktar stadij bikri possibbli meta toħloq portali ta' informazzjoni ġodda jew ittejjeb daww diġà eżistenti, sabiex il-ħtiġijiet ta' informazzjoni tal-SMEs ikunu jistgħu jiġu sodisfatti b'mod konkret; jilqa' f'dan ir-rigward l-isforzi tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-Istrateġija tal-SMEs ta' Marzu 2020 biex iżżid l-appoġġ tagħha ddedikat lill-SMEs; jilqa' t-tnejja reċenti tal-għodda Access2Markets, inkluż il-modulu tiegħu ta' Awtovallutazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini (ROSA), u jistieden lill-partijiet ikkonċeranti kollha jagħtu feedback lill-Kummissjoni sabiex l-għodda tkun tista' tiġi aġġornata kontinwament;

17. Huwa konvint li l-leġislazzjoni fil-qasam tad-diliġenza dovuta orizzontali obbligatorja fil-livell tal-UE matul il-katina tal-provvista kollha għall-kumpaniji tal-UE u barranin li joperaw fis-suq uniku hija meħtieġa biex jinkisbu l-SDGs, tiġi promossa l-governanza tajba, jiżiedu t-traċċabbiltà u l-obbligu ta' rendikont fil-ktajjen tal-provvista globali, tissaħħaħ il-kompetittività internazzjonali tal-Ewropa billi jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u jiġu mmitigati l-vantaġġi kompetittivi inġusti tal-pajjiżi terzi li jirriżultaw minn standards ta' protezzjoni aktar baxxi kif ukoll dumping soċjali u ambjentali fil-kummerċ internazzjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitqiesu r-riskju ta' danni u d-daqs tal-kumpanija, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-prinċipju ta' proporzjonalità;

18. Jistenna b'interess il-proposta tal-Kummissjoni dwar mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera, li għandu jkun kompletament kompatibbli mad-WTO u bbażat fuq valutazzjoni tal-impatt; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-kompetittività tal-UE b'attenzjoni partikolari għall-ispejjeż, ir-riskji u l-ambizzjonijiet tas-sħab internazzjonali l-oħra, u ttipponi mekkaniżmu trasparenti li jkun kapaċi jeżisti flimkien mal-miżuri eżistenti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li jipprovi qafas ġuridiku stabbli u ċert għall-industrija Ewropej; jisħaq fuq il-fatt li aktar proposti simili għandhom jiġu inkorporati fl-istrateġija industrijali tagħna biex jinħolqu inkentiv għall-industrija ħalli jipproduċu prodotti nodfa u kompetittivi; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa ideat, filwaqt li tqis, fost affarijiet oħra, id-dokument informali tan-Netherlands u ta' Franza dwar il-kummerċ, l-effetti ekonomiċi soċjali u l-iżvilupp sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà ta' valutazzjoni tal-impatt ex post u ta' klawżoli ta' rieżami biex jiġu allinjati l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles eżistenti mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tippreżenta inizzjattivi ġodda li jużaw il-politika kummerċjali biex jiffaċilitaw il-kisb tal-oġġettivi klimatiċi ambizzjużi tagħna, inkluża inizzjattiva għda fil-qasam tal-klima u tal-kummerċ fid-WTO, li tibni fuq il-mandat tal-Ftehim dwar il-Beni Ambjentali u twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex jinkludi l-kummerċ fis-servizzi ekoloġiċi, u b'tali mod trawwem l-iżvilupp ta' beni ekoloġiċi u tastjeni milli tippermetti lil daww għall-konsumatur;

19. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta, tmexxi 'l quddiem u tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles eżistenti, inklużi fil-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (TSD), u tiżgura li l-benefiċċji jittqassu lil kulħadd; jirrimarka li l-infurzar tal-kapitoli TSD jista' jtejjeb b'mod sinifikanti permezz ta' diversi metodi ta' infurzar, u li l-Kummissjoni għandha teżamina mekkaniżmu bbażat fuq sanzjonijiet bħala l-aħħar alternattiva; jappoġġa l-impenn tal-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni u tal-Kummissarju għall-Kummerċ Dombrovskis biex iressqu 'l quddiem ir-rieżami tal-Pjan ta' Azzjoni ta' 15-il punt dwar il-Kapitoli TSD, filwaqt li jikkollaboraw mal-Parlament mill-bidu nett; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza l-ideat fid-dokument informali tan-Netherlands u ta' Franza u modi oħra biex iddaħħal livell akbar ta' dettall fl-infurzar ta' dawn il-kapitoli; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tagħmel il-konformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima parti essenzzjali tal-ftehimiet kummerċjali futuri kollha; jitlob li jittieħdu miżuri komplementari bħall-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' prodotti relatati ma' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem bħax-xogħol furzat jew it-tħaddim tat-tfal;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta fi żmien utli l-proposta għar-regolament il-ġdid li japplika Skema Ġeneralizzata ta' Preferenzi, possibbilment bil-ħsieb li jiżied l-għadd ta' pajjiżi li jissiehu fl-iskema SGP+;

21. Jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati Prattiki Antikompetittivi mas-sħab kummerċjali ewlenin u li jiddaħħlu kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u biex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni globali lejn ekonomija sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tagħxi malajr u tniedi investigazzjonijiet minn kmieni, malli jokkorru d-danni, biex tiżgura li l-prattiki kummerċjali żleali ma jdgħajfux il-kompetittività u l-livell ta' okkupazzjoni tal-operaturi ekonomiċi Ewropej, b'mod partikolari billi jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs;

22. Jilqa' l-Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO) li għadu kif inħatar, u jemmen li l-implimentazzjoni u l-infurzar konsistenti tal-ftehimiet tal-UE u tad-WTO, inklużi l-kapitoli TSD tagħhom, u l-leġislazzjoni kummerċjali, inklużi l-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ (TDIs) aktar effikaċi, aktar flessibbli u aktar reattivi, huma kruċjali biex jiġu ppreservati l-kredibbiltà u l-valuri tal-UE u l-aġenda tagħha għal kummerċ aktar ġust; jistieden lis-CTEO l-ġdid jikkollabora mal-Parlament biex jiżgura li jingħata segwitu għall-impenni ta' qabel ir-ratiffika magħmula mis-sħab kummerċjali;

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

23. Ihegġegħ lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid ir-rwol tad-delegazzjonijiet fl-implimentazzjoni tal-aġenda kummerċjali u għall-kooperazzjoni tal-UE fir-rigward tal-koerenza politika, u tiżgura approċċ koordinat li jinkorpora d-diversi servizzi tal-Kummissjoni (eż. misjonijiet kummerċjali transsettorjali fil-pajjiżi terzi);

24. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-konklużjoni tal-miżuri kollha meħtieġa wara investigazzjonijiet bir-reqqa biex timla kwalunkwe lakuni ppruvati fis-sett ta' għodod kummerċjali u ta' investiment, inkluża proposta leġiżlattiva ġdida li tirrieżamina l-Istatut tal-Imblukkar kontra sanzjonijiet li jiksru b'mod sostanzjali s-sovranià territorjali tal-Istati Membri, u li tintroduċi strument ġdid li jiskoraġġixxi u jiġġielek kontra azzjonijiet koerċittivi min-naħa ta' pajjiżi terzi, wara li tkun saret valutazzjoni tal-impatt;

25. Jitlob li n-negozjati dwar Strument għal Akkwist Internazzjonali (IPI) jimxu 'l quddiem sabiex jiżguraw applikazzjoni aktar soda tar-reċiproċità fl-aċċess għas-swieq internazzjonali tal-akkwist pubbliku għall-kumpaniji tal-UE, filwaqt li jippreservaw il-possibbiltajiet li l-akkwist pubbliku jintuża bħala għodda għas-suċċess tat-tranżizzjoni klimatika, b'mod speċjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' approċċ multilaterali mġedded; jilqa' l-White Paper dwar is-Sussidji Barranin, bħala għodda komplementari meħtieġa għall-miżuri ta' difiża kummerċjali, u jistenna b'interess proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni f'Jannar 2021 li tiproteġi lill-kumpaniji tal-UE minn distorsjonijiet kemm fis-suq intern kif ukoll f'dak globali, filwaqt li tissottolinja l-importanza ta' kompetizzjoni ħielsa u ġusta; jitlob, barra minn hekk, lill-Istati Membri kollha jużaw l-għodod kollha disponibbli, inkluż ir-Regolament (UE) 2019/452 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni, biex jivvalutaw jekk l-investimenti u l-akkwiżizzjonijiet potenzjali jikkostitwux theddida għas-sigurtà tal-infrastrutturi kritiċi fl-UE, b'mod partikolari f'setturi strateġiċi bħas-saħħa, is-servizzi pubbliċi, il-mobbiltà u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, sabiex jiġu evitati relazzjonijiet inutli u dannużi ta' dipendenza ekonomika;

26. Jilqa' l-progress li sar fin-negozjati dwar il-Qorti Multilaterali tal-Investment (MIC); jinnota li s-Sistema ta' Qorti tal-Investment (ICS) hija maħsuba bħala pass 'il quddiem lejn l-MIC; jesprimi dispjaċir dwar il-progress bil-mod ħafna tal-Istati Membri fiż-żarmar tat-trattati bilaterali tal-investment intra-UE (BITs), u jhegġegħ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni meta jkun il-każ, skont is-sentenza mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-kawża Achmea; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bil-ħidma tagħha favur qafas għall-protezzjoni u l-faċilitazzjoni tal-investment intra-UE; jappoġġa n-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jridu jippermettu l-ksib tan-newtralità klimatika mmirata lejn it-tneħħija gradwali tal-protezzjoni tal-investimenti fit-teknoloġiji tradizzjonali tal-fjuwils fossili; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investituri u l-istat (ISDS) u n-numru ta' każijiet relatati mat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija;

27. Jenfasizza l-importanza tal-kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jisħaq fuq l-oportunità għall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, isaħħu l-pożizzjoni ekonomika tan-nisa fil-pajjiżi terzi u jtejb u l-istandards tal-għajxien għan-nisa fl-industriji kollha koperti mill-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE; jinnota li n-nisa jirċievu inqas minn żewġ kwinti tal-benefiċċji li ġejjin mill-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u ġust f'termini ta' impjegi ġġenerati, u jisħaq li n-nisa jistgħu jiġu affettwati b'mod sproporzjonat mill-kriżi ekonomika attwali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippromwovu u jappoġġaw l-inklużjoni ta' kapitolu speċifiku għall-ġeneru fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jingħata segwitu għall-proposti maħruġa mill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għat-titjib tal-politika kummerċjali internazzjonali tagħna, u lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkomunikaw aħjar il-benefiċċji u l-impatti tal-politika kummerċjali tal-UE għal kulħadd, sabiex tiżdied it-trasparenza u jitjieb l-għarfien fost iċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, it-trade unions, u l-impriżi, b'mod speċjali l-SMEs, peress li huwa importanti li tingħata informazzjoni preċiża lill-partijiet ikkonċernati kollha; ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-importanza tad-drittijiet tal-Parlament Ewropew kif minquxa fl-Artikoli 207 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u tad-dialogu interistituzzjonali bħala mod biex jingħata kontribut għad-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa u għall-ksib ta' konklużjoni pożittiva; ifakkar fir-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur fil-politika kummerċjali u fir-rwol tiegħu fl-iskrutinju tan-negozjati kif ukoll fl-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet kummerċjali, u l-impenji meħuda mill-President tal-Kummissjoni b'appoġġ għar-riżoluzzjonijiet dwar inizjattivi leġiżlattivi adottati mill-Parlament skont l-Artikolu 225 tat-TFUE;

o

o o

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

OPINJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2020)0310

Ħatra ta' Julia Laffranque fil-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar il-ħatra ta' Julia Laffranque fil-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (2020/2238(INS))**

(2021/C 425/19)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-tieni paragrafu tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (B9-0368/2020),

A. billi Julia Laffranque tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

1. Jipproponi li Julia Laffranque tinħatar fil-kumitat;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

It-Tlieta 23 ta' Novembru 2020

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2020)0308

Kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali *II**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni ta' xhieda) (riformulazzjoni) (09889/2/2020 – C9-0357/2020 – 2018/0203(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2021/C 425/20)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (09889/2/2020 – C9-0357/2020),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽²⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0378),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0225/2020),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 56.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0103.

It-Tlieta 23 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0309

Notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni) (09890/2/2020 – C9-0356/2020 – 2018/0204(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2021/C 425/21)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (09890/2/2020 – C9-0356/2020),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽²⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0379),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0222/2020),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 56.⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0104.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0311

Ħatra ta' Frank Elderson bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ((N9-0055/2020 – C9-0331/2020 – 2020/0805(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2021/C 425/22)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2020 (N9-0055/2020) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 283(2), it-tieni inċiż, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill Ewropew (C9-0331/2020),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2019 dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2019 dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra ta' żewġ Membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0218/2020),
- A. billi, b'ittra tal-14 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill Ewropew ikkonsulta l-Parlament dwar il-ħatra ta' Frank Elderson għall-kariga ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin, li jibda mill-15 ta' Diċembru 2020;
- B. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, kif jirriżulta mill-Artikolu 130 tat-Trattat, tal-hteġa tal-indipendenza totali tal-Bank Ċentrali Ewropew; billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju bil-miktub indirizzat lilu;
- C. billi dan il-Kumitat, imbagħad, fid-9 ta' Novembru 2020 ipproċeda b'seduta ta' smigħ tal-kandidat, li matulha dan għamel stqarrija preliminari u wara wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu mill-membri tal-Kumitat;
- D. billi l-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew jinkludi l-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew u d-19-il gvernatur tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro; billi, sal-lum, dawn tal-aħħar huma kollha rġiel;
- E. billi l-Parlament esprima ripetutament in-nuqqas ta' sodisfazzjon tiegħu rigward il-proċedura tal-ħatra għal membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew u appella għal proċeduri mtejbja f'dan ir-rigward; billi l-Parlament talab li jirċievi, fi żmien debitu, lista ristretta b'bilanċ bejn il-ġeneri ta' mill-inqas żewġ ismijiet;

⁽¹⁾ ĠU C 338, 12.10.2020, p. 2

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0211.

⁽³⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0008.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2019)0093 u Testi adottati, P9_TA(2019)0094.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

- F. billi fis-17 ta' Settembru 2019, il-Parlament ta opinjoni favorevoli dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta' Christine Lagarde bħala l-ewwel President mara tal-Bank Ċentrali Ewropew;
- G. billi fis-17 ta' Diċembru 2019, il-Parlament ta opinjonijiet favorevoli dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għall-ħatra ta' Fabio Panetta u Isabel Schnabel bħala Membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew;
- H. billi n-nisa għadhom sottorappreżentati fil-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew; billi l-Parlament jiddeplora l-fatt li l-Istati Membri ma ħadux din it-talba bis-serjetà u billi jitlob lill-istituzzjonijiet nazzjonali u tal-UE jaħdmu b'mod attiv biex jintlaħaq bilanċ bejn il-ġeneri fin-nomini li jmiss;
- I. billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha nazzjonali u tal-UE għandhom jimplimentaw miżuri konkreti biex jiżguraw il-bilanċ bejn il-ġeneri;
1. Jagħti opinjoni favorevoli dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta' Frank Elderson bħala Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.
-

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0312

Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward ta' diżastru naturali u biex jipprovdi għall-pagament ta' avvanzi lill-Kroazja, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Portugall u lil Spanja b'rabta ma' emerġenza tas-saħħa pubblika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward ta' diżastru naturali u biex jipprovdi għall-pagament ta' avvanzi lill-Kroazja, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Portugall u lil Spanja b'rabta ma' emerġenza tas-saħħa pubblika (COM(2020)0960 – C9-0318/2020 – 2020/0299(BUD))

(2021/C 425/23)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0960 – C9-0318/2020),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1013/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0221/2020),
1. Jilqa' d-deċiżjoni bħala sinjal tas-solidarjetà tal-Unjoni maċ-ċittadini u mar-reġjuni tal-Unjoni milquta minn diżastri naturali u l-emerġenza maġġuri tas-saħħa pubblika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020;
 2. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tingħata assistenza finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea lir-reġjuni affettwati;
 3. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

⁽³⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward ta' diżastru naturali u biex jipprovdi għall-pagament ta' avvanzi lill-Kroazja, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Portugall u lil Spanja b'rabta ma' emerġenza tas-saħħa pubblika

(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni (UE) 2021/75.)

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0313

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9 tal-baġit ġenerali tal-2020: assistenza lill-Kroazja, lill-Polonja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2020 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdi assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward tad-diżastri naturali u jipprovdi għal pagament minn qabel lill-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja fir-rigward ta' emerġenza tas-saħħa pubblika (12522/2020 – C9-0341/2020 – 2020/0297(BUD))

(2021/C 425/24)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106(a) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, adottat b'mod definittiv fis-27 ta' Novembru 2019 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ⁽³⁾ (Regolament dwar il-QFP),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2020 adottat mill-Kummissjoni fid-9 ta' Ottubru 2020 (COM(2020)0961),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2020, adottata mill-Kunsill fit-30 ta' Ottubru 2020 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fit-3 ta' Novembru 2020 (12522/2020 – C9-0341/2020),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja fir-rigward ta' diżastri naturali u biex jipprovdi għall-pagament ta' avvanzi lill-Kroazja, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Portugall u lil Spanja b'rabta ma' emerġenza tas-saħħa pubblika (COM(2020)0960),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 94 u 96 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0223/2020),

⁽¹⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 57, 27.2.2020.

⁽³⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

⁽⁴⁾ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

- A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2020 ikopri l-mobilizzazzjoni proposta tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja u lill-Polonja wara diżastri naturali li seħħew f'dawk l-Istati Membri matul l-2020, kif ukoll għal avvanzi lil seba' Stati Membri, jiġifieri l-Kroazja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja, b'reazzjoni għall-emerġenza maġġuri tas-saħħa pubblika kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020;
- B. billi konsegwentement il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li temenda l-baġit 2020 u li żżid il-linja baġitarja 13 06 01 "Għajnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastri naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija" b'EUR 823 548 633, f'termini kemm ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' approprjazzjonijiet ta' pagament;
- C. billi l-Kroazja talbet il-pagament ta' avvanz kif stabbilit fl-Artikolu 4a tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002⁽⁶⁾ u billi fl-10 ta' Awwissu 2020 il-Kummissjoni tat avvanz ekwivalenti għal EUR 88 951 877 tal-kontribuzzjoni finanzjarja antiċipata tal-Unjoni; billi, peress li l-appropriazzjonijiet għall-pagamenti tal-avvanz inizjalment disponibbli fil-baġit 2020 diġà ġew ikkunsmati kompletament, il-Kummissjoni tipproponi l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi addizzjonali meħtieġa fi ħdan il-limitu massimu annwali stabbilit għall-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea;
- D. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2020 jipproponi li jiddaħħlu EUR 734 596 756 fil-baġit 2020, kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti, wara li jitnaqqas l-avvanz ta' EUR 88 951 877 li diġà tħallas lill-Kroazja;
- E. billi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea huwa strument speċjali skont id-definizzjoni fir-Regolament dwar il-QFP u l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament korrispondenti se jiġu bbaġitjati oltre l-limiti massimi tal-QFP;
1. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2020, kif imressaq mill-Kummissjoni;
 2. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2020;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 8/2020 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0316

Azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi *II**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (09573/1/2020 – C9-0355/2020 – 2018/0089(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2021/C 425/25)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (09573/1/2020 – C9-0355/2020),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2018 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' Ottubru 2018 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽³⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0184),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0224/2020),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 440, 6.12.2018, p. 66.

⁽²⁾ ĠU C 461, 21.12.2018, p. 232.

⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2019)0222.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0317

Swieq fi strumenti finanzjarji: emenda tar-rekwiżiti ta' informazzjoni, tar-rekwiżiti tal-governanza tal-prodotti u tal-limiti ta' pożizzjoni għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni, il-governanza tal-prodotti u l-limiti ta' pożizzjoni għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0280 – C9-0210/2020 – 2020/0152(COD)) (*)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 9 sakemm ma jkunx indikat mod ieħor

(2021/C 425/26)

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW (*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' informazzjoni, il-governanza tal-prodotti u l-limiti ta' pożizzjoni għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-pandemija tal-COVID-19 qed taffettwa b'mod sever lin-nies, lill-kumpaniji, lis-sistemi tas-saħħa u lill-ekonomiji **u lis-sistemi finanzjarji** tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-27 ta' Mejju 2020, bl-isem "Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (*), enfasizzat li l-likwidità u l-aċċess għal finanzjament jibqgħu diffiċli fix-xhur li ġejjin. Għaldaqstant, huwa kruċjali li jiġi appoġġat l-irkupru mix-xokk ekonomiku sever ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, **bit-tnaqqis tal-burokrazija permezz tal-introduzzjoni** ta' emendi mmirati **limitati** għal-leġislazzjoni finanzjarja eżistenti. **Għalhekk jenħtieġ li l-għan ġenerali tal-emendi jkun it-tneħħija tal-burokrazija żejda u l-istabbiliment ta' eżenzjonijiet temporanji li jitqiesu effettivi sabiex jiġi mmitigat it-taqlib ekonomiku. L-emendi jenħtieġ li jevitaw tibdil li jirriżulta f'aktar piżijiet fuq is-settur u jħallu l-kwistjonijiet leġislattivi kumplessi biex jiġu solvuti fir-rieżami ppjanat tal-MIFID II.** Dan il-pakkett ta' miżuri huwa adottat taħt it-tikketta "Pakkett għall-Irkupru tas-Swieq Kapitali".

(*) Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0208/2020).

(*) Emendi: it-test għid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ■.

(*) COM(2020)0456 final tas-27.5.2020.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- (2) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ġiet adottata fl-2014 b'rispons għall-kriżi finanzjarja li żviluppat fl-2007-2008. Din id-Direttiva saħħet b'mod sostanzjali s-sistema finanzjarja fl-Unjoni u tat garanzija ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri fl-Unjoni kollha. **Jistgħu jittqiesu sforzi addizzjonali biex jitnaqqsu l-kumplikazzjoni regolatorja u l-kostijiet tal-konformità tad-ditti tal-investment u biex jiġu eliminati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, dment li l-protezzjoni tal-investituri titqies b'mod suffiċjenti fl-istess ħin.**
- (3) Fir-rigward tar-rekwiżiti li kienu maħsuba biex jipproteġu lill-investituri, id-Direttiva 2014/65/UE ma kisbitx għalkollox l-oġettiv tagħha li tadatta l-miżuri li jieħdu biżżejjed kont tal-partikolaritajiet ta' kull kategorija ta' investituri (klijenti konsumaturi, klijenti professjonali u kontropartijiet eliġibbli). Uħud minn dawk ir-rekwiżiti mhux dejjem saħħew il-protezzjoni tal-investituri iżda xi drabi pjuttost fixklu l-eżekuzzjoni bla xkiel ta' deċiżjonijiet ta' investment. **Biex tissaħħaħ aħjar il-protezzjoni tal-investituri, huwa ta' importanza kritika li l-livell ta' dejn tal-investituri fil-livell tal-konsumatur jittqies fil-valutazzjoni tal-adegwatezza, b'mod partikolari minħabba l-livell dejjem jiżdied ta' dejn tal-konsumatur minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, ċerti rekwiżiti fid-Direttiva 2014/65/UE jistgħu jiġu emendati biex jiġi faċilitat il-provvediment ta' servizzi ta' investment u t-tweġiq ta' attivitajiet tal-investment dment li l-emendar isir b'mod ibbilanċjat li jipproteġi għalkollox lill-investituri.**
- (4) Ir-rekwiżiti ta' governanza tal-prodotti jistgħu jillimitaw il-bejgħ ta' bonds maħruġa minn kumpaniji. Il-bonds maħruġa minn kumpaniji bi "klawżola make-whole" huma ġeneralment meqjusa prodotti sikuri u sempliċi li huma eliġibbli għall-klijenti konsumaturi. "Klawżola make-whole" bħal din tippoteġi lill-investituri kontra t-telf fil-każ li emittent jagħżel ripagament bikri, billi tiżgura li l-investituri jingħataw pagament ugwali għall-valur preżenti nett tal-kupuni li kienu jirċievu kieku l-bond ma ġiex rimborżat. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' governanza tal-prodotti ma jibqgħux japplikaw għall-bonds maħruġa minn kumpaniji bi "klawżoli make-whole" bħal dawn.
- (5) Is-sejħa għal evidenza, immedija mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA), dwar l-impatt ta' inċentivi u tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-ispejjeż u tal-imposti skont id-Direttiva 2014/65/UE u l-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni t-tnejn li huma kkonfermaw li l-klijenti professjonali u l-kontropartijiet eliġibbli ma għandhomx bżonn informazzjoni standardizzata u obbligatorja dwar l-ispejjeż, billi diġà jirċievu l-informazzjoni meħtieġa meta jinnegozjaw mal-fornitur tas-servizz tagħhom. Din l-informazzjoni hija mfassla skont il-ħtiġijiet tagħhom u ta' spiss tkun aktar dettaljata. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kontropartijiet eliġibbli u l-klijenti professjonali jiġu eżentati minn dawn ir-rekwiżiti ta' żvelar tal-kostijiet u tat-tariffi, ħlief fir-rigward tas-servizzi ta' konsulenza dwar l-investment u ta' ġestjoni tal-portafoll għax il-klijenti professjonali li jidħlu f'relazzjonijiet ta' ġestjoni tal-portafoll jew ta' konsulenza dwar l-investment mhux bilfors ikollhom kwalifiki jew għarfien suffiċjenti biex jiġu eżentati mill-iżvelar tal-kostijiet u tat-tariffi.
- (6) Id-ditti tal-investment bħalissa huma meħtieġa jwettqu analiżi kost-benefiċċji ta' ċerti attivitajiet tal-portafoll f'każ ta' relazzjonijiet kontinwi mal-klijenti tagħhom li fihom l-istrumenti finanzjarji jiġu soġġetti għal bidliet. Id-ditti tal-investment huma b'hekk meħtieġa jiksbu l-informazzjoni meħtieġa mill-klijent u jkun jistgħu juru li l-benefiċċji tat-tali tibdil huma superjuri għall-kostijiet. Billi din il-proċedura hija ta' piż żejjed għal klijenti professjonali, li għandhom it-tendenza li jaqilbu fuq bażi frekwenti, jenħtieġ li dawn jiġu eżentati minn dan ir-rekwiżit, filwaqt li tinżamm il-possibbiltà ta' inklużjoni fakultattiva. Billi l-klijenti mhux professjonali għandhom bżonn livell għoli ta' protezzjoni, jenħtieġ li din l-opzjoni tkun limitata għall-klijenti professjonali.
- (7) Il-klijenti b'relazzjoni kontinwa ma' ditta tal-investment jirċievu rapporti obbligatorji tas-servizz, jew perjodikament jew wara attivazzjoni. La d-ditti tal-investment u lanqas il-klijenti professjonali ma jqisu dawn ir-rapporti tas-servizz utli. Irriżulta li dawn ir-rapporti huma partikolarment inutli għall-klijenti professjonali fi swieq volatili ħafna, billi dawn ir-rapporti jiġu pprovduti bi frekwenza għolja u għadd kbir. Il-klijenti professjonali ta' spiss jirreaġixxu għal dawn ir-rapporti tas-servizz billi ma jaqrawhomx jew billi jieħdu deċiżjonijiet tal-investment malajr aktar milli jkomplu bi strateġija tal-investment ta' terminu twil. Għalhekk jenħtieġ li l-kontropartijiet eliġibbli ma jibqgħux jirċievu dawn ir-rapporti tas-servizz. Madankollu, jenħtieġ li l-klijenti professjonali jkollhom il-possibbiltà li jirċievu r-rapporti tas-servizz.

(2) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- (8) Id-Direttiva 2014/65/UE introduċiet rekwiżiti ta' rappurtar dwar kif l-ordnijiet kienu eżegwiti bl-aktar termini favorevoli għall-klijent. Dawn ir-rapporti tekniċi fihom ammonti kbar ta' informazzjoni kwantitattiva dettaljata dwar il-post ta' eżekuzzjoni, l-istrument finanzjarju, il-prezz, il-kostijiet u l-probabbiltà tal-eżekuzzjoni. Dawn rari jinqraw mill-investituri, kif jixhed l-għadd baxx ħafna ta' downloads mis-siti web tad-ditti tal-investment. Billi dawn ma jippermettux lill-investituri jagħmlu paragun sinifikanti fuq il-bażi ta' din id-data, jenħtieġ li l-pubblikazzjoni ta' dawn ir-rapporti tiġi temporanjament sospiża.
- (9) Sabiex tiġi faċilitata l-komunikazzjoni bejn id-ditti tal-investment u l-klijenti tagħhom, u b'hekk jiġi faċilitat il-proċess tal-investment innifsu, jenħtieġ li l-informazzjoni tal-investment ma tibqax tiġi pprovduta f'forma stampata iżda, bħala għażla prestabbilita, tiġi pprovduta elettronikament. Madankollu, jenħtieġ li l-klijenti konsumaturi jkunu jistgħu jitolbu li l-informazzjoni tibqa' tiġi pprovduta f'forma stampata.
- (9a) ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq rapport dwar l-impatt tal-applikazzjoni tal-limiti ta' pożizzjoni u l-ġestjoni tal-pożizzjonijiet fuq il-likwidità, l-abbuż tas-suq u l-kundizzjonijiet xierqa ta' pprezzar u saldu fis-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet, kif previst f'din id-Direttiva. Valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza tar-reġim tad-derivattivi tal-komoditajiet u l-konsultazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati huma essenzjali meta tiġi rieżaminata s-sustanza ta' daww id-dispożizzjonijiet, li ġew adottati b'reazzjoni għall-ftehimiet tas-summits tal-G20 ta' Pittsburgh fl-2009 u ta' Cannes fl-2011 biex jittejjbu r-regolamentazzjoni, il-funzjonament u t-trasparenza tas-swieq tad-derivattivi tal-komoditajiet u biex tiġi indirizzata l-volatilità eċċessiva tal-prezzijiet. [Em. 2]***
- (10) Id-Direttiva 2014/65/UE tippermetti lill-persuni li jinnegozjaw f'derivattivi ta' komoditajiet, kwoti tal-emissjonijiet u derivattivi fuq kwoti tal-emissjonijiet fuq bażi professjonali biex jużaw eżenzjoni mill-awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investment meta l-attività tan-negozjar tagħhom tkun anċillari għan-negozju ewlieni tagħhom. Il-persuni li japplikaw għat-test tal-attività anċillari huma meħtieġa li kull sena jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti rilevanti li se jagħmlu użu minn dik il-possibbiltà u jipprovdu l-elementi neċessarji biex jissodisfaw iż-żewġ testijiet kwantitattivi li jiddeterminaw jekk l-attività tan-negozjar hijiex anċillari għan-negozju ewlieni. L-ewwel test iqabbel id-daqs tal-attività tan-negozjar spekulattiv ta' entità mal-attività totali tan-negozjar fl-Unjoni fuq il-bażi ta' klassi tal-assi. It-tieni test iqabbel id-daqs tal-attività tan-negozjar spekulattiv, bl-inklużjoni tal-klassijiet tal-assi kollha, mal-attività totali tan-negozjar fi strumenti finanzjarji mill-entità fil-livell tal-grupp. Teżisti forma alternattiva tat-tieni test, li tikkonsisti fit-tqabbil tal-kapital stmat użat għall-attività tan-negozjar spekulattiv mal-ammont attwali ta' kapital użat fil-livell tal-grupp għan-negozju ewlieni. Dawn it-testijiet kwantitattivi **jenħtieġ li jibqgħu r-regola bażika għall-eżenzjoni tal-attività anċillari. Bħala alternattiva, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jistgħu jkunu awtorizzati li jiddependu fuq elementi kwalitattivi, soġġett għal kundizzjonijiet definiti b'mod ċar. L-ESMA jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tipprovi għidha dwar iċ-ċirkostanzi li taħthom l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu japplikaw approċċ kwalitattiv, kif ukoll li tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji kwalitattivi.** Il-persuni li huma eliġibbli għall-eżenzjoni, inkluż il-ġeneraturi tas-suq, qed jinnegozjaw akkont tagħhom infushom jew jipprovdu servizzi ta' investment minbarra li jinnegozjaw akkont tagħhom infushom, lil klijenti jew fornituri tan-negozju ewlieni tagħhom. L-eżenzjoni **tkun** disponibbli għaż-żewġ każijiet individwalment u fuq bażi aggregata meta din tkun attività anċillari, meta meqjusa fuq bażi ta' grupp. Jenħtieġ li din l-eżenzjoni ma tkunx disponibbli għal persuni li japplikaw teknika tan-negozjar algoritmiku bi frekwenza għolja jew li jkunu parti minn grupp li n-negozju prinċipali tiegħu huwa l-provvediment ta' servizzi ta' investment, jew attivitajiet bankarji, jew li jagħixxi bħala ġeneratur tas-suq fir-rigward ta' derivattivi ta' komoditajiet. ■
- (11) Fil-preżent, l-awtoritajiet kompetenti jridu jistabbilixxu u japplikaw limiti ta' pożizzjoni fuq id-daqs ta' pożizzjoni netta li persuna tista' żżomm f'kull waqt f'derivattivi ta' komoditajiet innegozjati f'postijiet tan-negozjar u f'kuntratti barra l-borża li huma ekonomikament ekwivalenti (EEOTC, economically equivalent Over-The-Counter) deżinjati mill-Kummissjoni. Billi r-reġim tal-limitu ta' pożizzjoni wera li ma kienx favorevoli għall-iżvilupp ta' swieq ġodda tal-komoditajiet, jenħtieġ li s-swieq ġodda tal-komoditajiet jiġu esklużi mir-reġim tal-limitu ta' pożizzjoni. Minflok, jenħtieġ li l-limiti ta' pożizzjoni japplikaw biss għal daww id-derivattivi ta' komoditajiet li huma meqjusa sinifikanti jew derivattivi kritiċi ta' komoditajiet u l-kuntratti EEOTC tagħhom. Id-derivattivi sinifikanti jew kritiċi huma derivattivi ta' komoditajiet tal-enerġija ta' interess miftuħ ta' mill-inqas 300 000 lott fuq perjodu ta' sena. Minħabba l-importanza kritika tagħhom għaċ-ċittadini, il-komoditajiet agrikoli li għandhom titolu sottostanti li huwa għall-konsum uman, u l-kuntratti EEOTC tagħhom, se jibqgħu taħt ir-reġim attwali tal-limitu ta' pożizzjoni. Jenħtieġ li l-ESMA tingħata l-mandat li tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji għad-definizzjoni ta' komoditajiet agrikoli b'titolu sottostanti għall-konsum uman soġġett għal limiti ta' pożizzjoni u derivattivi kritiċi jew sinifikanti soġġetti

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

għal limiti ta' pożizzjoni. Għad-derivattivi sinifikanti u kritiċi, jenħtieġ li l-ESMA tqis l-interess miftuħ ta' 300 000 lott fuq perjodu ta' sena, l-għadd ta' parteċipanti fis-suq u l-komodità sottostanti.

- (12) Id-Direttiva 2014/65/UE ma tippermettix eżenzjonijiet għall-hedging għall-ebda entità finanzjarja. Diversi gruppi predominantement kummerċjali li stabbilew entità finanzjarja għall-iskopijiet tan-negozjar tagħhom sabu lilhom infushom f'sitwazzjoni fejn l-entità finanzjarja tagħhom ma setgħetx twettaq in-negozjar kollu għall-grupp, billi l-entità finanzjarja ma kinitx eliġibbli għal eżenzjoni għall-hedging. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi introdotta eżenzjoni għall-hedging iddefinita b'mod strett għall-kontropartijiet finanzjarji. Din l-eżenzjoni għall-hedging jenħtieġ li tkun disponibbli fejn, fi grupp predominantement kummerċjali, persuna tkun ġiet irreġistrata bħala ditta tal-investment u tinneogzja f'isem il-grupp kummerċjali. Sabiex din l-eżenzjoni għall-hedging tiġi limitata biss għal dawk l-entitajiet finanzjarji li jinneogzjaw għall-entitajiet mhux finanzjarji fil-grupp predominantement kummerċjali, jenħtieġ li l-eżenzjoni għall-hedging tkun applikata għal dawk il-pożizzjonijiet miżmuma minn dik l-entità finanzjarja li jistgħu jitkejlu oġġettivament bħala li qed inaqqsu r-riskji direttament marbuta mal-attivitajiet kummerċjali tal-entitajiet mhux finanzjarji tal-grupp.
- (13) Anki f'kuntratti likwidi, tipikament għadd limitat biss ta' parteċipanti fis-suq jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq fis-swieq tal-komoditajiet. Meta dawn il-parteċipanti fis-suq ikollhom japplikaw limiti ta' pożizzjoni, ma jistgħux ikunu effettivi daqs il-ġeneraturi tas-suq. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi introdotta eżenzjoni għal-limitu ta' pożizzjoni għall-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji għal pożizzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet li jkunu saru biex jissodisfaw il-provvedimenti mandatorji tal-likwidità.
- (13a) ***Il-bidliet fir-reġim tal-limitu ta' pożizzjoni huma mfassla biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' kuntratti ġodda tal-enerġija, b'mod partikolari fis-suq tal-elettriku, u ma jfittxux li jirrilassaw ir-reġim għall-kuntratti tal-komoditajiet agrikoli.***
- (14) Ir-reġim attwali tal-limitu ta' pożizzjoni ma jirrikonnoxxix il-karatteristiċi uniċi tad-derivattivi titolizzati. Għaldaqstant, jenħtieġ li d-derivattivi titolizzati jiġu esklużi mir-reġim tal-limitu ta' pożizzjoni.
- (15) Sa mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/65/UE, ma ġewx identifikati kuntratti tad-derivattivi ta' komoditajiet li kienu l-istess. Minħabba l-kunċett ta' "l-istess kuntratt" fid-Direttiva, il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-limiti tax-xhur l-oħra hija detrimental għaċ-ċentru b'suq inqas likwidu meta ċ-ċentri tan-negozjar jikkompetu fuq derivattivi tal-komoditajiet fuq il-bażi tal-istess titolu sottostanti u bl-istess karatteristiċi. Għalhekk, jenħtieġ li r-referenza għal "l-istess kuntratt" fid-Direttiva 2014/65/UE titħassar. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaqblu li d-derivattivi tal-komoditajiet innegozjati fiċ-ċentri tan-negozjar rispettivi tagħhom huma bbażati fuq l-istess titolu sottostanti u jkollhom l-istess karatteristiċi, f'liema każ ix-xenarju bażi għal-limitu tax-xhur l-oħra fis-suq l-iktar likwidu għal dak id-derivattiv tal-komoditajiet jista' jintuża bħala l-limitu tax-xenarju bażi għall-istabbiliment tal-limitu ta' pożizzjoni tax-xhur l-oħra għall-kuntratti f'kompetizzjoni nnegozjati fiċ-ċentri inqas likwidi.
- (16) Hemm differenzi sinifikanti fil-mod li bih iċ-ċentri tan-negozjar jimmaniġġaw il-pożizzjonijiet fl-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet jissaħħu fejn meħtieġ.
- (17) Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp ulterjuri tas-swieq tal-komoditajiet tal-UE denominati f'euro, is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' liema derivattivi tal-komoditajiet agrikoli jenħtieġ li jiġu soġġetti għal limiti ta' pożizzjoni u liema derivattivi kritiċi jew sinifikanti jenħtieġ li jiġu soġġetti għal limiti ta' pożizzjoni, fir-rigward ta' proċedura li jistgħu japplikaw għaliha persuni għal eżenzjoni għall-hedging għal pożizzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet imwettqa biex jiġu ssodisfati provvedimenti mandatorji tal-likwidità, fir-rigward ta' proċedura li jistgħu japplikaw għaliha entitajiet finanzjarji li huma parti minn grupp predominantement kummerċjali għal eżenzjoni għall-hedging għal pożizzjonijiet miżmuma minn dik l-entità finanzjarja li oġġettivament jistgħu jitkejlu bħala li jnaqqsu r-riskji marbuta direttament mal-attivitajiet kummerċjali ta' entitajiet mhux finanzjarji tal-grupp, fir-rigward tal-kjarifika tal-kontenut tal-kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejji, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ⁽³⁾. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqhat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejija ta' atti delegati.

- (18) L-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emissions Trading System) hija l-politika ewlenija tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. In-negozjar bi kwoti tal-emissjonijiet u bid-derivattivi tagħhom huwa sogggett għad-Direttiva 2014/65/UE u għar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u jirrappreżenta element importanti tas-suq tal-karbonju tal-Unjoni. L-eżenzjoni tal-attività anċillari skont id-Direttiva 2014/65/UE tippermetti li ċerti parteċipanti fis-suq ikunu attivi fis-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet mingħajr ma jkollhom għalfejn jiġu awtorizzati bħala ditti tal-investment, dment li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. Minħabba l-importanza ta' swieq finanzjarji ordnati, regolati sew u sogggetti għal supervizzjoni, ir-rwol sinifikanti tal-ETS fil-ksib tal-oġġettivi tas-sostenibbiltà tal-Unjoni, u r-rwol li għandu suq sekondarju fil-kwoti tal-emissjonijiet li jiffunzjona sew insostenn tal-funzjonament tal-ETS, huwa essenzjali li l-eżenzjoni tal-attività anċillari titfassal b'mod xieraq biex tikkontribwixxi għal dawk l-oġġettivi. Dan huwa partikolarment rilevanti fejn in-negozjar bi kwoti tal-emissjonijiet isir f'ċentri tan-negozjar ta' pajjiżi terzi. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, l-integrità tas-suq, il-protezzjoni tal-investituri u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u biex jiġi żgurat li l-ETS tibqa' tiffunzjona b'mod trasparenti u robust biex jiġi żgurat tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja l-iżvilupp ulterjuri tan-negozjar bi kwoti tal-emissjonijiet u bid-derivattivi tagħhom fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, tivvaluta l-impatt tal-eżenzjoni tal-attività anċillari fuq l-ETS u, fejn meħtieġ, tippromponi kwalunkwe emenda xierqa fir-rigward tal-ambitu u tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-attività anċillari.
- (19) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/65/UE tiġi emendata skont dan.
- (20) L-oġġettivi fil-mira ta' din l-emenda għandhom l-għan li jissupplimentaw il-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni u, għalhekk, jistgħu jinkisbu l-aħjar fil-livell tal-Unjoni mill-inizjattivi nazzjonali differenti. Is-swieq finanzjarji min-natura tagħhom stess jaqsmu l-fruntieri, u kulma jmur aktar qed jagħmlu dan. Minħabba din l-integrazzjoni, l-interventi iżolati fil-livell nazzjonali jkunu ferm inqas effiċjenti u jwasslu għall-frammentazzjoni tas-swieq, u jirriżultaw f'arbitraġġ regolatorju u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- (20a) Billi l-oġġettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tinfina l-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni sabiex tiżgura rekwiżiti uniformi u xierqa li japplikaw għad-ditti tal-investment madwar l-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi.
- (21) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ⁽⁴⁾, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqi li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata.
- (21a) ***L-għan tal-emendi jenħtieġ li jkun li jsiru eċċezzjonijiet temporanji u titneħħa burokrazija ċara sabiex tiġi mmitigata l-kriżi ekonomika; jenħtieġ għalhekk li l-emendi jevitaw il-ftuħ ta' kwistjonijiet aktar kumplessi tal-leġislazzjoni li jista' jwassal għar-riskju li jkun hemm aktar piżijiet għas-settur. Tibdil akbar għal-leġislazzjoni jenħtieġ li l-ewwel ikun ievalutat mill-ġdid fir-rieżami ppjanat tal-MiFID II.***

⁽³⁾ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2014/65/UE

Id-Direttiva 2014/65/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej

“(j) il-persuni:

- (i) li jinneogzjaw f'isimhom stess, inklużi ġeneraturi tas-suq, f'derivattivi tal-komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew fid-derivattivi tagħhom, minbarra l-persuni li jinneogzjaw f'isimhom stess meta jwettqu l-ordnijiet tal-klijenti; jew
- (ii) li jipprovdu servizzi ta' investiment, għajr in-neogzjar f'isimhom stess, fid-derivattivi tal-komoditajiet jew fil-kwoti tal-emissjonijiet jew fid-derivattivi tagħhom lill-klijenti jew fornituri tan-neogzju ewlieni tagħhom;

sakemm:

- għal kull wieħed minn dawk il-każijiet b'mod individwali u fuq bażi aggregata, l-attività tkun anċillari għan-neogzju ewlieni tagħhom, meta kkunsidrata fuq il-bażi ta' grupp;
- dawn il-persuni ma jkunux parti minn grupp li n-neogzju ewlieni tiegħu jkun il-provvediment ta' servizzi ta' investiment fis-sens ta' din id-Direttiva, it-tweġġ ta' kwalunkwe attività elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE, jew li jaġixxi bħala ġeneratur tas-suq għad-derivattivi tal-komoditajiet;
- dawk il-persuni ma japplikawx teknika ta' neogzjar algoritmiku ta' frekwenza għolja;
- b'talba dawn il-persuni jirrapportaw lill-awtorità kompetenti l-bażi li fuqha vvalutaw li l-attività tagħhom skont il-punti (i) u (ii) hija anċillari għan-neogzju ewlieni tagħhom.”;

(b) il-paragrafu 4 jitħassar; [Em. 6]

(ba) **jiżdied il-paragrafu li ġej:**

“(4a) B'deroga mill-paragrafu 4, ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw kriterji kwalitattivi fir-rigward tal-eżenzjonijiet speċifikati fil-punt (j) tal-paragrafu 1.

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex ttipprovdi gwida rigward il-kriterji kwalitattivi li jistgħu jintużaw biex jiġi vvalutat jekk l-eżenzjonijiet speċifikati fil-punt (j) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu japplikawx.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' April 2021.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”

(2) L-Artikolu 4(1) huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (8a) li ġej:

“(8a) ‘il-bdil ta' strumenti finanzjarji’ tfisser il-bejgħ ta' strument finanzjarju u x-xiri ta' strument finanzjarju ieħor jew l-eżerċitar ta' dritt li jsir tibdil fir-rigward ta' strument finanzjarju eżistenti;”;

(b) jiddaħħal il-punt (50a) li ġej:

“(50a) ‘bonds maħruġin minn kumpaniji bi klawżola make-whole’ tfisser bonds maħruġa minn kumpanija bi klawżola li tobbliga lill-emittent f'każ ta' ripagament bikri biex irodd lura lill-investitur l-ammont prinċipali tal-bond u l-valur preżenti nett tal-kupuni li l-investitur kien jirċievi kieku l-bond ma ġiex rimborżat;”;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

(c) jiddaħħal il-punt (62a) li ġej:

“(62a) ‘format elettroniku’ tfisser kwalunkwe mezz durabbli ieħor għajr il-karta;”

(3) Fl-Artikolu 16(3), jiżdied dan is-subparagrafu li ġej:

“Ir-rekwiżiti stipulati fit-tieni sal-ħames subparagrafu ta’ dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw għal bonds maħruġa minn kumpanija bi klawżoli make-whole.”;

(4) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2 għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-bonds maħruġa minn kumpaniji bi klawżoli make-whole.”;

(b) fil-paragrafu 4 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Fil-każ li l-ftehim għax-xiri jew il-bejgħ ta’ strument finanzjarju jiġi konkluż permezz ta’ mezz għall-komunikazzjoni mill-bogħod, **li jipprevjenu t-twassil minn qabel ta’ informazzjoni dwar il-kostijiet u t-tariffi**, id-ditta tal-investment tista’ ttipprovdi din l-informazzjoni dwar il-kostijiet u t-tariffi **mingħajr** dewmien żejjed wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) id-ditta tal-investment tkun tat lill-klijent l-għażla li jkun hemm dewmien fil-konklużjoni tat-tranżazzjoni sakemm il-klijent ikun irċieva l-informazzjoni;

(ii) il-klijent ikun qabel li jirċievi l-informazzjoni **mingħajr dewmien żejjed** wara l-konklużjoni tat-tranżazzjoni.

Id-ditta tal-investment għandha toffri lill-klijent il-possibbiltà li jirċievi din l-informazzjoni fuq it-telefon qabel il-konklużjoni tat-tranżazzjoni.”;

(c) jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

“5a. Id-ditti tal-investment għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa minn din id-Direttiva lill-klijenti jew lill-klijenti potenzjali fformat elettroniku, ħlief jekk il-klijent jew il-klijent potenzjali jkun klijent konsumatur jew klijent konsumatur potenzjali li jkun talab li jirċievi l-informazzjoni fuq karta, fliema każ l-informazzjoni għandha tingħata fuq karta u mingħajr ħlas.

Id-ditti tal-investment għandhom jinformaw lill-klijenti konsumaturi jew lill-klijenti konsumaturi potenzjali li għandhom l-għażla li jirċievu l-informazzjoni fuq karta.

Id-ditti tal-investment għandhom jinformaw lill-klijenti konsumaturi eżistenti li kienu jirċievu l-informazzjoni meħtieġa skont din id-Direttiva fuq karta dwar il-fatt li se jirċievu dik l-informazzjoni fforma elettronika mill-inqas tmien ġimgħat qabel l-informazzjoni tintbagħat fforma elettronika. Id-ditti tal-investment għandhom jinformaw lill-klijenti konsumaturi eżistenti li għandhom l-għażla li jew ikomplu jirċievu l-informazzjoni fuq karta jew li jibded jirċievu l-informazzjoni fforma elettronika. Id-ditti tal-investment għandhom jinformaw lill-klijenti konsumaturi wkoll li se jsir il-bdil awtomatiku għall-forma elettronika jekk dawn ma jagħmlux talba biex ikomplu jirċievu l-informazzjoni fuq karta fil-perjodu ta’ tmien ġimgħat. **Mhuwix meħtieġ li l-klijenti konsumaturi eżistenti li diġà jirċievu l-informazzjoni meħtieġa skont din id-Direttiva f’format elettroniku jiġu infurmati.”**

(ca) jiddaħħal il-paragrafu 9a li ġej:

“9a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-ditti tal-investment ikunu jistgħu jħallsu għall-provvista ta’ servizzi ta’ eżekuzzjoni u l-provvista ta’ riċerka dwar l-investment b’mod konġunt, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) **qabel ma jkun għew ipprovduti s-servizzi ta’ eżekuzzjoni jew ta’ riċerka dwar l-investment, ikun sar ftehim bejn id-ditta tal-investment u l-fornitur tar-riċerka, li jidentifika liema parti tal-pagament konġunt hija attribwibbli għar-riċerka dwar l-investment;**

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

(b) *id-ditta tal-investment tinforma lill-klijent tagħha dwar il-pagamenti konġunti;*

(c) *is-servizzi ta' eżekuzzjoni li għalihom isir il-pagament konġunt huma esklużivament fir-rigward tal-emittenti li ma jaqbżux kapitalizzazzjoni tas-suq ta' EUR 1 biljun matul il-perjodu ta' 36 xahar qabel il-forniment tar-riċerka dwar l-investment.*

Għall-fini ta' dan l-Artikolu, ir-riċerka dwar l-investment għandha tinftiehem bħala li tkopri servizzi jew materjal ta' riċerka li jirrigwardaw strument finanzjarju wieħed jew aktar jew assi oħra, jew l-emittenti jew l-emittenti potenzjali ta' strumenti finanzjarji, jew bħala li tkopri servizzi jew materjal ta' riċerka b'rabta mill-qrib ma' industrija speċifika jew suq speċifiku b'tali mod li tikkontribwixxi biex tinforma l-opinjoni dwar l-istrumenti finanzjarji, l-assi jew l-emittenti f'dik l-industrija jew f'dak is-suq.

Ir-riċerka dwar l-investment għandha tinkludi wkoll servizzi jew materjal li b'mod espliċitu jew impliċitu jirrakkomandaw jew jissuġġerixxu strateġija ta' investment u tiffurmula opinjoni sostanzjata dwar il-valur jew il-prezz preżenti jew futur ta' strumenti finanzjarji jew assi, jew inkella jkun fiha analiżi u għarfien oriġinali u tilħaq konklużjonijiet ibbażati fuq informazzjoni ġdida jew eżistenti li jistgħu jintużaw biex jinformatu dwar strateġija ta' investment u tkun rilevanti u kapaċi żżid il-valur tad-deċiżjonijiet tad-ditta tal-investment f'isem il-klijenti li qed iħallu għal dik ir-riċerka."

(5) Fl-Artikolu 25(2), is-subparagrafu li ġej hu miżjud:

"Meta jipprovdu konsulenza dwar l-investment jew servizzi ta' ġestjoni tal-portafoll li jinvolvu l-bdil ta' strumenti finanzjarji, id-ditti tal-investment għandhom janalizzaw l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-bdil tal-istrumenti finanzjarji. Meta jipprovdu konsulenza dwar l-investment, id-ditti tal-investment għandhom jinformatu lill-klijent jekk il-benefiċċji tat-tali bdil tal-istrumenti finanzjarji humiex ikbar mill-ispejjeż involuti fil-bdil."

(5a) Fl-Artikolu 25(6), is-subparagrafu li ġej hu miżjud:

"Dan il-paragrafu ma japplikax għal obbligi relatati mal-limitu ta' rapportar tat-telf skont l-Artikolu 25a ta' din id-Direttiva."

(5b) Fl-Artikolu 25(8), il-parti introduttoria hija emendata kif ġej:

"8. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 89 li jiżguraw li d-ditti ta' investment jikkonformaw mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu meta jipprovdu servizzi ta' investment jew servizzi anċillari lill-klijenti tagħhom, inkluż it-tagħrif li għandu jinkiseb meta jiġu vvalutati l-adattament u l-adekwatezza tas-servizzi u l-istrumenti finanzjarji għall-klijenti tagħhom, il-kriterji għall-valutazzjoni ta' strumenti finanzjarji mhux kumplessi għall-finijiet tal-punt (a)(vi) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-kontenut u l-format tar-rekords u l-ftehimiet għall-għoti ta' servizzi lill-klijenti u rapporti perjodiċi lill-klijenti dwar is-servizzi pprovduti, iżda bl-esklużjoni tal-obbligi relatati mal-limiti tar-rapportar tat-telf stabbiliti fl-Artikolu 25a. Dawk l-atti delegati għandhom iqisu:"

(5c) Jiddaħħal l-Artikolu 25a li ġej:

"Artikolu 25a

Limiti tar-rapportar tat-telf

(1) *Id-ditti tal-investment li jipprovdu s-servizz ta' ġestjoni tal-portafoll għandhom jinformatu lill-klijent meta l-valur ġenerali tal-portafoll, kif evalwat fil-bidu ta' kull perjodu ta' rapportar, jiġi żvalutat b'10 % u wara dan f'multipli ta' 10 %, sa mhux aktar tard minn tmiem il-jum tax-xogħol li fih jinqabeż il-limitu jew, f'każ meta l-limitu jinqabeż f'jum li ma jkunx jum tax-xogħol, sa mhux aktar tard minn tmiem il-jum tax-xogħol sussegwenti.*

(2) *Id-ditti tal-investment li jkollhom kont ta' klijent konsumatur li jinkludi pożizzjonijiet fi strumenti finanzjarji b'effett ta' stimolu jew tranżazzjonijiet ta' obligazzjoni kontinġenti għandhom jinformatu lill-klijent, meta l-valur inizjali ta' kwalunkwe strument jiġi żvalutat b'10 % u wara dan f'multipli ta' 10 %. Ir-rapportar skont dan il-paragrafu għandu jsir fuq bażi ta' strument, strument, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mal-klijent, u għandu jsir sa mhux aktar tard minn tmiem il-jum tax-xogħol li fih jinqabeż il-limitu jew, f'każ meta l-limitu jinqabeż f'jum li ma jkunx jum tax-xogħol, sa mhux aktar tard minn tmiem il-jum tax-xogħol sussegwenti."*

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- (6) Fl-Artikolu 27(3), is-subparagrafu li ġej hu miżjud:

“Madankollu, l-obbligu ta’ rapportar stipulat f’dan il-paragrafu ma għandux japplika sa [data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja + sentejn].; **il-Kummissjoni Ewropea għandha teżamina mill-ġdid b’mod komprensiv l-adegwatezza tar-rekwiżiti ta’ rapportar f’dan il-paragrafu u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja + sena].**”

- (6a) Fl-Artikolu 27(6) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Il-Kummissjoni Ewropea għandha teżamina mill-ġdid b’mod komprensiv l-adegwatezza tar-rekwiżiti ta’ rapportar f’dan il-paragrafu u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja + sena].”

- (7) Jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:

“Artikolu 29a

Servizzi pprovduti lil klijenti professjonali

(1) Ir-rekwiżiti stipulati fil-punt (c) tal-Artikolu 24(4) ma għandhomx japplikaw għal servizzi oħra pprovduti lill-klijenti professjonali għajr il-konsulenza dwar l-investiment u l-ġestjoni tal-portafoll. **Ir-rekwiżiti stipulati fil-punt (c) tal-Artikolu 24(4) lanqas ma għandhom japplikaw għal kontropartijiet eliġibbli.**

(2) Ir-rekwiżiti stipulati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25(2) u (6) ma għandhomx japplikaw għas-servizzi pprovduti lill-klijenti professjonali, sakemm dawk il-klijenti ma jinformawx lid-ditta tal-investiment bil-miktub li jixtiequ jibbenefikaw mid-drittijiet previsti f’dawn id-dispożizzjonijiet.

(3) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-ditti tal-investiment iżommu rekords tat-talbiet bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 2.”;

- (8) Fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi d-ditti ta’ investiment li jkunu awtorizzati jwettqu ordnijiet fisem il-klijenti u/jew jinneogzjaw fisimhom u/jew jirċievu u jittrażmettu l-ordnijiet, jistgħu jaslu għal tranżazzjonijiet ma’ kontropartijiet eliġibbli jew jidħlu għalihom magħhom mingħajr ma jkunu obbligati jikkonformaw mal-obbligi skont l-Artikolu 24, ħlief għall-paragrafi 4 u 5, l-Artikolu 25, ħlief għall-paragrafu 6, l-Artikolu 27 u l-Artikolu 28(1) rigward dawn it-tranżazzjonijiet jew rigward kull servizz sekondarju li jkollu x’jaqsam direttament ma’ dawn it-tranżazzjonijiet.”

- (9) L-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti, konformi mal-metodoloġija għall-kalkolu ddeterminata mill-ESMA fi standards tekniċi regolatorji adottati skont il-paragrafu 3, jistabbilixxu u japplikaw limiti ta’ pożizzjoni fuq id-daqs ta’ pożizzjoni netta li persuna jista’ jkollha f’kull ħin f’derivattivi tal-komoditajiet agrikoli u f’derivattivi tal-komoditajiet kritiċi jew sinifikanti li jiġu nneogzjati f’ċentri tan-negozjar u f’kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti. Il-limiti għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet kollha li jkollha persuna u dawk miżmuma fisimha fil-livell ta’ grupp aggregat:

- (a) għall-prevenzjoni tal-abbuż tas-suq;

- (b) għas-sostenn ta’ kundizzjonijiet xierqa ta’ pprezzar u saldu, inkluż għall-prevenzjoni ta’ pożizzjonijiet li joħlqu distorsjoni tas-suq u biex tiġi żgurata, b’mod partikolari, konverġenza bejn il-prezzijiet tad-derivattivi fix-xahar ta’ twassil u prezzijiet spot għall-komodità sottostanti, mingħajr preġudizzju għall-identifikazzjoni tal-prezz fis-suq għall-komodità sottostanti;

Il-limiti ta’ pożizzjoni ma għandhomx japplikaw għal:

- (a) pożizzjonijiet miżmuma minn jew fisem entità mhux finanzjarja u li jistgħu jitkejlu oġġettivament inkwantu jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali ta’ dik l-entità mhux finanzjarja.;

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- (b) pożizzjonijiet miżmuma minn, jew fisem, entità finanzjarja li hija parti minn grupp mhux finanzjarju u li tagħxi fisem dan il-grupp mhux finanzjarju u li jistgħu jitkejlu oġġettivament inkwantu jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali ta' dak il-grupp mhux finanzjarju;
- (c) pożizzjonijiet miżmuma minn kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji għal pożizzjonijiet li oġġettivament jistgħu jitkejlu bħala li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet li jkunu saru biex jissodisfaw obbligi li tiġi pprovduta l-likwidità f'ċentru tan-negozjar, kif ipprovdut fil-punt (c) tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 2 (4);
- (d) titoli kif imsemmija fil-punt (44)(c) tal-Artikolu 4(1) b'rabta ma' komodità jew titolu sottostanti msemmija fit-Taqsima C(10) tal-Anness I.”;

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina proċedura għall-entitajiet finanzjarji li huma parti minn grupp predominantement kummerċjali u li jistgħu japplikaw għal eżenzjoni għall-hedging għal pożizzjonijiet miżmuma minn dik l-entità finanzjarja li oġġettivament jistgħu jitkejlu inkwantu jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali tal-entitajiet mhux finanzjarji tal-grupp. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina proċedura li tistabbilixxi kif il-persuni jistgħu japplikaw għal eżenzjoni għall-hedging għal pożizzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet li jkunu saru biex jissodisfaw obbligi li tiġi pprovduta l-likwidità f'ċentru tan-negozjar.

L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [disa' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

- (b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika d-derivattivi tal-komoditajiet agrikoli u d-derivattivi tal-komoditajiet kritiċi jew sinifikanti msemmija fil-paragrafu 1, u biex tiddetermina l-metodoloġija għall-kalkolu li l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw meta jiffissaw il-limiti ta' pożizzjoni tax-xahar spot u limiti ta' pożizzjoni tax-xhur l-oħra għal derivattivi saldati b'mod fiżiku u f'kontanti fuq il-bażi tal-karatteristiċi tad-derivattivi rilevanti kkonċernati.

Meta tispeċifika d-derivattivi tal-komoditajiet kritiċi jew sinifikanti, l-ESMA għandha tqis il-fatturi li ġejjin:

- (a) id-daqs ta' interess miftuħ ta' 300 000 lott bħala medja f'sena
- (b) in-numru ta' parteċipanti tas-suq;
- (c) il-komodità sottostanti għad-derivattivi ikkonċernati.

Meta tiddetermina l-metodoloġija għall-kalkolu msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-ESMA għandha tqis il-fatturi li ġejjin:

- (a) il-provvista konsenjabbli fil-komodità sottostanti;
- (b) l-interess miftuħ kumplessiv f'dak id-derivattiv u l-interess miftuħ kumplessiv fi strumenti finanzjarji oħra bl-istess komodità sottostanti;
- (c) l-għadd u d-daqs tal-partiċipanti tas-suq;
- (d) il-karatteristiċi tas-suq ta' komoditajiet sottostanti, inklużi xejriet ta' produzzjoni, konsum u trasportazzjoni lejn is-suq;
- (e) l-iżvilupp ta' derivattivi ġodda;
- (f) l-esperjenza tad-ditti tal-investment jew tal-operaturi tas-suq li joperaw ċentru tan-negozjar u ta' ġurisdizzjonijiet oħrajn rigward il-limiti ta' pożizzjoni.

L-ESMA għandha tippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmi fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [disa' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limiti ta' pożizzjoni għall-kuntratti kritiċi jew sinifikanti f'derivattivi tal-komoditajiet innegozjati f'ċentri tan-negozjar u derivattivi tal-komoditajiet agrikoli, fuq il-bażi tal-metodoloġija għall-kalkolu determinata fl-istandards tekniċi regolatorji adottati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3. Dan il-limitu ta' pożizzjoni għandu jinkludi kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti.

Awtorità kompetenti għandha teżamina mill-ġdid il-limiti ta' pożizzjoni kull meta jkun hemm bidla sinifikanti fis-suq, inkluż bidla sinifikanti fil-provvista konsenjabbli jew interess miftuħ, fuq il-bażi tad-determinazzjoni tagħha tal-provvista konsenjabbli u interess miftuħ, u għandha tiffissa l-limitu ta' pożizzjoni mill-ġdid skont il-metodoloġija għall-kalkolu stipulata fl-istandards tekniċi regolatorji adottati mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3;";

(c) il-paragrafi 6, 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. Meta d-derivattivi tal-komoditajiet agrikoli u d-derivattivi tal-komoditajiet kritiċi jew sinifikanti fuq il-bażi tal-istess titolu sottostanti u bl-istess karatteristiċi jiġu nnegozjati f'volumi sinifikanti f'ċentri tan-negozjar f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda, l-awtorità kompetenti taċ-ċentru tan-negozjar fejn isir l-akbar volum ta' negozjar ('l-awtorità kompetenti ċentrali') għandha tistabbilixxi l-limitu ta' pożizzjoni unika li jiġi applikat għan-negozjar kollu f'dak id-derivattiv. L-awtorità kompetenti ċentrali għandha tikkonsulta l-awtoritajiet kompetenti taċ-ċentri tan-negozjar l-oħra li fihom jiġi nnegozjat dak id-derivattiv f'volumi sinifikanti fil-limitu ta' pożizzjoni unika li jiġi applikat u kwalunkwe reviżjoni għal limiti ta' dik il-pożizzjoni unika. L-awtoritajiet kompetenti li ma jaqblux mal-iffissar tal-limitu ta' pożizzjoni unika mill-awtorità kompetenti ċentrali għandhom jiddikjaraw bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex jikkunsidraw li r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1 ma ġewx issodisfati. L-ESMA għandha ssolvi kwalunkwe tilwim li jirriżulta minn nuqqas ta' ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti taċ-ċentri tan-negozjar fejn jiġu nnegozjati d-derivattivi tal-komoditajiet agrikoli u d-derivattivi tal-komoditajiet kritiċi jew sinifikanti li huma bbażati fuq l-istess titolu sottostanti u bl-istess karatteristiċi, u l-awtoritajiet kompetenti tad-detenturi ta' pożizzjonijiet f'dawk id-derivattivi, għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni, li għandhom jinkludu l-iskambju tad-data rilevanti, biex ikun possibbli l-monitoraġġ u l-infurzar tal-limitu ta' pożizzjoni unika.

7. L-ESMA għandha tissorvelja tal-anqas darba f'sena l-mod kif l-awtoritajiet kompetenti implimentaw il-limiti ta' pożizzjoni stipulati skont il-metodoloġija għall-kalkolu stabbilita mill-ESMA fil-paragrafu 3. F'dan il-proċess, l-ESMA għandha tiżgura li l-limitu ta' pożizzjoni unika jkun japplika effettivament għad-derivattivi tal-komoditajiet agrikoli u għall-kuntratti kritiċi jew sinifikanti fuq il-bażi tal-istess titolu sottostanti u bl-istess karatteristiċi irrispettivament minn fejn jiġi nnegozjat skont il-paragrafu 6.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditta tal-investment jew operatur tas-suq li jħaddem ċentru tan-negozjar li jinnegozja derivattivi tal-komoditajiet japplikaw kontrolli tal-ġestjoni tal-pożizzjonijiet, inkluż setgħat għaċ-ċentru tan-negozjar biex:

(a) jissorvelja l-pożizzjonijiet ta' interess miftuħ tal-persuni;

(b) jikseb informazzjoni, inkluża d-dokumentazzjoni rilevanti kollha, minn persuni dwar id-daqs u l-iskop ta' pożizzjoni jew skopertura li wieħed ikun daħal għalihom, informazzjoni dwar sidien benefiċjarji jew sottostanti, kwalunkwe arranġament ta' konċentrazzjoni, u kwalunkwe assi jew obligazzjonijiet relatati fis-suq sottostanti, inkluż, fejn xieraq, il-pożizzjonijiet miżmuma f'kuntratti relatati f'ċentri tan-negozjar oħra u OTC, tramite membri u parteċipanti;

(c) jirrikjedi li persuna tittermina jew tnaqqas pożizzjoni, fuq bażi temporanja jew permanenti, u jieħu azzjoni unilaterali biex tkun żgurata t-terminazzjoni jew it-tnaqqis tal-pożizzjoni meta l-persuna ma tikkonformax mat-tali talba; u

(d) jirrikjedi li persuna tipprovdi, fuq bażi temporanja, likwidità lura fis-suq bi prezz u volum miftehema bil-ħsieb espliċitu li jittaffew l-effetti ta' pożizzjoni kbira jew dominanti.

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kontenut tal-kontrolli tal-immaniġġar tal-pożizzjonijiet, u b'hekk tqis il-karatteristiċi taċ-ċentri tan-negozjar ikkonċernati.

L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [disa' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(10) Fl-Artikolu 58, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ditti ta' investiment li jinnegozjaw derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom barra minn ċentru ta' negozjar jipprovdu lill-awtorità ċentrali kompetenti msemmija fl-Artikolu 57(6) tal-anqas fuq bażi ta' kuljum, bi qsim komplet tal-pożizzjonijiet tagħhom meħuda f'derivattivi ta' komoditajiet jew kwoti tal-emissjonijiet jew derivattivi tagħhom nnegozjati f'ċentru ta' negozjar u kuntratti OTC ekonomikament ekwivalenti, kif ukoll dawk tal-klijenti tagħhom u l-klijenti ta' dawk il-klijenti sakemm wieħed jaasal għall-klijent aħħari, skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011.”.

(11) Fl-Artikolu 90, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. Qabel il-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-impatt tal-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 2(1)(j), fir-rigward tal-kwoti tal-emissjonijiet jew id-derivattivi tagħhom, u għandha takkumpanja dak ir-rieżami, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva biex temenda l-eżenzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tivvaluta n-negozjar bi kwoti tal-emissjonijiet tal-UE u d-derivattivi tagħhom fl-UE u f'pajjiżi terzi, l-impatt tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 2(1)(j) fuq il-protezzjoni tal-investituri, l-integrità u t-trasparenza tas-swieq fil-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi tagħhom u jekk jenhtiegħx li jiġu adottati miżuri b'rabta man-negozjar li jseħħ f'ċentri ta' negozjar ta' pajjiżi terzi.”.

Artikolu 1a**Emenda għad-Direttiva(UE) 2019/878**

L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2019/878, huwa emendat kif ġej:

(1) **L-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-28 ta' Diċembru 2020:

- (i) **il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sa fejn jikkonċernaw istituzzjonijiet ta' kreditu;**
- (ii) **il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1(1) u (9) ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-Artikolu 2(5) u (6) u l-Artikolu 21b tad-Direttiva 2013/36/UE, sa fejn jikkonċernaw istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment.”**

(2) **is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:**

“Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.”

Artikolu 1b**Emendi għad-Direttiva 2013/36/UE**

It-tielet, ir-raba' u l-ħames subparagrafi tal-Artikolu 94(2) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Bil-għan li jiġi identifikat persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil ta' riskju tal-istituzzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 92(2), ħliet fir-rigward ta' persunal f'ditti tal-investiment kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jistabbilixxu l-kriterji biex jiġi definit dan li ġej:

(a) **responsabbiltà maniġerjali u funzjonijiet ta' kontroll;**

Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2020

- (b) unità operatorja materjali u impatt sinifikanti fuq il-profil ta' riskju tal-unità operatorja rilevanti; u
- (c) kategoriji oħrajn ta' persunal li ma jissemmewx b'mod espliċitu fl-Artikolu 92(2) li l-attivitàjiet professjonali tagħhom għandhom impatt fuq il-profil ta' riskju tal-istituzzjoni li b'mod komparabbli huwa materjali daqs dak ta' dawk il-kategoriji ta' persunal imsemmija fih.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Diċembru 2019.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li japplikaw għad-ditti tal-investment kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-għoti tas-setgħa stabbilit fl-Artikolu 94(2) ta' din id-Direttiva kif emendata mid-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu jkompli japplika sas-26 ta' Ġunju 2021."

Artikolu 2

Traspożizzjoni

(1) L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw sa [disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn il-miżuri.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-miżuri minn ... [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

(2) L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 2a

Klawsola ta' rieżami

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2021, wara konsultazzjoni mal-ESMA, u abbażi tal-eżitu ta' konsultazzjoni pubblika li għandha titwettaq mill-Kummissjoni bi żmien suffiċjenti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal rieżami tad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014. Ir-rieżami għandu jkun wiesa' u għandu jqis kwistjonijiet bħal dawk relatati mal-istruttura tas-suq, id-data, in-negozjar u l-fażi ta' wara n-negozjar, ir-regoli tar-riċerka, ir-regoli dwar il-ħlas ta' inċentivi lill-konsulenti, il-livell tal-kwalifiki professjonali tal-konsulenti fl-Ewropa, il-kategorizzazzjoni tal-klijenti u l-Brexit.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0324

L-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni (COM(2020)0375 – C9-0274/2020 – 2020/0176(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 425/27)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2020)0375),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0274/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz tal-ittra tat-18 ta' Novembru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0216/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2020)0176

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' Novembru 2020 bil-ksieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, ir-Regolament (UE) 2020/2170.)

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0333

Eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerti prodotti *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerti prodotti (COM(2020)0496 – C9-0284/2020 – 2020/0253(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 425/28)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2020)0496),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0284/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-18 ta' Novembru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0217/2020),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2020)0253

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' Novembru 2020 bil-ksieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, ir-Regolament (UE) 2020/2131.)

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0334

Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 billi tingħata Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (COM(2020)0692 – C9-0345/2020 – 2020/0313(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2021/C 425/29)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0692),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0345/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-18 ta' Novembru 2020 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2020)0313

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' Novembru 2020 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2020/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness IIa għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 fir-rigward tal-għoti ta' Awtorizzazzjoni Ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' ċerti oġġetti b'użu doppju mill-Unjoni lejn ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, ir-Regolament (UE) 2020/2171.)

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru 2020

P9_TA(2020)0335

Miżuri temporanji b'rabta mat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-vaċċini tal-COVID-19 u ma' apparat mediku dijanjostiku in vitro b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE fir-rigward ta' miżuri temporanji b'rabta mat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-vaċċini tal-COVID-19 u ma' apparat mediku dijanjostiku in vitro b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 (COM(2020)0688 – C9-0352/2020 – 2020/0311(CNS))

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)

(2021/C 425/30)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2020)0688),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0352/2020),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 82 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT